

Il-Ġurnal Uffiċjali L 317

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

9 ta' Diċembru 2019

Werrej

I Atti leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji ⁽¹⁾ 1**
- ★ **Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u ta' divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-parametri referenzjarji ⁽¹⁾ 17**

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2090 tad-19 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġalf jew mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbti jew mhux awtorizzati ⁽¹⁾ 28**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2091 tat-28 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2197 fir-rigward ta' muniti kkorrelati mill-qrib skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ 38**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2092 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja 42**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2093 tad-29 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 333/2007 fir-rigward tal-analiżi tal-esteri tal-aċidi xaħmin tat-3-monokloropropan-1,2-diol (3-MCPD), tal-esteri tal-aċidi xaħmin tal-gliċidil, tal-perklorat u tal-akrilammid ⁽¹⁾ 96**

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2094 tad-29 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, dimoxystrobin, fluazinam, flutolanil, mancozeb, mecoprop-P, mepiquat, metiram, oxamyl u pyraclostrobin ⁽¹⁾** 102
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2019/2095 tad-29 ta' Novembru 2019 li jnaqqas il-kwota tas-sajd tas-salamun tal-Atlantiku disponibbli għall-Polonja fl-2019 minħabba s-sajd eċċessiv fl-2018** 105

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/2096 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 (EUTM Mali/2/2019)** 108
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2097 tat-2 ta' Diċembru 2019 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 110
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2098 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti temporanji tas-saħħa tal-annimali għal kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw lejha wara li ma jitħallewx jidħlu f'pajjiż terz (notifikata bid-dokument C(2019) 8092) ⁽¹⁾** 111

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2019/2088 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 2019

dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Settembru 2015, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat qafas globali ġdid għall-iżvilupp sostenibbli: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ('l-Aġenda 2030'), li għandha fil-qalba tagħha l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli torbot l-SDGs mal-qafas ta' politika tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet u l-inizjattivi ta' politika kollha tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll fuq livell dinji, jieħdu inkonsiderazzjoni mill-bidu nett l-SDGs. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill ikkonferma l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod sħiħ, koerenti, komprensiv, integrat u effettiv, u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab u ma' partijiet ikkonċernati oħra.
- (2) It-transizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, aktar sostenibbli, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari f'konformità mal-SDGs hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni. Il-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-Ftehim ta' Pariġi), li ġie approvat mill-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 ⁽³⁾ u li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016, għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi, inter alia, jagħmel il-flussi finanzjarji konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u l-iżvilupp reżistenti għat-tibdil fil-klima.
- (3) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-mira globali għandha tkun li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

⁽¹⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 97.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

- (4) Id-Direttivi 2009/65/KE ⁽⁴⁾, 2009/138/KE ⁽⁵⁾, 2011/61/UE ⁽⁶⁾, 2013/36/UE ⁽⁷⁾, 2014/65/UE ⁽⁸⁾, (UE) 2016/97 ⁽⁹⁾, (UE) 2016/2341 ⁽¹⁰⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 ⁽¹¹⁾, (UE) Nru 346/2013 ⁽¹²⁾, (UE) 2015/760 ⁽¹³⁾ u (UE) 2019/1238 ⁽¹⁴⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jaqsmu l-għan komuni li jiġi ffaċilitat il-bidu u t-tkomplija tal-attivitajiet tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-manigġers ta' fondi ta' investiment alternattiv (AIFMs) li jimmaniġġaw jew jikkummerċjalizzaw fondi ta' investiment alternattivi, inklużi fondi ta' investiment Ewropej fit-tul (ELTIFs), l-impriżi tal-assigurazzjoni, id-ditti tal-investment, l-intermedjarji tal-assigurazzjoni, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs), il-manigġers ta' fondi kwalifikanti ta' kapital ta' riskju (manigġers tal-EuVECA), il-manigġers ta' fondi kwalifikanti ta' intraprenditorija soċjali (manigġers tal-EuSEF) u fornituri ta' prodotti tal-pensjoni personali pan-Ewropej (PEPPs). Dawk id-Direttivi u r-Regolamenti jiżguraw protezzjoni aktar uniformi tal-investituri aħħarin u jaġhmluha aktar faċli għalihom biex jibbenefikaw minn firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji, filwaqt li fl-istess ħin jipprevedu regoli li jippermettu lill-investituri aħħarin jiddeċiedu b'mod infurmat dwar investimenti.
- (5) Id-divulgazzjonijiet lill-investituri aħħarin dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà, dwar il-kunsiderazzjoni ta' impatti avversi għas-sostenibbiltà, dwar l-oġettivi ta' investimenti sostenibbli, jew dwar karatteristiċi ambjentali jew soċjali, fit-tehdid ta' deċiżjonijiet ta' investiment u fi proċessi konsultattivi, mhumiex żviluppatti biżżejjed peress li tali divulgazzjonijiet għadhom mhumiex soġġetti għal rekwiżiti armonizzati.
- (6) L-eżenzjoni minn dan ir-Regolament għal konsulenti finanzjarji li jimpjegaw anqas minn tliet persuni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu d-Direttivi 2014/65/UE u (UE) 2016/97, b'mod partikolari r-regoli dwar l-investment u l-parir dwar l-assigurazzjoni. Għalhekk, għalkemm tali konsulenti mhumiex meħtieġa li jipprovdu informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, huma meħtieġa jqisu u jieħdu kont tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-proċessi konsultattivi tagħhom.
- (7) L-entitajiet koperti minn dan ir-Regolament, skont in-natura tal-attivitajiet tagħhom, jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli dwar il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fejn huma jimmanifatturaw prodotti finanzjarji u jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli dwar konsulenti finanzjarji fejn huma jipprovdu parir dwar l-investment jew parir dwar l-assigurazzjoni. Għaldaqstant, fejn tali entitajiet iwettqu attivitajiet kemm ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji kif ukoll ta' konsulenti finanzjarji fl-istess ħin, jenħtieġ li tali entitajiet jitqiesu li huma parteċipanti fis-swieq finanzjarji fejn jaġixxu fil-kapaċità ta' manifatturi ta' prodotti finanzjarji, inkluż l-immaniġġar ta' portafoll, u jenħtieġ li jitqiesu bħala konsulenti finanzjarji fejn jipprovdu parir dwar l-investment jew parir dwar l-assigurazzjoni.
- (8) Peress li kull ma jmur l-Unjoni qed tkun ikkonfrontata mill-konsegwenzi katastrofiċi u imprevedibbli tat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riżorsi u kwistjonijiet oħra relatati mas-sostenibbiltà, hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiġi mmobilizzat il-kapital mhux biss permezz ta' politiki pubbliċi iżda ukoll permezz tas-settur tas-servizzi finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jkunu meħtieġa jiddivulgaw informazzjoni speċifika rigward l-approċċi tagħhom għall-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-impatti avversi għas-sostenibbiltà.

⁽⁴⁾ Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

⁽⁵⁾ Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

⁽⁶⁾ Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Manigġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

⁽⁷⁾ Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

⁽⁸⁾ Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

⁽⁹⁾ Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19).

⁽¹⁰⁾ Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-supervizzjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

⁽¹¹⁾ Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

⁽¹²⁾ Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

⁽¹³⁾ Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

⁽¹⁴⁾ Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

- (9) Fin-nuqqas ta' regoli armonizzati tal-Unjoni dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà lill-investituri aħħarin, huwa probabbli li ser jibqgħu jiġu adottati miżuri diverġenti fil-livell nazzjonali u jistgħu jippersistu approċċi differenti f'setturi ta' servizzi finanzjarji differenti. Tali miżuri u approċċi diverġenti jkomplu jikkawżaw distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni minħabba differenzi sinifikanti fl-istandards ta' divulgazzjoni. Barra minn hekk, l-iżvilupp parallel ta' prattiki bbażati fuq is-suq li huma fuq il-bażi ta' prijoritajiet immexxija mill-kummerċ li jipproduċu riżultati diverġenti attwalment qed jikkawża frammentazzjoni ulterjuri tas-suq u jista' jaggrava ulterjorment ineffiċjenzi fil-funzjonament tas-suq intern fil-futur. L-istandards diverġenti tad-divulgazzjoni u l-prattiki bbażati fuq is-suq jagħmluha diffiċli ħafna li tqabbel prodotti finanzjarji differenti, joħlqu kundizzjonijiet mhux ekwi għal tali prodotti u għal kanali ta' distribuzzjoni, u joħlqu ostakli addizzjonali fi ħdan is-suq intern. Tali diverġenzi jistgħu joħlqu wkoll konfużjoni għall-investituri aħħarin u jistgħu jfixxlu d-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom. Meta jiżguraw konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, hemm riskju li l-Istati Membri jadottaw miżuri nazzjonali diverġenti li jistgħu joħlqu ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u jkun ta' detriment għal parteċipanti fis-swieq finanzjarji u konsulenti finanzjarji. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' regoli armonizzati relatati mat-trasparenza jagħmilha diffiċli għall-investituri aħħarin biex iqabblu b'mod effettiv il-prodotti finanzjarji differenti fl-Istati Membri differenti fir-rigward tar-riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza tagħhom u l-oġettivi ta' investiment sostenibbli. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti għall-funzjonament tas-suq intern u li tissaħħaħ il-komparabbiltà tal-prodotti finanzjarji sabiex jiġu evitati ostakli futuri probabbli.
- (10) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jnaqqas asimetriji ta' informazzjoni f'relazzjonijiet ta' prinċipal-aġenzja fir-rigward tal-integrazzjoni ta' riskji għas-sostenibbiltà, fil-kunsiderazzjoni ta' impatti avversi għas-sostenibbiltà, fil-promozzjoni ta' karatteristiċi ambjentali jew soċjali, u fl-investiment sostenibbli, billi tirrikjedi li l-partiċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jagħmlu divulgazzjonijiet prekuntrattwali u kontinwi lil investituri aħħarin meta jaġixxu bħala aġenti ta' dawk l-investituri aħħarin (prinċipali).
- (11) Dan ir-Regolament jissupplimenta r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97, (UE) 2016/2341, u r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013, (UE) 2015/760 u (UE) 2019/1238 kif ukoll fil-liġi nazzjonali li tirregola prodotti pensjonistiċi personali u individwali. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ ordnat u effettiv tal-konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddependu fuq l-awtoritajiet kompetenti diġà maħtura taħt dawk ir-regoli.
- (12) Dan ir-Regolament iżomm ir-rekwiżiti għall-partiċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji biex jaġixxu fl-aħjar interess tal-investituri aħħarin, b'mod li jinkludi, iżda mhux limitatament għar-rekwiżit tad-diliġenza dovuta adegwata qabel ma jsiru investimenti, previsti fid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97, (UE) 2016/2341, u r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) Nru 346/2013, kif ukoll fil-liġi nazzjonali li tirregola prodotti tal-pensjoni personali u individwali. Sabiex jikkonformaw mad-dmirijiet tagħhom taħt dawk ir-regoli, jenħtieġ li l-partiċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jintegraw fil-proċessi tagħhom, inkluż fil-proċessi tad-diliġenza dovuta tagħhom, u jenħtieġ li jivvalutaw fuq bażi kontinwa mhux biss ir-riskji finanzjarji rilevanti kollha iżda wkoll inklużi r-riskji għas-sostenibbiltà rilevanti kollha li jista' jkollhom impatt negattiv materjali rilevanti fuq ir-rendiment finanzjarju ta' investiment jew parir. Għalhekk, il-partiċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jenħtieġ li jispeċifikaw fil-politiki tagħhom kif huma jintegraw dawk ir-riskji u jippubblikaw dawk il-politiki.
- (13) Dan ir-Regolament jirrikjedi l-partiċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji li jipprovdu parir dwar l-investiment jew parir dwar l-assigurazzjoni fir-rigward ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni (IBIPs, insurance-based investment products), irrispettivament mit-tfassil tal-prodott finanzjarju u s-suq fil-mira, li jippubblikaw politiki bil-miktub dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà u li jiżguraw it-trasparenza ta' tali integrazzjoni.
- (14) Riskju għas-sostenibbiltà jfisser avveniment jew kundizzjoni ambjentali, soċjali jew ta' governanza li, jekk dawn iseħħu, jistgħu jikkawżaw impatt negattiv materjali fuq il-valur tal-investiment, kif speċifikat fil-leġislazzjoni settorjali, b'mod partikolari fid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97, (UE) 2016/2341, jew f'atti delegati u standards tekniċi regolatorji adottati taħtom.
- (15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-integrazzjoni tar-riskju taħt id-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97, (UE) 2016/2341, u r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) Nru 346/2013 kif ukoll taħt il-liġi nazzjonali li tirregola prodotti tal-pensjoni personali u individwali, inkluż, iżda mhux limitatament, għall-kriterji ta' proporzjonalità applikabbli

rilevanti bħad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitàjiet inkwistjoni. Dan ir-Regolament ifittex li jikseb aktar trasparenza rigward kif il-parteċipanti fis-swieg finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jintegraw riskji għas-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet tagħhom rigward investiment u fil-parir tagħhom rigward investiment jew assigurazzjoni. Fejn il-valutazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà twassal għall-konklużjoni li ma hemm ebda riskji għas-sostenibbiltà meqjusa rilevanti għall-prodott finanzjarju, jenħtieġ li jiġu spjegati r-raġunijiet għal dan. Fejn il-valutazzjoni twassal għall-konklużjoni li dawk ir-riskji huma rilevanti, jenħtieġ li l-punt sa fejn dawk ir-riskji għas-sostenibbiltà jista' jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni tal-prodott finanzjarju jiġi divulgat f'termini kwalitattivi jew kwantitattivi. Il-valutazzjonijiet tar-riskji għas-sostenibbiltà u divulgazzjonijiet prekuntrattwali relatati minn parteċipanti fis-swieg finanzjarji jenħtieġ li jikkontribwixxu għal divulgazzjonijiet prekuntrattwali minn konsulenti finanzjarji. Jenħtieġ li l-konsulenti finanzjarji jiddivulgaw kif huma jieħdu kont tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-proċess ta' għażla tal-prodott finanzjarju li jiġi ppreżentat lill-investituri aħħarin qabel ma jagħtu l-parir tagħhom irrISPettivament mill-preferenzi tal-investituri aħħarin rigward is-sostenibbiltà. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazżjonali li jittrasponu d-Direttivi 2014/65/UE u (UE) 2016/97, b'mod partikolari l-obbligi tal-parteċipanti fis-swieg finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji fir-rigward tal-governanza tal-prodotti, il-valutazzjonijiet tal-adattabbiltà u l-adeġwatezza, u t-test fir-rigward tad-domandi u l-ħtiġijiet.

- (16) Id-deċiżjonijiet u l-pariri ta' investiment jistgħu jikkawżaw, jikkontribwixxu għal, jew ikunu direttament marbutin ma', effetti fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà li jkunu negattivi, materjali jew x'aktarx ikunu materjali.
- (17) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti u konsistenti ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni armonizzata ta' "investiment sostenibbli" li tipprevedi li l-kumpanniji li fihom isiru l-investimenti jseġwu prattiki ta' governanza tajbin u jiġi żgurat il-prinċipju ta' prekawżjoni "la tagħmilx ħsara sinifikanti", biex la ssir ħsara sinifikanti lill-objettiv ambjentali u lanqas lill-objettiv soċjali.
- (18) Fejn il-parteċipanti fis-swieg finanzjarji, b'kont meħud tad-daqs tagħhom, in-natura u l-iskala tal-attivitàjiet tagħhom u t-tipi tal-prodotti finanzjarji li huma jagħmlu disponibbli, jikkunsidraw l-impatti avversi prinċipali, kemm jekk materjali kif ukoll jekk x'aktarx ikunu materjali, ta' deċiżjonijiet ta' investiment fuq fatturi ta' sostenibbiltà, jenħtieġ li dawn jintegraw fil-proċessi tagħhom, inkluż fil-proċessi tagħhom ta' diliġenza dovuta, il-proċeduri biex jikkunsidraw l-impatti avversi prinċipali flimkien mar-riskji finanzjarji rilevanti u r-riskji għas-sostenibbiltà rilevanti. L-informazzjoni dwar tali proċeduri tista' tiddekrivi kif il-parteċipanti fis-swieg finanzjarji jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom ta' ġestjoni jew l-impenzi azzjonistiċi oħra tagħhom relatati mas-sostenibbiltà. Il-parteċipanti fis-swieg finanzjarji jenħtieġ li jinkludu fis-siti web tagħhom informazzjoni dwar dawk il-proċeduri u deskrizzjonijiet tal-impatti avversi prinċipali. F'dak ir-rigward, il-Kumitat Konġunt tal-Awtorità Bankarja Ewropea stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁵⁾ (ABE), tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾ (EIOPA, European Insurance and Occupational Pensions Authority) u tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁷⁾ (AETS) (il-Kumitat Konġunt), u l-parteċipanti fis-swieg finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jenħtieġ li jikkunsidraw il-gwida dwar id-diliġenza dovuta għal imġiba kummerċjali responsabbli żviluppata mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) u l-Prinċipji għall-Investment Responsabbli appoġġati min-Nazzjonijiet Uniti.
- (19) Il-kunsiderazzjoni ta' fatturi ta' sostenibbiltà fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investiment u fil-proċessi konsultattivi tista' twassal għal benefiċċji li jmorru lil hinn mis-swieg finanzjarji. Hija tista' żżid ir-reżiljenza tal-ekonomija reali u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Meta tagħmel hekk, ikollha fl-aħħar mill-aħħar impatt fuq ir-riskju/redditu tal-prodotti finanzjarji. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-parteċipanti fis-swieg finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex l-investituri aħħarin ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment infurmati.

⁽¹⁵⁾ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

⁽¹⁶⁾ Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

⁽¹⁷⁾ Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

- (20) Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li jqisu l-impatti avversi prinċipali ta' deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà jenħtieġ li jdivulgaw fl-informazzjoni prekuntrattwali għal kull prodott finanzjarju, konċiżament f'termini kwalitattivi jew kwantitattivi, kif jitqiesu tali impatti kif ukoll dikjarazzjoni li l-informazzjoni dwar l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà hija disponibbli fir-rapportar li jkun għaddej. L-impatti avversi prinċipali jenħtieġ li jinftiehm u bħala dawk l-impatti ta' deċiżjonijiet u pariri ta' investiment li jirriżultaw f'effetti negattivi fuq fatturi ta' sostenibbiltà.
- (21) S'issa għew żviluppati prodotti sostenibbli b'livelli differenti ta' ambizzjoni. Sal-lum għew żviluppati prodotti sostenibbli bi gradi varji ta' ambizzjoni. Għalhekk, għall-finijiet ta' divulgazzjonijiet prekuntrattwali u divulgazzjonijiet f'rapporti perjodiċi, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti għal prodotti finanzjarji li jipromwovu karatteristiċi ambjentali jew soċjali u dawk għal prodotti finanzjarji li għandhom bħala objettiv impatt pożittiv fuq l-ambjent u s-soċjetà. Bħala konsegwenza, fir-rigward tal-prodotti finanzjarji b'karatteristiċi ambjentali jew soċjali, jenħtieġ li parteċipanti fis-swieq finanzjarji jdivulgaw jekk u kif l-indiċi indikat, l-indiċi ta' sostenibbiltà jew l-indiċi konvenzjonali, huwa allinjat ma' dawk il-karatteristiċi u fejn ma jintuża l-ebda parametru referenzjarju, informazzjoni dwar kif il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-prodotti finanzjarji huma sodisfatti. Fir-rigward tal-prodotti finanzjarji li għandhom bħala objettiv impatt pożittiv fuq l-ambjent u s-soċjetà, jenħtieġ li parteċipanti fis-swieq finanzjarji jdivulgaw liema parametru referenzjarju sostenibbli jużaw biex ikejlu l-prestazzjoni sostenibbli u fejn ma jintuża l-ebda parametru referenzjarju, jispjegaw kif jintlaħaq l-objettiv sostenibbli. Dawk id-divulgazzjonijiet jenħtieġ li jkunu fir-rapporti annwali tagħhom.
- (22) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar ir-remunerazzjoni jew il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-persunal tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji taħt id-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97, (UE) 2016/2341 u r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) Nru 346/2013, jew għall-atti ta' implimentazzjoni u l-liġi nazzjonali li tirregola prodotti tal-pensjoni personali u individwali, inklużi, iżda mhux limitatament għal, il-kriterji ta' proporzjonalità applikabbli rilevanti bħad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitàjiet inkwistjoni. Madankollu, huwa xieraq li tinkiseb aktar trasparenza, f'termini kwalitattivi jew kwantitattivi, dwar il-politiki ta' remunerazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji, fir-rigward tal-parir tagħhom dwar l-investment jew l-assigurazzjoni, li jipromwovu maniġġar tar-riskju b'saħħtu u effettiv fir-rigward tar-riskji għas-sostenibbiltà filwaqt li l-istruttura ta' remunerazzjoni ma tinkoraġġixxi teħid eċċessiv ta' riskji rigward riskji għas-sostenibbiltà u hija marbuta ma' rendiment aġġustat għar-riskju.
- (23) Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġu infurmati l-investituri aħħarin, l-aċċess għall-informazzjoni dwar kif il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jintegraw ir-riskji għas-sostenibbiltà rilevanti, kemm jekk materjali kif ukoll jekk x'aktarx ikunu materjali, fil-proċessi tagħhom tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investment, inklużi l-aspetti organizzattivi, ta' maniġġar tar-riskju u ta' governanza ta' tali proċessi, u fil-proċessi konsultattivi tagħhom, rispettivament, jenħtieġ li jiġu regolati billi dawk l-entitajiet ikunu obbligati jżommu informazzjoni konċiża dwar dawk il-politiki fis-siti web tagħhom.
- (24) Ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni attwali stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni ma jirrikjedux id-divulgazzjoni tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu infurmati kif xieraq l-investituri aħħarin dwar l-impatt relatat mas-sostenibbiltà tal-investimenti tagħhom fi prodotti finanzjarji b'karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew prodotti finanzjarji li jsejwu objettivi ta' sostenibbiltà. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' divulgazzjoni aktar speċifiċi u standardizzati fir-rigward ta' tali investimenti. Pereżempju, l-impatt ġenerali relatat mas-sostenibbiltà tal-prodotti finanzjarji jenħtieġ li jiġi rrapportat regolarment permezz ta' indikaturi rilevanti għall-kejl tal-objettiv ta' investiment sostenibbli magħżul. Fejn indiċi adegwat ikun ġie indikat bħala parametru referenzjarju, dik l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll għall-indiċi indikat kif ukoll għal indiċi tas-suq wiesa' biex ikun jista' jsir paragon. Fejn il-manijers tal-EuSEF jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar l-impatt soċjali pożittiv li jkun l-objettiv ta' fond partikolari, dwar l-eżitu soċjali globali milħuq u dwar il-metodi relatati użati skont ir-Regolament (UE) Nru 346/2013, dawn jistgħu, fejn xieraq, jużaw tali nformazzjoni għall-finijiet tad-divulgazzjonijiet taħt dan ir-Regolament.
- (25) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹⁸) timponi obbligi ta' trasparenza fir-rigward ta' materji ta' governanza ambjentali, soċjali u korporattiva f'rappurtar mhux finanzjarju. Madankollu, il-forma u l-preżentazzjoni meħtieġa minn dik id-Direttiva mhumiex dejjem xierqa għall-użu dirett mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji fir-relazzjonijiet tagħhom mal-investituri aħħarin. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jużaw informazzjoni fir-rapporti ta' maniġġar u d-dikjarazzjonijiet mhux finanzjarji għall-finijiet ta' dan ir-Regolament skont dik id-Direttiva, fejn xieraq.

(¹⁸) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

- (26) Biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tal-informazzjoni ppubblikata fis-siti web tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tal-konsulenti finanzjarji, tali informazzjoni jenħtieġ li tinżamm aġġornata, u kwalunkwe revizzjoni jew tibdil ta' tali informazzjoni jenħtieġ li jiġu spjegati b'mod ċar.
- (27) Għalkemm dan ir-Regolament ma jkoprix skemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali koperti mir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009, fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri jiftħu dejjem iżjed partijiet tal-immaniġġar tal-iskemi tal-pensjonijiet obligatorji fi ħdan is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom għal parteċipanti fis-swieq finanzjarji jew entitajiet oħra taħt id-dritt privat, u li tali skemi jkunu esposti għal riskji għas-sostenibbiltà u jistgħu jqsu impatti avversi għas-sostenibbiltà, jippromwovu karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew isegwu investment sostenibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għażla li japplikaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' tali skemi sabiex jimmitigaw asimetriji ta' informazzjoni.
- (28) Dan ir-Regolament m'għandux jimpedixxi lil Stat Membru milli jadotta jew iżomm fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti dwar il-pubblikazzjoni ta' politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima u dwar divulgazzjonijiet addizzjonali lill-investituri aħħarin rigward riskji għas-sostenibbiltà sakemm il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u konsulenti finanzjarji affettwati jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom fit-territorju tiegħu. Madankollu, jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet ma jimpedux l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament jew il-kisba tal-oġġettivi tiegħu.
- (29) Taħt id-Direttiva (UE) 2016/2341, l-IORPs diġà huma meħtieġa japplikaw regoli dwar il-governanza u l-immaniġġar tar-riskji għad-deċiżjonijiet ta' investment u l-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom sabiex tkun żgurata kontinwità u regolarità. Id-deċiżjonijiet ta' investment u l-valutazzjoni tar-riskji rilevanti, inklużi riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, jenħtieġ li jsiru b'tali mod li jiżguraw konformità mal-interessi tal-membri u l-benefiċjarji tal-IORPs. Jenħtieġ li l-EIOPA toħroġ linji gwida li jispeċifikaw kif id-deċiżjonijiet ta' investment u l-valutazzjonijiet tar-riskju minn IORPs għandhom jieħdu kont tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza taħt dik id-Direttiva.
- (30) L-ABE, l-EIOPA u l-ESMA (kollettivament, l-"ESAs") jenħtieġ li jingħataw mandat, permezz tal-Kumitat Konġunt, biex jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, biex jispeċifikaw aktar il-kontenut, il-metodoloġiji u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni b'raba mal-indikaturi tas-sostenibbiltà fir-rigward ta' impatti avversi fuq il-klima u impatti avversi oħra relatati mal-ambjent, ma' kwistjonijiet soċjali u dawk relatati ma' impjegati, mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u ma' materji dwar il-għieda kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim, kif ukoll biex jispeċifikaw il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni rigward il-promozzjoni ta' karatteristiċi ambjentali jew soċjali u oġġettivi ta' investment sostenibbli li għandhom jiġu ddivulgati f'dokumenti prekuntrattwali, rapporti annwali u f'siti web ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.
- (31) L-ESAs jenħtieġ li jingħataw mandat, permezz tal-Kumitat Konġunt, biex jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiddeterminaw il-preżentazzjoni standard tal-informazzjoni dwar il-promozzjoni ta' karatteristiċi ambjentali jew soċjali u investimenti sostenibbli fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u skont l-Artikoli 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.
- (32) Peress li r-rapporti annwali fil-prinċipju jagħtu sommarju tar-riżultati tan-negozju għal snin kalendarji sħaħ, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar ir-reqwiżiti ta' trasparenza għal tali rapporti jenħtieġ li ma japplikawx sal-1 ta' Jannar 2022.
- (33) Ir-regoli ta' divulgazzjoni inklużi f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97 u (UE) 2016/2341, u r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013, (UE) 2015/760 u (UE) 2019/1238.
- (34) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (35) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-protezzjoni għall-investituri aħħarin u li jittejbu d-divulgazzjonijiet għalihom, inkluż f'każijiet ta' xiri transfruntier minn investituri aħħarin, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-ħtieġa li jiġu stabbiliti reqwiżiti uniformi ta' divulgazzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati għall-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji dwar trasparenza fir-rigward tal-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà u l-kunsiderazzjoni ta' impatti avversi għas-sostenibbiltà fil-proċessi tagħhom u l-għoti ta' informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà fir-rigward ta' prodotti finanzjarji.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "parteciċipant fis-swieq finanzjarji" tfisser:
 - (a) impriża tal-assigurazzjoni li tagħmel disponibbli prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni (IBIP);
 - (b) ditta tal-investiment li tipprovdi mmaniġġar ta' portafolji;
 - (c) istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORP);
 - (d) manifattur ta' prodott tal-pensjoni;
 - (e) maniġer ta' fondi ta' investiment alternattiv (AIFM);
 - (f) fornitur ta' prodott tal-pensjoni personali pan-Ewropew (PEPP);
 - (g) maniġer ta' fond kwalifikanti ta' kapital ta' riskju rreġistrat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013;
 - (h) maniġer ta' fond kwalifikanti ta' intraprenditorija soċjali rreġistrat skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013;
 - (i) kumpannija maniġerjali ta' impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (kumpannija maniġerjali ta' UCITS); jew
 - (j) istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi mmaniġġar ta' portafolji;
- (2) "impriża tal-assigurazzjoni" tfisser impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/138/KE;
- (3) "prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni" jew "IBIP" tfisser:
 - (a) prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾; jew
 - (b) prodott tal-assigurazzjoni, li hu magħmul disponibbli għal investitur professjonali u, li joffri valur fil-maturità jew valur ta' ċessjoni li jkunu kompletament jew parzjalment esposti, direttament jew indirettament, għaċ-ċaqliq tas-suq;
- (4) "maniġer ta' fondi ta' investiment alternattiv" jew "AIFM" tfisser AIFM kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE;
- (5) "ditta tal-investiment" tfisser ditta tal-investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (6) "immaniġġar ta' portafoll" tfisser immaniġġar ta' portafoll kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (7) "istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali" jew "IORP" tfisser istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali awtorizzata jew irreġistrata skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2016/2341 ħliet istituzzjoni li fir-rigward tagħha Stat Membru ikun għażel li japplika l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva jew istituzzjoni li topera skemi tal-pensjoni li flimkien ikollhom anqas minn 15-il membru b'kollox;

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

- (8) “prodott tal-pensjoni” tfisser:
- (a) prodott tal-pensjoni kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014; jew
 - (b) prodott tal-pensjoni individwali kif imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014;
- (9) “Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew” jew “PEPP” tfisser prodott kif imsemmi fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1238;
- (10) “kumpannija maniġerjali ta’ UCITS” tfisser:
- (a) kumpannija maniġerjali kif definita fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE; jew
 - (b) kumpannija ta’ investiment awtorizzata skont id-Direttiva 2009/65/KE li ma nnominatx kumpannija maniġerjali awtorizzata taħt dik id-Direttiva għall-immaniġġar tagħha;
- (11) “konsulent finanzjarju” tfisser:
- (a) intermedjarju tal-assigurazzjoni li jipprovdi parir dwar l-assigurazzjoni fir-rigward ta’ IBIPs;
 - (b) impriża tal-assigurazzjoni li tipprovdi konsulenza dwar l-assigurazzjoni fir-rigward ta’ IBIPs;
 - (c) istituzzjoni ta’ kreditu li tipprovdi konsulenza ta’ investiment;
 - (d) ditta tal-investiment li tipprovdi parir dwar l-investiment;
 - (e) AIFM li jipprovdi konsulenza dwar l-investiment skont il-punt (b)(i) tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2011/61/UE; jew
 - (f) kumpannija maniġerjali tal-UCITS li tipprovdi parir dwar l-investiment skont il-punt (b)(i) tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2009/65/KE;
- (12) “prodott finanzjarju” tfisser:
- (a) portafoll immaniġġat skont il-punt (6) ta’ dan l-Artikolu;
 - (b) fond ta’ investiment alternattiv (AIF);
 - (c) IBIP;
 - (d) prodott tal-pensjoni;
 - (e) skema tal-pensjoni;
 - (f) UCITS; jew
 - (g) PEPP;
- (13) “fondi ta’ investiment alternattiv” jew “AIFs” tfisser AIFs kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE;
- (14) “skema tal-pensjoni” tfisser skema tal-pensjoni kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/2341;
- (15) “impriża ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli” jew “UCITS” tfisser impriża awtorizzata skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE;
- (16) “parir dwar l-investiment” tfisser parir dwar investiment kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (17) “investiment sostenibbli” tfisser investiment f’attività ekonomika li jikkontribwixxi għal objettiv ambjentali, bħal daww imkejla, pereżempju, b’indikaturi ewlenin tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi dwar l-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, il-materja prima, l-ilma u l-art, dwar il-produzzjoni tal-iskart, u l-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra, jew dwar l-impatt fuq il-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari; jew investiment f’attività ekonomika li jikkontribwixxi għal objettiv soċjali, b’mod partikolari investiment li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza jew li jrawwem il-koeżjoni soċjali, l-integrazzjoni soċjali u r-relazzjonijiet industrijali, jew investiment fil-kapital uman jew f’komunitajiet ekonomikament jew soċjalment żvantaġġati, dment li tali investimenti ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil xi wieħed minn daww l-objettivi u li l-kumpanniji destinatariji ta’ investiment isegwu prattiki ta’ governanza tajbin, b’mod partikolari fir-rigward ta’ strutturi ta’ maniġġar b’saħħithom, relazzjonijiet mal-impjegati, remunerazzjoni tal-persunal u konformità tat-taxxa;
- (18) “investitur professjonali” tfisser klient li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (19) “investitur fil-livell tal-konsumatur” tfisser investitur li mhux investitur professjonali;
- (20) “intermedjarju tal-assigurazzjoni” tfisser intermedjarju tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97;

- (21) "parir dwar l-assigurazzjoni" tfisser konsulenza kif definita fil-punt (15) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97;
- (22) "riskju għas-sostenibbiltà" tfisser avveniment jew kundizzjoni ambjentali, soċjali jew ta' governanza li, jekk dawn iseħħu, jistgħu jikkawżaw impatt attwali jew potenzjali negattiv fuq il-valur tal-investment;
- (23) "fond Ewropew tal-investment fuq terminu twil" jew "ELTIF" tfisser fond awtorizzat skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/760;
- (24) "fatturi ta' sostenibbiltà" tfisser materji ambjentali, soċjali u dwar impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u materji fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Artikolu 3

Trasparenza tal-politiki dwar ir-riskju għas-sostenibbiltà

1. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jipubblikaw fis-siti web tagħhom informazzjoni dwar il-politiki tagħhom dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-proċess tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' investment.
2. Il-konsulenti finanzjarji għandhom jipubblikaw fis-siti web tagħhom informazzjoni dwar il-politiki tagħhom dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-pariri tagħhom ta' investment jew assigurazzjoni.

Artikolu 4

Trasparenza ta' impatti avversi għas-sostenibbiltà fil-livell ta' entità

1. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jipubblikaw u jżommu fis-siti web tagħhom:
 - (a) fejn iqisu l-impatti avversi prinċipali ta' deċiżjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà, dikjarazzjoni dwar il-politiki tad-diliġenza dovuta fir-rigward ta' dawk l-impatti, b'kont meħud kif dovut tad-daqs, in-natura u l-iskala tal-attivitajiet tagħhom u t-tipi ta' prodotti finanzjarji li huma jagħmlu disponibbli; jew
 - (b) fejn ma jqisux impatti avversi ta' deċiżjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà, raġunijiet ċari għaliex ma jagħmlux dan, inkluża, fejn rilevanti, informazzjoni dwar jekk u meta huma għandhom l-intenzjoni li jikkunsidraw tali impatti avversi.
2. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jinkludu fl-informazzjoni pprovduta skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 mill-inqas dan li ġej:
 - (a) informazzjoni dwar il-politiki tagħhom dwar l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-impatti u l-indikaturi avversi prinċipali għas-sostenibbiltà;
 - (b) deskrizzjoni tal-impatti avversi prinċipali għas-sostenibbiltà u ta' kwalunkwe azzjoni relatata magħhom, meħuda jew, fejn rilevanti, ipplanata;
 - (c) sommarji qosra tal-politiki ta' involviment skont l-Artikolu 3g tad-Direttiva 2007/36/KE, fejn applikabbli;
 - (d) referenza għall-konformità tagħhom ma' kodiċijiet responsabbli ta' kondotta kummerċjali u standards rikonoxxuti internazzjonalment għad-diliġenza dovuta u r-rappurtar u, fejn rilevanti, il-grad ta' allinjament tagħhom mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, mit-30 ta' Ġunju 2021, il-parteċipanti fis-suq finanzjarju li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu l-kriterju tan-numru medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja għandhom jipubblikaw u jżommu fis-siti web tagħhom dikjarazzjoni dwar politiki tagħhom ta' diliġenza dovuta fir-rigward ta' impatti avversi prinċipali ta' deċiżjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà. Dik id-dikjarazzjoni għandha tal-inqas tinkludi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.
4. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, mit-30 ta' Ġunju 2021, il-parteċipanti fis-suq finanzjarju li huma impriżi omm ta' grupp kbir kif imsemmi fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2013/34/UE li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tal-grupp jaqbżu, fuq bażi konsolidata, il-kriterju tan-numru medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja għandhom jipubblikaw u jżommu fis-siti web tagħhom dikjarazzjoni dwar il-politiki tagħhom ta' diliġenza dovuta fir-rigward ta' impatti avversi prinċipali ta' deċiżjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà. Dik id-dikjarazzjoni għandha tal-inqas tinkludi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Il-konsulenti finanzjarji għandhom jippubblikaw u jżommu fis-siti web tagħhom:
- (a) informazzjoni dwar jekk, b'kont meħud kif dovut tad-daqs, in-natura u l-iskala tal-attivitajiet tagħhom u t-tipi ta' prodotti finanzjarji li dwarhom jagħtu pariri, jikkunsidrawx fil-pariri tagħhom dwar l-investment jew dwar l-assigurazzjoni l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà; jew
 - (b) informazzjoni għalfejn ma jqisux impatti avversi tad-deċizzjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà fil-pariri tagħhom dwar l-investment jew dwar l-assigurazzjoni, u, fejn rilevanti, inkluża informazzjoni dwar jekk u meta huma għandhom l-intenzjoni li jikkunsidraw tali impatti avversi.
6. Sat-30 ta' Diċembru 2020, l-ESAs għandhom jiżviluppaw, permezz tal-Kumitat Konġunt, abbozz ta' standards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 dwar il-kontenut, il-metodoloġiji u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-indikaturi tas-sostenibbiltà b'rabta mal-impatti avversi fuq il-klima u impatti avversi oħra relatati mal-ambjent.

L-ESAs għandhom, fejn rilevanti, ifittxu l-kontribut tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

7. Sat-30 ta' Diċembru 2021, l-ESAs għandhom jiżviluppaw, permezz tal-Kumitat Konġunt, abbozz ta' standards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, dwar il-kontenut, il-metodoloġiji u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-indikaturi tas-sostenibbiltà fir-rigward ta' impatti avversi fil-qasam ta' materji soċjali u ta' impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u materji fil-għieda kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 5

Trasparenza tal-politiki ta' remunerazzjoni b'rabta mal-integrazzjoni ta' riskji għas-sostenibbiltà

1. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji għandhom jinkludu fil-politiki ta' remunerazzjoni tagħhom informazzjoni dwar kif daww il-politiki huma konsistenti mal-integrazzjoni ta' riskji għas-sostenibbiltà u għandhom jippubblikaw dik l-informazzjoni fis-siti web tagħhom.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun inkluża fil-politiki ta' remunerazzjoni li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji huma meħtieġa jstabbilixxu u jżommu f'konformità mal-leġislazzjoni settorjali, b'mod partikolari d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/65/UE, (UE) 2016/97 u (UE) 2016/2341.

Artikolu 6

Trasparenza tal-integrazzjoni ta' riskji għas-sostenibbiltà

1. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jinkludu deskrizzjonijiet ta' dawn li ġejjin fid-divulgazzjonijiet prekontrattwali:
 - (a) il-mod kif jiġu integrati riskji għas-sostenibbiltà fid-deċizzjonijiet tagħhom ta' investment; u
 - (b) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatti probabbli ta' riskji għas-sostenibbiltà fuq ir-rendimenti tal-prodotti finanzjarji li huma jagħmlu disponibbli.
- Fejn il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jqisu li r-riskji għas-sostenibbiltà mhumiex rilevanti, id-deskrizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara u konċiża tar-raġunijiet għal dan.
2. Il-konsulenti finanzjarji għandhom jinkludu deskrizzjonijiet ta' dawn li ġejjin fid-divulgazzjonijiet prekontrattwali:
 - (a) il-mod kif jiġu integrati riskji għas-sostenibbiltà fil-pariri tagħhom dwar l-investment jew dwar l-assigurazzjoni, u
 - (b) ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatti probabbli ta' riskji għas-sostenibbiltà fuq ir-rendimenti tal-prodotti finanzjarji li dwarhom jagħtu pariri.

Fejn il-konsulenti finanzjarji jqisu li r-riskji għas-sostenibbiltà mhumiex rilevanti, id-deskrizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara u konċiża tar-raġunijiet għal dan.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi ddivulgata b'dan il-mod:
 - (a) għall-AIFMs, fid-divulgazzjonijiet lill-investituri msemmija fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2011/61/UE;
 - (b) għall-impriżi tal-assigurazzjoni, fl-għoti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 185(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jew, fejn rilevanti, skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97;
 - (c) għall-IORPs, fl-għoti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2016/2341;
 - (d) għall-manigġers ta' fondi kwalifikanti ta' kapital ta' riskju, fl-għoti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013;
 - (e) għall-manigġers ta' fondi kwalifikanti ta' intraprenditorija soċjali, fl-għoti tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013;
 - (f) għall-manifatturi ta' prodotti tal-pensjoni, bil-miktub, fi żmien sew qabel investitur fil-livell tal-konsumatur ikun marbut minn kuntratt relatat ma' prodott tal-pensjoni;
 - (g) għall-kumpanniji manigġerjali tal-UCITS, fil-prospett imsemmi fl-Artikolu 69 tad-Direttiva 2009/65/KE;
 - (h) għad-ditti ta' investment li jipprovdu mmaniġġar ta' portafolji jew jipprovdu parir dwar l-investment, skont l-Artikolu 24(4) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - (i) għall-istituzzjonijiet tal-kreditu li jipprovdu mmaniġġar ta' portafolji jew jipprovdu parir dwar l-investment, skont l-Artikolu 24(4) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - (j) għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni u impriżi tal-assigurazzjoni li jipprovdu parir dwar l-assigurazzjoni fir-rigward tal-IBIPs u għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni li jipprovdu parir dwar l-assigurazzjoni fir-rigward ta' prodotti tal-pensjoni esposti għal fluttwazzjonijiet tas-suq, skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97;
 - (k) għall-AIFMs ta' ELTIFs, fil-prospett imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2015/760;
 - (l) għall-fornituri tal-PEPPs, fid-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/1238.

Artikolu 7

Trasparenza ta' impatti avversi għas-sostenibbiltà fil-livell ta' prodotti finanzjarji

1. Sat-30 ta' Diċembru 2022, għal kull prodott finanzjarju, fejn parteċipant fis-suq finanzjarju japplika l-punt (a) tal-Artikolu 4(1) jew l-Artikolu 4(3) jew (4), id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3) għandhom jinkludu dan li ġej:
 - (a) spjegazzjoni ċara u motivata dwar jekk u, fil-każ li jkun hekk, kif prodott finanzjarju jikkunsidra impatti avversi prinċipali fuq fatturi ta' sostenibbiltà;
 - (b) dikjarazzjoni li hemm informazzjoni dwar impatti avversi prinċipali fuq fatturi ta' sostenibbiltà disponibbli fl-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 11(2).

Fejn l-informazzjoni fl-Artikolu 11(2) tinkludi kwantifikazzjonijiet ta' impatti avversi prinċipali fuq fatturi ta' sostenibbiltà, dik l-informazzjoni tista' tiddependi fuq id-dispożizzjonijiet tal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 4(6) u (7).

2. Fejn parteċipant fis-swieq finanzjarji japplika l-punt (b) tal-Artikolu 4(1), id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3) għandhom jinkludu għal kull prodott finanzjarju dikjarazzjoni li l-parteċipant fis-swieq finanzjarji ma jqisx l-impatti avversi tad-deċizzjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà u r-raġunijiet għal dan.

Artikolu 8

Trasparenza tal-promozzjoni tal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali f' divulgazzjonijiet prekontrattwali

1. Fejn prodott finanzjarju jippromwovi, fost karatteristiċi oħra, karatteristiċi ambjentali jew soċjali, jew taħlita ta' dawk il-karatteristiċi, dment li l-kumpanniji li fihom isiru l-investimenti jsegwu prattiki ta' governanza tajba, l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 6(1) u (3) għandha tinkludi dawn li ġejjin:
 - (a) informazzjoni dwar kif dawk il-karatteristiċi jiġu sodisfatti;
 - (b) jekk ġie indikat indiċi bħala parametru referenzjarju, informazzjoni dwar jekk u kif dan l-indiċi huwa konsistenti ma' dawk il-karatteristiċi.

2. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jinkludu, fl-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 6 (1) u (3), indikazzjoni dwar fejn għandha tinstab il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-indiċi msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-ESAs għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont dan l-Artikolu.

Meta jkunu qed jiżviluppaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESAs għandhom jikkunsidraw id-diversi tipi ta' prodotti finanzjarji, il-karatteristiċi tagħhom u d-differenzi ta' bejniethom kif ukoll l-għan li d-divulgazzjonijiet għandhom ikunu preċiżi, ġusti, ċari, mhux qarrieqa, sempliċi u konċiżi.

L-ESAs għandhom jippreżentaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Diċembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 9

Trasparenza ta' investimenti sostenibbli f'divulgazzjonijiet prekontrattwali

1. Fejn prodott finanzjarju jkollu investiment sostenibbli bħala l-oġġettiv tiegħu u jiġi indikat indiċi bħala parametru referenzjarju, l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 6(1) u (3) għandha tkun akkumpanjata minn dawn li ġejjin:

(a) informazzjoni dwar kif l-indiċi indikat huwa allinjat ma' dak l-oġġettiv;

(b) spjegazzjoni għaliex u kif dak l-indiċi indikat allinjat ma' dak l-oġġettiv huwa differenti minn indiċi wieser tas-suq.

2. Fejn prodott finanzjarju jkollu investimenti sostenibbli bħala l-oġġettiv tiegħu u ma jkun ġie indikat l-ebda indiċi bħala parametru referenzjarju, l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 6(1) u (3) għandha tinkludi spjegazzjoni dwar kif għandu jintlaħaq dak l-oġġettiv.

3. Fejn prodott finanzjarju jkollu tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju bħala l-oġġettiv tiegħu, l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 6(1) u (3) għandha tinkludi l-oġġettiv tal-iskopertura għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju bil-ħsieb li jinkisbu l-oġġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi kontra t-tiġin globali.

B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fejn l-ebda Parametru Referenzjarju tat-Transizzjoni tal-Klima tal-UE jew Parametru Referenzjarji tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁰⁾ ma jkun disponibbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 għandha tinkludi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-isforz kontinwu biex jintlaħaq l-oġġettiv li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju jiġi żgurat bil-ħsieb li jinkisbu l-oġġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi kontra t-tiġin globali.

4. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jinkludu fl-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Artikolu 6 (1) u (3) indikazzjoni ta' fejn għandhom jinstabu l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-indiċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-parametri referenzjarji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

5. L-ESAs għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar id-dettalji tal-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont dan l-Artikolu.

Meta jkunu qed jiżviluppaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, L-ESAs għandhom jikkunsidraw id-diversi tipi ta' prodotti finanzjarji, l-oġġettivi tagħhom kif imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 u d-differenzi ta' bejniethom kif ukoll l-għan li divulgazzjonijiet għandhom ikunu preċiżi, ġusti, ċari, mhux qarrieqa, sempliċi, u konċiżi.

⁽²⁰⁾ Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

L-ESAs għandhom jippreżentaw dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu, lill-Kummissjoni sat-30 ta' Diċembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 10

Trasparenza tal-promozzjoni ta' karatteristiċi ambjentali jew soċjali u ta' investimenti sostenibbli fuq siti web

1. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jipubblikaw u jżommu fis-siti web tagħhom l-informazzjoni li gejjja għal kull prodott finanzjarju msemmi fl-Artikolu 8(1) u fl-Artikolu 9(1), (2) u (3):

- (a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew l-oġettiv ta' investment sostenibbli;
- (b) informazzjoni dwar il-metodologġija użati biex jiġu vvalutati, imkejla u ssorveljati l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew l-impatt tal-investimenti sostenibbli magħżula għall-prodott finanzjarju, inklużi s-sorsi ta' data tiegħu, il-kriterji ta' skrinjar għall-assi sottostanti u l-indikaturi rilevanti ta' sostenibbiltà użati biex jitkejlu l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew l-impatt sostenibbli globali tal-prodott finanzjarju;
- (c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 8 u 9;
- (d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11.

L-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-ewwel subparagrafu għandha tkun ċara, konċiża u tinftiehem mill-investituri. Għandha tiġi ppubblikata b'tali mod li tkun preċiża, ġusta, ċara, mhux qarrieqa, sempliċi u konċiża u f'parti tas-sit web li tkun prominenti u aċċessibbli b'mod faċli.

2. L-ESAs għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-kontenut tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, u r-rekwiżiti ta' preżentazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dak il-paragrafu.

Meta jkunu qed jiżviluppaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ESAs għandhom jikkunsidraw id-diversi tipi ta' prodotti finanzjarji, il-karatteristiċi u l-oġettivi tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 u d-differenzi bejniethom. L-ESAs għandhom jaġġornaw l-istandards tekniċi regolatorji fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji u teknoloġiċi.

L-ESAs għandhom jippreżentaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Diċembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 11

Trasparenza tal-promozzjoni ta' karatteristiċi ambjentali jew soċjali u ta' investimenti sostenibbli f'rapporti perjodiċi

1. Fejn il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jagħmlu disponibbli prodott finanzjarju kif msemmi fl-Artikolu 8(1) jew fl-Artikolu 9(1), (2) jew (3), huma għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' dawn li ġejjin fir-rapporti perjodiċi:

- (a) għal prodott finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), sa liema punt il-karatteristiċi ambjentali jew soċjali jintlaħqu;
- (b) għal prodott finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), (2) jew (3):
 - (i) l-impatt globali relatat mas-sostenibbiltà tal-prodott finanzjarju permezz ta' indikaturi rilevanti ta' sostenibbiltà; jew
 - (ii) fejn indiċi jintgħażel bħala parametru referenzjarju, paragon bejn l-impatt globali, relattivament għas-sostenibbiltà, tal-prodott finanzjarju mal-impatti tal-indiċi indikat u ta' indiċi tas-suq wiesa' permezz ta' indikaturi tas-sostenibbiltà.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi divulgata b'dan il-mod:
 - (a) għall-AIFMs, fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2011/61/UE;
 - (b) għall-impriżi tal-assigurazzjoni, kull sena bil-miktub skont l-Artikolu 185(6) tad-Direttiva 2009/138/KE;
 - (c) għall-IORPs, fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2016/2341;
 - (d) għall-manigġers ta' fondi kwalifikanti ta' kapital ta' riskju, fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013;
 - (e) għall-manigġers ta' fondi kwalifikanti ta' intraprenditorija soċjali, fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013;
 - (f) għall-manifatturi ta' prodotti tal-pensjoni, bil-miktub fir-rapport annwali jew frapport skont il-liġi nazzjonali;
 - (g) għall-kumpanniji manigġerjali tal-UCITS, fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 69 tad-Direttiva 2009/65/KE;
 - (h) għad-ditti ta' investiment li jipprovdu mmaniġġar ta' portafolji, frapport perjodiku kif imsemmi fl-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - (i) għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu mmaniġġar ta' portafolji, frapport perjodiku kif imsemmi fl-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - (j) għall-fornituri tal-PEPPs, fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2019/1238.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jistgħu jużaw l-informazzjoni fir-rapporti tal-immaniġġar skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2013/34/UE jew l-informazzjoni f'dikjarazzjonijiet mhux finanzjarji skont l-Artikolu 19a ta' dik id-Direttiva fejn adatt.
4. L-ESAs għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Meta jkun qed jiżviluppaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu, l-ESAs għandhom jikkunsidraw id-diversi tipi ta' prodotti finanzjarji, il-karatteristiċi u l-oġettivi tagħhom u d-differenzi bejniethom. L-ESAs għandhom jaġġornaw l-istandards tekniċi regolatorji fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji u teknoloġiċi.

L-ESAs għandhom jippreżentaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Diċembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 12

Rieżami ta' divulgazzjonijiet

1. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni ppubblikata skont l-Artikolu 3, 5 jew 10 tinżamm aġġornata. Fejn parteċipant fis-swieq finanzjarji jemenda tali informazzjoni, għandha tiġi ppubblikata spjegazzjoni ċara ta' tali emenda fl-istess sit web.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* għal konsulenti finanzjarji fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-Artikoli 3 u 5.

Artikolu 13

Komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni settorjali aktar stretta, b'mod partikolari d-Direttivi 2009/65/KE, 2014/65/UE u (UE) 2016/97 u r-Regolament (UE) Nru 1286/2014, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom ma jkunux f'kontradizzjoni mal-informazzjoni ddivulgata skont dan ir-Regolament.
2. L-ESAs jistgħu jiżviluppaw, permezz tal-Kumitat Konġunt, abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jistabbilixxu l-preżentazzjoni standard ta' informazzjoni dwar il-promozzjoni ta' karatteristiċi ambjentali jew soċjali u investimenti sostenibbli.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 14

Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-leġislazzjoni settorjali, b'mod partikolari l-leġislazzjoni settorjali msemmija fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament, u skont id-Direttiva 2013/36/UE, jimmonitorjaw il-konformità tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u għandhom jipprovdu lil xulxin, mingħajr dewmien bla bżonn, l-informazzjoni li tkun rilevanti għall-finijiet tat-tweġtq ta' dmirijiet taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Trasparenza mill-IORPs u intermedjarji tal-assigurazzjoni

1. L-IORPs għandhom jipubblikaw u jżommu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1), ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 36(2) tad-Direttiva (UE) 2016/2341.

2. L-intermedjarji tal-assigurazzjoni għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 4 (5), fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 6 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1), ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) 2016/97.

Artikolu 16

Prodotti tal-pensjoni koperti bir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal manifatturi ta' prodotti tal-pensjoni li joperaw skemi ta' sigurtà soċjali nazzjonali li huma koperti bir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009. F'tali każijiet, il-manifatturi ta' prodotti tal-pensjoni kif imsemmija fil-punt (1)(d) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu manifatturi ta' prodotti tal-pensjoni li joperaw skemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali u ta' prodotti tal-pensjoni msemmija fil-punt (8) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. F'tali każ, id-definizzjoni ta' prodott tal-pensjoni fil-punt (8) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament għandha titqies li tinkludi l-prodotti tal-pensjoni msemmija fl-ewwel sentenza.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESAs b'kull deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 1.

Artikolu 17

Eżenzjonijiet

1. Dan ir-Regolament la għandu japplika għal intermedjarji tal-assigurazzjoni li jipprovdu parir dwar l-assigurazzjoni fir-rigward ta' IBIPs u lanqas għal ditti tal-investment li jipprovdu parir dwar l-investment li jkunu intrapriżi irrispettivament mill-forma legali tagħhom, inklużi persuni fiżiċi jew persuni li jaħdmu għal rashom, dment li jimpjegaw anqas minn tliet persuni.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal intermedjarji tal-assigurazzjoni li jipprovdu parir dwar l-assigurazzjoni fir-rigward ta' IBIPs jew għal ditti tal-investment li jipprovdu parir dwar l-investment kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESAs b'kull deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 18***Rapport**

L-ESAs għandhom jevalwaw il-firxa tal-iżvelar volontarju skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 7(1). Sal-10 ta' Settembru 2022 u kull sena sussegwentement, l-ESAs għandhom jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-aħjar Prattiki u jagħmlu rakkomandazzjonijiet favur standards ta' rappurtar volontarju. Dak ir-rapport annwali għandu jikkunsidra l-implikazzjonijiet tal-prattiki ta' diliġenza dovuta għad-divulgazzjonijiet taħt dan ir-Regolament u għandu jipprovdi gwida dwar din il-materja. Dak ir-rapport għandu jkun disponibbli pubblikament u jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 19***Evalwazzjoni**

1. Sat-30 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha b'mod partikolari tikkunsidra:
 - (a) jekk ir-referenza għan-numru medju ta' impjegati fl-Artikolu 4(3) u (4) għandhiex tinżamm, jew tiġi sostitwita jew tkun akkumpanjata minn kriterji oħrajn, u għandha tikkunsidra l-benefiċċji u l-proporzjonalità tal-piż amministrattiv relatat;
 - (b) jekk il-funzjonament ta' dan ir-Regolament huwiex ostakolat min-nuqqas ta' data jew mill-kwalità subottimali tagħhom, inklużi indikaturi dwar impatti avversi fuq fatturi ta' sostenibbiltà minn kumpanniji li jsir investiment fihom.
2. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata, jekk ikun adatt, minn proposti leġiżlattivi.

*Artikolu 20***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-10 ta' Marzu 2021.
3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 4(6) u (7), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(4), u l-Artikolu 13(2) għandhom japplikaw mid-29 ta' Diċembru 2019 u l-Artikolu 11(1) sa (3) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, is-27 ta' Novembru 2019.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
D. M. SASSOLI

Għall-Kunsill
Il-President
T. TUPPURAINEN

REGOLAMENT (UE) 2019/2089 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 2019

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u ta' divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-parametri referenzjarji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Settembru 2015, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat qafas globali ġdid għall-iżvilupp sostenibbli: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-"Aġenda 2030"), li għandha fil-qalba tagħha l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli torbot l-SDGs mal-qafas ta' politika tal-Unjoni biex ikun żgurat li l-azzjonijiet u l-inizjattivi ta' politika kollha tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll fuq livell dinji, jieħdu inkonsiderazzjoni l-SDGs mill-bidu nett. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill ikkonferma l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod sħiħ, koerenti, komprensiv, integrat u effikaċi u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab u ma' partijiet ikkonċernati oħra.
- (2) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi"), li ġie approvat mill-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 ⁽³⁾ u li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016, għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reazzjoni għat-tibdil fil-klima billi, *inter alia*, jagħmel il-flussi ta' finanzjament konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.
- (3) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-mira globali hija li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.
- (4) Fit-8 ta' Ottubru 2018, il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) ippubblika r-Rapport Speċjali dwar Tisħin Globali ta' 1,5 °C, li ddikjara li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C tkun tirrikjedi bidliet rapidi, ta' importanza kbira u bla preċedent fl-aspetti kollha tas-soċjetà, u li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C meta mqabbel ma' 2 °C tista' ssir filwaqt li tiġi żgurata soċjetà aktar sostenibbli u ekwa.
- (5) Is-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari huma kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni. Is-sostenibbiltà ilha żmien twil ċentrali għall-proġett tal-Unjoni, u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirriflettu d-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tagħha. Iż-żmien huwa limitat biex il-kultura fis-settur finanzjarju tiġi trasformatata f'waħda favur is-sostenibbiltà biex jiġi żgurat li ż-żieda fit-temperatura medja globali tibqa' ferm taħt 2 °C. Huwa għalhekk essenzjali li l-investimenti fl-infrastruttura ġdida jkunu sostenibbli fit-tul.

⁽¹⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 103.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

- (6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-pjan ta' azzjoni tagħha dwar il-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli, li jvara strateġija ambizzjuża u komprensiva dwar il-finanzjament sostenibbli. Wieheċ mill-oġġettivi ta' dak il-pjan ta' azzjoni huwa li jirriorjenta l-flussi kapitali lejn l-investiment sostenibbli biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklużiv. Hija kruċjali enfasi akbar fuq il-limitazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima, billi d-diżastri kkawżati minn kundizzjonijiet meteoroloġiċi imprevedibbli żdiedu b'mod drammatiku.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ appellat għal żieda fil-finanzjament mis-settur privat għan-nefqa ambjentali u relatata mal-klima, b'mod partikolari billi jinħolqu inċentivi u metodoloġiji li jstimulaw lill-kumpaniji biex ikejlu l-kostijiet ambjentali tan-negożju u l-qligħ tagħhom li jirriżultaw mill-użu ta' servizzi ambjentali.
- (8) Jenħtieġ, biex jintlaħqu l-SDGs fl-Unjoni, it-trasferiment ta' flussi ta' kapital lejn investimenti sostenibbli. Huwa importanti li jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tas-suq intern biex daww l-għanijiet jintlaħqu. F'dak il-kuntest, huwa kruċjali li jitneħħew l-ostakli għall-moviment effiċjenti ta' kapital lejn investimenti sostenibbli fis-suq intern u li jiġi evitat li jitfaċċaw ostakli ġodda.
- (9) Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ jistabbilixxi regoli uniformi għal parametri referenzjarji fl-Unjoni u jaħseb għal tipi differenti ta' parametri referenzjarji. Għadd jiżdied ta' investituri jimplimentaw strateġiji ta' investiment b'livell baxx ta' karbonju u jużaw parametri referenzjarji b'livell baxx ta' karbonju biex ikejlu il-prestazzjoni ta' portafolji ta' investiment. L-istabbiliment ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, ibbażati fuq metodoloġija marbuta mal-impenni stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karbonju, ikun jikkontribwixxi għal aktar trasparenza u jgħin fil-prevenzjoni tal-greenwashing.
- (10) Attwalment hemm varjetà wiesgħa ta' indiċijiet li huma miġbura flimkien bħala indiċijiet b'livell baxx ta' karbonju. Daww l-indiċijiet b'livell baxx ta' karbonju jintużaw bħala parametri referenzjarji għal portafolji u prodotti ta' investiment li jinbiegħu lil hinn mill-fruntieri. Il-kwalità u l-integrità tal-parametri referenzjarji b'livell baxx ta' karbonju jaffettwaw il-funzjonament effikaċi tas-suq intern f'varjetà wiesgħa ta' portafolji ta' investiment individwali u kollettivi. Ħafna indiċijiet b'livell baxx ta' karbonju li huma użati sabiex ikejlu l-prestazzjoni tal-portafolji ta' investiment, b'mod partikolari għal kontijiet ta' investiment segregati u għal skemi ta' investiment kollettivi, huma fornuti fi Stat Membru wieheċ iżda jintużaw minn manigġers ta' portafolji u ta' assi fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-manigġers ta' portafolji u ta' assi spiss jiħħeġġjaw ir-riskji tagħhom ta' espożizzjoni għall-karbonju billi jużaw parametri referenzjarji prodotti fi Stati Membri oħra.
- (11) Tfaċċaw fis-suq kategoriji differenti ta' indiċijiet b'livell baxx ta' karbonju b'livelli differenti ta' ambizzjoni. Filwaqt li xi parametri referenzjarji għandhom l-għan li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju ta' portafoll ta' investiment standard, oħrajn għandhom l-għan li jaġhżlu biss komponenti li jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' 2 °C stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi. Minkejja d-differenzi fl-oġġettivi u fl-istrateġiji, bosta minn daww il-parametri referenzjarji huma ta' spiss promossi bħala parametri referenzjarji b'livell baxx ta' karbonju.
- (12) L-approċċi diverġenti għal metodoloġiji ta' parametri referenzjarji jirriżultaw fil-frammentazzjoni tas-suq intern billi mhuwiex ċar għall-utenti tal-parametri referenzjarji jekk indiċi partikolari b'livell baxx ta' karbonju huwiex parametru referenzjarju allinjat mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi jew sempliċement parametru referenzjarju li għandu l-għan li jnaqqas l-impronta tal-karbonju ta' portafoll ta' investiment standard. Biex jindirizzaw talbiet potenzjalment illeġittimi minn amministraturi dwar in-natura b'livell baxx ta' karbonju tal-parametri referenzjarji tagħhom, l-Istati Membri x'aktarx li jadottaw ir-regoli tagħhom stess biex jiproteġu l-investituri mill-konfużjoni u mill-ambigwià dwar l-għanijiet u l-livell ta' ambizzjoni li jirfdu l-kategoriji differenti tal-hekk imsejħa indiċijiet b'livell baxx ta' karbonju użati bħala parametri referenzjarji għal portafolji ta' investiment b'livell baxx ta' karbonju.
- (13) Fin-nuqqas ta' qafas armonizzat biex jiżgura l-precizzjoni u l-integrità tal-kategoriji prinċipali ta' parametri referenzjarji b'livell baxx ta' karbonju użati fil-portafolji ta' investiment individwali jew kollettivi, huwa probabbli li d-differenzi fl-approċċi tal-Istati Membri joħolqu ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

⁽⁵⁾ Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

- (14) Sabiex jinżamm funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-benefiċċju tal-investituri, biex jittejjeb aktar il-funzjonament tas-suq intern, u biex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, huwa xieraq li r-Regolament (UE) 2016/1011 jiġi emendat bl-introduzzjoni ta' qafas regolatorju li jstabilixxi rekwiżiti minimi għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi fil-livell tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, huwa ta' importanza partikolari li tali parametri referenzjarji ma jkunux ta' dannu sinifikanti għal objettivi oħra ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, environmental, social and governance).
- (15) L-introduzzjoni ta' distinzjoni ċara bejn il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u l-iżvilupp ta' standards minimi għal kull wieħed minn dawk il-parametri referenzjarji tkun tikkontribwixxi għal konsistenza fost dawk il-parametri referenzjarji. Il-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jenħtieġ li jkun konformi mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi fil-livell tal-indiċijiet.
- (16) Sabiex jiġi żgurat li d-denominazzjonijiet "Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE" u "Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi" jkunu affidabbli u faċli għall-investituri fl-Unjoni kollha sabiex jirrikonoxxu, jenħtieġ li dawk l-amministraturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament biss ikunu eliġibbli biex jużaw dawk id-denominazzjonijiet meta jikkummerċjalizzaw il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi fl-Unjoni.
- (17) Sabiex il-kumpaniji jkunu mħeġġa jddivulgaw miri kredibbli għal tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-amministratur ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, fl-għażla jew fil-ponderazzjoni tal-assi sottostanti, jenħtieġ li jkunu il-kumpaniji li għandhom bħala objettiv it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom lejn allinjament mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Tali miri jenħtieġ li jkunu pubbliċi u kredibbli, fis-sens li jenħtieġ li dawn jirrappreżentaw impenn ġenwin favur id-dekarbonizzazzjoni u jenħtieġ li jkunu dettaljati biżżejjed u fattibbli teknikament.
- (18) L-utenti ta' parametri referenzjarji mhux dejjem ikollhom l-informazzjoni meħtieġa dwar sa liema punt il-metodoloġija tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji tikkunsidra l-fatturi ESG. Tali informazzjoni ħafna drabi tkun mifruxa jew tkun non-eżistenti, u ma tagħtix lok għat-tqabbil effettiv transfruntier għal skopijiet ta' investiment. Biex il-parteċipanti tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu għażliet informati tajjeb, jenħtieġ li l-amministraturi kollha tal-parametri referenzjarji, bl-eċċezzjoni tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax u tal-kambju, ikunu obbligati jddivulgaw fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-parametri referenzjarji jekk il-parametri referenzjarji jew il-familji ta' parametri referenzjarji tagħhom ifittxux jilhq u l-objettivi ESG jew le, u jekk l-amministratur tal-parametri referenzjarji joffrix tali parametri referenzjarji jew le.
- (19) Sabiex l-investituri jiġu infurmati dwar il-livell sa fejn il-parametri referenzjarji sinifikanti ta' ishma u strumenti ta' dejn, kif ukoll il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, jenħtieġ li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jipubblikaw informazzjoni dettaljata dwar jekk huwix żgurat u, jekk ikun hekk, sa liema punt ikun żgurat livell ta' allinjament ġenerali mal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju jew li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (20) Jenħtieġ li l-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jipubblikaw ukoll il-metodoloġija li huma jużaw għall-kalkolu ta' dawk il-parametri referenzjarji. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tiddekrivi kif l-assi sottostanti kienu magħżula u ponderati, liema assi kienu esklużi u għal liema raġuni. Sabiex jivvaluta kif il-parametri referenzjarji jikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali, jenħtieġ li l-amministratur tal-parametri referenzjarji jddivulga kif l-emissjonijiet tal-karbonju tal-assi sottostanti kienu mkejla, il-valuri rispettivi tagħhom, inkluża l-impronta tal-karbonju totali tal-parametri referenzjarji, u t-tip u s-sors tad-data użata. Sabiex il-maniġers tal-assi jkunu jistgħu jagħżlu l-aktar parametri referenzjarji adatt għall-istrateġija ta' investiment tagħhom, jenħtieġ li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jispjegaw ir-raġuni wara l-parametri tal-metodoloġija tagħhom u jispjegaw kif il-parametri referenzjarji jikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali. L-informazzjoni ppubblikata jenħtieġ li tinkludi wkoll dettalji dwar il-frekwenza tar-rieżamijiet u l-proċedura segwita.
- (21) Il-metodoloġiji użati għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jenħtieġ li jkunu msejsa fuq trajettorji ta' dekarbonizzazzjoni bbażati fuq ix-xjenza, jew fuq allinjament ġenerali mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (22) Biex tiġi żgurata konformità kontinwa mal-objettiv magħżul tat-tnaqqis tat-tibdil fil-klima, jenħtieġ li l-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jirrieżaminaw il-metodoloġiji tagħhom regolarment u jinfurmaw lill-utenti dwar il-proċeduri applikabbli għall-introduzzjoni ta' kwalunkwe bidla materjali għal dawk il-metodoloġiji. Meta jintroduċu bidla materjali, jenħtieġ li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jddivulgaw ir-raġunijiet għal dik il-bidla u jispjegaw kif dik il-bidla hija konsistenti mal-objettivi inizjali tal-parametri referenzjarji.

- (23) Il-parametri referenzjarji li ma jkollhomx assi sottostanti li jkollhom impatt fuq it-tibdil fil-klima, kif ikun il-każ, pereżempju, għall-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax u tal-kambju, jenħtieġ li jkunu eżenti mir-rekwiżit li jiddivulgaw fid-dikjarazzjoni tal-parametri referenzjarji tagħhom jekk huwiex żgurat u, jekk ikun hekk, sa liema punt ikun żgurat livell ta' allinjament ġenerali mal-mira tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju jew li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun biżżejjed għal kull parametru referenzjarju jew, fejn applikabbli, għal kull familja ta' parametri referenzjarji li ma jfittxux jilhq u oġġettivi tal-emissjonijiet tal-karbonju li jiddikjaraw b'mod ċar fid-dikjarazzjoni tal-parametri referenzjarji li mhumiex qed ifittxu jilhq u tali oġġettivi.
- (24) Sabiex tittejjeb it-trasparenza u jiġi żgurat livell xieraq ta' armonizzazzjoni, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE biex tispeċifika l-kontenut minimu tal-obbligi ta' divulgazzjoni li għalihom ikun jenħtieġ li l-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jkunu suġġetti, u biex tispeċifika l-istandards minimi għall-armonizzazzjoni tal-metodoloġija tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż il-metodu għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-karbonju assoċjati mal-assi sottostanti, filwaqt li jitqiesu l-metodi tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u tal-Organizzazzjoni kif definit fil-punti (a) u (b) tal-punt 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE⁽⁶⁾ u l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzjament Sostenibbli (TEG). Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa, miftuħa u pubbliċi matul ix-xogħol tagħha ta' thejjiġa dwar kull wieħed minn dawk l-atti delegati, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁽⁷⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejjiġa tal'atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejjiġa ta' atti delegati, u jingħataw il-minuti tal-laqgħat kollha tat-TEG.
- (25) Ir-Regolament (UE) 2016/1011 introduċa perijodu tranżizzjonali li matulu fornituri tal-indiċi li fornaw parametri referenzjarji fit-30 ta' Ġunju 2016 għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni sal-1 ta' Jannar 2020. Il-waqfien ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika jista' jkollu impatt fuq l-integrità tas-swieq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali u l-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u ta' negozji fl-Istati Membri. Il-waqfien ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika jista' wkoll jaffettwa l-validità ta' kuntratti finanzjarji jew strumenti finanzjarji u jista' jikkawża tfixkil kemm għall-investituri kif ukoll għall-konsumaturi, b'riperkussjonijiet potenzjalment serji għall-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jekk id-data tal-input għal parametri referenzjarji ta' importanza kritika ma tibqax disponibbli, dan jista' jdgħajjef in-natura rappreżentattiva ta' tali parametri referenzjarji u jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' tali parametri referenzjarji li jirriflettu r-realtà sottostanti tas-suq jew ekonomika tagħhom. Għalhekk tenħtieġ l-estensjoni, għal ħames snin, tal-perijodu massimu tal-amministrazzjoni obbligatorja ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika u tal-perijodu massimu tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji għal tali parametri referenzjarji. Il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika bħalissa għaddejjin minn proċess ta' riforma. Il-bidla minn parametru referenzjarju ta' importanza kritika diġà eżistenti għal rata suċċessur adegwata tirrikjedi perijodu ta' tranżizzjoni sabiex l-arranġamenti legali u tekniċi neċessarji kollha għal din bidla jkunu jistgħu jitlestew mingħajr tfixkil. Matul dak il-perijodu tranżizzjonali, il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika diġà eżistenti jenħtieġ li jiġi ppubblikat flimkien mar-rata suċċessur tiegħu. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi estiż il-perijodu li matulu parametru referenzjarju ta' importanza kritika diġà eżistenti jista' jiġi ppubblikat u użat mingħajr ma l-amministratur tiegħu jkun applika għal awtorizzazzjoni.
- (26) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) 2016/1011 jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/1011

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3(1), jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

“(23a) “Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE” tfisser parametru referenzjarju indikat bħala Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

⁽⁶⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE tad-9 ta' April 2013 dwar l-użu ta' metodi komuni għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 124, 4.5.2013, p. 1).

⁽⁷⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (a) għall-finijiet tal-punt 1(b)(ii) ta' dan il-paragrafu u tal-Artikolu 19b, l-assi sottostanti tiegħu jintgħażlu, jiġu ponderati jew jiġi esklużi b'tali mod li l-portafoll tal-parametru referenzjarju li jirriżulta jkun fuq trajettorja ta' dekarbonizzazzjoni; u
 - (b) huwa mibni skont l-istandards minimi stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19a(2);
- (23b) "Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi" tfisser parametru referenzjarju indikat bħala Parametru referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi u li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) għall-finijiet tal-punt 1(b)(ii) ta' dan il-paragrafu u tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 19c, l-assi sottostanti tiegħu jintgħażlu, jiġu ponderati jew jiġi esklużi b'tali mod li l-emissjonijiet ta' karbonju tal-portafoll tal-parametru referenzjarju li jirriżulta huma allinjati mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, approvat mill-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 (*) (il-"Ftehim ta' Pariġi");
 - (b) huwa mibni skont l-istandards minimi stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19a(2); u
 - (c) l-attivitajiet relatati mal-assi sottostanti tiegħu ma jkunux ta' dannu sinifikanti għal oġġettivi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, environmental, social and governance) oħra.
- (23c) "trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni" tfisser trajettorja li tista' titkejjel, ibbażata fuq ix-xjenza u limitata fiż-żmien lejn l-allinjament mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tal-Ambitu 1, 2 u 3 kif imsemmi fil-punt (1)(e) tal-Anness III.

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).";

(2) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) jiżdied il-punt li ġej:

"(d) spjegazzjoni dwar kif l-elementi ewlenin tal-metodoloġija stabbilita fil-punt (a) jirriflettu fatturi ESG għal kull parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji bl-eċċezzjoni ta' parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax u tal-kambju.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu sat-30 ta' April 2020.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 49 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kontenut minimu tal-isjegazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll il-format standard li għandu jintuża.";

(3) fit-Titolu III, jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU 3a

Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi

Artikolu 19a

Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi

1. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III għandhom japplikaw għall-forniment ta', u għall-kontribuzzjoni għal, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, flimkien mar-rekwiżiti tat-Titoli II, III u IV.

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 49 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-istandards minimi għal Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi biex tispeċifika:

- (a) il-kriterji għall-għażla tal-assi sottostanti, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe kriterju sabiex jiġi esklużi assi;
- (b) il-kriterji u l-metodu għall-ponderazzjoni tal-assi sottostanti fil-parametru referenzjarju;

- (c) id-determinazzjoni tat-trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni għal Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE.
3. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li jipprovdu Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi għandhom jikkonformaw ma' dan ir-Regolament sat-30 ta' April 2020.

Artikolu 19b

Rekwiżiti għal Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE

L-amministraturi ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE għandhom jagħżlu, jipponderaw jew jeskludu assi sottostanti maħruġa minn kumpanniji li jsegwu trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2022, skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (i) il-kumpaniji jiddivulgaw miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju li jistgħu jitkejlu u li għandhom jintlaħqu f'qafas ta' żmien speċifiku;
- (ii) il-kumpaniji jiddivulgaw tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju li jkun diżaggregat sal-livell tas-sussidjarji operattivi rilevanti;
- (iii) il-kumpaniji jiddivulgaw informazzjoni annwali dwar il-progress li jkun sar biex daww il-miri jintlaħqu;
- (iv) l-attivitajiet relatati mal-assi sottostanti ma jkunux ta' dannu sinifikanti għal objettivi ESG oħra.

Article 19c

Esklużjonijiet għal Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 49 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika, fir-rigward tal-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, is-setturi li għandhom jiġu esklużi għaliex m'għandhomx miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju li jistgħu jitkejlu u bi skadenzi speċifiċi li huma allinjati mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni għandha tadotta dak l-att delegat sal-1 ta' Jannar 2021 u għandha taġġornah kull tliet snin.
2. Meta tfassal l-att delegat msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħidma tat-TEG.

Artikolu 19d

Sforz sabiex jiġu pprovduti Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE

Sal-1 ta' Jannar 2022, l-amministraturi li jinsabu fl-Unjoni u li jipprovdu parametri referenzjarji sinifikanti determinati abbażi tal-valur ta' assi sottostanti wieħed jew aktar għandhom jagħmlu hilitom biex jipprovdu, wieħed jew aktar, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE.”;

- (4) fl-Artikolu 21(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġejj: “Sa tmiem dak il-perijodu, l-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina d-deċizzjoni tagħha li tobbliga lill-amministratur ikompli jppubblika l-parametru referenzjarju. L-awtorità kompetenti tista', meta jkun meħtieġ, testendi dak il-perijodu b'perijodu xieraq li ma jaqbix 12-il xahar. Il-perijodu massimu ta' amministrazzjoni obbligatorja m'għandux jeċċedi ħames snin.”;
- (5) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġejj:
 - (a) fil-paragrafu (6), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġejj: “Il-perijodu massimu ta' kontribuzzjoni obbligatorja taħt il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu m'għandux jeċċedi ħames snin.”;
 - (b) il-paragrafu (10) huwa sostitwit b'dan li ġejj: “10. Fil-każ li parametru referenzjarju ta' importanza kritika se jieqaf jiġi fornit, kull kontributor taħt supervizzjoni għal dak il-parametru referenzjarju għandu jikkontribwixxi data tal-input għal perijodu ta' żmien iddeterminat mill-awtorità kompetenti, iżda li ma jaqbix il-perijodu massimu ta' ħames snin stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6.”;
- (6) fl-Artikolu 27, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:
 - “2a. Sat-30 ta' April 2020, għal kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, id-dikjarazzjoni ta' parametru referenzjarju għandha tinkludi spjegazzjoni dwar kif il-fatturi ESG huma riflessi f'kull parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji pprovduti u ppubblikati. Għal daww il-parametri referenzjarji jew familji ta' parametri referenzjarji li ma jfittxux jilhq u l-objettivi ESG, għandu jkun biżżejjed għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji li jiddikjaraw b'mod ċar, fid-dikjarazzjoni ta' parametru referenzjarju, li ma jfittxux jilhq tali objettivi.

Fejn ebda Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi ma jkun disponibbli fil-portafoll ta' dak l-amministratur individwali ta' parametri referenzjarji, jew fejn l-amministratur individwali ta' parametri referenzjarji ma jkollu ebda parametru referenzjarju li jfittex jilħaq l-oġġettivi ESG jew iqis l-oġġettivi ESG, dan għandu jiġi ddikjarat fid-dikjarazzjonijiet tal-parametri referenzjarji tal-parametri referenzjarji kollha pprovduti minn dak l-amministratur. Għall-parametri referenzjarji sinifikanti ta' ishma u strumenti ta' dejn, kif ukoll għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u għall-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, l-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom jiddivulgaw fid-dikjarazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tagħhom dettalji dwar jekk huwiex żgurat u, jekk ikun hekk, sa liema punt ikun żgurat livell ta' allinjament ġenerali mal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju jew li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, skont ir-regoli ta' divulgazzjoni għall-prodotti finanzjarji fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom, għal kull parametru referenzjarju jew, fejn applikabbli, għal kull familja ta' parametri referenzjarji, bl-eċċezzjoni tal-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax u tal-kambju, jinkludu, fid-dikjarazzjoni ta' parametru referenzjarju tagħhom spjegazzjoni kif il-metodoloġija tagħhom tkun allinjata mal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju jew tilħaq l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

2b. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fid-dikjarazzjoni tal-parametru referenzjarju skont il-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu, kif ukoll il-format standard li għandu jintuża għar-referenzi għall-fatturi ESG bil-ħsieb li l-parteċipanti tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu għażliet tasew informati u li tkun żgurata l-fattibbiltà teknika tal-konformità ma' dak il-paragrafu.

(*) Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).";

(7) fl-Artikolu 42(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 41, u d-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom, b'konformità mal-liġi nazzjonali, jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu sanzjonijiet amministrattivi xierqa u miżuri amministrattivi oħra fir-rigward ta' mill-inqas il-ksur li ġej:

- (a) kwalunkwe ksur tal-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 19a, 19b, 19c, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29 jew 34 fejn japplikaw; u
- (b) kwalunkwe nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità f'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew talba koperta mill-Artikolu 41.;"

(8) l-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 49

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(2), 27(2b), 33(7), 51(6) u 54(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn 10 ta' Diċembru 2019 [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn 11 ta' Marzu 2019 [51 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi identiċi ta' żmien, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delegi ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(2), 27(2b), 33(7), 51(6) u 54(3) jistgħu jiġu rrevokati fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(2), 27(2b), 33(7), 51(6) jew 54(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(9) l-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“4a. Fornitur tal-indiċi jista' jibqa' jipprovi parametru referenzjarju eżistenti li ġie rikonoxxut bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 sal-31 ta' Diċembru 2021 jew, fejn il-fornitur tal-indiċi jressaq applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, sakemm tali awtorizzazzjoni ma tiġix rifjutata u sa meta tiġi rifjutata.

4b. Parametru referenzjarju eżistenti li ġie rikonoxxut bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 jista' jintuża għal strumenti finanzjarji eżistenti u ġodda, għal kuntratti finanzjarji, jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fond ta' investiment sal-31 ta' Diċembru 2021 jew, fejn il-fornitur tal-indiċi jressaq applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, sakemm tali awtorizzazzjoni ma tiġix rifjutata u sa meta tiġi rifjutata.”;

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Sakemm il-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza kif imsemmi fl-Artikolu 30(2) jew (3) jew sakemm amministratur ma jkunx ġie rikonoxxut skont l-Artikolu 32, jew parametru referenzjarju ma jkunx ġie approvat skont l-Artikolu 33, l-użu fl-Unjoni minn entitajiet taħt superviżjoni ta' parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz fejn il-parametru referenzjarju diġà jintuża fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji, jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fond ta' investiment, għandu jiġi permess biss għal tali strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji u għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fond ta' investiment li diġà jirreferenzjaw il-parametru referenzjarju fl-Unjoni fi, jew li jżidu referenza għal tali parametru referenzjarju qabel, il-31 ta' Diċembru 2021.”;

(10) fl-Artikolu 54 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“4. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-istandards minimi għal Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u għal Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi sabiex tiżgura li l-għażla tal-assi sottostanti tkun koerenti ma' investimenti ambjentalment sostenibbli kif definiti f'qafas għall-Unjoni kollha.

5. Qabel il-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament u l-fattibilità ta' “parametru referenzjarju ESG”, b'kont meħud tan-natura li qed tevolve tal-indikaturi tas-sostenibilità u l-metodi użati biex dawn jitkejlu. Dak ir-rapport, meta jkun xieraq, għandu jkun akkumpanjat bi proposta legiſlattiva.

6. Sal-1 ta' April 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-operat ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni, inkluż dwar ir-rikors minn amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi għall-approvazzjoni, ir-rikonoxximent jew l-ekwivalenza, u dwar in-nuqqasijiet potenzjali tal-qafas kurrenti. Dak ir-rapport għandu janalizza l-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-paragrafi 4a, 4b u 4c tal-Artikolu 51 għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi, anke f'termini ta' kundizzjonijiet ekwi. Dak ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari jekk hemmx bżonn li dan ir-Regolament jiġi emendat, u għandu jiġi akkumpanjat bi proposta legiſlattiva, jekk ikun xieraq.”;

(11) l-Annessi huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, 27 ta' Novembru 2019

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

D. M. SASSOLI

Għall-Kunsill

Il-President

T. TUPPURAINEN

ANNEX

Jiżded l-Anness li ġej:

“ANNEX III

Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi

Metodoloġija għal Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE

(1) L-amministratur ta' Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE għandu jifformalizza, jiddokumenta u jippubblika kwalunkwe metodoloġija użata għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju, u jagħti l-informazzjoni li ġejja, filwaqt li jiżgura l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni ta' konossenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kif definiti fid-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*):

- (a) il-lista tal-kostitwenti ewlenin tal-parametru referenzjarju;
- (b) il-kriterji u l-metodi kollha, inklużi l-fatturi ta' għażla u ta' ponderazzjoni, il-metrika u l-indikaturi użati fil-metodoloġija tal-parametru referenzjarju;
- (c) il-kriterji applikati biex jiġu esklużi assi jew kumpaniji li jkunu assoċjati ma' livell ta' marka tal-karbonju jew livell ta' riżervi ta' fjuwils fossili li jkunu inkompatibbli mal-inklużjoni fil-parametru referenzjarju;
- (d) il-kriterji għad-determinazzjoni tat-trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni;
- (e) it-tip u s-sors ta' data użati għad-determinazzjoni tat-trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni għal:
 - (i) emissjonijiet tal-karbonju taħt l-Ambitu 1, jiġifieri emissjonijiet iġġenerati minn sorsi li huma kkontrollati mill-kumpanija li tohrōg l-assi sottostanti;
 - (ii) emissjonijiet tal-karbonju taħt l-Ambitu 2, jiġifieri emissjonijiet mill-konsum ta' xiri ta' elettriku, fwar, jew sorsi oħra ta' enerġija ġġenerata upstream mill-kumpanija li tohrōg l-assi sottostanti;
 - (iii) emissjonijiet tal-karbonju taħt l-Ambitu 3, jiġifieri emissjonijiet indiretti kollha li mhumiex koperti mill-punti (i) u (ii) li jseħħu fil-katina tal-valur tal-kumpanija li tirrapporta, inklużi kemm l-emissjonijiet upstream kif ukoll dawk downstream, b'mod partikolari għal setturi b'impatt kbir fuq it-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu;
 - (iv) jekk id-data tużax il-metodi tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u tal-Organizzazzjonijiet kif definit fil-punti (a) u (b) tal-punt 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE jew standards globali bħal dawk tat-Taskforce dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja;
- (f) it-total tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-portafoll ta' indiċi;

Fejn indiċi prinċipali jintuża għat-tiswir ta' Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, it-tracking error bejn il-Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-indiċi prinċipali għandu jiġi ddivulgat.

Fejn indiċi prinċipali jintuża għat-tiswir ta' Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, il-proporzjon bejn il-valur tas-suq tat-titoli li jkunu fil-Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-valur tas-suq tat-titoli fl-indiċi prinċipali għandu jiġi ddivulgat.

Metodoloġija għal Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi

(2) Minbarra l-punti (1)(a), 1(b) u 1(c), l-amministratur ta' Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi għandu jispeċifika l-formula jew il-kalkolu li jintużaw biex jiġi ddeterminat jekk l-emissjonijiet humiex allinjati mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni ta' konossenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kif definiti fid-Direttiva (UE) 2016/943.

Bidliet fil-metodoloġija

(3) L-amministraturi ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi għandhom jadottaw proċeduri sabiex jintroduċu bidliet fil-metodoloġija tagħhom. Huma għandhom jipubblikaw dawk il-proċeduri, u għandhom jipubblikaw kwalunkwe bidla proposta għall-metodoloġija tagħhom u r-raġunament għal dawk il-bidliet. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu konsistenti mal-għan prevalenti li l-kalkoli tal-parametri referenzjarji jkunu konsistenti mal-punti (23a) u (23b) tal-Artikolu 3(1). Dawk il-proċeduri għandhom jipprevedu:

- (a) avviż bil-quddiem f'perijodu ta' żmien ċar li jagħti lill-utenti tal-parametri referenzjarji opportunità biżżejjed biex janalizzaw u jikkummentaw dwar l-impatt ta' tali bidliet proposti, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kumplessivi tal-kalkolu tal-amministratur;
- (b) il-possibbiltà għall-utenti tal-parametri referenzjarji li jikkummentaw dwar dawk il-bidliet u għall-amministraturi biex iwieġbu għal dawk il-kummenti, u għandhom jagħmlu dawk il-kummenti aċċessibbli wara kull perijodu speċifiku ta' konsultazzjoni, ħlief jekk il-kummentatur ikun talab il-kunfidenzjalità.
- (4) L-amministraturi ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi għandhom jeżaminaw regolarment il-metodoloġiji tagħhom tal-anqas fuq bażi annwali biex jiżguraw li l-parametri referenzjarji tagħhom jirriflettu b'mod affidabbli l-oġettivi ddikjarati, u għandu jkollhom proċess fis-seħħ li jikkunsidra l-opinjoni tal-utenti rilevanti kollha.”.

(*) Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konozzenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2090

tad-19 ta' Ġunju 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-għalf jew mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbiti jew mhux awtorizzati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 19(2)(a) u 19(2)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi verifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. Dan jistipula regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' sustanzi li l-użu tagħhom jista' jirriżulta f'residwi fl-ikel u fl-għalf.
- (2) L-Artikoli 137 u 138 tar-Regolament (UE) 2017/625 rispettivament jistabbilixxu l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-azzjonijiet li jenħtieġ li jittieħdu fil-każ ta' suspett ta' nonkonformità u jelenkaw l-azzjonijiet u l-miżuri li jenħtieġ li jittieħdu fil-każ li tkun stabbilita n-nonkonformità.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2017/625 iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽²⁾ b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019. Bħalissa dik id-Direttiva tistabbilixxi l-miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u r-residwi tagħhom f'annimali ħajjin u fi prodotti tal-annimali u tiddefinixxi, b'mod speċifiku, il-miżuri ta' infurzar li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita b'rabta mas-sustanzi u r-residwi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

- (4) Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 96/23/KE jiżguraw l-infurzar armonizzat tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel b'rabta mal-użu u r-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi. Sabiex jiġi razzjonalizzat u ssimplifikat il-qafas leġiżlattiv ġenerali, ir-regoli applikabbli għall-kontrolli uffiċjali f'oqsma speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tal-katina agroalimentari ġew integrati fil-qafas għall-kontrolli uffiċjali ddefinit mir-Regolament (UE) 2017/625. Sabiex jiġi żgurat infurzar kontinwu u armonizzat, jenħtieġ li r-regoli tad-Direttiva 96/23/KE marbutin mas-segwitu ta' nonkonformità jiġu integrati fil-qafas ġuridiku l-ġdid skont ir-Regolament (UE) 2017/625.
- (5) Jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, jiżguraw, fil-qafas tar-Regolament (UE) 2017/625, kontinwazzjoni tar-rekwiżiti għas-segwitu ta' każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-għalf jew mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbiti jew mhux awtorizzati, b'mod partikolari kif stabbiliti fi:
- Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistipula regoli għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-ikel li joriġina mill-annimali u għall-introduzzjoni fis-suq ta' ikel li joriġina mill-annimali li fih residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi;
 - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ⁽⁴⁾, li jikklassifika s-sustanzi farmakoloġikament attivi fid-dawl tal-projbizzjoni tagħhom jew tal-limiti massimi ta' residwi applikabbli għalihom;
 - Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, li jistipula regoli għall-awtorizzazzjoni ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji bħala addittivi tal-għalf u l-atti legali adottati fuq din il-bażi, jiddefinixxi l-awtorizzazzjonijiet ta' sustanzi speċifiċi u l-limiti massimi ta' residwi tagħhom fl-ikel li joriġina mill-annimali;
 - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 ⁽⁶⁾, li jistipula lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi;
 - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009 ⁽⁷⁾, li jistabbilixxi l-livelli massimi għall-preżenza ta' koċċidijostati jew istomonostati fl-ikel li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fl-għalf mhux fil-mira ⁽⁸⁾ fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ⁽⁹⁾.
 - Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE ⁽¹⁰⁾, li tipprojbixxi l-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonali u tireostatika u ta' beta-agonists.
- (6) Meta, abbażi tar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-Premessa 5, jiġu skoperti sustanzi pprojbiti jew mhux awtorizzati fil-pussess ta' persuni mhux awtorizzati, u b'hekk jinħoloq suspett ta' trattament illegali u impatt possibbli fuq is-sikurezza tal-ikel, jenħtieġ li japplikaw il-miżuri għad-detenzjoni u għall-investigazzjonijiet uffiċjali, kif previst fir-Regolament (UE) 2017/625 u f'dan ir-Regolament.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għall-kura tal-ekwidi u ta' sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud (ĠU L 367, 22.12.2006, p. 33).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009 tal-10 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi livelli massimi għall-preżenza ta' koċċidijostati jew istomonostati fl-ikel li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fil-għalf mhux fil-mira (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 7).

⁽⁸⁾ In-nonkonformità ma' dawn il-livelli massimi titqies bħala nonkonformità mar-regoli applikabbli għall-użu u r-residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel (ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3).

- (7) Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾ tistabbilixxi l-qafas regolatorju għall-introduzzjoni fis-suq, il-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-forniment, id-distribuzzjoni, il-farmakoviġilanza, il-kontrolli u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji. Sustanzi farmakoloġikament attivi, li mhumiex awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji, jenħtieġ li ma jintużawx fuq annimali li jipproduċu l-ikel, bl-eċċezzjoni tal-użu ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1950/2006. Is-segwitu ta' każijiet ta' nonkonformità stabbiliti jew suspettati relatati mal-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji li għandhom impatt suspettat jew stabbilit fuq is-sikurezza tal-ikel jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 u ta' dan ir-Regolament. Id-Direttiva 2001/82/KE tħassret u ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti mediċinali veterinarji (ir-Regolament VMP il-ġdid) ⁽¹²⁾ li għandu japplika mit-28 ta' Jannar 2022 u li fost oħrajn jistipula restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi.
- (8) Fid-dawl tal-fatt li prattiki ta' infurzar diverġenti jistgħu jwasslu għal protezzjoni mhux uniformi tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, għal tfixkil tas-suq intern u għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/625 jiġi ssupplimentat b'regoli speċifiċi għat-tweqqif ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-użu fir-rigward ta' każijiet ta' nonkonformità suspettati jew stabbiliti relatati mas-sustanzi rilevanti u l-azzjoni li jenħtieġ li tittieħed wara dawk il-kontrolli uffiċjali.
- (9) Fid-dawl tal-ispeċifità jiet tal-azzjonijiet u l-kontrolli li jenħtieġ li jittieħdu f'każ ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fuq l-annimali li jipproduċu l-ikel u r-residwi tagħhom, u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Unjoni kollha tal-azzjonijiet ta' infurzar, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-każijiet fejn għandhom jittieħdu l-miżuri elenkati fl-Artikoli 137 u 138 tar-Regolament (UE) 2017/625 biex ikunu mfassla għal dan is-settur.
- (10) Skont l-Artikolu 79(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-ispejjeż iġġenerati minn tariffi jew imposti obligatorji għall-kontrolli uffiċjali meħuda skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitħallsu mill-operatur responsabbli għall-annimali u l-prodotti.
- (11) L-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾ jeħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw riskju dirett jew indirett għas-saħħa tal-bniedem li jkun ġej minn ikel jew għalf permezz tan-netwerk, li jkun ġie stabbilit għal dan il-għan. Għalhekk, il-każijiet ta' nonkonformità relatati mar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi u li jikkostitwixxu tali riskji jenħtieġ li jiġu nnotifikati kif xieraq. Barra minn hekk, meta jiġu identifikati każijiet ta' nonkonformità fir-rigward ta' annimali jew prodotti li jorġinaw mill-annimali li jorġinaw minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li l-awtorità jiet tal-Istat Membru li jkun identifika n-nonkonformità u l-Istat Membru tal-orġini jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/625 u jieħdu l-miżuri ta' segwitu xierqa, kif definit f'dan ir-Regolament.
- (12) Billi r-regoli stipulati fid-Direttiva 96/23/KE għas-segwitu ta' każijiet speċifiċi ta' nonkonformità stabbilita jew nonkonformità suspettata b'rabta mas-sustanzi u r-residwi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jitħassru b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn dik id-data 'l quddiem.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula regoli dwar rekwiżiti speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali u l-miżuri applikabbli għal każijiet ta' nonkonformità jew ta' suspett ta' nonkonformità mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati, mhux awtorizzati jew ipprojbti fuq l-annimali li jipproduċu l-ikel u r-residwi tagħhom.

⁽¹¹⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/82/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

⁽¹³⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-htijijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2017/625, fid-Direttiva 2001/82/KE u fir-Regolament (KE) Nru 470/2009. Id-definizzjoni li ġejja għandha tapplika wkoll:

- (a) "sustanza farmakoloġikament attiva" tfisser kull sustanza jew taħlita ta' sustanzi maħsuba biex tintuża fil-manifattura ta' prodott mediċinali veterinarju li, meta tintuża fil-produzzjoni tiegħu, issir ingredjent attiv ta' dak il-prodott;
- (b) "sustanzi mhux awtorizzati" tfisser sustanzi farmakoloġikament attivi, li mhumiex inklużi fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 jew sustanzi li mhumiex awtorizzati bħala addittiv tal-ġalf skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003, bl-eċċezzjoni ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi u sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud meta mqabbla ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ekwidi, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1950/2006.
- (c) "trattament illegali" tfisser l-użu fl-annimali li jipproduċu l-ikel ta'
 - sustanzi jew prodotti pprojbiti jew mhux awtorizzati, jew
 - sustanzi jew prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni għal finijiet jew f'kundizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni msemmija jew, fejn xieraq, fil-leġislazzjoni nazzjonali.

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għal sustanzi jew prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni, in-nonkonformità mal-perjodu tal-irtirar jew ir-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi li jaqbżu l-limitu massimu ta' residwi jew il-livell massimu ma għandhomx jitqiesu bħala trattament illegali, diment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet l-oħra kollha dwar l-użu tas-sustanza jew tal-prodott mediċinali veterinarju stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali.

- (d) "residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi li jaqbżu l-limitu massimu ta' residwi" tfisser il-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konċentrazzjoni li taqbeż il-limiti massimi ta' residwi stabbiliti skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni;
- (e) "residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi li jaqbżu l-livell massimu" tfisser il-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fi prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fl-ġalf mhux fil-mira, f'konċentrazzjoni ogħla mil-livelli massimi stabbiliti skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni;
- (f) "lott ta' annimali" tfisser grupp ta' annimali tal-istess speċi, fl-istess grupp ta' età, imrobbija fl-istess azjenda agrikola, fl-istess ħin u fl-istess kundizzjonijiet ta' trobbija.

*Artikolu 3***Azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-biċċerija fil-każ ta' nonkonformità jew ta' nonkonformità suspettata**

1. Jekk il-veterinarju uffiċjali li jwettaq il-kontrolli uffiċjali fil-biċċerija jew l-uffiċjal awżiljarju li jwettaq ċerti kompiti fil-qafas ta' dawn il-kontrolli jissuspetta jew ikollu evidenza li l-annimali kienu soġġetti għal trattament illegali, il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) jordna li l-operatur iżomm l-annimali kkonċernati separati mil-lottijiet l-oħra ta' annimali li jkunu preżenti jew li jaslu fil-biċċerija skont il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti;
- (b) jirrangja li l-annimali jiġu mbiċċra separatament minn lottijiet oħrajn ta' annimali li jinsabu fil-biċċerija;
- (c) jordna li l-operatur jissepara l-karkassi, il-laħam, il-ġewwieni u l-prodotti sekondarji mill-annimali kkonċernati, biex jiġu identifikati minnufih u jinżammu separati minn prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali, u jordna li tali prodotti ma jiġux imċaqilqa, ipproċessati jew mormija mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti;
- (d) jordna li jittieħdu l-kampjuni meħtieġa biex tiġi individwata l-preżenza ta' sustanzi pprojbiti jew mhux awtorizzati jew ta' sustanzi awtorizzati, f'każ ta' użu suspettat jew stabbilit f'kundizzjonijiet għajr dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni.

2. Jekk jiġi stabbilit trattament illegali, l-awtorità kompetenti għandha tordna lill-operatur biex jiddisponi mill-karkassi, il-laħam, il-ġewwieni u l-prodotti sekondarji kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴), mingħajr indennizz jew kumpens.

3. Jekk il-veterinarju uffiċjali li jwettaq il-kontrolli uffiċjali f'biċċerija jew l-uffiċjal awżiljarju li jwettaq ċerti kompiti fil-qafas ta' dawn il-kontrolli jissuspetta li l-annimali preżenti fil-biċċerija jkunu ġew trattati bi prodott mediċinali veterinarju awtorizzat, iżda li l-perjodu tal-irtirar imsemmi fid-Direttiva 2001/82/KE ma jkunx ġie rrispettat, il-veterinarju uffiċjali għandu jordna li l-annimali kkonċernati jiġu separati mil-lottijiet l-oħra ta' annimali preżenti jew li jaslu fil-biċċerija, skont il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti. Il-veterinarju uffiċjali għandu wkoll:

- jipposponi t-tbiċċir bi spejjeż tal-operatur, sakemm il-perjodu tal-irtirar ikun ġie rrispettat, jew;
- joħroġ ordni biex l-annimali jiġu mbiċċra separatament u, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-investigazzjoni, jordna li l-karkassi, il-laħam, il-ġewwieni u l-prodotti sekondarji mill-annimali kkonċernati jiġu identifikati minnufih u jinżammu separati minn prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali.

It-tbiċċir jista' jiġi pospost fuq bażi temporanja biss, sakemm il-veterinarju uffiċjali jkun ivverifika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali tkun rrispettata u li l-annimali kkonċernati jistgħu jinżammu separati mill-annimali l-oħra.

4. Meta t-tbiċċir jiġi pospost f'konformità mal-paragrafu (3), il-perjodu tal-irtirar ma għandu fl-ebda ċirkostanza jkun iqsar minn:

- il-perjodu tal-irtirar stipulat fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji;
- il-perjodu tal-irtirar stabbilit skont ir-Regolament li jawtorizza l-użu ta' ċertu sustanza farmakoloġikament attiva bħala addittiv fl-għalf skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- il-perjodu ta' rtirar preskritt mill-veterinarju għall-użi f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE jew, jekk ma jkun preskritt l-ebda perjodu tal-irtirar għal dawn l-użi, il-perjodu tal-irtirar minimu stabbilit fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE;

Wara li t-tbiċċir jiġi pospost, l-awtorità kompetenti tista' tieħu kampjuni bi spejjeż tal-operatur biex tivverifika l-konformità mal-limiti massimi ta' residwi ladarba l-annimali jkunu ġew imbiċċra wara li jkun skada l-perjodu tal-irtirar.

5. Jekk il-veterinarju uffiċjali li jwettaq il-kontrolli uffiċjali f'biċċerija jew l-uffiċjal awżiljarju li jwettaq ċerti kompiti fil-qafas ta' dawn il-kontrolli jkollu evidenza li l-annimali preżenti fil-biċċerija jkunu ġew trattati bi prodott mediċinali veterinarju awtorizzat, iżda li l-perjodu tal-irtirar imsemmi fid-Direttiva 2001/82/KE ma jkunx ġie rrispettat, il-veterinarju uffiċjali għandu jordna li l-annimali kkonċernati jiġu separati mil-lottijiet l-oħra ta' annimali preżenti jew li jaslu fil-biċċerija, skont il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti. Il-veterinarju uffiċjali għandu wkoll:

- jipposponi t-tbiċċir bi spejjeż tal-operatur skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) u fl-Artikolu 3(4) sakemm ikun ġie rrispettat il-perjodu tal-irtirar, jew;
- joħroġ ordni li l-operatur joqtol l-annimali b'mod separat. F'dan il-każ il-veterinarju uffiċjali għandu jiddikjarahom mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, filwaqt li jieħu l-prekawżjonijiet kollha meħtieġa biex iħares is-saħħa tal-annimali u dik pubblika.

6. Jekk l-operatur jonqos milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonforma mal-ordnijiet tal-veterinarju uffiċjali jew tal-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 3(1), 3(2), 3(3), 3(4), 3(5) u 3(6) ta' dan ir-Regolament, il-veterinarju uffiċjali jew l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu miżuri li jkollhom l-istess effett, bl-ispejjeż għall-operatur.

Artikolu 4

Investigazzjoni

1. Meta l-limiti massimi ta' residwi għal sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-għalf, stabbiliti abbażi tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, jew, meta l-livelli massimi ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabli ta' dawn is-sustanzi fl-għalf mhux fil-mira, stabbiliti abbażi tar-Regolament (KEE) Nru 315/93, jinqabżu u b'hekk tiġi stabbilita n-nonkonformità, l-awtorità kompetenti, għandha:

(⁴) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

- (a) twettaq kwalunkwe miżura jew investigazzjoni meħtieġa, li tqis xierqa fir-rigward tas-sejba inkwistjoni. Dan jista' jinkludi kwalunkwe investigazzjoni fir-razzett tal-orijini jew tat-tluq tal-annimali, inklużi kontrolli fuq annimali jew lottijiet ta' annimali fl-irziezet tal-orijini tagħhom jew fil-post tat-tluq, biex jiġu ddeterminati l-firxa u l-orijini tan-nonkonformità u biex tiġi stabbilita l-firxa tar-responsabbiltajiet tal-operatur;
- (b) titlob lill-indokatur tal-annimali jew lill-veterinarju responsabbli jipprovdi r-rekords tar-riċetta u tat-trattament u kwalunkwe dokumentazzjoni li jiġġustifikaw in-natura tat-trattament.

2. Meta jiġu identifikati residwi f'konċentrazzjonijiet taħt il-limiti massimi ta' residwi għal sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġhalf, iżda meta l-preżenza ta' dawk ir-residwi tkun inkonsistenti mal-informazzjoni tal-katina tal-ikel, u b'hekk jinħoloq suspett ta' nonkonformità jew ta' trattament illegali, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kwalunkwe miżura ta' investigazzjoni li tqis xierqa għall-investigazzjoni tas-sors ta' dawn ir-residwi jew tan-nuqqasijiet fl-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel.

3. Meta jkun hemm suspett ta' residwi fl-ivvelli li jaqbżu l-limiti massimi ta' residwi jew il-livelli massimi għal sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fil-prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġhalf, stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kwalunkwe miżura ta' investigazzjoni li tqis xierqa.

4. Meta jkun suspettat jew stabbilit trattament illegali, jew meta jiġu skoperti sustanzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/22/KE fil-pussess ta' persuni jew operaturi mhux awtorizzati, jew meta sustanzi jew prodotti pprojbiti jew mhux awtorizzati jiġu skoperti fil-pussess ta' persuni jew operaturi mhux awtorizzati, l-awtorità kompetenti għandha:

- (a) tqiegħed b'mod immedjat l-annimali u l-prodotti kkonċernati fl-investigazzjoni taħt detenzjoni uffiċjali.
- (b) matul detenzjoni uffiċjali l-awtorità kompetenti għandha:
 - tordna li l-annimali kkonċernati fl-investigazzjoni ma jiġux imċaqalqa mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti u dan għat-tul tal-investigazzjoni;
 - tordna li l-karkassi, il-laħam, il-ġewwieni, il-prodotti sekondarji, il-ħalib, il-bajd u l-ġhasel minn dawk l-annimali ma jħallux ir-razzett jew l-istabbiliment tal-orijini u ma jiġux mgħoddija lil xi persuna oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti;
 - tordna li, meta rilevanti, l-ġhalf, l-ilma jew kwalunkwe prodott ieħor ikkonċernat, jinżammu separati u ma jiġux imċaqalqa mir-razzett jew mill-istabbiliment tal-orijini;
 - tiżgura li l-annimali kkonċernati fl-investigazzjoni jkollhom marka uffiċjali jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni, jew, fil-każ tat-tjur, il-ħut u n-naħal, tiżgura li jinżammu fi spazju jew f'doqqajs immarkat;
 - tieħu miżuri xierqa ta' prekawzjoni skont in-natura tas-sustanza jew tas-sustanzi identifikati;
- (c) titlob lill-indokatur tal-annimali u lill-veterinarju responsabbli jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni li tiġġustifika n-natura tat-trattament;
- (d) twettaq kull kontroll uffiċjali ieħor fuq annimali jew lottijiet ta' annimali fir-razzett tal-orijini jew fil-post tat-tluq tal-annimali, meħtieġ biex ikun aċċertat użu bħal dan;
- (e) twettaq kull kontroll uffiċjali ieħor meħtieġ biex taċċerta l-akkwist u l-preżenza ta' sustanzi mhux awtorizzati jew ipprojbiti;
- (f) twettaq kwalunkwe kontroll uffiċjali ieħor li tqis li hemm bżonn biex tiċċara l-orijini tas-sustanzi jew tal-prodotti pprojbiti jew mhux awtorizzati jew tal-annimali ttrattati.

5. Il-kontrolli uffiċjali msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jinkludu wkoll kontrolli fuq il-manifatturi, id-distributuri, it-trasportaturi, is-siti tal-produzzjoni ta' sustanzi farmakoloġikament attivi u prodotti mediċinali veterinarji, l-ispiżeriji, l-atturi rilevanti kollha tal-katina tal-provvista u kwalunkwe sit ieħor ikkonċernat fl-investigazzjoni.

6. Il-kontrolli uffiċjali msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jinkludu wkoll il-kampjunar uffiċjali, inkluż tal-ilma, tal-ġhalf, tal-laħam, tal-ġewwieni, tad-demmi, tal-prodotti sekondarji tal-annimali, tax-xaġħar, tal-urina, tar-rawt u ta' matriċi oħra tal-annimali. L-awtorità kompetenti għandha tieħu kwalunkwe numru ta' kampjuni li tqis meħtieġa biex tinvestiga n-nonkonformità suspettata jew stabbilita jew it-trattament illegali. Fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, jistgħu jkunu meħtieġa kampjuni mill-ilmijiet li fihom ikunu tkabbri jew inqabdu u fil-każ ta' naħal tal-ġhasel, jistgħu jkunu meħtieġa kampjuni tad-doqqajs.

Artikolu 5

Segwitu dwar ir-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġhalf, li jaqbżu l-limiti massimi ta' residwi jew il-livelli massimi applikabbli

1. Meta l-limiti massimi ta' residwi għal sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġhalf, stabbiliti abbażi tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jkunu nqabżu, jew, meta l-livelli massimi ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fl-ġhalf mhux fil-mira, stabbiliti abbażi tar-Regolament (KEE) Nru 315/93, jkunu nqabżu, l-awtorità kompetenti, għandha:

- tiddikjara li l-karkassi u l-prodotti kkonċernati min-nonkonformità mhumix tajbin għall-konsum mill-bniedem u tordna lill-operatur biex jiddisponi mill-prodotti kollha bħala materjal tal-kategorija 2, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009;
- tieħu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika, li jistgħu jinkludu l-projbizzjoni tal-annimali milli jħallu r-razzett ikkonċernat jew tal-prodotti milli jħallu r-razzett jew l-istabbiliment ikkonċernat għal perjodu stabbilit;
- tordna li l-operatur jieħu azzjoni xierqa biex jindirizza l-kawżi tan-nonkonformità;
- twettaq kontrolli uffiċjali addizzjonali biex tivverifika li l-azzjoni meħuda mill-operatur, biex jindirizza l-kawża tan-nonkonformità, tkun effettiva. Dan jista' jinkludi t-teħid ta' ħafna kampjuni ta' segwitu li huma meqjusa bħala meħtieġa fir-rigward tal-annimali jew tal-prodotti mill-istess farm jew stabbiliment.

2. F'każ ta' nonkonformità ripetuta mill-istess operatur, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli uffiċjali addizzjonali regolari, inklużi t-teħid ta' kampjuni u l-analiżi, fuq l-annimali u l-prodotti mingħand l-operatur ikkonċernat għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur mid-data li fiha tiġi stabbilita t-tieni nonkonformità. Għandha tordna wkoll lill-operatur biex jiżgura li l-annimali u l-karkassi kkonċernati, il-laħam, il-ġewwieni, il-prodotti sekondarji, il-ħalib, il-bajd u l-għasel minn dawn l-annimali jinżammu separati minn annimali oħra, li dawn ma jħallux ir-razzett jew l-istabbiliment tal-oriġini u ma jiġux mġoddija lil xi persuna oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti.

3. Jekk l-operatur jonqos milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonforma mal-ordnijiet tal-awtorità kompetenti f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri li jkollhom l-istess effett, bl-ispejjeż għall-operatur.

Artikolu 6

Segwitu tat-trattamenti illegali u l-pussess ta' sustanzi jew prodotti pprojbiti jew mhux awtorizzati

1. Meta sustanzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/22/KE, sustanzi jew prodotti pprojbiti jew mhux awtorizzati jiġu skoperti fil-pussess ta' persuni mhux awtorizzati, u b'hekk jinħoloq suspett ta' trattament illegali, dawk is-sustanzi jew il-prodotti għandhom jitqiegħdu f'detenzjoni uffiċjali sakemm l-awtorità kompetenti tieħu l-miżuri previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għall-qerda sussegwenti tal-prodotti u l-impożizzjoni possibbli ta' penali lit-trasgressur(i).

2. Meta jkun stabbilit trattament illegali, jew meta sustanzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/22/KE, sustanzi jew prodotti pprojbiti jew mhux awtorizzati jiġu skoperti fil-pussess ta' persuni jew operatori mhux awtorizzati, l-awtorità kompetenti għandha:

- tqiegħed jew iżomm il-bhejjem u l-karkassi, il-laħam, il-ġewwieni u l-prodotti sekondarji tal-annimali kkonċernati mit-trattament illegali flimkien mal-ħalib, il-bajd u l-għasel minn dawk l-annimali f'detenzjoni uffiċjali kif previst fl-Artikolu 4(4)(b);
- tieħu kampjuni mill-lottijiet rilevanti kollha ta' annimali li jappartjenu għar-razzett.
- tordna lill-operatur biex joqtol l-annimal jew l-annimali li għalihom ikun ġie stabbilit trattament illegali, u biex jiddisponi minnhom kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009;
- tiddikjara li l-karkassi jew il-prodotti kollha kkonċernati mit-trattament illegali mhumix tajbin għall-konsum mill-bniedem u tordna lill-operatur biex jiddisponi minnhom, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2:

- l-annimali kollha tal-lott jew tal-lottijiet li minnhom annimal wieħed jew aktar kienu kkonfermati li kienu soġġetti għal trattament illegali b'sustanzi pprojbiti jew mhux awtorizzati għandhom jitqiesu li kienu wkoll soġġetti għal trattament illegali, sakemm l-awtorità kompetenti, fuq talba u bl-ispejjeż għall-operatur, ma taqbilx li jitwettqu kontrolli uffiċjali addizzjonali fuq l-annimali kollha tal-lott jew lottijiet rilevanti biex jiġi aċċertat li ma seħħ l-ebda trattament illegali fir-rigward ta' dawk l-annimali.
- l-annimali kollha tal-lott jew tal-lottijiet li minnhom annimal wieħed jew aktar kienu kkonfermati li kienu soġġetti għal trattament illegali minħabba li jkunu ntużaw sustanzi jew prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal finijiet jew f'kundizzjonijiet għajr dawk stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni, jew meta xieraq, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali f'annimali li jipproduċu l-ikel, għandhom jitqiesu li kienu wkoll soġġetti għal trattament illegali, sakemm l-awtorità kompetenti, fuq talba u bl-ispejjeż għall-operatur, ma taqbilx li jitwettqu kontrolli uffiċjali addizzjonali fuq l-annimali kollha tal-lott jew lottijiet rilevanti biex jiġi aċċertat li ma seħħ l-ebda trattament illegali fir-rigward ta' dawk l-annimali.

4. Fil-każ ta' trattament illegali stabbilit fl-akkwakultura, għandhom jittieħdu kampjuni mill-għadajjar, mqajjel u gaġeġ kollha rilevanti. F'każ li jiġi stabbilit trattament illegali fl-akkwakultura, jekk il-kampjun meħud minn għadira, maqjel jew gaġġa speċifika ma jkunx konformi, l-annimali kollha f'dik l-għadira, maqjel jew gaġġa għandhom jitqiesu li kienu soġġetti għal trattament illegali.

5. L-awtorità kompetenti għandha ttwettaq kontrolli uffiċjali addizzjonali regolari għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar mid-data li fiha ġiet aċċertata n-nonkonformità fl-azjenda agrikola jew fl-azjendi agrikoli taħt ir-responsabbiltà tal-istess operatur u fuq l-annimali u l-prodotti li jappartjenu għar-razzett jew l-irziezet inkwistjoni.

6. L-irziezet jew l-istabbilimenti, li jfornu lill-azjenda agrikola kkonċernata bin-nonkonformità, kif ukoll l-irziezet kollha fl-istess katina ta' forniment tal-annimali u tal-għalf tal-annimali, bħala r-razzett tal-oriġini jew tat-tluq, jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali biex tiġi ddeterminata l-oriġini tas-sustanza inkwistjoni:

- matul it-trasport, id-distribuzzjoni u l-bejgħ jew l-akkwist ta' sustanzi farmakoloġikament attivi;
- f'kull punt fil-produzzjoni ta' għalf tal-annimali u tal-katina tad-distribuzzjoni;
- tul il-katina tal-produzzjoni kollha tal-annimali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali

7. Jekk l-operatur jonqos milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonforma mal-ordnijiet tal-awtorità kompetenti f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri li jkollhom l-istess effett, bl-ispejjeż għall-operatur.

Artikolu 7

Rekwiżiti għall-metodi analitiċi u għall-kampjunar

Il-kampjuni kollha msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jittieħdu u jiġu analizzati skont ir-Regolament (UE) 2017/625, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/179/KE ⁽¹⁵⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE ⁽¹⁶⁾

Artikolu 8

Azzjonijiet dwar l-arranġamenti tar-reġistrazzjoni, tal-awtorizzazzjoni u tal-approvazzjoni

Meta jkun ikkonfermat il-pussess, l-użu jew il-manifattura ta' sustanzi jew prodotti mhux awtorizzati, l-arranġamenti kollha ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni jew approvazzjoni uffiċjali li għandhom l-istabbiliment jew l-operatur ikkonċernat għandhom jiġu sospiżi għal perjodu stabbilit mill-awtorità kompetenti.

F'każ ta' reċidiviżmu, tali arranġamenti għandhom jiġu rtirati mill-awtorità kompetenti. Fil-każ tal-irtirar, l-operatur għandu jintalab jerġa' japplika għall-arranġamenti tar-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni uffiċjali kkonċernati u juri l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti rilevanti f'dan ir-rigward.

⁽¹⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/179/KE tat-23 ta' Frar 1998 li tistabbilixxi regoli dettaljati dwar it-teħid uffiċjali ta' kampjuni għas-sorveljanza ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (ĠU L 65, 5.3.1998, p. 31).

⁽¹⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tal-14 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati (ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8).

*Artikolu 9***Assistenza amministrattiva**

Fejn in-nonkonformità msemija fl-Artikoli 5 u 6 tiġi aċċertata b'rabta mal-annimali jew ma' prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw minn Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti li twettaq l-investigazzjoni għandha tibgħat notifika tan-nonkonformità stabbilita skont l-Artikoli 105 u 106 tar-Regolament (UE) 2017/625 u, jekk ikun meħtieġ, għandha toħroġ talba għal assistenza amministrattiva mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini skont l-Artikolu 104 ta' dak ir-Regolament. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tapplika l-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament għar-razzett jew l-istabbiliment ta' oriġini jew tat-tluq.

*Artikolu 10***Referenzi**

Ir-referenzi għall-Artikolu 13, l-Artikolu 15(3), l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18, u l-Artikoli 22 sa 25 tad-Direttiva 96/23/KE għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 11***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

TABELLA TA' KORRELAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10

Id-Direttiva 96/23/KE	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 13	L-Artikolu 4
L-Artikolu 15(3)	L-Artikolu 4, 5, 6 u 9
L-Artikolu 16(2)	L-Artikolu 4, 5 u 6
L-Artikolu 17	L-Artikolu 6
L-Artikolu 18	L-Artikolu 5
L-Artikolu 22	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 23(1)	L-Artikolu 4(4)
L-Artikoli 23(2), 23(3), 23(4) u 23(5)	L-Artikolu 6
L-Artikolu 24	L-Artikolu 3
L-Artikolu 25	L-Artikolu 8

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2091**tat-28 ta' Novembru 2019****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2197 fir-rigward ta' muniti kkorrelati mill-qrib skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPE,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 354(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex ikun żgurat li l-muniti akkoppjati msemmija fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2197 ⁽²⁾ ikomplu jirriflettu l-korrelazzjoni reali bejn il-muniti rilevanti, huwa neċessarju li l-lista ta' muniti korrelati mill-qrib tiġi aġġornata.
- (2) Il-lista tuża l-31 ta' Marzu 2018 bħala d-data tat-tmiem għall-fini ta' komputazzjoni tas-serje ta' tliet u ħames snin meħtieġa biex tivvaluta l-muniti akkoppjati skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) lill-Kummissjoni.
- (4) Peress li l-emendi neċessarji għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2197 ma jnvolvux tibdil sinifikanti f'termini sostantivi, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, l-EBA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa, billi kkunsidrat li jkun sproporzjonat fir-rigward tal-ambitu u l-impatt tal-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2197 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2197 jiġi sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2197 tas-27 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' muniti kkorrelati mill-qrib skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 30).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ANNEX

L-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2197 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX

Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib*Parti 1 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Euro (EUR)*

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), iż-Zloty Pollakk (PLN), il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), il-Krona Żvediża (SEK).

Parti 2 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dirham tal-Emirati Għarab (AED)

Il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), ir-Rupi Indjan (INR), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapore (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 3 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Lek Albaniż (ALL)

Il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 4 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), iż-Zloty Pollakk (PLN), il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), il-Krona Żvediża (SEK), l-Euro (EUR).

Parti 5 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Lev Bulgaru (BGN)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana, iż-Zloty Pollakk, il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), il-Krona Żvediża (SEK), l-Euro (EUR).

Parti 6 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Frank Żvizzeru (CHF)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 7 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Yuan Ċiniż (CNY)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael, il-Lira Libaniża (LBP), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru Singaporjan (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 8 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Krona Ċeka (CZK)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru, il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), iż-Zloty Pollakk (PLN), il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 9 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Krona Daniża (DKK)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), iż-Zloty Pollakk (PLN), il-Leu Rumen (RON), id-Dinar Serb (RSD), il-Krona Żvediża (SEK).

Parti 10 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dollaru ta' Hong Kong (HKD)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael, ir-Rupee Indjan (INR), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapore (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 11 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Kuna Kroata (HRK)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), il-Leu Rumien (RON), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 12 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Forint Ungeriż (HUF)

Il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), id-Dirham Marokkin (MAD), iż-Zloty Pollakk (PLN) il-Leu Rumien (RON), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 13 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib max-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapore (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 14 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mar-Rupi Indjan (INR)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), il-Pataka ta' Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 15 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Won tal-Korea t'Isfel (KRW)

Id-Dollaru ta' Singapore (SGD).

Parti 16 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Lira Libaniża (LBP)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael, il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapore (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 17 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dirham Marokkin (MAD)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Leek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev tal-Bulgarija (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), il-Leu Rumien (RON), id-Dinar Serb (RSD), id-Dollaru ta' Singapore (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru Amerikan (USD), l-Euro (EUR).

Parti 18 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD)

Il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Leu Rumien (RON), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 19 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Pataka tal-Makaw (MOP)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), ir-Rupi Indjan (INR), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapore (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB) id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 20 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Peso Filippin (PHP)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), ir-Rupi Indjan (INR), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), id-Dollaru Singaporjan (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 21 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib maż-Zloty Pollakk (PLN)

Il-Marka tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Forint Ungeriż (HUF), l-Euro (EUR).

Parti 22 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Leu Rumen (RON)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), id-Dinar Serb (RSD), l-Euro (EUR).

Parti 23 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dinar Serb (RSD)

Il-Lek Albaniż (ALL), il-Mark tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Frank Żvizzeru (CHF), il-Krona Ċeka (CZK), il-Krona Daniża (DKK), il-Kuna Kroata (HRK), il-Forint Ungeriż (HUF), id-Dirham Marokkin (MAD), id-Dinar tal-Maċedonja tat-Tramuntana (MKD), il-Leu Rumen (RON), l-Euro (EUR).

Parti 24 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Krona Żvediża (SEK)

Il-Marka tal-Bożnija-Herzegovina (BAM), il-Lev Bulgaru (BGN), il-Krona Daniża (DKK), l-Euro (EUR).

Parti 25 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dollaru ta' Singapor (SGD)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), il-Won tal-Korea r'Isfel (KRW), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 26 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mal-Baht tat-Tajlandja (THB)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), ir-Rupi Indjan (INR), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin, il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapor (SGD), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 27 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dollaru tat-Tajwan (TWD)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), il-Lira Libaniża (LBP), il-Pataka ta' Macao (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapor (SGD), il-Baht tat-Tajlandja (THB), id-Dollaru Amerikan (USD).

Parti 28 — Lista ta' muniti korrelatati mill-qrib mad-Dollaru Amerikan (USD)

Id-Dirham tal-Emirati Għarab (AED), il-Yuan Ċiniż (CNY), id-Dollaru ta' Hong Kong (HKD), ix-Xekel il-Ġdid tal-Iżrael (ILS), ir-Rupi Indjan (INR), il-Lira Libaniża (LBP), id-Dirham Marokkin (MAD), il-Pataka tal-Makaw (MOP), il-Peso Filippin (PHP), id-Dollaru ta' Singapor (SGD), id-Dollaru tat-Tajwan (TWD)."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2092**tat-28 ta' Novembru 2019****li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

1. PROCĊEDURA**1.1. Il-bidu**

- (1) Fis-6 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tat bidu għal investigazzjoni antisussidji fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament bażiku.
- (2) Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾ ("in-Notifika ta' bidu").
- (3) Il-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2018 mill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil ("l-imentatur" jew "l-EBB" (European Biodiesel Board)) f'isem produttori li jirrappreżentaw 32 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni.

1.2. Miżuri proviżorji

- (4) Fl-14 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni imponiet dazji kumpensatorji proviżorji fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1344 ⁽³⁾ ("ir-Regolament proviżorju").
- (5) Kif iddikjarat fil-premessa (13) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni tas-sussidjar u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-30 ta' Settembru 2018 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI") u l-eżaminar tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

1.3. Proċedura sussegwenti

- (6) Wara li ġew iddivulgati l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kienu ġew imposti dazji kumpensatorji proviżorji ("divulgazzjoni proviżorja"), l-EBB, il-Gvern tal-Indoneżja (Government of Indonesia, "GOI") u l-erba' produttori esportaturi Indoneżjani kollha kemm huma ppreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub sabiex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet proviżorji.
- (7) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw l-opportunità li jagħmlu dan. Saru seduti ta' smiġħ mal-EBB, mal-GOI, u mal-erba' produttori esportaturi Indoneżjani kollha.
- (8) Il-Kummissjoni qieset il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u indirizzathom kif spjegat f'dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.⁽²⁾ ĠU C 439, 6.12.2018, p. 16.⁽³⁾ ĠU L 212, 13.8.2019, p. 1.

- (9) Il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet beħsiebha timponi dazju kumpensatorji definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġina fl-Indoneżja ("id-divulgazzjoni finali").
- (10) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EBB, il-GOI u tlieta mill-erba' produttori esportaturi Indoneżjani għamlu sottomissjonijiet bil-miktub biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet definittivi. Il-Kummissjoni nnutat li s-sottomissjonijiet tal-GOI u taż-żewġ produttori esportaturi kienu għal kollox l-istess, u f'dan ir-Regolament dawn il-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali se jinġabru fil-qosor bħala l-kummenti tal-GOI.
- (11) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw l-opportunità li jagħmlu dan. Wara d-divulgazzjoni finali, saru seduti ta' smiġh mal-EBB, mal-GOI, u ma' tnejn mill-erba' produttori esportaturi Indoneżjani.
- (12) Fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni finali, il-GOI u tnejn mill-produtturi esportaturi sostnew li d-drittijiet tad-difiża tagħhom ma kinux ġew rispettati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz u d-divulgazzjoni lill-partijiet interessati tan-numri tal-kontroll tal-prodott (product control numbers, "PCNs") tal-industrija tal-Unjoni użati fil-kalkoli, il-materja prima użata fit-taħlitiet tal-industrija tal-Unjoni, u l-punt fejn jingħalaq il-filtru (cold filter plugging points, "CFPPs")⁽⁴⁾ tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.
- (13) Il-GOI u tnejn mill-erba' produttori esportaturi Indoneżjani talbu li ssir seduta ta' smiġh fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta u din is-seduta ta' smiġh saret fl-14 ta' Ottubru 2019.
- (14) Dawn il-punti kollha diġà kienu ġew trattati fid-divulgazzjoni finali u ġew spjegati lill-GOI matul is-seduti ta' smiġh li saru wara li ntbaġhatet id-divulgazzjoni finali.
- (15) Il-Kummissjoni qieset il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni finali u indirizzathom kif spjegat f'dan ir-Regolament.

1.4. Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat

- (16) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat, il-premessa (13) tar-Regolament proviżorju kienet ikkonfermata.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Pretensjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

- (17) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, il-Grupp Wilmar ("Wilmar"), produttur esportatur fl-Indoneżja, ressaq pretensjoni li l-esportazzjonijiet tiegħu tal-esteri metiliċi frazzjonati ma kellhomx jitqiesu bħala esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Wilmar innota li din il-pretensjoni kienet tressqet qabel l-iskadenza, billi kienet tinstab fl-Anness I tal-formola tal-kampjunar tiegħu.
- (18) Madankollu, il-pretensjoni ma tressqitx b'mod separat, u għalhekk ma ġietx innutata minn partijiet interessati oħra sakemm waslu l-kummenti għar-Regolament proviżorju.
- (19) Il-Kummissjoni nnutat li l-istess pretensjoni tressqet matul l-investigazzjoni anti-dumping preċedenti fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja mill-istess produttur esportatur fuq il-bażi tal-istess informazzjoni, u ġiet irrifjutata kemm fir-Regolament proviżorju⁽⁵⁾ kif ukoll fir-Regolament definittiv⁽⁶⁾ ("l-investigazzjoni oriġinali").
- (20) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għal darb'oħra rrifjutat it-talba għall-esklużjoni tal-prodott għall-istess tliet raġunijiet kif stabbilit fir-Regolament preċedenti dwar l-antidumping, kif ġej.

⁽⁴⁾ Is-CFPP huwa l-aktar temperatura baxxa li fiha volum partikolari ta' (bijo)diżil jista' jgħaddi minn filtru standard. Dan jagħti stima tal-limitu tat-temperatura l-aktar baxx għall-użu tal-(bijo)diżil.

⁽⁵⁾ ĠU L 141, 28.5.2013, p. 6, premessi (35) u (36).

⁽⁶⁾ ĠU L 315, 26.11.2013, p. 2, premessi (17) sa (21).

- (21) L-ewwel, l-esteri metiliċi frazzjonati huma esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin u jistgħu jintużaw għall-bijodiżil. F'dan is-sens, il-bijodiżil iddikjarat għall-użu mhux għall-fjuwil jista' jintuża għall-fjuwil peress li għandu l-istess proprjetajiet fiżiċi u tekniċi.
- (22) It-tieni, huwa diffiċli li wieħed jiddistingwi ester metiliku tal-aċidi xaħmin minn ieħor mingħajr analiżi kimika fil-port ta' importazzjoni.
- (23) It-tielet nett, għalkemm l-esteri metiliċi frazzjonati ma jissodisfawx in-norma Ewropea (EN 14214), dawn jistgħu jiġu mħallta ma' bijodiżils oħra sabiex tinholq taħlita li tissodisfa n-norma.
- (24) Wilmar talab ukoll li l-Kummissjoni tikkonferma li, bħala prinċipju, l-esteri metiliċi frazzjonati jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-proċedura doganali tal-użu aħħari, fejn id-dazji jiġu eżentati, sakemm il-kumpanija tkun tista' tipprova għas-sodisfazzjon tal-awtorità doganali nazzjonali li l-użu aħħari tal-ester metiliku frazzjonat ma jkunx fjuwil.
- (25) Il-Kummissjoni nnutat li s-sospensjoni tad-dazji soġġetti għal superviżjoni doganali tal-użu finali ngħatat fuq xi importazzjonijiet ta' esteri metiliċi frazzjonati kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2069 ⁽⁷⁾. Madankollu, din l-eżenzjoni tikkonċerna biss id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni u hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dazji kumpensatorji. Konsegwentement, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba għal eżenzjoni ta' użu finali f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tad-dazji kumpensatorji.
- (26) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar mill-ġdid ressaq il-pretensjoni tiegħu għal eżenzjoni tal-użu finali fir-rigward ta' dazji kumpensatorji għall-esportazzjonijiet tiegħu ta' esteri metiliċi frazzjonati. Ma għet ipprovduta l-ebda informazzjoni ġdida, jew raġunijiet għaliex għandha tiġi estiża eżenzjoni tal-użu finali biex tipprovd iħelsien minn dazji kumpensatorji, u għalhekk il-pretensjoni għet rifjutata. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni valida biex teskludi l-esteri metiliċi frazzjonati mill-ambitu tal-prodott. Is-sempliċi fatt li l-esteri metiliċi frazzjonati jistgħu jintużaw minn Wilmar għal użi oħra minbarra l-fjuwil ma jfissirx li dan it-tip ta' prodott irid jiġi eskluż mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni.
- (27) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-ambitu tal-prodott, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (31) sa (37) tar-Regolament proviżorju.

3. SUSSIDJAR

3.1. L-appoġġ tal-gvern għall-industrija tal-bijodiżil permezz tat-trasferiment dirett ta' fondi permezz tal-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt.

3.1.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

- (28) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli taġti prova tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja favur il-produtturi esportaturi.
- (29) Il-GOI kif ukoll il-produtturi esportaturi kollha ddikjaraw li l-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt (Oil Palm Plantation Fund, "OPPF") huwa ffinanzjat esklużivament mill-ġbir tal-levy tal-esportazzjoni fuq iż-żejt tal-palm mhux raffinat (crude palm oil, "CPO") u fuq il-prodotti derivattivi u fil-parti l-kbira mill-produtturi tal-bijodiżil infuqom. Barra minn hekk, il-GOI ddikjara li l-levy tal-esportazzjoni titħallas direttament mill-produtturi esportaturi lill-OPPF qabel l-esportazzjoni tal-merkanzija. Għalhekk, skont il-GOI, ma jiġux prelevati flus mill-baġit ġenerali tal-Istat u, għalhekk, ma hemm l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja.
- (30) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenniet li, kif iddikjarat fir-Regolament proviżorju fil-premessi (56) sa (61), l-Aġenzija tal-Ġestjoni tal-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt (l-"Aġenzija tal-Ġestjoni") taġixxi bħala korp pubbliku fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku moqri flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u skont il-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO. Għalhekk, il-fondi użati mill-Aġenzija tal-Ġestjoni jikkostitwixxu fondi pubbliċi.

(7) ĠU L 331, 28.12.2018, p. 4.

- (31) Barra minn hekk, matul iż-żjara ta' verifika mwettqa fil-bini tal-GOI, il-Kummissjoni fittxet li tikseb u tivverifika l-evidenza sabiex tappoġġa l-pretensjoni tal-GOI li l-fondi tal-OPPF mhumiex parti mill-baġit tal-Istat. Madankollu, il-GOI ma setax jipprovdi din l-evidenza.
- (32) Minflok, il-GOI pprova evidenza li tindika li l-produtturi esportaturi fil-fatt ħallsu l-levy tal-esportazzjoni qabel ma esportaw il-merkanzija tagħhom. Madankollu, ma seta' jipprovdi l-ebda indikazzjoni li dawn il-ħlasijiet isiru f'kont speċifiku tal-OPPF li jkun distint mill-baġit ġenerali tal-Istat u li, b'hekk, jiġi prevenut li l-ħlasijiet miġbura mil-levy tal-esportazzjoni fuq is-CPO u l-prodotti derivattivi tiegħu jmorru fil-baġit ġenerali tal-Istat u jintużaw għal kwalunkwe skop ieħor meqjus xieraq mill-GOI. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-OPPF għandu kontijiet separati għall-ġbir tal-levies ta' esportazzjoni derivati mill-bijodiżil u prodotti oħra (inkluż is-CPO). Dan jimplika li l-fondi disponibbli għall-Aġenzija tal-Ġestjoni mhumiex dipendenti fuq li l-produtturi esportaturi tal-bijodiżil l-ewwel iħallsu l-levy, peress li l-GOI seta' diġà ġabar dħul pubbliku permezz tal-impożizzjoni ta' levies ta' esportazzjoni fuq prodotti oħra. Għalhekk, fin-nuqqas ta' evidenza oħra li turi l-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet li saru fil-premessa (64) tar-Regolament proviżorju.
- (33) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-kwalifikazzjoni tal-OPPF bħala korp pubbliku ma ġietx ikkontestata la mill-GOI u lanqas minn xi wieħed mill-produtturi esportaturi. Għalhekk, u meta jitqies in-nuqqas tal-GOI li jipprovdi evidenza konvinċenti li turi l-kuntrarju, il-fondi disponibbli għall-OPPF għandhom jitqiesu bħala fondi pubbliċi u, għalhekk, meħuda mir-riżorsi tal-gvern (bħal-levy tal-esporazzjoni obbligatorja).
- (34) Barra minn hekk, il-GOI u l-produtturi esportaturi kollha ddikjaraw li l-Kummissjoni żbaljat fl-analiżi tal-pagamenti tal-OPPF b'mod iżolat, u mhux bħala parti mill-pagament li sar mill-GOI meta xtara l-bijodiżil. Il-GOI u l-produtturi esportaturi kollha ddikjaraw ukoll li l-Kummissjoni kkaratterizzat l-iskema ħażin bħala għotja, meta, jekk xejn, din jenħtieġ li tkun ikkwalifikata bħala xiri ta' oġġetti mill-gvern għal rimunerazzjoni aktar minn adegwata.
- (35) Għar-raġunijiet imsemmija hawn taħt, il-Kummissjoni rrifjutat l-pretensjoni li l-Kummissjoni eżaminat il-pagamenti magħmula mill-OPPF b'mod iżolat u li l-programm jenħtieġ li jitqies bħala xiri ta' oġġetti (bijodiżil) mill-GOI.
- (36) Il-Kummissjoni osservat li l-GOI ma jixtrix il-bijodiżil, li, minflok, jinxtara mill-blenders magħżula (Pertamina u AKR). Il-GOI, permezz tal-OPPF, ma għandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali ta' xiri mal-produtturi tal-bijodiżil u ma jirċievi xejn bħala skambju għall-flus li jħallas lill-produtturi tal-bijodiżil. Minbarra dan, l-ebda parti interessata ma ddikjarat matul l-investigazzjoni li l-GOI għandu xi relazzjoni kuntrattwali mal-produtturi tal-bijodiżil.
- (37) Il-leġiżlazzjoni applikabbli tagħti mandat lill-fornituri tal-bijodiżil li huma lesti li jipparteċipaw f'dan il-programm biex jipprovdu l-ester metiliku tal-palm ("PME") lill-Entitajiet tal-Petrofjuwil (ara l-premessi 45 u 46 tar-Regolament proviżorju) Pertamina jew AKR li mbagħad ihalltuh ma' diżil minerali biex jiksbu d-diżil B20. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tagħti lill-produtturi tal-bijodiżil li jipparteċipaw f'dan il-programm id-dritt li jirċievu (a) il-pagament għall-bijodiżil mill-blenders; u (b) il-flus addizzjonali mill-OPPF. Ma hemm l-ebda obbligi kuntrattwali tal-produtturi tal-bijodiżil lejn il-GOI jew lejn l-OPPF, għajr id-dmir li jikkonformaw mal-mandat riċevut skont ir-regoli rilevanti u li għalih jirċievu kumpens. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu kuntrattwali reċiproku, il-flus żburżati mill-OPPF mhumiex għalhekk parti minn kuntratt bi ħlas (bħax-xiri ta' bijodiżil mill-gvern bi skambju ta' prezz). Fi kliem sempliċi, il-GOI jagħti mandat lil kull wieħed mill-produtturi tal-bijodiżil li jkunu qed jipparteċipaw fil-programm biex ibiġh kwantitajiet speċifiċi ta' bijodiżil lil Pertamina jew l-AKR bi prezz partikolari (prezz ta' referenza tad-diżil minerali) u l-GOI jipprovdi fondi addizzjonali direttament lill-produtturi tal-bijodiżil. Filwaqt li l-għan u l-kuntest tal-programm huwa li jiġi inċentivat l-użu tal-bijodiżil fis-suq domestiku, il-GOI ma jixtrix il-bijodiżil direttament u mbagħad jużah għal skopijiet governattivi jew jerġa' jbiġhu fis-suq. Minflok, il-GOI jappoġġa l-bejgħ tal-bijodiżil billi jipprovdi fondi addizzjonali lill-produtturi tal-bijodiżil ukoll fi tranżazzjonijiet fejn huma involuti operaturi privati (bħall-AKR). La l-GOI u lanqas il-produtturi esportaturi ma pprovdew evidenza li turi li Pertamina u AKR huma korpi pubbliċi f'dan ir-rigward. Huma operaturi li jipparteċipaw b'mod volontarju f'dan il-programm.

- (38) Il-Kummissjoni għalhekk eżaminat il-programm f'dan il-kuntest u sabet li l-iżborż tal-OPPF favur il-produtturi tal-bijodiżil ma jistax jikkwalifika bħala pagamenti dovuti f'kuntratt ta' xiri bejn il-GOI u l-produtturi tal-bijodiżil iżda jikkostitwixxi trasferiment dirett ta' fondi, kif konkluż fil-premessa (69) tar-Regolament proviżorju.
- (39) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI, Wilmar, PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (flimkien, "Permata Group") u PT Ciliandra Perkasa ddikjaraw li l-ħlasijiet mill-OPPF ma jstgħux jitqiesu bħala kontribuzzjoni finanzjarja. Skont il-GOI dan huwa minħabba li l-OPPF huwa ffinanzjat mill-ġbir tal-levy tal-esportazzjoni fuq iż-żejt tal-palm u l-prodotti derivattivi, u għalhekk għandu jitqies li hu ffinanzjat privatament.
- (40) Il-Kummissjoni osservat li din il-pretensjoni kienet diġà saret mill-GOI wara l-miżuri provviżorji u kienet indirizzata mill-Kummissjoni (premessi (30) sa (33) hawn fuq). L-ebda prova ġdida ma ġiet ipprovduta mill-partijiet b'sostenn għall-argumenti ripetuti tagħhom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet milħuqa f'dawk il-premessi u għalhekk irrifjutat din il-pretensjoni.
- (41) Il-GOI, PT Ciliandra Perkasa u Permata Group iddikjaraw ukoll li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonfermat is-sejbiet li l-fondi OPPF huma fondi pubbliċi u mhux ġejjin mill-privat għar-raġunijiet stipulati fil-premessa (32). Skont il-GOI dan huwa minħabba li d-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament tal-Ministeru tal-Finanzi 133/2015 u tar-Regolament Presidenzjali 66 tal-2018 jgħidu (1) li l-OPPF għandu jkun iffinanzjat esklużivament mill-ġbir tal-levy tal-esportazzjoni u (2) li dawk il-fondi għandhom jintużaw biss għal żborżi speċifiċi, inklużi l-ħlasijiet tal-għotjiet lill-produtturi tal-bijodiżil.
- (42) Kif spjegat fil-premessa (31) hawn fuq, matul iż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni talbet lill-GOI biex jipprovidi evidenza ta' kif il-pagamenti tal-levy tal-esportazzjoni huma kontabilizzati fil-baġit. Il-GOI naqas milli jipprovidi kwalunkwe evidenza biex isostni l-pretensjoni tiegħu li l-fondi tal-OPPF mhumiex parti mill-baġit tal-Istat.
- (43) Fi kwalunkwe każ, dan ta' hawn fuq huwa irrilevanti għall-konklużjoni li l-fondi tal-OPPF jikkostitwixxu fondi pubbliċi kif spjegat fil-premessa (63) tar-Regolament proviżorju. Il-fondi jinġabru skont levy tal-esportazzjoni obligatorja. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' sitwazzjoni fejn operaturi privati jiddeċiedu b'mod liberu li jiġbru fondi privati għal użu partikolari, f'dan il-każ, il-GOI jimponi obbligu fuq xi produtturi (inklużi, iżda mhux biss, il-produtturi tal-bijodiżil) li jħallsu l-levy tal-esportazzjoni.
- (44) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI, PT Ciliandra Perkasa, Permata Group u Wilmar iddikjaraw ukoll li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat il-ħlasijiet tal-OPPF bħala għotja, filwaqt li dawn għandhom jiġu kkwalifikati bħala xiri ta' bijodiżil. Skont dawk li baġtu risposti, il-Kummissjoni żbaljat ukoll meta sostniet li ma hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-produtturi tal-bijodiżil u l-OPPF. Biex isostni l-pretensjoni tiegħu, Wilmar ippreżenta kopji tal-ftehimiet tiegħu mal-OPPF ukoll. Skont il-GOI, il-ħlasijiet tal-OPPF jenħtieġ li jitqiesu bħala korrispettiv għax-xiri ta' oġġetti (jiġifieri l-bijodiżil) minħabba li Pertamina hija kumpanija tal-Istat, u għalhekk jenħtieġ li tiġi trrattata bħala entità ekonomika unika mal-GOI li huwa x-xerrej aħħari tal-bijodiżil.
- (45) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kuntratti kellhom jiġu sottomessi qabel għal verifika xierqa. Anki jekk jiġi rikonoxxut li hemm kuntratti fis-seħħ bejn l-OPPF u l-produtturi tal-bijodiżil, il-Kummissjoni nnutat li skont l-informazzjoni pprovduta mill-GOI, dawn il-kuntratti ma jgħolqux obbligu kuntrattwali tal-produtturi tal-bijodiżil lejn l-OPPF. Minflok, kif spjegat mill-GOI, dawn il-kuntratti sempliċement itennu l-obbligu ġuridiku tal-OPPF li jħallas id-differenza bejn il-prezz imħallas mill-blenders u l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil ladarba l-produttur rilevanti tal-bijodiżil jipprovidi l-bijodiżil lil Pertamina. Huwa importanti li mkien f'dawk il-kuntratti ma huwa ddikjarat li l-GOI jixtri l-bijodiżil u li l-ħlasijiet isiru għal dik ir-raġuni. Għall-kuntrarju, il-kuntratt fis-seħħ bejn l-OPPF u l-produtturi tal-bijodiżil ma jirreferi għall-ebda xiri ta' bijodiżil mill-GOI, iżda pjuttost fih it-termini li skonhom il-GOI jiżborża l-hekk imsejħa "fondi ta' finanzjament tal-bijodiżil" lill-produtturi tal-bijodiżil. Aktar preċiżament, il-kuntratti jstipulaw li l-OPPF jipprovidi finanzjament lill-produtturi tal-bijodiżil, wara li dawn tal-aħħar ikunu fornaw il-bijodiżil lil wieħed mill-blenders u tkun ġiet ivverifikata dik il-kunsinna.
- (46) Il-Kummissjoni osservat li l-eżistenza ta' kuntratti fis-seħħ bejn l-OPPF u l-produtturi tal-bijodiżil ma tibdilx il-konklużjoni milħuqa mill-Kummissjoni li l-ħlasijiet tal-OPPF jikkostitwixxu għotja. Dan għaliex l-uniċi kuntratti b'obbligi reċiproċi (jiġifieri l-kunsinna ta' oġġetti u l-ħlas tal-prezz) huma dawk fis-seħħ bejn Pertamina u l-fornituri tal-bijodiżil. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni.

- (47) Għar-raġunijiet ippreżentati hawn taħt, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li l-pretensjoni li Pertamina u l-GOI jenħtieġ li jitqiesu bħala entità ekonomika waħda ma tistax tiġi aċċettata.
- (48) Kif imsemmi fil-premessa (53) sa (54), minbarra li hija kumpanija tal-Istat, ma hemm l-ebda evidenza oħra li Pertamina hija korp pubbliku u għalhekk hija parti mill-gvern. Barra minn hekk, fil-pretensjoni tiegħu, il-GOI naqas milli jsemmi li Pertamina mhijiex l-uniku blender suġġett għall-mandat ta' taħlit, iżda matul il-perjodu ta' investigazzjoni, AKR kienet ukoll soġġetta għall-istess mandat. Fl-istess ħin, AKR hija kumpanija privata, kif spjegat fil-premessa (37) hawn fuq. Kemm AKR kif ukoll Pertamina joperaw il-mandat ta' taħlit skont l-istess strumenti ġuridiċi u bħala parti mill-istess sistema. Għaldaqstant, skont il-mandat tat-taħlit, il-GOI ma jixtri il-bijodiżil, sakemm il-GOI ma jqisx ukoll li AKR trid titqies bħala parti mill-istess entità ekonomika.
- (49) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sostniet il-konklużjoni tagħha li Pertamina, minkejja li hija kumpanija proprjetà tal-Istat, taġixxi bħala operatur tas-suq li jixtri l-bijodiżil mingħand il-produtturi tal-bijodiżil, sabiex iħalltu ma' diżil minerali li sussegwentement jinbiegħ minn Pertamina.
- (50) Il-Kummissjoni għalhekk żammet ukoll il-konklużjoni tagħha li l-ħlasijiet mill-Aġenzija tal-Ġestjoni tal-OPPF jikkostitwixxu għotja. Kif spjegat mill-GOI, la fil-leġiżlazzjoni applikabbli u lanqas fil-kuntratti bejn l-OPPF u l-blenders ma hemm obbligi reċiproċi. Pjuttost, fl-istruttura sħiħa tal-mandat tat-taħlit, l-uniċi obbligi reċiproċi huma bejn il-produtturi tal-bijodiżil (li għandhom l-obbligu li jissupplixxu l-bijodiżil) u l-blenders (li għandhom l-obbligu li jħallsu prezz). Fil-fehma tal-Kummissjoni, għalhekk, l-Aġenzija tal-Ġestjoni tal-OPPF tiżborża l-flus mingħajr ma tistenna xejn lura. Għalhekk, l-iżborżi mill-OPPF jikkwalifikaw bħala għotjiet.
- (51) Wilmar, Permata Group u PT Ciliandra Perkasa, barra minn hekk sostnew li Pertamina, li hija kompletament tal-Istat, jenħtieġ li titqies bħala korp pubbliku. L-ebda wieħed minn dawk li wiegħu ma pprova evidenza biex isostni din il-pretensjoni.
- (52) Il-Kummissjoni osservat li jekk Pertamina kellha titqies bħala korp pubbliku għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni (b'xiri ta' bijodiżil b'mod konġunt mal-Aġenzija ta' Ġestjoni tal-OPPF), il-GOI kellu jippreżenta din il-pretensjoni kmieni fil-proċess ta' investigazzjoni u, missu ta' struzzjonijiet lil Pertamina biex tikkoopera u tkun parti mill-investigazzjoni.
- (53) Il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sjieda tal-Istat minnha nnifisha ma tfissirx l-istess ħaġa bħall-kunċett ta' "korp pubbliku". Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (55) tar-Regolament proviżorju, il-Korp tal-Appelli tad-WTO fir-Rapport dwar id-Dazji Anti-Dumping u Kumpensatorju tal-Istati Uniti (iċ-Ċina) sab li t-terminu "korp pubbliku" jfisser entità li "tippossjedi, teżerċita jew hija vestita b'awtorità governattiva" ⁽⁸⁾. Sempliċi indizji formali ta' kontroll (bħas-sjieda statali) mhumiex biżżejjed għal sejba ta' korp pubbliku ⁽⁹⁾.
- (54) L-ebda waħda mill-partijiet ma ssożanzjat il-pretensjonijiet tagħha billi elaborat kif Pertamina hija vestita b'awtorità governattiva. Il-Kummissjoni tinnotta li Pertamina, bħal AKR, trid tikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw mill-mandat tat-taħlit. Madankollu, il-konformità ma' rekwiżit ġuridiku ma tfissirx li entità ġiet vestita b'awtorità pubblika. Barra minn hekk, Pertamina (bħal AKR) sempliċiment tixtri l-bijodiżil, u ma għandha l-ebda rwol fl-iżborż tal-għotja lill-produtturi tal-bijodiżil.
- (55) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni osservat li AKR, kumpanija privata, hija wkoll parti mill-istess mandat u għandha l-istess obbligi bħal Pertamina. Kieku wieħed kellu jsewgi l-pretensjonijiet ta' dawk li wiegħu, il-Kummissjoni ma kien ikollha l-ebda għażla ħlief li ssib li AKR ukoll hija korp pubbliku, mogħni b'awtorità governattiva. Madankollu, f'kontradizzjoni mar-raġunament tagħhom stess, l-ebda wieħed minn dawk li wiegħu ma ressaq din il-pretensjoni. Fil-fatt il-partijiet ma qalu xejn dwar kif il-pretensjoni tagħhom ta' xiri konġunt tal-bijodiżil minn Pertamina u OPF tirrikonċilja mas-sistema li kienet applikabbli għal AKR, li hija ta' sjieda privata. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjoni.

⁽⁸⁾ Ir-Rapport tal-Korp tal-Appelli, l-Istati Uniti – Dazji Antidumping u Kumpensatorji Definitivi fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina, WT/DS379/AB, il-11 ta' Marzu 2011, il-paragrafu 317. Ara wkoll ir-Rapport tal-Korp tal-Appelli, l-Istati Uniti – Miżuri ta' Dazju Kumpensatorju fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina, WT/DS437/AB/RW, adottat fis-16 ta' Lulju 2019, il-paragrafu 5.96.

⁽⁹⁾ Ir-Rapport tal-Korp tal-Appelli, l-Istati Uniti – Dazji Antidumping u Kumpensatorji Definitivi fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina, WT/DS379/AB, il-11 ta' Marzu 2011, il-paragrafu 318.

- (56) Barra minn hekk, Wilmar sostna li, anki jekk Pertamina ma ġietx ikkunsidrata bħala korp pubbliku, il-blenders huma fdati u ordnati mill-GOI biex jixtru l-bijodiżil f'isem il-gvern u/jew il-fornituri tal-bijodiżil huma inkarigati jew diretti biex ibiġhu l-bijodiżil lill-blenders. Wilmar ma pprova l-ebda evidenza biex isostni din il-pretensjoni. Tabilħaqq, l-evidenza disponibbli pjuttost turi li matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien hemm programm fis-seħħ fejn il-blenders u l-produtturi tal-bijodiżil jipparteċipaw volontarjament fil-kuntest fejn il-GOI jimponi ċerti rekwiżiti ta' taħlit u fejn il-GOI jintervjeni finanzjarjament biex itaffi l-piż li jirriżulta mill-mandat tat-taħlit.
- (57) Il-Kummissjoni nnotat li s-sempliċi eżistenza ta' obbligu li jsir it-taħlit toħloq obbligu ġuridiku ta' xiri tal-bijodiżil, iżda ma tfissirx li l-GOI jixtri l-bijodiżil fis-suq. Il-GOI sempliċement jagħti mandat dwar il-perċentwal ta' PME li jrid jitħallat mad-diżil minerali. Il-GOI ma jixtri l-PME u lanqas ma għandu l-intenzjoni li jixtrih.
- (58) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni wkoll.

3.1.2. Benefiċċju

- (59) Il-produtturi esportaturi kollha allegaw li anke jekk il-Kummissjoni kienet korretta li tikkwalifika l-pagamenti rċevuti mill-OPPF bħala għotja, hija żbaljat meta qieset li hemm benefiċċju.
- (60) Fil-qosor, il-produtturi esportaturi ddikjaraw li minħabba li l-OPPF huwa ffinanzjat esklużivament mil-levy tal-esportazzjoni mħallsa fost l-oħrajn mill-produtturi tal-bijodiżil, dawn tal-aħħar ma jirċevux benefiċċju għaliex iħallsu aktar fil-fond milli jirċievu minnu. Skont il-produtturi esportaturi, l-OPPF huwa ffinanzjat privatament u għalhekk il-Kummissjoni kellha tnaqqas l-ammonti mħallsa fl-OPPF fil-livell tal-grupp. Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni missha naqqset l-ammont tal-levy imħallsa fuq l-esportazzjoni ta' kull prodott soġġett għaliha, u mhux biss l-ammont tal-levy imħallsa għall-esportazzjoni tal-bijodiżil.
- (61) Għar-raġunijiet ippreżentati aktar 'l isfel, il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni.
- (62) L-ewwel nett, il-Kummissjoni osservat li l-kumpaniji kollha involuti fil-katina tal-valur tas-CPO, inklużi l-produtturi tal-bijodiżil, huma mġiegħla jħallsu l-levy bis-saħħa ta' regolament. L-istess bħal fil-każ tat-tassazzjoni ġenerali, l-impriżi attivi fil-katina ta' valur tas-CPO ma għandhom l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jikkontribwixxux jew le fl-OPPF, u għalhekk ma jkunx xieraq li jiġi argumentat li dan tal-aħħar huwa ffinanzjat privatament. Minflok, l-OPPF huwa ffinanzjat permezz tal-attività normali ta' ġbir ta' dħul fiskali u pubbliku tal-GOI. Fil-fatt, il-GOI naqas milli jipprovi evidenza li turi li d-dħul miġbur mil-levy tal-esportazzjoni huwa mniżżel direttament f'kont speċifiku tal-OPPF u mhux mal-baġit ġenerali tal-Istat. Għalhekk, it-tnaqqis tal-levies tal-esportazzjoni mħallsa mill-produtturi tal-bijodiżil sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' benefiċċju jkun mhux xieraq daqs li kieku jitnaqqsu t-taxxi kollha mħallsa mill-benefiċjarji.
- (63) It-tieni, il-Kummissjoni osservat li, fi kwalunkwe każ, il-pretensjoni li l-produtturi tal-bijodiżil ħallsu iżjed lill-OPPF minn dak li rċevew hija fattwalment żbaljata. Dik il-pretensjoni hija fil-fatt ibbażata fuq il-levy tal-esportazzjoni totali mħallsa fil-livell tal-grupp u għall-prodotti kollha soġġetti għal-levy tal-esportazzjoni. Madankollu, meta titqies biss il-levy mħallsa mill-produtturi esportaturi (individwalment, mhux il-grupp tagħhom) fuq il-bijodiżil, l-ammonti mħallsa fl-OPPF huma inqas minn dak li ġie rċevut fil-pagamenti ta' għotjiet mill-OPPF.
- (64) Il-GOI u l-produtturi esportaturi Wilmar, Permata Group u PT Ciliandra Perkasa sostnew ulterjorment li l-Kummissjoni għamlet żball meta sabet li dan il-programm jagħti benefiċċju lill-produtturi tal-bijodiżil. Dan għaliex, mingħajr il-ħlasijiet tal-OPPF, il-blenders ikunu mġiegħla jixtru l-bijodiżil bil-prezz ta' referenza tal-bijodiżil. Għalhekk, il-produtturi tal-bijodiżil jirċievu l-istess ammont ta' flus li jirċievu llum u, għaldaqstant, mhumix "fqagħda aħjar" milli kieku kienu jkun.

- (65) Il-Kummissjoni ma qabltx ma' din il-pretensjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li x-xenarju kontrofattwali korrett mhuwiex li, fin-nuqqas tal-OPPF, il-blenders iħallsu l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil. Wieħed mill-oġettivi ta' politika tal-OPPF u l-iskop proprju tal-mandati ta' taħlit huwa li jitravwem l-użu tal-bijodiżil fl-Indoneżja (minflok l-użu ta' diżil minerali). Peress li l-prezz tad-diżil minerali huwa normalment aktar baxx mill-prezz tal-bijodiżil, il-GOI jintervjeni biex jiffaċilita l-bejgħ tal-bijodiżil mill-produtturi tal-bijodiżil. Fl-istess ħin, dawn il-pagamenti jikkontribwixxu għat-tweġġiq tar-rekwiżiti obbligatorji ta' taħlit. Is-sempliċi eżistenza tal-programm OPFF turi li l-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jappoġġawx il-prezz ta' referenza tal-bijodiżil li jintuża biex jiġi miżjud il-ħlas fit-tranżazzjonijiet bejn Pertamina/AKR u l-produtturi tal-bijodiżil. Għalhekk, mingħajr il-mandat tat-taħlit, il-blenders ma jkollhomx inċentiv biex jixtru l-bijodiżil. Jekk ma jkunx hemm l-OPPF u l-ħlasijiet tiegħu, ma jkun hemm l-ebda bejgħ domestiku ta' bijodiżil. Il-produtturi tal-bijodiżil ikollhom jikkompetu ma' produtturi tad-diżil minerali. Li ma kienx għall-OPPF u l-programm stabbilit mill-GOI, il-produtturi tal-bijodiżil ma jirċevux il-fondi addizzjonali sal-livell tal-prezz ta' referenza tal-bijodiżil stabbilit mill-GOI.
- (66) Fil-fehma tal-Kummissjoni, taħt il-kontrofattwali korrett, il-produtturi tal-bijodiżil ikunu f'qagħda agħar milli matul u wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Għall-produtturi tal-bijodiżil, fil-fatt, il-mandat tat-taħlit effettivament ifisser li jkollhom sors prevedibbli u affidabbli ta' dħul permezz ta' bejgħ garantit. Barra minn hekk, id-dħul totali mill-bejgħ domestiku, jiġifieri l-ammont imħallas mill-blenders flimkien mal-għotja mħallsa mill-OPPF, jiġi ddeterminat *ex ante* mill-GOI, li effettivament jiproteġi lill-fornituri tal-bijodiżil mill-varjazzjonijiet normali fil-prezzijiet li kieku kien jaffaċċja f'suq ħieles, jekk jiġi sspunut li dan ikun jeżisti.
- (67) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma li l-kalkolu tal-prezz ta' referenza għall-bijodiżil imħallas lill-fornituri indipendenti ma jirriflettix id-domanda u l-provvista f'kundizzjonijiet normali tas-suq mingħajr intervent tal-gvern. Pertamina, fil-fatt, irrispettivament minn jekk irċevietx benefiċċju jew le, ma kenitx lesta li tħallas il-bijodiżil bil-prezz ta' referenza, iżda biss bi prezz aktar baxx. Din is-sejba ġiet ikkonfermata wkoll mill-GOI matul iż-żjara ta' verifika meta spjega li kieku Pertamina kellha tixtri l-bijodiżil bil-prezz ta' referenza tal-bijodiżil, kient tagħmel it-telf. Din id-dikjarazzjoni wriet li, f'kundizzjonijiet tas-suq mingħajr distorsjoni, il-prezz tas-suq għall-bijodiżil ikun ferm aktar baxx mill-prezz ta' referenza tal-bijodiżil attwalment stabbilit mill-GOI.
- (68) Il-Kummissjoni ddeduċiet mid-dikjarazzjoni tal-GOI li l-ebda xerrej – l-istess bħal Pertamina – ma jkun f'pożizzjoni li jwettaq in-negozju b'mod profittabbli jekk il-prezz tal-bijodiżil ikun il-prezz ta' referenza stabbilit mill-GOI. Għalhekk, jew ma jinbiegħ l-ebda bijodiżil fl-Indoneżja, u għalhekk ma jkun hemm l-ebda dħul għall-produtturi tal-bijodiżil, jew il-prezzijiet tal-bijodiżil ikunu inqas mill-livell stabbilit mill-GOI. Billi fl-Indoneżja il-GOI jistabbilixxi u jimplementa obbligu ta' taħlit (ara l-premessi (49) u (50) tar-Regolament proviżorju), huwa improbabli ħafna li jseħħ l-ewwel xenarju. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li – fin-nuqqas tal-iskema analizzata – l-aktar kontrofattwali probabbli kien li l-prezzijiet tal-bijodiżil kienu se jkunu inqas.
- (69) B'mod partikolari, il-Kummissjoni osservat li l-prezzijiet ta' referenza użati mill-GOI sabiex jiddetermina l-ammont ta' għotja żborżata mill-OPPF mħumiex indikattivi ta' prezz tas-suq peress li l-formula għall-kalkolu mhijiex ibbażata fuq realtà tas-suq mingħajr distorsjoni. Dan għaliex, minn naħa, is-suq kollu, upstream u downstream, huwa distort u għalhekk ma jistax ikun rappreżentattiv tal-kundizzjonijiet normali, kompetittivi tas-suq. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni qieset li l-ammont tal-ispejjeż ta' konverżjoni kkalkulati mill-GOI bħala parti mill-formula użata biex jiġi kkalkulat il-prezz ta' referenza għall-bijodiżil (il-prezz domestiku medju għas-CPO u tariffa ta' konverżjoni ta' USD 100 għal kull tunnellata miżjuda) huwa eċċessiv. Il-Kummissjoni vverifikat l-ispejjeż attwali ta' trasformazzjoni ta' xi wħud mill-produtturi esportaturi u osservat li l-kalkolu tal-GOI jagħmel dikjarazzjoni għolja wisq ta' daww l-ispejjeż. Dawn l-ispejjeż ta' trasformazzjoni attwali kienu jammontaw, bħala medja, għal bejn USD 60 u USD 80 għal kull tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni ⁽¹⁰⁾.
- (70) Għalhekk, anki li kieku l-Kummissjoni kellha taċċetta l-pretensjoni li l-pagamenti kkombinati tal-blenders u tal-OPPF jikkostitwixxu l-ħlas tal-prezz tal-bijodiżil, *quod non*, il-Kummissjoni xorta waħda jkollha tikkonkludi li l-“prezz” imħallas lill-fornituri tal-bijodiżil ikun eċċessiv.

⁽¹⁰⁾ Il-Kummissjoni nnutat li produttur esportatur wieħed irrapporta spejjeż ogħla ta' konverżjoni għal wieħed mill-impjanti tiegħu. Dak il-produttur spjega li dan kien minħabba li l-impjant huwa ġdid u d-deprezzament għandu impatt sinifikanti fuq l-ispejjeż. Madankollu, huwa spjega wkoll li l-ispejjeż tal-impjanti l-oħra tiegħu huma iktar rappreżentattivi. Daww l-ispejjeż huma fil-firxa msemmija hawn fuq. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni injorat dak il-kost, li madankollu huwa inqas mill-kostijiet ta' konverżjoni kkalkulati mill-GOI.

- (71) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-eżistenza tal-programm tpoġġi lill-produtturi tal-bijodiżil f'qagħda aħjar milli kieku kienu jkunu u, għalhekk, tagħtihom benefiċċju.
- (72) Il-GOI u l-produtturi esportaturi kollha ddikjaraw ukoll li anki li kieku kien hemm benefiċċju, dan kien jingħadda kollu kemm hu lill-blenders (Pertamina u AKR). Dan minħabba li l-produtturi tal-bijodiżil allegatament jiksbu l-prezz tas-suq għall-bijodiżil filwaqt li l-blenders jibbenefikaw mix-xiri bi prezz aktar baxx (jiġifieri, il-prezz ta' referenza għad-diżil minerali).
- (73) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni. Kif diġà ġie diskuss fil-premessi minn (195) sa (201) tar-Regolament proviżorju, u kif ġie wkoll indirizzat fil-premessa (67), il-Kummissjoni kienet tal-fehma li fl-Indoneżja ma hemm l-ebda prezz tas-suq reali għall-bijodiżil peress li l-GOI jirregola u jfixkel il-katina tal-valur kollha tas-CPO-bijodiżil. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni osservat li l-uniku prezz li kien jeżisti fis-suq huwa dak li tħallas mill-blenders (jiġifieri l-prezz ta' referenza għad-diżil minerali).
- (74) Fir-rigward tal-pretensjoni li l-benefiċċju tal-programm igawduh il-blenders li fl-aħħar mill-aħħar iħallsu prezz orħos għall-bijodiżil li jixtru, il-Kummissjoni nnutat li l-kwistjoni dwar jekk Pertamina jew AKR jibbenefikawx (ukoll) minn dan il-programm mhijiex soġġetta għal din l-investigazzjoni, peress li dawn mhumiex produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat.
- (75) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-GOI, PT Ciliandra Perkasa, Permata Group u Wilmar iddikjaraw li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta sabet li l-OPPF jagħti benefiċċju lill-produtturi tal-bijodiżil għaliex:
- (a) il-kontrofattwali identifikata mill-Kummissjoni hija żbaljata sa fejn issib li fin-nuqqas tal-produtturi tal-OPPF, il-produtturi tal-bijodiżil jirċievu prezz aktar baxx għall-bijodiżil tagħhom. Skont il-GOI, fin-nuqqas tal-OPPF u fin-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu ġuridiku fuq il-produtturi biex ibiġġu l-bijodiżil domestikament, il-produtturi tal-bijodiżil sempliċment jimmassimizzaw il-profit tagħhom u jbiġġu fis-suq tal-esportazzjoni; u li,
- (b) L-ispejjeż ta' konverżjoni użati mill-GOI fil-formula biex jiġi kkalkulat il-prezz ta' referenza tal-bijodiżil mhumiex eċċessivi peress li jieħu kont tal-SG&A u tal-profit.
- (76) Il-Kummissjoni qieset il-kontrofattwali ppreżentata fid-divulgazzjoni finali u ppreżentata fil-premessa (65) hawn fuq. Il-Kummissjoni, madankollu, qieset li l-pretensjoni stabbilita mill-GOI tkompli tikkonferma li l-OPPF jagħti benefiċċju lill-produtturi tal-bijodiżil. L-argument tal-GOI huwa bbażat fuq żewġ elementi ewlenin: (1) ma hemm l-ebda obbligu ġuridiku għall-produtturi tal-bijodiżil biex ibiġġu l-bijodiżil domestikament; u, (2) il-produtturi tal-bijodiżil huma operaturi ekonomiċi razzjonali li qed jagħmlu hilitom biex jimmassimizzaw il-profit tagħhom.
- (77) Il-Kummissjoni ma kkontestatx iż-żewġ elementi mressqa mill-GOI. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-fatt li minkejja n-nuqqas ta' obbligu ġuridiku li jagħmlu dan, operaturi ekonomiċi razzjonali bħall-produtturi tal-bijodiżil jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-iskema OPPF huwa evidenza empirika u indisputabbli li din hija l-aħjar għażla tagħhom biex joperaw in-negozju tagħhom.
- (78) Jekk, kif sostna l-GOI u l-Kummissjoni ma kellha l-ebda raġuni biex tikkontesta, "*il-produtturi tal-bijodiżil li huma proprjetà privata (li ħafna minnhom huma parti minn gruppi multinazzjonali) għandhom l-għan li jimmassimizzaw il-profitabbiltà*" ⁽¹⁾, dan ifisser li li jkunu parti mill-iskema OPPF huwa l-aktar mod profitabbli disponibbli għalihom kif iwettqu n-negozju. Għalhekk, taħt kull kontrofattwali l-produtturi tal-bijodiżil ikunu f'qagħda agħar. Li kieku dan ma kienx il-każ, operatur ekonomiku razzjonali, ħieles minn kwalunkwe restrizzjoni ġuridika, kien jagħżel għażla aktar profitabbli minflok jagħżel li jkun parti mill-iskema.
- (79) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-produtturi tal-bijodiżil huma f'qagħda aħjar f'din l-iskema irrISPETTIVAMENT mill-kontrofattwali alternattiva. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha li l-OPPF jagħti benefiċċju lill-produtturi tal-bijodiżil.
- (80) Fir-rigward tal-pretensjoni tal-GOI li l-ispejjeż ta' konverżjoni użati fil-formula biex jiġi kkalkulat il-prezz ta' referenza tal-bijodiżil mhumiex eċċessivi, il-Kummissjoni osservat li hija qieset li l-ħlasijiet tal-OPPF lill-produtturi tal-bijodiżil jikkostitwixxu għotja u mhumiex parti mill-kunsiderazzjoni għax-xiri tal-bijodiżil. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, kien irrilevanti għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' benefiċċju jekk dawn l-ispejjeż tal-konverżjoni humiex eċċessivi jew le.

⁽¹⁾ Kummenti dwar id-dokument ta' informazzjoni ġenerali finali f'isem il-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja, l-14 ta' Ottubru 2019, il-paragrafu 16.

- (81) Fi kwalunkwe każ, anki kieku l-Kummissjoni kellha ssegwi l-linja ta' raġunament tal-GOI li ma hemm l-ebda benefiċċju f'dan il-każ minħabba li l-ħlasijiet tal-OPPF huma l-korrispettiv għax-xiri tal-bijodiżil, il-Kummissjoni osservat li l-ammont tal-ispejjeż tal-konverżjoni ma jgħix mibdul b'mod regolari u ilu stabbilit bħala 100 USD/tunnellata mill-21 ta' Marzu 2016. Il-Kummissjoni rrikonossiet li l-GOI sostna matul iż-żjara ta' verifika li l-ispejjeż tal-konverżjoni huma riveduti kull sena. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li r-riżultat ta' proċess ta' rieżami bħala dan ma jirriflettix ir-realtà tas-suq peress li l-ammont tal-ispejjeż tal-konverżjoni huwa ogħla mill-ispejjeż reali mġarrba mill-produtturi tal-bijodiżil kif spjegat fil-paragrafu (69).
- (82) Il-GOI iddikjara wkoll li huwa kkunsidra l-firxa tal-ispejjeż tal-konverżjoni miġbura mill-Kummissjoni bħala mhux rappreżentattiva. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni l-ewwel osservat li l-GOI ma pprova l-ebda evidenza fattwali biex isostni d-dikjarazzjoni tiegħu. It-tieni nett, il-Kummissjoni osservat li hija kienet ivverifikat dawk l-ispejjeż matul iż-żjarat ta' verifika mwettqa f'xi wħud mill-binjiet tal-produtturi tal-bijodiżil. Għal raġunijiet ta' ċarezza, biex waslet għal dawk l-ispejjeż il-Kummissjoni naqqset il-valur tal-glicerina ġġenerata fil-proċess ta' raffinar mis-CPO għall-bijodiżil ⁽¹²⁾.
- (83) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, anki li kieku l-Kummissjoni kellha taċċetta l-pretensjoni tal-GOI li l-ħlasijiet tal-OPPF huma l-korrispettiv għax-xiri tal-bijodiżil, *quod non*, allura xorta jkun hemm benefiċċju favur il-produtturi tal-bijodiżil. Anki li kieku ma jkunx hemm mandat ta' taħlit, il-produtturi tal-bijodiżil ma jiksbox il-kumpens sħiħ ipprovdut mill-OPPF.
- (84) Barra minn hekk, Wilmar sostna li l-prezz ta' referenza stabbilit għall-bijodiżil domestiku Indoneżjan jirrifletti u jsegwi mill-qrib id-dinamika tas-suq mhux distorta. Il-Kummissjoni osservat li s-suq domestiku tal-bijodiżil fl-Indoneżja huwa kompletament irregolat mill-prezz tas-CPO sal-prezz u d-domanda tal-bijodiżil. Il-fornituri tal-bijodiżil iridu jbigħu kwantitajiet speċifiċi bi prezz speċifiku, ikkalkulat skont formula stabbilita minn qabel u bbażata fuq elementi li ma jimxux mar-realtà tas-suq. Il-Kummissjoni għalhekk sostniet il-konklużjoni tagħha li l-prezz ta' referenza stabbilit mill-GOI ma jirriflettix dak li l-prezz ikun f'kundizzjonijiet tas-suq mingħajr distorsjoni. B'mod partikolari, dan huwa minħabba li l-Kummissjoni qieset li l-uniku indikatur affidabbli għal prezz tas-suq domestiku mingħajr distorsjoni huwa dak li jħallsu l-blenders. Il-pretensjoni kienet għalhekk irrifjutata.
- (85) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-GOI u Wilmar sostnew li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkunsidrat irrilevanti li l-OPPF jagħti benefiċċju lill-blenders ukoll. Skont il-GOI, dan huwa għaliex il-fatt stess li l-OPPF huwa mfassal biex ikun ta' benefiċċju għall-blenders (ukoll) ifisser li ma jistax jiġi kkwalifikat bħala għotja.
- (86) Kif spjegat fil-premessi minn (64) sa (74), il-Kummissjoni qieset li jekk il-blenders kisbox jew le benefiċċju mill-programm inkwistjoni mhuwiex rilevanti għall-finijiet tal-investigazzjoni attwali. Mhuwiex ikkontestat li l-OPPF jipprovdni għotja favur il-produtturi tal-bijodiżil, għotja li fin-nuqqas tal-programm ma kinix isseħħ. Il-pretensjoni kienet għalhekk irrifjutata.

3.1.3. Il-metodoloġija użata fil-kalkolu tal-ammont totali tal-benefiċċju

- (87) Il-produtturi esportaturi kollha ddikjaraw li l-Kummissjoni żbaljat fil-kalkolu tal-ammont tal-benefiċċju li rċevew il-produtturi esportaturi peress li hija inkludiet l-ammont ta' flus imħallsa mill-OPPF bħala rimborż tal-kostijiet tat-trasport. Skont il-produtturi esportaturi, dawn il-flus huma biss rimborż tal-kostijiet li diġà ġarrbu u, għalhekk, mhumiex benefiċċju. Barra minn hekk, produttur esportatur iddikjara li dawn il-kostijiet għandhom jiġu kkwalifikati bħala kost imġarrab sabiex ikun eliġibbli għall-iskema tas-sussidju u, għalhekk, għandhom jiġu esklużi skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku.

⁽¹²⁾ Ir-reazzjoni kimika użata fil-proċess ta' raffinar tipproduċi l-glicerina bħala prodott sekondarju. Il-glicerina mbagħad tinbiegħ fis-suq, u għalhekk ma tirrappreżentax spiża.

- (88) Għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt, il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni minħabba li ma tqisx il-kostijiet tat-trasport imġarrba mill-produtturi tal-bijodiżil bħala "kwalunkwe tariffa tal-applikazzjoni jew kost ieħor neċessarjament imġarrba sabiex jikkwalifikaw għal, jew sabiex jiksbu, is-sussidju".
- (89) L-ewwel nett, il-Kummissjoni osservat li l-Linji Gwida għall-kalkolu tal-ammont ta' sussidju fl-investigazzjonijiet tad-dazji kumpensatorji ("il-Linji Gwida") jiċċaraw li "l-uniċi tariffi jew kostijiet li normalment jistgħu jitnaqqsu huma dawk imħallsa direttament lill-gvern fil-perjodu ta' investigazzjoni. Irid jintwera li dan il-ħlas huwa obligatorju sabiex jiġi riċevut is-sussidju. Għalhekk, il-pagamenti lil partijiet privati, pereżempju avukati, kontabilisti, imġarrba biex issir applikazzjoni għas-sussidji, mhumiex deduċibbli" ⁽¹³⁾.
- (90) Bil-kontra ta' dak li huwa stipulat fil-Linji Gwida, il-kostijiet tat-trasport inkwistjoni ma jitħallsux direttament lill-GOI iżda lil kumpaniji privati. Il-produttur esportatur lanqas ma spjega kif dawn l-ispejjeż tat-trasport huma "obligatorji" biex jiġi riċevut is-sussidju.
- (91) It-tieni nett, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-kostijiet tat-trasport huma pjuttost kostijiet normalment imġarrba mill-produtturi tal-bijodiżil fit-tranżazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-blenders. Il-kostijiet tat-trasport normalment ikunu parti mill-prezz/kuntratt tax-xiri u, għalhekk, il-Kummissjoni ma tara l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva għar-rimborż tagħhom. Konsegwentement, l-ammont ta' flus imħallas mill-OPPF bħala rimborż għall-ispejjeż tat-trasport jikkostitwixxi benefiċċju.
- (92) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din il-pretensjoni ġiet rifjutata u l-Kummissjoni kkonkludiet li r-rimborż tal-kostijiet tat-trasport imġarrba mill-produtturi tal-bijodiżil ma għandux jitnaqqas mill-kalkolu tal-benefiċċju. Il-fondi pprovduti mill-Aġenzija tal-Ġestjoni lill-produtturi tal-bijodiżil mhux biss ikopru d-differenza bejn il-prezz ta' referenza tad-diżil minerali u l-prezz ta' referenza għall-bijodiżil iżda wkoll l-ispejjeż tat-trasport, bħala parti mill-istess għotja.
- (93) Il-produtturi esportaturi ddikjaraw ukoll li huma jġarrbu kostijiet ta' kreditu relatati mal-pagamenti tal-OPPF. Skont il-produtturi tal-bijodiżil dan għaliex l-OPPF iħallas il-pagament tal-għotja diversi xhur wara li l-produtturi jkunu ddebitaw lill-blender rilevanti.
- (94) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni għaliex żammet il-konklużjoni tagħha li l-pagamenti tal-OPPF jikkostitwixxu għotja u mhux ħlas għax-xiri ta' oġġetti. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi lanqas biss misshom irċievew dawk l-għotjiet u li l-ebda kost ta' kreditu ta' kwalunkwe tip ma jista' jintrabat ma' dawk l-għotjiet.
- (95) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din il-pretensjoni hija rrifjutata u l-Kummissjoni kkonkludiet li l-kostijiet ta' kreditu allegati mġarrba mill-produtturi tal-bijodiżil ma għandhomx jitnaqqsu mill-kalkolu tal-benefiċċju.
- (96) Konsegwentement, il-Kummissjoni żammet is-sejbiet tagħha li l-appoġġ tal-GOI lill-industrija tal-bijodiżil permezz ta' trasferiment dirett ta' fondi permezz tal-"Fond ta' Sussidju għall-Bijodiżil" kien jammonta għal sussidju kumpensabbli, kif ġie konkluż fil-premessi (80) sa (83) tar-Regolament proviżorju.
- (97) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI, PT Ciliandra Perkasa, Permata Group u Wilmar sostnew li l-Kummissjoni żbaljat meta rrifjutat il-pretensjoni tal-produtturi esportaturi li l-Kummissjoni missha naqqset l-ispejjeż tat-trasport u l-ispejjeż tal-kreditu mill-kalkolu tal-benefiċċju. Skont il-GOI, dan huwa minħabba li dawn l-ispejjeż huma neċessarjament imġarrba sabiex jinkisbu l-ħlasijiet tal-għotja.
- (98) Il-Kummissjoni diġà ddiskutiet din il-pretensjoni fil-premessa (89) hawn fuq. Minbarra dak li diġà ġie spjegat fil-premessa (91) aktar 'il fuq, il-Kummissjoni nnutat li skont il-Linji Gwida "l-uniċi tariffi jew spejjeż li jistgħu normalment jitnaqqsu huma dawk imħallsa direttament lill-gvern matul il-perjodu ta' investigazzjoni." F'dan il-każ, l-ispejjeż tat-trasport mhumiex imħallsa lill-Gvern, iżda huma mħallsa lil partijiet privati u mbagħad irrimborżati mill-GOI. Il-Kummissjoni għalhekk iżżomm il-konklużjoni tagħha li l-ispejjeż tat-trasport ma jikkwalifikawx bħala spejjeż li jistgħu jitnaqqsu skont il-Linji Gwida. Il-pretensjoni hija għalhekk irrifjutata.

⁽¹³⁾ ĠU C 394, 17.12.1998, p. 13.

- (99) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI ddikjara li l-Kummissjoni żbaljat meta ma naqqsitx l-inputs għall-OPPF fil-kalkolu tal-benefiċċju riċevut skont din l-iskema. Madankollu, dawn l-inputs kienu relatati mal-ħlas ta' levies tal-esportazzjoni stabbiliti mill-GOI fuq diversi prodotti bbażati fuq is-CPO esportati mill-Indoneżja. Għalhekk, dawn il-levies inġabru għal ħafna prodotti oħra minbarra l-prodott investigat. Kif spjegat fil-premessa (64) tar-Regolament proviżorju u kif spjegat aktar fil-premessa (62) hawn fuq, dawn il-levies huma riżorsi pubbliċi. Dan il-punt huwa korrett irrispettivament minn liema korp tal-Gvern kien responsabbli għall-ġbir tagħhom. Għalhekk għie konkluż li ma kienx xieraq li l-inputs għall-OPPF jitnaqqsu mill-benefiċċji riċevuti. Din il-pretensjoni kienet għalhekk irrifjutata.
- (100) Il-GOI sostna, ukoll wara d-divulgazzjoni finali, li l-Kummissjoni żbaljat meta użat il-fatturat tal-bijodiżil għad-determinazzjoni tal-ammont ta' sussidju. Il-pretensjoni kienet li kellu jintuża l-fatturat totali tal-produtturi tal-bijodiżil (u għalhekk jiġu inklużi prodotti oħra minbarra l-bijodiżil). Madankollu, is-sussidji mogħtija mill-OPPF kienu biss minħabba li l-produtturi kienu biegħu l-bijodiżil. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkunsidrat li kienet użat il-fatturat korrett fil-kalkolu tagħha u din il-pretensjoni għiet għalhekk irrifjutata.
- (101) Il-Kummissjoni osservat li l-GOI ma ressaq l-ebda argument ieħor biex isostni l-pretensjonijiet tiegħu u għalhekk ikkonfermat is-sejbiet tagħha fil-premessa (95).

3.2. L-appoġġ tal-gvern għall-industrija tal-bijodiżil, permezz tal-forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata.

- (102) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI kif ukoll il-biċċa l-kbira tal-produtturi esportaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni żbaljat fil-kwalifikazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni imposti mill-GOI fuq is-CPO u d-derivattivi tiegħu bħala sussidju kumpensabbli. Skont il-GOI u l-produtturi esportaturi, dan huwa għaliex il-ġurisprudenza tad-WTO konsistentement tikkunsidra li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni mhumiex sussidji kumpensabbli.
- (103) Fir-rigward ta' din il-pretensjoni, il-Kummissjoni osservat li r-Regolament proviżorju ma jqisx ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni *per se* bħala sussidji kumpensabbli. Minflok, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet (bħat-taxxi u l-levies tal-esportazzjoni) fuq l-esportazzjoni hija wieħed mill-mezzi jew għodod użati mill-GOI sabiex jipprovdi s-CPO b' remunerazzjoni anqas minn dik adegwata. Il-Kummissjoni sabet (ara l-premessa (172) tar-Regolament proviżorju) li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli f'din l-investigazzjoni, u skont il-każistika tal-UE u tad-WTO, il-forniment ta' CPO għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata ammonta għal sussidju kumpensabbli.
- (104) Il-Kummissjoni se tindirizza l-pretensjonijiet imressqa mill-partijiet interessati fir-rigward tas-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni li l-appoġġ tal-GOI lill-industrija tal-bijodiżil permezz tal-forniment ta' CPO għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata jammonta għal kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku u/jew appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni se tindirizza wkoll l-allegazzjonijiet dwar żbalji fid-determinazzjoni tal-benefiċċju.
- (105) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI u Permata Group ddikjaraw li restrizzjonijiet tal-esportazzjoni imposti minn gvern qatt ma jistgħu jammontaw għal kontribuzzjoni finanzjarja. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li din il-pretensjoni mhijiex rilevanti għall-finijiet ta' dan il-każ. Dan minħabba li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-GOI favur il-produtturi esportaturi ġejja mill-forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata. Il-pretensjoni kienet għalhekk irrifjutata.

3.2.1. Nuqqas li tiġi ppruvata l-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja

- (106) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI, Permata Group u Wilmar iddikjaraw li l-Kummissjoni naqset milli tagħti prova li hemm kontribuzzjoni finanzjarja. Fil-fehma ta' dawk li wiegħbu, dan huwa minħabba li:
- (a) It-trażżin tal-esportazzjoni ma nġabarx matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi t-taxxa fuq l-esportazzjoni għiet sospiża matul il-perjodu ta' investigazzjoni u l-levy fuq l-esportazzjoni għiet sospiża wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, dik is-suspensjoni tindika li l-GOI ma għadx għandu l-intenzjoni li jimponi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni; u li,

(b) Il-Kummissjoni naqset milli tagħti prova ta' inkarigu jew ta' direzzjoni tal-fornituri tas-CPO.

- (107) Fir-rigward tal-pretensjoni sub (a) hawn fuq, il-Kummissjoni osservat li matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-levy tal-esportazzjoni kienet fis-seħħ u nġabret. Għalhekk, il-pretensjoni tal-GOI li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ma nġabrux matul il-perjodu ta' investigazzjoni hija fattwalment inkorretta billi l-levy tal-esportazzjoni kienet fis-seħħ u kellha effett matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (108) Il-Kummissjoni ma qablitx mat-tieni parti tal-argument. Li kieku l-GOI kellu l-intenzjoni li ma jimponix aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tas-CPO u tad-derivattivi, kien iħassar il-leġiżlazzjoni. L-istabbiliment temporanju tar-rata tal-levy tal-esportazzjoni u tat-taxxa fuq l-esportazzjoni għal zero jindika li l-GOI għandu l-intenzjoni li jżomm il-kapaċità tiegħu li jagħmel użu minn dawn il-mezzi ta' trażżin fil-futur. Din is-sejba tista' tiġi kkorroborata wkoll minn dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' membri tal-GOI. Artiklu tal-istampa wieħed datat il-25 ta' Settembru 2019 pereżempju jirrapporta dan li ġej: *"Il-Gvern iddeċieda li jissospendi taxxa fuq l-esportazzjoni imposta fuq iż-żejt tal-palm mhux raffinat (CPO) u l-prodotti derivattivi tiegħu sas-sena li ġejja biex itaffi l-piżijiet finanzjarji tal-produtturi taż-żejt tal-palm fost tnaqqis fil-prezzijiet tas-CPO fis-suq dinji. Il-Ministru tal-Koordinazzjoni Ekonomika Darmin Nasution, qal f'Jakarta nhar it-Tlieta li t-taxxa tal-esportazzjoni ġiet sospiża sa Jannar tas-sena d-dieħla hekk kif il-gvern uffiċjalment beda l-implimentazzjoni tal-programm mandatorju tiegħu tal-bijodiżil B-30. Darmin qal li jittama li l-implimentazzjoni tal-politika tal-bijodiżil B-30, li suppost kellha żżid b'mod sinifikanti d-domanda għaż-żejt tal-palm, tkun kapaċi tgħolli l-prezzijiet taż-żejt tal-palm fis-suq domestiku. Huwa qal li s-sospensjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni kienet ġiet approvata mill-President Joko "Jokowi" Widodo. Fuq il-bażi ta' regolament tal-Ministeru tal-Finanzi tal-2019, il-gvern kien se jimponi taxxa fuq l-esportazzjoni sa \$25 kull tunnellata jekk il-prezzijiet ikunu bejn \$570 u \$619 kull tunnellata u sa \$50 jekk il-prezz ikun lil hinn minn \$619 kull tunnellata. Sa minn Settembru 20, il-prezz tas-CPO kien ta' \$574,9 kull tunnellata u huwa mistenni li jinżel bi ftit għal \$570 kull tunnellata sal-aħħar ta' din is-sena. Il-Ministru għalhekk sejjaħ għal reviżjoni tar-regolament li tippermetti s-sospensjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni għaliex, jekk tkun ibbażata fuq il-formula tal-prezz ta' hawn fuq, din kienet tibqa' applikabbli."* ⁽¹⁴⁾
- (109) Din id-dikjarazzjoni tistabbilixxi wkoll rabta diretta bejn l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni (flimkien ma' elementi oħra li jwasslu għal imġiba speċifika mill-fornituri tas-CPO) u l-livell attwali tal-prezzijiet fis-suq domestiku. Dan juri wkoll li l-GOI juża dawk l-istrumenti sabiex jinfluwenza l-livell ta' dawk il-prezzijiet.
- (110) Minkejja l-allegazzjoni tal-GOI u l-allegazzjoni ta' Wilmar fit-tweġiba tiegħu għad-divulgazzjoni definittiva, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-intenzjoni tal-GOI fil-futur hija li jkompli juża l-levy tal-esportazzjoni u possibbilment it-taxxa fuq l-esportazzjoni. Il-fatt li l-GOI temporanjament ma ġabarx taxxi u levies, anki meta wieħed iżomm f'moħħu li dawn huma biss uħud mill-għodod tal-GOI biex jipprovdi CPO għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata, ma jistax għalhekk iqajjem dubju dwar l-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja.

3.2.2. Nuqqas li tingħata prova ta' inkarigu jew direzzjoni skont l-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku

- (111) Skont il-produtturi esportaturi kollha, l-allegazzjoni tal-Kummissjoni ta' inkarigu jew direzzjoni hija bbażata fuq is-sejba żbaljata li t-taxxa u l-levy tal-esportazzjoni fuq is-CPO u d-derivattivi tagħha imposti mill-GOI huma mfassla biex jappoġġaw l-industrija tal-bijodiżil. Barra minn hekk, Wilmar u Permata allegaw li l-Kummissjoni b'mod żbaljat sabet li l-prezzijiet domestiċi tas-CPO huma *de facto* stabbiliti minn PT Perkebunan Nusantara, produttur tas-CPO li huwa kompletament proprjetà tal-GOI ("PTPN").
- (112) Fir-rigward tal-ewwel pretensjoni, il-produtturi esportaturi ċċaraw ukoll li matul il-perjodu ta' investigazzjoni t-taxxa fuq l-esportazzjoni kienet stabbilita għal zero u, għalhekk, hija irrilevanti għall-valutazzjoni. Għall-kuntrarju, il-levy tal-esportazzjoni ma kenitx zero, u fi kwalunkwe każ ma kenitx imfassla bħala sostenn għall-industrija tal-bijodiżil, iżda sabiex tiffinanzja l-OPPF.

⁽¹⁴⁾ <https://www.thejakartapost.com/news/2019/09/25/palm-oil-export-levies-suspended-to-help-producers-cope-with-low-prices.html>, aċċessata l-aħħar fil-21 ta' Ottubru 2019.

- (113) Il-Kummissjoni rrikonossiet fil-premessa (88) tar-Regolament proviżorju li matul il-perjodu ta' investigazzjoni t-taxxa fuq l-esportazzjoni kienet stabbilita għal żero. Madankollu, anke jekk ma ġietx implimentata matul il-perjodu ta' investigazzjoni fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq, it-taxxa fuq l-esportazzjoni tikkostitwixxi evidenza tal-għodod użati mill-GOI biex jinkoraġġixxi lill-fornituri tas-CPO biex jipprovdu s-CPO għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata. Minbarra dan, il-Kummissjoni osservat li t-taxxa fuq l-esportazzjoni, għalkemm kienet żero matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ma ġietx revokata mill-GOI. Il-Kummissjoni osservat ukoll li, kif diskuss fil-premessi (117) sa (121) tar-Regolament proviżorju, ma ġiex ikkontestat li l-intenzjoni tal-GOI li juża t-taxxa fuq l-esportazzjoni hija li l-prezzijiet domestiċi tas-CPO jibqgħu artifiċjalment baxxi.
- (114) Fir-rigward tal-levy tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni osservat li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni li timponi levy tal-esportazzjoni ma ssemmix b'mod espliċitu li hija mfassla biex tappoġġa l-industrija tal-bijodiżil billi tipprovdi s-CPO bi prezzijiet aktar baxxi, il-levies tal-esportazzjoni li jsiru parti mill-OPPF *de facto* jappoġġaw esklużivament lill-industrija tal-bijodiżil permezz tal-għotjiet tal-OPPF. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni tabilħaqq setgħet tivverifika li, minkejja kompetenza formali usa', l-OPPF kienet qed tappoġġa kważi esklużivament l-industrija tal-bijodiżil matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (115) Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-levy tal-esportazzjoni fl-2015 mill-GOI ħabtet ma' perjodu fejn il-prezzijiet tas-CPO Indoneżjan kienu kważi identiċi għall-prezzijiet dinjija. F'dan ir-rigward, u kif diġà jidher fil-premessi (64) sa (68) tar-Regolament proviżorju, il-levy tal-esportazzjoni ma għandhiex titqies waħedha, iżda bħala parti minn sett usa' ta' miżuri mfassal sabiex isostni l-industrija tal-bijodiżil u sabiex jirregola l-prezzijiet domestiċi tas-CPO.
- (116) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li fil-prattika l-levy tal-esportazzjoni kisbet l-għan maħsub li tbaxxi l-prezzijiet domestiċi tas-CPO. Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni tistax nett tosserva differenza bejn il-prezzijiet domestiċi u l-prezzijiet tal-esportazzjoni tas-CPO Indoneżjan. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din id-differenza fil-prezz tista' tiġi spjegata bil-fatt li l-impożizzjoni minnha nfisha tal-levy tal-esportazzjoni baxxiet il-prezzijiet domestiċi billi artifiċjalment żammet is-CPO fil-pajjiż fil-prezzijiet baxxi stabbiliti mill-GOI u *de facto* segwit mill-fornituri tas-CPO.
- (117) Il-fatt li l-GOI ma rrevokax it-taxxa fuq l-esportazzjoni iżda stabbilixxiha biss fil-livell żero jindika b'mod ċar li xorta jibqa' jħaddan l-intenzjoni li jżomm il-prezzijiet tas-CPO baxxi. Għalhekk, wara li stabbilixxa żewġ strumenti li għandhom l-istess effett fuq il-prezzijiet domestiċi tas-CPO, u wara li kiseb l-effett mixtieq, il-GOI kien iddeċieda b'mod razzjonali li jżomm attiva dik bl-ogħla firxa ta' effetti mixtieqa (jiġifieri li jżomm il-prezzijiet tas-CPO baxxi u tiffinanzja l-OPPF), jiġifieri l-levy tal-esportazzjoni.
- (118) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li s-sistema globali ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni stabbilita mill-GOI hija mfassla biex tibbenefika l-industrija tal-bijodiżil billi jżomm il-prezzijiet domestiċi tas-CPO artifiċjalment baxxi (għall-kuntrarju ta' sempliċi effetti sekondarju ta' miżuri tal-gvern biex jinġabar id-dħul pubbliku).
- (119) Fir-rigward tal-pretensjoni li l-prezzijiet domestiċi tas-CPO mhumiex *de facto* stabbiliti mill-GOI, Wilmar allega wkoll li l-konklużjoni tal-Kummissjoni mhijiex korretta peress li:
- L-offerti magħmula minn xerrej interessat ġeneralment ikunu bbażati fuq il-prezzijiet tas-suq internazzjonali;
 - Il-proċess tal-offerti huwa kompetittiv ħafna, u PTPN tista' tagħmel kontro-offerta jekk il-prezz jitqies bħala baxx wisq;
 - Ma hemm l-ebda evidenza li s-sostni l-pretensjoni tal-Kummissjoni li PTPN ma taġixxi bħala operatur razzjonali;
 - Il-fornituri domestiċi tas-CPO, abbażi tar-riżultati tal-offerti, jiddeċiedu jekk għandhomx ibiġġu s-CPO tagħhom u b'liema prezzijiet;
 - Il-fatt li PTPN tbigħ lis-CPO permezz ta' sejħiet għall-offerti pubbliċi jagħmilha prenditur tal-prezzijiet pjuttost milli stipulant tal-prezzijiet.
- (120) Fir-rigward tal-pretensjoni skont (a) hawn fuq, il-Kummissjoni fakkret li, kif innutat fil-premessi (91) sa (99) u (126) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kellha tibbaża ruħha fuq il-fatti disponibbli fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-fornituri tas-CPO u PTPN. Fil-kummenti tagħhom dwar ir-Regolament proviżorju, l-ebda produttur esportatur ma pprova xi evidenza dwar kif jifformulaw l-offerti tagħhom għas-CPO, ħlief fejn sostnew b'mod vag li huma ġeneralment ibbażati fuq "prezzijiet tas-suq internazzjonali".

- (121) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza verifikabbli li ssoġni din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni għaldaqstant irrifjutat din il-pretensjoni. Il-fornituri tas-CPO jsewju l-prezzijiet tas-CPO effettivament stabbiliti minn PTPN minflok ma jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom b'mod indipendenti fid-dawl tal-prezzijiet internazzjonali.
- (122) Fir-rigward tal-pretensjoni skont il-punt (b) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa (133) tar-Regolament proviżorju li PTPN fil-fatt mhi taħt l-ebda obbligu li tagħmel kontro-offerta bi prezz ogħla jekk l-offerti riċevuti jkunu anqas mill-“idea tal-prezz” għal dak il-jum speċifiku. Fil-fatt, matul iż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni kkonfermat li PTPN aċċettat offeriti b'mod regolari taħt dan il-prezz.
- (123) Il-Kummissjoni osservat ukoll li, kif spjegat fit-taqsimha 3.3.2 tar-Regolament proviżorju, hija applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku billi PTPN naqset milli twieġeb għall-Appendiċi B meħmuż mal-kwestjonarju antisussidji (kwestjonarju għall-fornituri taż-żejt tal-palm) għall-produtturi u għad-distributuri kollha taż-żejt tal-palm. Barra minn hekk, matul iż-żjara ta' verifika fil-bini tal-GOI, PTPN naqset milli tispjega kif hija tiddetermina l-“idea tal-prezz” ta' kuljum għas-CPO. Minflok, PTPN spjegat b'mod vag li din hija bbażata fuq parametri referenzjarji internazzjonali, mingħajr ma pprovdiet informazzjoni ddettaljata.
- (124) Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħet tikseb l-ebda evidenza li l-“idea tal-prezz” tirrifletti prezz tas-suq li jirriżulta minn proċess ta' offeriti kompetittivi. Minflok, il-Kummissjoni sabet li l-prezz domestiku tas-CPO huwa aktar baxx minn kwalunkwe wieħed mill-allegati parametri referenzjarji internazzjonali (inkluż il-prezz tal-esportazzjoni Indoneżjan) li allegatament kienu l-bażi tal-prezzijiet ta' PTPN.
- (125) Fir-rigward tal-pretensjoni (c), il-Kummissjoni osservat li sa fejn għandha x'taqsam PTPN, hija ma pprovdietx tveġiba għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni imsemmi hawn fuq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni applikat il-fatti disponibbli. Matul il-verifika tal-GOI, PTPN issottomettiet kopja tal-kontijiet awditjati tagħha għall-2016 u għall-2017. Dawn urew li PTPN kienet qed taħdem bit-telf. Fi stadju aktar tard u anke wara l-iskadenza għall-kummenti dwar l-ittra li ħabbret li l-Kummissjoni kienet se tapplika l-fatti disponibbli, PTPN ipprovdiet informazzjoni addizzjonali. Il-GOI ddikjara li dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tibdel il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni nnutat li l-informazzjoni kienet ġiet ipprovduta tard ħafna u ferm wara kwalunkwe skadenza stabbilita. PTPN ma ppreżentatx il-kontijiet awditjati għas-sena 2018. Fir-rigward tal-aħħar perjodu, il-Kummissjoni għalhekk irċeviet biss kontijiet awditjati għal trimestru wieħed tal-perjodu ta' investigazzjoni (l-aħħar trimestru tal-2017). Il-kontijiet awditjati li l-Kummissjoni rċeviet urew li PTPN kienet qed topera bit-telf. L-informazzjoni mibgħuta tard mill-GOI rigward il-perjodu mill-2016 sal-perjodu ta' investigazzjoni (b'mod partikolari tabella tal-excel) tipprova turi li n-negozju tas-CPO ta' PTPN (li jirrappreżenta l-maġġoranza tal-attivitajiet tagħha) kien profitabbli u li l-kumpanija għamlet l-istess profitt fil-bejgħ domestiku u tal-esportazzjoni tagħha. Madankollu, din l-informazzjoni ma kenitx sostnuta minn kontijiet awditjati. B'kuntrast ma' dan, l-informazzjoni pprovduta abbażi tal-kontijiet awditjati kkonfermat li PTPN ma kenitx qed tagħmel profitti meta kienet qed tbigħ is-CPO tagħha, u b'hekk naqset milli taġixxi bħala operatur ekonomiku razzjonali. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnutat li l-informazzjoni ppreżentata fi stadju daqshekk tard (saħansitra wara l-kummenti dwar ir-Regolament proviżorju) ma tistax tiġi aċċettata minħabba li ma tistax tiġi vverifikata. Għaldaqstant, din il-pretensjoni ġiet irrifjutata.
- (126) Fir-rigward tal-pretensjoni (d), il-GOI u l-produtturi esportaturi ddikjaraw ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tagħti provi li l-imġiba tal-fornituri tas-CPO kienet irrazzjonali minħabba li kienu profittabbli. Din il-pretensjoni tirrigwarda lill-fornituri tas-CPO li pprovdew tveġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni kif ukoll lil PTPN ⁽¹⁵⁾.
- (127) Il-Kummissjoni qieset li l-kunċett ta' mġiba irrazzjonali mhuwiex limitat għall-operat ta' negozju bit-telf iżda jinkludi wkoll azzjonijiet li jqiegħdu operazzjoni kummerċjali f'pożizzjoni anqas vantaġġjuża (anqas profittabbli). Il-Kummissjoni stabbiliet differenza ċara fil-prezzijiet bejn il-prezzijiet domestiċi u daww tal-esportazzjoni tas-CPO fl-Indoneżja, b'tali mod li, li ma kienx għal-levy tal-esportazzjoni, il-bejgħ għall-esportazzjoni kien ikun aktar profittabbli għall-fornituri tas-CPO.

⁽¹⁵⁾ Kif ġie diskuss hawn taħt fil-premessa (142), il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal xi konklużjoni mit-tveġibiet tal-fornituri tas-CPO fir-rigward tal-profitabbiltà tagħhom.

- (128) Barra minn hekk, is-sejba li s-sistema ta' trażżin fuq l-esportazzjonijiet stabbilita mill-GOI effettivament tipprevjeni lill-produtturi domestiċi tas-CPO milli jaġixxu b'mod razzjonali hija kkorroborata mill-fatt li l-esportazzjonijiet huma mistennija jiżiedu b'riżultat tat-tneħħija tal-levy tal-esportazzjoni. F'dan ir-rigward, fartiklu tal-istampa reċenti, ġie nnutat dan li ġej: "L-Assoċjazzjoni Indoneżjana taż-Żejt tal-Palm, jew GAPKI, stmat li l-esportazzjonijiet tas-CPO tal-pajjiż jistgħu jiżiedu b'10 % sa 15 % wara li l-levy tal-esportazzjoni titnaqqas għal zero, mil-livell preċedenti ta' \$50 kull tunnellata, qal is-segretarju ġenerali Togar Sitanggang. Is-Sur Sitanggang ta stima li l-esportazzjonijiet tas-CPO ta' kull xahar mill-Indoneżja diġà telgħu għal bejn 800,000 tunnellata u 900,000 tunnellata, minn medja ta' 700,000 tunnellata preċedentement. "Ma jkunx sorprendenti li l-esportazzjonijiet tas-CPO ta' kull xahar imissu l-miljun tunnellata jekk il-levy tal-esportazzjoni zero tibqa'," żied jgħid. L-estimi tal-GAPK juru li l-Indoneżja diġà esportat 6 miljun tunnellata ta' CPO din is-sena, madwar wieħed minn ħamsa mill-esportazzjonijiet globali tagħha s'issa ta' CPO u derivati oħra taż-żejt tal-palm" (16).
- (129) Artiklu ieħor fl-istampa jkompli jkkorroborata s-sejba li l-ġbir tal-levy tal-esportazzjoni għandu bħala effett li jġiegħel lill-fornituri tas-CPO jbigħu domestikament minflok ma jbigħu għal aktar profitt fis-suq tal-esportazzjoni. F'dak l-artikolu, analist indipendenti sab "din l-aħbar (jiġifieri l-iffissar tal-levy tal-esportazzjoni fil-livell ta' zero) bħala pożittiva għall-kultivaturi upstream esposti għall-Indoneżja, minħabba li r-reviżjoni fir-rati tal-levy tal-esportazzjoni tista' tgħin sabiex issostni l-prezzijiet tas-CPO fil-livelli kurrenti tagħhom. Madankollu, Ng ma tistenniex profitt nett fis-SF19F-20F għall-kultivaturi – u twissi li l-aħbar hija negattiva għall-proċessuri downstream Indoneżjani peress li l-levy riveduta bil-prezzijiet aktar baxxi tas-CPO se tnaqqas il-vantaġġ tal-marġni tagħhom, li bħalissa huwa d-differenza fil-prezzijiet bejn is-CPO u l-prodotti tal-palm ipproċessati. "Aħna nibqgħu tal-fehma li t-tneħħija tal-levy tal-esportazzjoni se żżid il-kompetittività tal-esportaturi Indoneżjani tal-prodotti taż-żejt tal-palm, peress li, kieku, dawn kienu jiffrankaw bejn USD\$20-50 għal kull tunnellata f'taxxa fuq l-esportazzjoni meta l-prezz tas-CPO ikun anqas minn USD\$570 għal kull tunnellata. Il-biċċa l-kbira tal-iffrankar x'aktarx li jmur lura għand il-bdiwa Indoneżjani permezz ta' prezzijiet tas-CPO domestiċi oġhla" (17).
- (130) Dan l-artiklu tal-istampa tal-aħħar jkkorroborata wkoll is-sejba li l-effett intiż tal-levy tal-esportazzjoni, jiġifieri li trażżan il-prezzijiet domestiċi tas-CPO, inkiseb. Il-fatt li hemm xi esportazzjonijiet tas-CPO mill-Indoneżja ma jfissirx li l-miżuri meħuda mill-GOI biex iżommu s-CPO fl-Indoneżja ma wasslux lill-fornituri tas-CPO biex isegwu mgħiba ekonomika irrazzjonali. Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni rrifjutat dawn il-pretensjonijiet.
- (131) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-pretensjoni (e), il-Kummissjoni osservat li sabiex issostni l-argument tagħha li PTPN taġixxi bħala prenditur tal-prezzijiet, Wilmar jikkwota biss parzjalment il-premessa (146) tar-Regolament proviżorju. B'dan, Wilmar sostna li l-Kummissjoni waslet għal konklużjoni li, fir-realtà, kienet tikkontradixxi l-konklużjoni li ntlaħqet f'dik il-premessa. B'mod partikolari, wara li ddikjarat li "Barra minn hekk, l-investigazzjoni indikat li f'termini ta' saħħa fin-negozjati s-suq huwa ferm żbilanċjat favur ix-xerrejja tas-CPO", kif ikkwotat korrettament minn Wilmar, il-Kummissjoni kompliet tispjega li "(...). F'dan il-kuntest, kwalunkwe xerrej ikollu livell sinifikanti ta' setgħa ta' xiri, b'tali mod li jkun jista' jirreżisti kwalunkwe tentattiv mill-fornitur tiegħu li jitlob prezz oġhla minn dak stabbilit mill-GOI. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li billi jikkomunika b'mod trasparenti l-prezzijiet tas-CPO ta' kuljum, il-GOI, permezz ta' PTPN, effettivament qed jistabbilixxi l-prezzijiet massimi ta' kuljum tas-CPO fl-Indoneżja." Għalhekk, il-premessa (146) tar-Regolament proviżorju waslet għal konklużjoni kuntrarja għal dik iddikjarata minn Wilmar. PTPN fil-fatt taġixxi bħala stipulant tal-prezzijiet tas-CPO fis-suq peress li l-fornituri tas-CPO de facto jsegwu dan il-prezz, minkejja l-istruttura tas-suq (li fil-prinċipju turi li l-fornituri tas-CPO għandhom setgħa ta' negozjar sinifikanti li ma tintużax kontra x-xerrejja).
- (132) Minbarra l-iżball fattwali msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni ħadet nota wkoll tal-fatt li l-kumment ta' Wilmar mhuwa sostnut minn ebda evidenza fattwali. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza fattwali ġdida, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni.
- (133) Wilmar iddikjara wkoll li l-Kummissjoni naqset milli ttipprova li l-GOI jġiegħel lill-fornituri tas-CPO jipprovdu CPO b'remunerazzjoni anqas minn dik adegwata.

(16) <https://lloydslist.maritimeintelligence.informa.com/LL1125599/Indonesia-CPO-exports-get-boost-from-levy-relief>, aċċessat fit-23 ta' Settembru 2019.

(17) <https://www.theedgesingapore.com/new-indonesian-export-levies-great-news-upstream-planters-threat-processors-cgs-cimb>, aċċessat fit-23 ta' Settembru 2019.

- (134) Il-Kummissjoni osservat li Wilmar ma pprova l-ebda evidenza li ssostni l-pretensjoni li dan mhuwiex il-każ. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar il-pretensjoni magħmula mill-EBB dwar in-numru limitat ta' tweġibiet għall-kwestjonarju pprovduti mill-fornituri tas-CPO. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-fornituri tas-CPO, u fuq il-bażi tal-elementi li jinsabu fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkunsidrat li hemm evidenza sinifikanti li turi li l-fornituri tas-CPO ġew fdati jew ordnati mill-GOI biex jipprovdu s-CPO għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-GOI biex jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil.
- (135) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-pretensjoni ta' Wilmar tikkontradixxi s-sejba fattwali mhux ikkontestata li prattikament ix-xiri domestiku kollu tas-CPO fl-Indoneżja jsir bil-prezzijiet ta' kuljum ta' PTPN, aġġustati għall-kostijiet tat-trasport diskussi fil-premessa (168) tar-Regolament proviżorju. Li kieku l-pretensjoni ta' Wilmar kellha tkun korretta u l-fornituri tas-CPO jaġixxu b'mod totalment indipendenti minn kwalunkwe direzzjoni tal-gvern, dan l-allinjament perfett tal-prezzijiet tas-CPO ma jkunx jista' jiġi spjegat f'suq li huwa fframmentat.
- (136) Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni.
- (137) Wilmar iddikjara wkoll li l-Kummissjoni naqset milli turi provi ta' inkarigu jew ta' direzzjoni għall-fornituri tas-CPO sabiex jipprovdu s-CPO b'remunerazzjoni anqas minn dik adegwata. Il-pretensjoni ta' Wilmar essenzjalment hija bbażata fuq il-fatt li (1) PTPN mhijiex stipulant tal-prezzijiet u, għalhekk, is-CPO ma jiġix ipprovdut b'remunerazzjoni anqas minn dik adegwata u (2) il-fornituri tas-CPO mhumiex ipprojbiti milli jbigħu fis-suq ta' esportazzjoni.
- (138) Il-Kummissjoni diġà indirizzat u rrifjutat dawn il-punti ta' hawn fuq fil-premessi (127) sa (135). Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-pretensjoni ta' Wilmar hija bbażata fuq fatti żbaljati u ma tistax tiġi aċċettata. L-evidenza disponibbli f'din l-investigazzjoni wriet li PTPN taġixxi bħala stipulant tal-prezzijiet għas-CPO fis-suq u li l-kapaċità tal-fornituri tas-CPO li jesportaw is-CPO hija mdgħajfa bil-miżuri adottati mill-GOI.
- (139) Saru pretensjonijiet simili mill-GOI, minn PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas ("Musim Mas Group") u minn Permata. Fil-kummenti tiegħu, il-GOI ddikjara li l-prezzijiet tas-CPO huma ddeterminati mill-forzi tas-suq u li x-xerrejja normalment isawru l-ideat tal-prezz tagħhom skont il-prezzijiet tas-suq internazzjonali.
- (140) Il-Kummissjoni diġà ddiskutiet argumenti simili fil-premessi (62) sa (96), u sabet li dawn ma jistgħux jiġu aċċettati. L-istess konklużjoni hija kkonfermata rigward il-pretensjonijiet tal-GOI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat għal darb'oħra li l-GOI ma pprova l-ebda evidenza ġdida sabiex isostni l-pretensjoni tiegħu.
- (141) Il-GOI ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli tagħti prova li hemm rabta dimostrabbli bejn l-imġiba tal-produtturi tas-CPO u l-miżuri tal-GOI. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat għal darb'oħra is-sejba tal-premessa (168) tar-Regolament proviżorju, imfakkra fil-premessa (137). Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-fatt li l-fornituri indipendenti tas-CPO dejjem isegwu l-prezzijiet ta' PTPN huwa prova inekwivoka tal-eżistenza ta' din ir-rabta (iktar u iktar f'suq li huwa fframmentat f'termini tan-numru ta' fornituri tas-CPO kif ukoll ġeografikament/bosta gżejjer). Aktar u aktar f'sitwazzjoni fejn il-prezzijiet domestiċi tas-CPO ma jirriflettux dak li jkun prezz tas-suq mingħajr distorsjoni li ma kienx għall-miżuri mmirati tal-GOI.
- (142) Fis-sottomissjoni tiegħu, il-GOI ddikjara wkoll li l-Kummissjoni tat struzzjonijiet lill-GOI u lill-fornituri indipendenti tas-CPO sabiex jipprovdu informazzjoni dettaljata iżda ma vverifikatx din l-informazzjoni. Il-GOI ddikjara wkoll li l-Kummissjoni injorat totalment din l-informazzjoni meta waslet għas-sejbiet tagħha. Fl-aħħar nett, f'dan ir-rigward il-GOI nnota li l-Kummissjoni applikat l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku għall-GOI għaliex il-GOI ma komplix jipprova jkseb aktar tweġibiet bħala dawn u għaliex ma kisibx aktar informazzjoni mingħand PTPN.

- (143) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkunsidrat li din il-pretensjoni hija fattwalment żbaljata: il-Kummissjoni fil-fatt analizzat it-tweġibiet kollha li rċiviet mingħand il-fornituri tas-CPO. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li, minkejja t-tfakkiriet kollha li baġtet, il-fornituri tas-CPO indipendenti kollha minbarra wieħed naqsu milli jipprovdu verżjoni miftuħa tat-tweġibiet tagħhom. Fid-dawl tal-Artikolu 29(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' tinjora informazzjoni li tkun ġiet ipprovduta iżda li għaliha ma jkunx ġie pprovdut sommarju xieraq mill-parti li tkun ipprezentatha. Barra minn hekk, il-maġġoranza l-kbira tat-tweġibiet ma kinux kompluti u ħafna minnhom ma kienx fihom informazzjoni dwar il-profitabbiltà. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħet tasal għall-ebda konklużjoni minn dawn it-tweġibiet. Fil-fatt, in-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GOI kif ukoll mill-fornituri tas-CPO kien indikazzjoni ulterjuri li l-fornituri tas-CPO qed jaġixxu fuq l-ordnijiet tal-GOI b'appoġġ għall-produtturi tal-bijodiżil.
- (144) Bl-istess mod, il-pretensjoni tal-GOI li l-Kummissjoni injorat it-tweġiba ta' PTPN mhijiex ġustifikata. Kif spjegat qabel, il-Kummissjoni talbet, mingħajr suċċess, f'diversi okkażjonijiet, il-kooperazzjoni ta' PTPN. Kif imsemmi fil-premessi (29) u (30) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni osservat li PTPN, li l-GOI għandu s-sjeda sħiħa tagħha, ma rrispondietx għall-Appendiċi B tal-kwestjonarju tal-GOI sal-iskadenza stipulata. Għalhekk, il-Kummissjoni ħarġet ittra tal-Artikolu 28 lill-GOI, limitata għall-informazzjoni speċifika li ma ġietx ipprovduta. Kif ġie nnutat fil-premessa (98) tar-Regolament proviżorju, il-GOI sottometta tweġiba għall-Appendiċi B għal PTPN fit-30 ta' Ġunju 2019. Dan kien ferm wara l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dik l-informazzjoni (l-14 ta' Marzu 2019) u wara li saret iż-żjara ta' verifika fil-bini tal-GOI. Is-sottomissjoni kienet għalhekk sottomessa ħafna wara l-iskadenza, ma kinitx verifikabbli u l-GOI ma kienx aġixxa bl-aħjar mod li seta' skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni użat l-evidenza kollha pprovduta minn PTPN u li setgħet tiġi vverifikata. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat b'mod xieraq l-informazzjoni pprovduta minn PTPN flimkien mal-fatti disponibbli l-oħra dwar is-suq tas-CPO fl-Indoneżja.
- (145) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI, Permata Group u Wilmar iddikjaraw li l-Kummissjoni wettqet żball meta sabet inkarigu jew direzzjoni tal-fornituri tas-CPO minħabba li:
- (a) It-trażżin tal-esportazzjoni mhuwiex imfassal biex jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil u kwalunkwe impatt fuq il-prezzijiet huwa biss effett sekondarju tal-miżuri;
 - (b) PTPN tistabilixxi l-prezzijiet tagħha permezz ta' offerti kompetittivi u hija profittabbli;
 - (c) L-allinjament tal-prezzijiet tal-fornituri tas-CPO ma' PTPN ma jurix inkarigu jew direzzjoni;
 - (d) Il-fornituri tas-CPO huma operaturi razzjonali fis-suq u l-Kummissjoni naqset milli twettaq verifika tat-tweġibiet tagħhom; u li,
 - (e) Il-Kummissjoni naqset milli tagħti prova ta' rabta dimostrabbli bejn l-azzjoni tal-GOI, permezz ta' PTPN, u l-azzjoni tal-fornituri tas-CPO. Skont il-GOI, is-sehem mis-suq limitat tal-PPN ma jippermettilhiex li tistabilixxi l-prezzijiet tas-suq.
- (146) Il-Kummissjoni l-ewwel nett osservat li l-levy tal-esportazzjoni hija mfassla speċifikament biex tappoġġa l-OPPF u li l-OPPF hija mfassla biex tappoġġa lill-industrija taż-żejt tal-palm b'mod ġenerali iżda, kif spjegat fil-premessi (76) u (77) tar-Regolament proviżorju, *de facto*, tappoġġa biss l-industrija tal-bijodiżil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-appoġġ tal-GOI għall-industrija tal-bijodiżil jinkiseb ukoll bil-provvista tas-CPO għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata. Dan l-oġġettiv jintlaħaq bl-effett kombinat ta' diversi miżuri, inkluża l-levy tal-esportazzjoni.
- (147) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-impożizzjoni tal-levy tal-esportazzjoni sa mill-bidu tagħha għandha żewġ oġġettivi distinti: tiffinanzja l-OPPF u tkun parti minn sett ta' miżuri biex jitwaqqgħu l-prezzijiet domestiċi. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-GOI pprova apposta jkiseb dan l-effett fuq is-suq (u rnexxielu jagħmel dan) u dan mhuwiex sempliċi effett sekondarju ta' politika governattiva.

- (148) Fir-rigward tal-pretensjoni li PTPN tistabbilixxi l-prezzijiet tagħha permezz ta' offerti kompetittivi u li għalhekk dak l-eżitu jenħtieġ li jitqies bħala prezz tas-suq, il-Kummissjoni ttenni li, kif innutat fil-premessi (91) sa (99) u (126) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-fornituri tas-CPO u PTPN. Fil-kummenti tagħhom dwar ir-Regolament proviżorju, l-ebda produttur esportatur ma pprova xi evidenza dwar kif jifformulaw l-offerti tagħhom għas-CPO, ħlief fejn sostnew b'mod vag li huma ġeneralment ibbażati fuq "prezzijiet tas-suq internazzjonali". Madankollu, ma kien hemm l-ebda evidenza diretta disponibbli dwar kif il-fornituri tas-CPO jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom; pjuttost, il-fatti juru l-allinjament tal-prezzijiet mal-prezz stabbilit minn PTPN.
- (149) F'dan ir-rigward, fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni definittiva, Wilmar enfasizza li s-servizzi tal-Kummissjoni matul iż-żjara ta' verifika fil-bini tiegħu staqsew kif huwa jaasal għad-deċizzjoni dwar il-prezz li jkollu jiġi offrut f'kull sejħa għall-offerti ta' PTPN. Wilmar spjega wkoll li r-rapport tal-missjoni sussegwenti ma jindika l-ebda informazzjoni nieqsa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li Wilmar ma jikkontestax li l-informazzjoni li kien ipprova f'dak il-każ kienet vaga ħafna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li Wilmar ma qiesx li kien xieraq li jipprova spjegazzjoni dettaljata aktar ta' dan il-mekkaniżmu fi kwalunkwe stadju ulterjuri tal-investigazzjoni, minkejja li dan issemma ripetutament mill-Kummissjoni.
- (150) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza verifikabbli li s-sostni din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni. Il-fornituri tas-CPO jsegwu l-prezzijiet tas-CPO effettivament stabbiliti minn PTPN minflok ma jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom b'mod indipendenti fid-dawl tal-prezzijiet internazzjonali.
- (151) Fir-rigward tal-allegazzjoni li PTPN hija profitabbli, il-Kummissjoni osservat li, flimkien ma' dak li kien diġà spjegat fil-premessi (125) u (144), il-GOI ppreżenta tard il-kontijiet awditjati tal-2018 ta' PTPN wara d-divulgazzjoni finali. Madankollu, traduzzjoni ġiet riċevuta biss għal parti minn dawn il-kontijiet. Il-kontijiet tal-2018 jidhru li juru li PTPN kienet profittabbli fl-2018. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta dan għaliex il-partijiet ewlenin tal-kontijiet ma ġewx tradotti u minħabba li dawn il-kontijiet koprew il-prodotti kollha mhux biss id-dħul mill-bejgħ tas-CPO. Barra minn hekk, kif spjegat hawn fuq, id-*data* ppreżentata kemm għall-bejgħ tas-CPO kif ukoll għall-kumpanija b'mod ġenerali ġiet sottomessa tard u għalhekk ma kinitx verifikabbli. Dan minbarra l-fatt li PTPN ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-akkuratezza tal-pretensjoni ma setgħetx tiġi vvalutata u kellha tiġi rrifjutata. Fir-rigward tal-pretensjoni skont il-punt (b) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa (133) tar-Regolament proviżorju li PTPN fil-fatt mhi taħt l-ebda obbligu li terġa' toffri prezz ogħla jekk l-offerti riċevuti jkunu anqas mill-"idea tal-prezz" għal dak il-jum speċifiku. Fil-fatt, matul iż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni kkonfermat li PTPN aċċettat offerti b'mod regolari taħt dan il-prezz. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-GOI jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' PTPN fir-rigward tal-politika tal-ipprezzar PTPN, u fil-fatt jagħmel dan ⁽¹⁸⁾.
- (152) Fir-rigward tal-pretensjoni li l-allinjament tal-prezz tal-fornituri tas-CPO mal-prezzijiet ta' kuljum ta' PTPN huwa indikazzjoni tal-fatt li s-suq mhuwiex distort aktar milli indikazzjoni ta' inkarigar jew direzzjoni, il-Kummissjoni osservat li l-fornituri indipendenti tas-CPO offrew prezzijiet li huma l-istess prezzijiet jew prezzijiet orħos meta mqabbla mal-prezz ta' PTPN ta' dak il-jum. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan ma jistax ikun indikazzjoni ta' dinamika tas-suq mhux distorta: huwa kontrointuwittiv kif f'suq kompetittiv il-fornituri tas-CPO kollha ma jbigħux għal prezz ogħla minn dak stabbilit minn kompetitur (sakemm dak il-kompetitur ma jkunx effettivament qiegħed jistabbilixxi l-prezz massimu għal dak il-prodott fis-suq u l-gvern jew jobbliga jew jipperswadi lill-atturi l-oħra kollha biex jirrispettaw dak il-limitu massimu).
- (153) Fir-rigward tal-istqarrija tal-GOI li l-produtturi tas-CPO huma operaturi razzjonali fis-suq peress li 70 % tas-CPO huwa esportat, il-Kummissjoni osservat li skont sorsi pubbliċi, il-konsum domestiku tas-CPO jammonta għal 30 % tal-produzzjoni ⁽¹⁹⁾. Dan ifisser li l-produtturi tas-CPO jissodisfaw kompletament id-domanda domestika u, wara li jkunu ssodisfaw din id-domanda, huma jirrikorru għall-esportazzjoni. Għaldaqstant, il-fatt li 70 % tal-produzzjoni tas-CPO qed tiġi esportata ma jikkontradixxi is-sejba li l-fornituri tas-CPO huma mċaħħda minn għażla razzjonali, iżda l-kuntrarju. Kieku l-fornituri tas-CPO Indoneżjani jġibu ruħhom b'mod razzjonali, ma jissodisfawx id-domanda

⁽¹⁸⁾ Kif spjegat fil-premessa (133) tar-Regolament proviżorju, "(...) meta l-prezz offrut minn xerrej prospettiv ikun inqas minn dik l-"idea tal-prezz", il-kwistjoni tiġi riferuta lill-Bord tad-Diretturi li jista' jiddeċiedi li jaċċetta l-offerta. Matul iż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni kkonfermat li dawn l-aċċettazzjonijiet iseħħu fuq bażi regolari. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li d-deċiżjonijiet dwar il-prezzijiet jittieħdu mill-bord tat-tmexxija ta' PTPN fejn il-GOI biss huwa rrappreżentat jindika li l-GOI jeżerċita kontroll sinifikanti fuq PTPN u l-kondotta tagħha marbuta mad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar".

⁽¹⁹⁾ Ir-rapport GAIN Indonesia Oilseeds and Products Annual 2019.

domestika, u jespertaw il-produzzjoni kollha tagħhom jew proporzjon sostanzjalment ikbar minnha fejn ikunu jistgħu jagħmlu profitt akbar. Dawk il-profitti addizzjonali potenzjali mill-esportazzjonijiet huma limitati mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni użati mill-GOI biex iġiegħel lill-fornituri tas-CPO biex ibiġġu domestikament u jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali. Għalhekk, il-fatt li d-domanda domestika hija ssodisfata kollha pjuttost jindika li l-GOI laħaq l-għan tiegħu li jara li s-suq domestiku jkun furnut bi prezzijiet favorevoli għall-produtturi tal-bijodiżil.

- (154) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni definittiva, Wilmar sostna wkoll li l-fatt li wara l-iffissar tal-levy tal-esportazzjoni għal żero, is-sehem tal-esportazzjoni tas-CPO ma żdiedx hija evidenza li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonkludiet li l-levy tal-esportazzjoni hija mfassla biex iżżomm is-CPO fil-pajjiż u tnaqqas il-prezz tiegħu.
- (155) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li d-*data* pprovduta minn Wilmar indikat li l-konsum domestiku żdied u li għalhekk ħa sehem akbar mill-produzzjoni totali tas-CPO. Dan jista' jappoġġa l-pretensjoni ta' Wilmar kieku l-GOI esprima l-intenzjoni tiegħu li jtemm is-sistema ta' trażżin tal-esportazzjoni. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (108), l-intenzjoni tal-GOI mhijiex li jtemm il-mekkaniżmu ta' trażżin tal-esportazzjoni. Pjuttost, huwa ċar li r-rata tas-sistema tat-trażżin tal-esportazzjoni sempliċiment hija żero b'reazzjoni għal fatturi esterni, jiġifieri t-tnaqqis globali tal-prezzijiet taż-żejt tal-palm. Il-produtturi Indoneżjani kollha huma konxji sew li dan il-livell huwa biss temporanju u għalhekk qed ikompli jagħtu preferenza għall-issodisfar tad-domanda domestika l-ewwel.
- (156) Wilmar ipprova wkoll informazzjoni dwar il-prezz fit-tweġiba tiegħu, fejn argumenta li sa mill-ażżerar tal-levy tal-esportazzjoni, il-prezzijiet tas-CPO nazzjonali ma żdidux b'mod sostanzjali. Il-Kummissjoni analizzat dik l-informazzjoni u osservat li ma setgħetx tiddetermina s-sors tad-*data* użata minn Wilmar; għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika u lanqas tivvaluta l-akkuratezza tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li, kieku kellha tibbaża ruħha fuq dik id-*data*, minkejja n-natura temporanja tal-fatt li r-rata tal-levy tal-esportazzjoni hija żero, hija turi allinjament tal-prezz domestiku mal-prezzijiet għall-esportazzjoni. B'mod partikolari, filwaqt li matul il-perjodu ta' investigazzjoni d-differenza medja bejn iż-żewġ prezzijiet kienet ta' madwar 50 USD/tunnellata, id-*data* pprovduta minn Wilmar indikat li l-prezzijiet domestiċi għolew qrib il-prezzijiet tal-esportazzjoni u d-differenza issa hija ta' inqas minn 20 USD/tunnellata. Il-fatt li l-prezz domestiku ma żdiedx sostanzjalment f'termini assoluti huwa sempliċiment minħabba l-fatt li l-prezzijiet dinjija waqgħu.
- (157) Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan jappoġġa s-sejba tagħha li s-sistema ta' trażżin tal-esportazzjoni hija mfassla, fost l-oħrajn u flimkien mal-miżuri l-oħra, biex tnaqqas il-prezzijiet domestiċi tas-CPO.
- (158) Fir-rigward tal-pretensjoni tal-GOI li l-Kummissjoni ma vverifikatx it-tweġibiet indipendenti tal-fornituri tas-CPO, il-Kummissjoni tosserva li din hija allegazzjoni fattwali inkorretta. Kif diġà ġie indikat fil-premessa (143), il-Kummissjoni analizzat kif xieraq it-tweġibiet kollha li rċeviet iżda osservat li l-maġġoranza l-kbira tat-tweġibiet ma kinux kompluti, ħafna minnhom ma kienx fihom informazzjoni dwar il-profitabbiltà u ħafna minnhom ma pprovdewx verżjonijiet miftuħa tat-tweġibiet tagħhom.
- (159) Minbarra din il-pretensjoni, il-GOI sottometta li d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni fid-divulgazzjoni finali, irrapporati fil-premessa (143), mhumiex korretti peress li ma setax jinstab kont tat-tfakkiriet fil-fajl miftuħ. B'referenza għal din il-pretensjoni, il-Kummissjoni osservat li dawk it-tfakkiriet huma parti mill-fajl limitat u jistgħu jinstabu fuq il-lista ta' dokumenti limitati disponibbli għall-partijiet interessati. Minkejja dan, il-Kummissjoni pprovdiet lista ta' numri rilevanti lill-GOI matul seduta ta' smiġħ li saret fis-16 ta' Ottubru 2019. Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-kwestjonarji lill-fornituri indipendenti tas-CPO kienu parti mill-kwestjonarju indirizzat lill-GOI, u għalhekk ir-responsabbiltà li jikkoordina u jiġbor it-tweġibiet kompluti u li jara li jintbagħtu fil-ħin kienet kompletament tal-GOI.
- (160) B'referenza għall-pretensjoni taħt (e) hawn fuq, il-Kummissjoni spjegat fil-premessi (124) sa (143) tar-Regolament proviżorju kif il-GOI, permezz ta' PTPN, jaġixxi bħala stipulant tal-prezzijiet fis-suq domestiku Indoneżjan u kif il-fornituri indipendenti tas-CPO kollha jsewgu dawk l-indikazzjonijiet tal-prezz. Fil-kumment tiegħu għad-divulgazzjoni definittiva, il-GOI ddikjara li, fid-dawl tas-sehem mis-suq limitat ta' PTPN, dak ir-riżultat huwa improbabbli. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li l-GOI naqas milli jipprovdix xi evidenza fattwali biex isostni d-dikjarazzjoni tiegħu u biex jikkontradixxi s-sejba tal-Kummissjoni.

- (161) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni rrifjutat l-pretensjonijiet tal-GOI u tal-produtturi esportaturi u kkonfermat is-sejba tagħha ta' inkarigu u direzzjoni.

3.2.3. *Nuqqas ta' prova ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezz skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku*

- (162) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI u l-produtturi esportaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni naqset milli tagħti prova tal-eżistenza ta' appoġġ għall-introjtu u għall-prezz favur il-produtturi tal-bijodiżil skont l-istandard meħtieġ stabbilit mill-ġurisprudenza tad-WTO.
- (163) Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni osservat li la l-GOI u lanqas il-produtturi esportaturi ma pprovdew informazzjoni jew evidenza ġdida sabiex isostnu pretensjoni ta' nuqqas ta' appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz. L-allegazzjonijiet imqajma f'dan ir-rigward sempliċiment ma jaqblux mal-interpretazzjoni ġurisprudenzjali segwita mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-analiżi mwettqa fit-taqsima 3.3.3.7 tar-Regolament proviżorju tissodisfa l-istandard ta' prova stabbilit mir-Regolament bażiku, mill-ftehim SCM u mill-ġurisprudenza tad-WTO.
- (164) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe element fattwali ġdid li jista' jwassal għal rivalutazzjoni tas-sejba tagħha, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni li ntlaħqet fit-taqsima 3.3.3.7 tar-Regolament proviżorju.
- (165) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-GOI sostna li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta sabet appoġġ għad-dħul u għall-prezzijiet għax dan jirrikjedi l-eżistenza ta' miżura li tiggarrantixxi ċertu riżultat, u mhux ta' kwalunkwe miżura li jkollha effett inċidentali fuq il-prezzijiet.
- (166) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessi (153) u (160) li s-sett ta' miżuri għandu l-għan li jirregola u jnaqqas il-prezzijiet domestiċi, u li mhuwiex biss effett sekondarju tal-politika tal-GOI. Minbarra dan, il-Kummissjoni osservat li la l-GOI u lanqas il-produtturi esportaturi ma pprovdew informazzjoni jew evidenza ġdida sabiex isostnu pretensjoni ta' nuqqas ta' appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz.
- (167) Wilmar iddikjara li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra l-pretensjonijiet tiegħu b'reazzjoni għad-divulgazzjoni proviżorja u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel dan.
- (168) Għall-kuntrarju tal-allegazzjoni ta' Wilmar, il-Kummissjoni analizzat dawk l-allegazzjonijiet u, kif indikat fil-premessa (163), ma setgħet issib ebda element fattwali ġdid. Minflok, Wilmar jispjega għaliex ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-ġurisprudenza tad-WTO u mal-fatti tal-każ. F'dawk il-kummenti, Wilmar jiddiskuti wkoll il-fehma tiegħu tax-xenarju kontrofattwali korrett.
- (169) Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Kummissjoni tenniet li ma taqbilx mal-interpretazzjoni ta' Wilmar tal-ġurisprudenza tad-WTO u mal-fatti tal-każ kif stabbilit fit-Taqsima III.B.3 tal-Kummenti għar-Regolament proviżorju u kkonfermat għal kollox il-konklużjoni li ntlaħqet fit-taqsima 3.3.3.7 tar-Regolament proviżorju.

3.2.4. *Nuqqas ta' prova tal-eżistenza ta' benefiċċju: żball fl-identifikazzjoni tal-parametru referenzjarju xieraq*

- (170) Fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni FOB tas-CPO mill-Indoneżja lejn il-bqija tad-dinja kif jinsabu fl-Istatistika dwar l-Esportazzjonijiet tal-Indoneżja huma parametru referenzjarju xieraq peress li huma stabbiliti skont il-prinċipji tas-suq ħieles, jikkompetu mal-prezzijiet ta' prodotti oħra fi swieq barranin, jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Indoneżja, u mhumiex imxekkla minn intervent tal-gvern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-parametru referenzjarju użat huwa l-aktar sostitut qrib għal xi jkun prezz domestiku Indoneżjan mingħajr distorsjoni jekk ma jkunx hemm l-intervent tal-GOI. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-prezzijiet FOB użati bħala parametru referenzjarju huma konformi mal-prezzijiet internazzjonali (bħal, pereżempju, CIF Rotterdam).
- (171) Il-Kummissjoni għalhekk ikkalkulat l-ammont ta' sussidju kumpensabbli għal kull produttur esportatur f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur li nstab li kien jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni vvalutat il-benefiċċju bħala li huwa l-addizzjoni għad-differenzi bejn il-prezzijiet imħallsa għas-CPO mixtri domestikament u l-prezz referenzjarju tas-CPO kkalkulat kull xahar tal-perjodu ta' investigazzjoni.

- (172) Il-GOI, Wilmar u Permata Group iddikjaraw li l-Kummissjoni żbaljat (1) meta qieset dak il-parametru referenzjarju bħala wieħed xieraq u, (2) fil-kalkolu tal-benefiċċju totali. Il-GOI, Wilmar u Permata Group isostnu li dan huwa minħabba li l-prezz tal-esportazzjoni FOB jinkludi l-levy tal-esportazzjoni u għalhekk huwa distort. L-EBB ressaq ukoll pretensjoni simili ħafna.
- (173) Il-Kummissjoni osservat li l-allegazzjoni li l-prezz tal-esportazzjoni huwa distort essenzjalment tipprowa taqleb kunċettwalment ir-raġunament tal-każ. Filwaqt li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezzijiet domestiċi tas-CPO huma artifiċjalment baxxi, l-esportaturi jiddikjaraw li huma l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet (bejn wieħed u ieħor allinjati mal-prezzijiet internazzjonali) li huma għoljin wisq. Fi kliem ieħor, l-esportaturi jiddikjaraw li l-levy tal-esportazzjoni tagħmel il-prezzijiet tal-esportazzjoni għoljin wisq. Madankollu, huwa l-prezz domestik u li huwa distort minħabba l-levy tal-esportazzjoni, fost affarijiet oħra. Fl-aħħar nett, il-GOI nnifsu ddikjara li l-levy tal-esportazzjoni mhijiex inkluża fil-prezz tal-esportazzjoni użat mill-Kummissjoni fil-kalkoli tagħha ⁽²⁰⁾. Il-Kummissjoni nnutat din il-pretensjoni tal-GOI. Madankollu, qieset li l-effetti tal-levy tal-esportazzjoni huma fatturati fil-prezz FOB. Il-Kummissjoni fil-fatt ikkunsidrat li l-bejjieġh iqis l-obbligu li jħallas il-levy meta jstabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni, li mbagħad jiġi kkomunikat lill-awtoritajiet tal-GOI għal skopijiet ta' statistika.
- (174) Minbarra dan, kif stabbilit fil-premessa (198) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni qieset il-prezz tal-esportazzjoni FOB ta' kull xahar, irrapportat fl-istatistiki Indoneżjani, bħala l-aktar parametru referenzjarju xieraq. Il-Kummissjoni kkunsidrat dan il-parametru referenzjarju bħala xieraq għat-tranżazzjonijiet individwali ta' xiri. Il-Kummissjoni sabet li l-incoterm tal-FOB tal-prezz referenzjarju u l-incoterms tat-tranżazzjonijiet ta' xiri domestiċi magħmula mill-produtturi esportaturi kienu komparabbli. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kument f'dan ir-rigward mill-partijiet interessati.
- (175) Minbarra dan ta' hawn fuq, Wilmar iddikjara li l-Kummissjoni għamlet żball meta kkalkolat l-ammont ta' benefiċċju riċevut minn tal-ewwel għax kellha tnaqqas mill-kalkolu tal-benefiċċju l-ammonti li bihom il-prezz tax-xiri tas-CPO jaqbeż il-parametru referenzjarju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li hija kienet qieset biss it-tranżazzjonijiet li għalihom ingħata benefiċċju (fi kliem ieħor, fejn il-prezz imħallas mill-produtturi esportaturi kien taħt il-parametru referenzjarju). Dawn huma t-tranżazzjonijiet fejn il-programm inkwistjoni jirriżulta fl-għoti ta' benefiċċji lill-produtturi esportaturi. Għalhekk ma jagħmilx sens li jitnaqqsu t-tranżazzjonijiet fejn ma ngħata l-ebda vantaġġ minħabba li kienu konformi mas-suq. F'dan is-sens, il-Kummissjoni osservat li l-bord tad-WTO fl-*Istati Uniti – Dazji Antidumping u Kumpensatorji Definitivi fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina* ⁽²¹⁾, meta eżamina kif l-USDOC kien iddetermina l-ammont ta' benefiċċju mogħti permezz tas-sussidju inkwistjoni bħala l-forniment ta' "gomma" għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata ⁽²²⁾, innota li s-sussidji allegati "jridu jiġu analizzati fir-rigward ta' perjodu partikolari biex fl-aħħar mill-aħħar jinstab l-ammont globali ta' sussidjar tal-prodott investigat" ⁽²³⁾ u li "l-Artikolu 14(d) tal-Ftehim SCM ma fiħ l-ebda referenza għal xi kunċett ta' tpaċija, jew 'benefiċċji negattivi' jew ta' teħid tal-medja matul il-perjodu ta' investigazzjoni, għal oġġett partikolari" ⁽²⁴⁾. It-tqabbil huwa paragun tat-tranżazzjonijiet individwali ta' xiri ma' parametru referenzjarju individwali għal dik it-tranżazzjoni ta' xiri. Il-Kummissjoni wettqet tqabbil ta' tranżazzjoni ma' tranżazzjonijiet sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm benefiċċju u l-ammont ta' dak il-benefiċċju. It-total tal-benefiċċji misjuba għal kull tranżazzjoni huwa l-ammont tas-sussidju. Għaldaqstant, din il-pretensjoni hija rriřjutata.

⁽²⁰⁾ t19.005028.

⁽²¹⁾ Ara r-Rapport tal-Bord, *Istati Uniti – Dazji Antidumping u Kumpensatorji Definitivi fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina* (WT/DS379/R), il-paragrafi 11.38 – 11.69.

⁽²²⁾ Il-USDOC ikkalkula l-prezzijiet referenzjarji ta' kull xahar tas-suq għal kull tip ta' gomma, ibbażat fuq ix-xiri reali ta' lastiku minn sorsi privati, u użat dawn il-parametri referenzjarji ta' kull xahar biex jiddetermina fuq bażi ta' kull xahar jekk ingħatax benefiċċju. Għal kull produttur tat-tajers, l-USDOC għadd l-ammonti tal-benefiċċji pożittivi hekk ikkalkulati għal kull tip ta' gomma, biex jasal għal benefiċċju totali għall-perjodu ta' investigazzjoni għal dak il-produttur tat-tajers minn dak it-tip ta' gomma. Dawn it-totali ta' benefiċċji speċifiċi għall-prodott tal-input imbagħad ġew miżjuda flimkien biex jinkiseb il-benefiċċju totali għall-produttur tat-tajers mill-provvista governattiva ta' inputs tal-gomma ta' kull tip matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Iċ-Ċina argumentat li jekk xi xirjiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni saru bi prezz ogħla mill-parametru referenzjarju jew ogħla mis-suq, l-ammont sħiħ ta' dawn l-ammonti ta' benefiċċji "negattivi", kif imkejla skont il-prezz referenzjarju, irid, bħala kwistjoni ta' liġi, jiġi paċut kontra l-ammonti ta' benefiċċji "pożittivi", matul il-perjodu sħiħ ta' investigazzjoni.

⁽²³⁾ Ara r-Rapport tal-Bord, *Istati Uniti – Dazji Antidumping u Kumpensatorji Definitivi fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina* (WT/DS379/R), il-paragrafu 11.45. Ara wkoll l-istess effett tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019, T-300/16, Jindal Saw, ECLI:EU:T:2019:235, paragrafi 180 – 182.

⁽²⁴⁾ Ara r-Rapport tal-Bord, *Istati Uniti – Dazji Antidumping u Kumpensatorji Definitivi fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina* (WT/DS379/R), il-paragrafu 11.47.

- (176) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI ddikjara wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tagħti prova tal-eżistenza ta' benefiċċju għaliex (1) huwa illoġiku li jinstab benefiċċju fil-forma ta' restrizzjonijiet tal-esportazzjoni f'suq finanzjarju kompetittiv, u (2) il-prezzijiet domestiċi tas-CPO jseguw d-dinamika tas-suq kompetittiva.
- (177) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal darb'oħra li l-benefiċċju f'dan il-każ huwa fil-forma ta' forniment ta' CPO għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata. Għalhekk, l-ewwel pretensjoni tal-GOI hija rrifjutata.
- (178) Fir-rigward tal-pretensjoni tal-GOI li l-prezzijiet domestiċi tas-CPO jseguw dinamiċi markaturi kompetittivi u mhux distorti, il-Kummissjoni tirreferi għall-analiżi li saret, u b'mod partikolari fil-premessa (151).
- (179) Il-Kummissjoni għalhekk żammet is-sejba tagħha li din l-iskema tagħti benefiċċju lill-produtturi esportaturi.
- (180) Il-GOI sostna wkoll li l-Kummissjoni identifikat il-parametru referenzjarju żbaljat essenzjalment minħabba li dak li użat jinkludi l-levy tal-esportazzjoni u li għandha tnaqqas il-levy tal-esportazzjoni mill-parametru referenzjarju.
- (181) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat kontradizzjoni bejn din id-dikjarazzjoni u t-tweġiba tal-GOI għall-ittra ta' insuffiċjenza tal-14 ta' Marzu 2019. F'dik it-tweġiba, il-GOI ddikjara li: *"Il-GOI jikkonferma li l-istatistika tal-esportazzjoni lejn l-UE tkopri biss il-bijodiżil prodott fl-Indoneżja. Il-valur irrapportat tal-esportazzjoni huwa FOB u mhijiex inkluża taxxa/levy tal-esportazzjoni"*. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-GOI ma pprovda l-ebda element fattwali addizzjonali biex jappoġġa d-dikjarazzjoni tiegħu. Kif spjegat fil-premessa (173), il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezz FOB irrapportat *de facto* jinkludi l-effetti tal-levy tal-esportazzjoni.
- (182) Wilmar sostna li l-parametru referenzjarju użat biex jiġi kkalkulat il-benefiċċju kien eċċessiv minħabba li ntuża parametru referenzjarju ta' "barra l-pajjiż". Madankollu, biex jiġi ddeterminat il-parametru referenzjarju l-aktar akkurat u xieraq li għandu jintuża, ta' min jinnota li l-Kummissjoni ma użatx parametri referenzjarji "barra l-pajjiż" bħal dawk disponibbli fil-Malasja jew fl-Ewropa bħal CIF Rotterdam. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni Indoneżjani kienu użati minħabba li huma Indoneżjani (u f'dan is-sens huma prezzijiet fil-pajjiż) u minħabba li jirrappreżentaw bażi tas-suq affidabbli għal skopijiet ta' tqabbil. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet irrifjutata.
- (183) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonfermat il-konklużjoni milħuqa fil-premessa (172).

3.2.5. Speċifità

- (184) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-GOI ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli tagħti prova tal-ispeċifità tal-programm. Skont il-GOI, sussidju huwa speċifiku jekk jirreferi għal industrija waħda biss.
- (185) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni. Il-Kummissjoni nnutat li l-Bord f'US - Upland Cotton spjega li: *"Skont it-test tal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM, sussidju huwa "speċifiku" jekk ikun speċifiku għal intrapriża jew industrija jew grupp ta' intrapriżi jew industrij (imsemmija fil-Ftehim SCM bħala "ċerti intrapriżi") fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità li tagħti l-għajnuna(...)"*. Il-Bord spjega wkoll li *"(...)" "Speċifità" testendi għal grupp ta' industrij minħabba li l-kliem "ċerti intrapriżi" huma definiti b'mod wiesa' fit-termini ta' ftuħ tal-Artikolu 2.1, bħala impriża jew industrija jew grupp ta' intrapriżi jew industrij."* ⁽²⁵⁾
- (186) Il-Korp tal-Appelli fl-Istati Uniti – Dazji Anti-Dumping u Kumpensatorji (iċ-Ċina) qies it-tifsira ta' "ċerti intrapriżi" fl-Artikolu 2: *"Barra minn hekk, sussidju huwa speċifiku skont l-Artikolu 2.1(a) tal-Ftehim SCM meta l-limitazzjoni espliċita tillimita l-aċċess għal dak is-sussidju għal "ċerti intrapriżi". Lx-chapeau tal-Artikolu 2.1 jistabbilixxi li t-terminu "ċerti intrapriżi" jirreferi għal "intrapriża jew industrija jew grupp ta' intrapriżi jew industrij". Ninnutaw l-ewwel nett li l-kelma "ċerti" hija definita bħala "magħruf u partikolarizzat iżda mhux espliċitament identifikat: (b'nom singulari) partikolari, (b'nom plurali) xi wħud partikolari, xi wħud definiti". Il-kelma "grupp", min-naħa tagħha, hija komunement iddefinita bħala "numru*

⁽²⁵⁾ Panel Report, United States – Subsidies on Upland Cotton, WT/DS267/R, Add.1 għal Add.3 u Corr.1, adottat fil-21 ta' Marzu 2005, kif immodifikat mir-Rapport tal-Korp tal-Appelli WT/DS267/AB/R, DSR 2005: II, p. 299, il-paragrafu 7.1140.

ta' persuni jew affarijiet li jitqiesu bħala unita' jew entita' sħiħa minħabba xi relazzjoni jew skop reċiproku jew komuni, jew ikklassifikati flimkien minħabba grad ta' xebh". Fir-rigward tan-nomi kkwalfikati minn "ċerti" u "grupp", naraw li "intrapriża" tista' tiġi definita bħala "ditta kummerċjali, kumpanija", filwaqt li "industrija" tfisser "forma jew qasam partikolari ta' xogħol produttiv; sengħa, manifattura". Ninnutaw li l-bord fl-Istati Uniti – Upland Cotton, qies li "industrija, jew grupp ta' "industriji", ġeneralment tista' ssir referenza għalihom skont it-tip ta' prodotti li jipproduċu"; li "l-kunċett ta' "industrija" huwa relatat ma' produtturi ta' ċerti prodotti"; u li "l-wisa' ta' dan il-kunċett ta' "industrija" jista' jiddependi fuq diversi fatturi f'każ partikolari". Dan ta' hawn fuq jissuġġerixxi li t-terminu "ċerti intrapriżi" jirreferi għal impriża waħda jew industrija waħda jew klassi ta' intrapriżi jew industriji magħrufa u partikolarizzati. Madankollu naqblu maċ-Ċina li dan il-kunċett jinvolvi "ċertu ammont ta' indeterminatezza fit-trufijiet", u mal-bord fl-Istati Uniti – Upland Cotton li kwalunkwe determinazzjoni ta' jekk numru ta' intrapriżi jew industriji jikkostitwixxu "ċerti intrapriżi" tista' ssir biss każ b'każ" ⁽²⁶⁾.

- (187) Il-Kummissjoni għalhekk innotat li l-ġurisprudenza tad-WTO ma tehtiegħ li sussidju jirreferi għal industrija waħda biex ikun speċifiku, iżda jista' jirreferi wkoll għal "klassi ta' intrapriżi jew industriji magħrufa u partikolarizzati". F'dan il-każ, il-Kummissjoni fil-premessa (202) tar-Regolament proviżorju kkonkludiet li s-sett ta' miżuri huma speċifiċi minħabba li huma ta' benefiċċju għal intrapriżi attivi fil-katina tal-valur taż-żejt tal-palm. Għalhekk, il-Kummissjoni – f'konformità mal-ġurisprudenza tad-WTO – ikkonkludiet li s-sett ta' miżuri huma speċifiċi minħabba li jirreferu għal "klassi ta' intrapriżi jew industriji magħrufa u partikolarizzati". Għalhekk, il-pretensjoni tal-GOI hija rrifjutata.

3.3. L-appoġġ tal-Gvern għall-industrija tal-bijodiżil permezz tal-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni fuq makkinarju impurtat f'żoni tal-merkanzija marbuta

- (188) Kif imsemmi fil-premessa (237) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkalkulat il-benefiċċju għall-produtturi esportaturi li jirriżulta mill-eżenzjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni fuq makkinarju importat bħala l-ammont totali ta' dazju mhux imħallas, allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni abbażi tal-ħajja utli tal-assi sottostanti. Il-produtturi esportaturi ddiġjaraw li meta kkalkulat il-benefiċċji miksuba minħabba l-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni fuq makkinarju importat, il-Kummissjoni missha allokat l-ammonti riċevuti fuq il-fatturat totali tal-kumpaniji rispettivi u mhux biss fuq il-fatturat tal-prodott ikkonċernat. Il-produtturi esportaturi spjegaw li dan huwa għaliex il-lista ta' magni importati mingħajr dazju ma tinkludix biss magni użati għall-produzzjoni tal-bijodiżil, iżda anki għal prodotti oħra.
- (189) F'dan ir-rigward, diġà fil-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi l-Kummissjoni talbet lill-kumpaniji biex jipprovdu l-lista tal-magni u jindikaw l-użu tagħhom. Il-Kummissjoni nnutat li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma qajjem il-possibbiltà ta' użu doppju ta' magni speċifiċi qabel iż-żjara ta' verifika, fiż-żmien meta kien ikun possibbli li tiġi vverifikata l-informazzjoni. Peress li ma kienx possibbli li din l-allegazzjoni tiġi vverifikata, il-pretensjoni ġiet rrifjutata.
- (190) Fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' makkinarju għal żoni tal-merkanzija marbuta, wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-EBB dwar il-kooperazzjoni parzjali ta' Wilmar f'dan ir-rigward. L-EBB fakkar il-fatt li Wilmar ma ddivulgax l-ammont ta' sussidji li rċieva permezz tal-iskema ta' sussidju taż-żoni tal-merkanzija marbuta. Barra minn hekk, l-EBB innota li d-dazju proviżorju impost fuq Wilmar mhuwiex l-ogħla rata ta' dazju fost id-dazji proviżorji imposti għal din l-iskema.
- (191) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tal-UE kkonfermat li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni parzjali fir-rigward tad-data dwar iż-żoni tal-merkanzija marbuta, il-Kummissjoni f'dan ir-rigward applikat għal Wilmar il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

⁽²⁶⁾ WT/DS379/AB/R (L-Istati Uniti – Dazji Kumpensatorji u Antidumping fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina), Rapport tal-Korp tal-Appelli tal-11 ta' Marzu 2011, DS 379, il-paragrafu 373.

- (192) Wara d-divulgazzjoni definittiva, PT Ciliandra Perkasa sostniet li l-Kummissjoni żbaljat meta rrifjutat il-pretensjoni tagħha li l-Kummissjoni kellha talloka l-ammonti rċevuti fuq id-dħul mill-bejgħ totali tal-kumpaniji rispettivi u mhux biss fuq id-dħul mill-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Skont PT Ciliandra Perkasa, dan huwa minħabba li l-Kummissjoni setgħet tissoponi mil-lista pprovduta jekk kull magna individwali tintużax għall-bijodiżil biss jew għandhiex użu doppju.
- (193) Il-Kummissjoni nnutat fil-premessa (189) li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi, inkluża PT Ciliandra Perkasa, ma qajjem il-possibbiltà ta' użu doppju ta' magni speċifiċi qabel iż-żjara ta' verifika, fiż-żmien meta kien ikun possibbli li tiġi vverifikata l-informazzjoni. Peress li ma kienx possibbli li din l-allegazzjoni tiġi vverifikata, it-talba ġiet rifjutata.

3.4. Kumment ġenerali dwar il-metodoloġija użata għall-kalkoli tas-sussidju

- (194) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Wilmar saħaq li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkalkulat l-ammonti ta' sussidju minħabba li għamlet dan permezz ta' allokazzjonijiet tal-fatturat. Wilmar jallega li, skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni missha kkalkulat l-ammont ta' sussidju għal kull unità tal-prodott issussidjat minflok għal kull programm.
- (195) Il-Kummissjoni nnutat li ma nġhata l-ebda sussidju b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Għalhekk l-ammont tas-sussidju totali kien allokata fuq il-fatturat tal-bejgħ rilevanti tal-kumpaniji tal-grupp Wilmar f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku li jgħid hekk: *"Fejn is-sussidju ma jingħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, maħduma, esportati jew trasportati, l-ammont tas-sussidju kumpensabbli għandu jiġi determinat bl-allokazzjoni tal-valur tas-sussidju totali, skont kif ikun il-każ, fuq il-livell ta' produzzjoni, bejgħ, jew esportazzjoni tal-prodotti kkonċernati matul il-perjodu tal-investigazzjoni dwar is-sussidjar"*.
- (196) Minħabba li l-ebda wieħed minn dawn is-sussidji ma jingħata b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati, il-valur tal-fatturat tal-bejgħ tal-kumpanija huwa l-aktar denominatur xieraq. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-fatturat rilevanti ġie determinat fuq bażi li tiżgura li jiġi rifless kemm jista' jkun il-valur tal-bejgħ tal-prodotti mibjugħa mill-kumpanija beneficijarja. Kull metodoloġija oħra proposta fil-kalkolu tal-ammont tas-sussidju kumpensabbli tkun kontra d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku (l-Artikoli 7 u 15) u l-prassi amministrattiva segwita mill-Kummissjoni fil-proċedimenti kontra s-sussidji tagħha hija u tagħżel in-numeratur/denominatur għall-allokazzjoni tal-ammont tas-sussidju kumpensabbli. Għalhekk, il-pretensjoni ta' Wilmar ġiet rifjutata.

3.5. Konkluzjoni dwar is-sussidjar

- (197) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI kkummenta fuq l-istatus tal-appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil permezz ta' trasferiment dirett ta' fondi permezz tal-OPPF kif ukoll permezz tal-forniment ta' CPO għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata. B'mod partikolari, il-GOI kkummenta li l-OPPF kien waqqaf il-ħlas tal-fondi lill-esportaturi tal-bijodiżil f'Settembru 2018, u li l-levy tal-esportazzjoni fuq is-CPO kienet fil-livell ta' zero mill-4 ta' Diċembru 2018.
- (198) Bi tweġiba l-Kummissjoni nnutat li ż-żewġ programmi għadhom fis-seħħ u ma tħassrux formalment. Minħabba l-mod kif joperaw, il-benefiċċji li jirriżultaw minnhom għall-produtturi esportaturi se jkomplu fil-futur. Il-ħlasijiet mill-OPPF twaqqfu minħabba d-differenza bejn il-prezz ta' referenza tad-diżil minerali u l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil, mhux minħabba li l-programm ġie eliminat. Barra minn hekk, f'Diċembru 2018 reġġu bdew il-pagamenti tal-OPPF lill-produtturi tal-bijodiżil. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 15(1) kienu ssodisfati u rrifjutat din il-pretensjoni.
- (199) Ir-rati definittivi tas-sussidju fir-rigward tas-sett ta' miżuri deskritti hawn fuq espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 1

Rati definittivi tas-sussidju

Kumpanija	Rata definittiva tas-sussidju
PT Ciliandra Perkasa	8,0 %
PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group)	16,3 %
PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group)	18,0 %
PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group)	15,7 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,0 %

4. DANNU**4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

- (200) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, il-produttur esportatur Indoneżjan Wilmar talab li jkun jaf jekk Masol, produttur Spanjol tal-bijodiżil u parti mill-kampjun, kenitx membru tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-affiljazzjoni tagħha mal-produttur esportatur Indoneżjan Musim Mas Group u li l-kumpanija tixtri l-bijodiżil minbarra li timmanifatturah fl-Unjoni.
- (201) Il-Kummissjoni qieset li Masol taqa' taħt id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba li tipproduċi bijodiżil fl-impjanti tagħha fl-Unjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' tinkludi produtturi tal-Unjoni fid-definizzjoni tal-industrija anke meta jimportaw ukoll il-prodott ikkonċernat (iżda mhijiex obligata li tagħmel dan). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-enfasi ekonomika ta' Masol hija wkoll fl-Unjoni peress li l-produzzjoni tagħha fl-Unjoni taqbeż bil-kbir ix-xiri tagħha ta' bijodiżil mill-Indoneżja jew minn postijiet oħra.
- (202) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar mill-ġdid talab biex ikun jaf jekk Masol għandhiex tiġi eskluża mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, peress li hija sussidjarja li hija kollha kemm hi proprjetà tal-produttur esportatur Indoneżjan Musim Mas Group.
- (203) Il-Kummissjoni qieset dan il-punt iżda qieset li Masol tibqa' parti mill-industrija tal-Unjoni bħala produttur tal-bijodiżil tal-Unjoni. Is-sjeda ta' din il-kumpanija hija biss wieħed mill-elementi li tqiesu f'dan ir-rigward, u mhijiex deċiżiva fir-rigward tal-istatus tagħha ta' produttur tal-Unjoni f'dan il-każ minħabba s-sehem sinifikanti tal-produzzjoni tagħha fl-Unjoni.
- (204) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Wilmar ikkummenta wkoll dwar il-livell tal-produzzjoni tal-Unjoni fit-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju, u nnota li kieku l-produzzjoni żdiedet bl-istess rata perċentwali bħall-konsum (33 %) mill-2015 sal-perjodu ta' investigazzjoni, il-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni kienet taqbeż il-konsum fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (205) Il-Kummissjoni nnutat li dan it-tqabbil kien affettwat minn arrotondament, minħabba li ż-żieda preċiża kienet ta' 32,58 % tal-konsum matul il-perjodu kkunsidrat. Il-produzzjoni kienet aktar baxxa mill-konsum tal-Unjoni fl-2015. B'konsegwenza ta' dan, jekk iż-żewġ ċifri jiżdiedu bl-istess perċentwal, huwa matematikament impossibbli li ċ-ċifra l-aktar baxxa (il-produzzjoni) taqbeż iċ-ċifra inizjalment ogħla (konsum) jekk iż-żewġ ċifri jiġu miżjuda b'mod matematikament korrett bl-istess rata.
- (206) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrimarkat li d-dikjarazzjoni li saret fil-premessa (269) tar-Regolament proviżorju, li tinnota li l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma żammitx il-pass tad-domanda, hija fattwalment preċiża. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnutat li matul il-perjodu kollu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kellha l-kapaċità żejda meħtieġa sabiex iżżid il-produzzjoni tagħha u tissodisfa ż-żieda fil-livell tal-konsum, li ma kisbitx minħabba l-importazzjonijiet issussidjati tal-bijodiżil.
- (207) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' għamel l-istess kumment, filwaqt li nnota li l-produzzjoni tal-Unjoni kienet kważi 100 % tal-konsum tal-Unjoni fl-2015 u li għalhekk, jekk il-Kummissjoni tistenna li l-produzzjoni tiżdied eżattament b'konformità mal-konsum, allura l-industrija tal-Unjoni tkun effettivament qed timmonopolizza l-konsum sħiħ tal-UE.

- (208) Madankollu, il-premessa (269) tar-Regolament proviżorju sempliċement iddikjarat li l-produzzjoni tal-Unjoni ma żammitx mad-domanda tal-Unjoni, u li d-differenza kienet l-importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-Unjoni. Din iddikjarazzjoni tibqa' fattwalment korretta. Huwa wkoll fattwalment skorrett li wieħed jitkellem dwar monopolju tal-industrija tal-Unjoni. Kif iddikjarat fil-premessa (264) tar-Regolament proviżorju, l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti f'aktar minn 200 produttur li jikkompetu ma' xulxin fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk mhux xieraq li wieħed jitkellem dwar monopolju possibbli mill-industrija tal-Unjoni f'dan il-każ.
- (209) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stipulati fil-premessi (264) sa (269) tar-Regolament proviżorju.

4.2. Konsum tal-Unjoni

- (210) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Indoneżjan Wilmar innota li meta analizzat il-konsum tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma għamlitx referenza għat-Tieni Direttiva RED ⁽²⁷⁾ (Renewable Energy Directive II, "RED II") jew għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ⁽²⁸⁾ li jirreferi għal materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art.
- (211) Il-Kummissjoni nnutat li dawn iż-żewġ dokumenti jittrattaw il-konsum tal-ġejjieni, u mhux tal-imgħoddi, u jkomplu l-politika tal-Unjoni ta' tħeġġiġ tal-użu tal-bijodiżil f'magni diżil, u l-punt ta' Wilmar li dawn il-liġijiet tassew jistgħu jillimitaw il-konsum tal-PME xejn ma għandu x'jaqşam mal-konsum totali tal-Unjoni tal-bijodiżil.
- (212) Barra minn hekk, Wilmar ikkonferma fil-kummenti tiegħu għad-divulgazzjoni proviżorja li l-konsum tal-PME jista' jibqa' fil-livell tal-2019 sa tmiem l-2023 ⁽²⁹⁾. Huwa biss wara l-31 ta' Diċembru 2023 li l-konsum ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art se jonqos.
- (213) Barra minn hekk, parti sinifikanti mill-PME bħalissa hija prodotta mill-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet Indoneżjani jistgħu jkomplu jiddiedu fit-terminu medju billi jiġi ssostitwit il-PME li bħalissa huwa prodott mill-industrija tal-Unjoni.
- (214) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha ppreżentati fil-premessi (270) sa (278) tar-Regolament proviżorju.

4.3. L-importazzjonijiet mill-Indoneżja u t-twaqqigħ tal-prezz

- (215) Fir-rigward tal-volum u tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rċiviet kummenti dwar il-volum ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja matul il-perjodu kkunsidrat mill-esportaturi Indoneżjani, minn Gunvor (negozjant tal-bijodiżil mhux relatat) u mill-GOI.
- (216) Dawn ikkummentaw li l-analiżi tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienet difettuża, għaliex ma kinitx tkopri l-perjodu 2010-2012, jiġifieri qabel l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping fl-2013.
- (217) Il-Kummissjoni ħadet nota ta' dawn il-kummenti iżda l-premessi (279) sa (282) tar-Regolament proviżorju ddeskrivew b'mod korrett il-volumi ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja, u fil-premessi (281) u (282) il-Kummissjoni għamlet ċar l-effett tad-dazji anti-dumping li kienu fis-seħħ.

⁽²⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 1).

⁽²⁹⁾ L-Artikolu 26(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

- (218) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-perjodu kkunsidrat jibda fl-2015 u, għalhekk, l-analiżi tal-volum tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja ma tistax tkun datata lura għall-2010-2012 mingħajr ma tinkiser il-konsistenza fil-perjodu kkunsidrat f'din l-investigazzjoni. It-tul tal-perjodu kkunsidrat f'dan il-każ huwa l-perjodu ta' żmien normali użat għal investigazzjonijiet bħal dawn. Fi kwalunkwe każ, meta wieħed iħares lejn il-volumi tal-importazzjoni mill-Indoneżja kif stabbilit fl-investigazzjoni antidumping konkluża fl-2013, jista' jiġi osservat li l-volumi tal-importazzjoni mill-Indoneżja fl-2010-2011 kienu simili għall-volumi eżistenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni attwali kif ukoll il-volumi mistennija fil-futur qrib, jekk il-miżuri ma jiġux imposti ⁽³⁰⁾.
- (219) Gunvor ikkummenta wkoll li l-kunsiderazzjoni tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja waħedha naqset milli tqis il-livell tal-importazzjonijiet mill-Arġentina matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, din l-analiżi twettqet fir-Regolament proviżorju skont it-Taqsima 6 Kawżalità, fil-premessi (368) sa (370) tar-Regolament proviżorju.
- (220) Fir-rigward tat-twaqqiġ tal-prezz, il-Kummissjoni rċeviet kummenti wara d-divulgazzjoni proviżorja mingħand il-produtturi esportaturi Indoneżjani u mill-GOI li l-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz kienu jeħtieġu aġġustamenti jew kjarifika ulterjuri.
- (221) Ir-Regolament proviżorju stabbilixxa tliet metodi għall-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz bejn l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja u l-bejgħ tal-bijodiżil fis-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tiċċara t-tliet metodi użati f'dan il-każ biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' twaqqiġ tal-prezz sinifikanti fuq il-bażi tad-*data* relatata mal-produtturi esportaturi fil-kampjun.
- (222) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI kkummenta dwar it-tliet metodi ta' kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezzijiet tal-Kummissjoni, u qal li l-Kummissjoni ma qisix diversi sentenzi ġuridiċi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
- (223) Il-Kummissjoni ma taqbilx. It-tliet metodi ppreżentati hawn taħt janalizzaw fid-dettall it-twaqqiġ tal-prezzijiet tal-Unjoni minn importazzjonijiet Indoneżjani tal-bijodiżil u t-tliet metodi kollha jirriżultaw fsejba ta' twaqqiġ tal-prezzijiet.
- (224) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-GOI għamel ukoll xi osservazzjonijiet ġenerali dwar it-twaqqiġ tal-prezzijiet, li huma indirizzati hawnhekk.
- (225) L-ewwel, il-GOI qabbel il-PME u l-esteru metiliku taż-żejt tar-*rapa* ("RME") u nnota li għandhom propjetajiet fiżiċi (wieħed għandu CFPP ta' +13 C u l-ieħor ta' -14 C) u prezzijiet differenti.
- (226) Il-Kummissjoni taqbel mal-GOI u din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda paragun dirett bejn il-bejgħ tal-PME u dak tal-RME.
- (227) It-tieni nett, il-GOI jikkwota l-Premessa (290) tar-Regolament proviżorju, li tiddikjara li "*l-PME normalment ma jintużax fil-forma pura tiegħu iżda normalment jitħallat ma' bijodiżils oħra biex jipproduċi taħlita b'CFPP aktar baxx*".
- (228) Huwa ċċarat li l-fatt li l-PME normalment jitħallat ma' bijodiżils oħra ma jfissirx li l-PME mhux imħallat direttament mad-diżil minerali. Analiżi tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun turi biċ-ċar il-bejgħ sinifikanti tal-PME pur direttament lil raffineriji tad-diżil minerali, li se jkunu f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-PME pur mill-Indoneżja.

4.3.1. Osservazzjonijiet ġenerali dwar is-suq tal-bijodiżil tal-UE

- (229) Il-bijodiżil huwa prodott omoġenju b'użu predominanti wieħed, jiġifieri bħala fjuwil f'magni diżil. Huwa prodott minn materja prima mhux fossili differenti. Skont il-materja prima, hemm ċerti differenzi fil-proprietajiet fiżiċi, jiġifieri s-CFPP. Is-suq ħafna drabi jiddeskrivi l-bijodiżil f'CFPP partikolari bħall-FAMEX ⁽³¹⁾, bħall-FAMEO għall-bijodiżil b'CFPP ta' 0 °C jew FAME5 għall-bijodiżil b'CFPP ta' 5 °C.

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 490/2013 tas-27 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja, tabella 2 (ĠU L 141, 28.5.2013, p. 6).

⁽³¹⁾ Mil-lat kimiku, il-bijodiżil huwa tipikament esteru ta' metil ta' aċidu xaħmi, jew FAME.

- (230) Il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' bijodiżil, inkluż il-PME, jinbiegħu jew puri jew bħala taħlita ma' tipi oħra ta' bijodiżil. F'dan il-kuntest, it-terminu "taħlita" jirreferi għal taħlita li tikkonsisti f'tipi differenti ta' bijodiżil, iżda mhux diżil minerali. Dan ma għandux jiġi konfuż mat-"taħlita" li normalment tinbiegħ fil-pompa, li pereżempju fl-Unjoni normalment tikkonsisti f'mhux aktar minn 10 % bijodiżil, u mhux inqas minn 90 % diżil minerali.
- (231) Id-domanda għall-bijodiżil hija xprunata minn żewġ fatturi ewlenin: il-konsum tal-fjuwil tad-diżil u l-kontenut ta' bijodiżil f'dan il-fjuwil. Il-prezz tal-bijodiżil ma għandu l-ebda impatt notevoli fuq xi wieħed minn dawn il-fatturi, b'mod partikolari minħabba l-impatt limitat tal-prezz tal-bijodiżil fuq il-prezz tad-diżil fil-pompa.
- (232) Għalhekk, b'differenza għal ħafna prodotti oħra, id-domanda għall-bijodiżil mhijiex elastika fir-rigward tal-prezzijiet. Il-bijodiżil bi prezz baxx tipikament ma jwassalx għal żieda fil-konsum fis-suq tal-bijodiżil. Il-kompetizzjoni fil-prezzijiet fis-suq tal-bijodiżil hija għalhekk loġha b'somma zero, fejn il-kwantitajiet miksuba minn operatur tas-suq wieħed jintilfu fl-istess livell minn operaturi oħra fis-suq.
- (233) Għalhekk, b'domanda stabbli, iż-żieda fil-kwantitajiet tal-importazzjoni ta' bijodiżil issussidjat, bi prezzijiet baxxi, se jkollu impatt fuq il-bilanċ tal-provvista/domanda, li jwassal għal provvista żejda fis-suq kollu tal-bijodiżil. F'sitwazzjoni ta' provvista żejda fis-suq tal-bijodiżil kollu kemm hu, id-disponibbiltà ta' għażla orħos, bħall-importazzjonijiet sussidjati, se teżerċita pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet ukoll fis-suq tal-bijodiżil kollu kemm hu, li jaffettwa b'mod negattiv lill-produtturi kollha tal-bijodiżil, irrispettivament mill-materja prima użata.

4.3.2. *Metodu 1 - Tqabbil tal-importazzjonijiet tal-PME mal-PME prodott fl-UE*

- (234) L-ewwel metodu fil-premissi minn (292) sa (295) tar-Regolament proviżorju qabbel l-importazzjonijiet tal-PME mill-Indoneżja mal-bejgħ tal-PME prodott fl-Unjoni Ewropea. Il-marġini ta' twaqqiġ tal-prezz varjaw bejn 6,0 % u 11,6 %.
- (235) Biex jiġi ċċarat il-kalkolu, fuq talba ta' dawk li ppreżentaw kummenti, il-paragun eżatt kien bejn il-PME f'punt fejn jingħalaq il-filtru kiesaħ (cold filter plugging point, "CFPP") + 13 mill-Indoneżja u l-PME fil-PCFPP + 10 mill-industrija tal-Unjoni ⁽²³⁾. Il-PME mibjugħ b'CFPP +10 ma tħallatx sabiex jilħaq dak is-CFPP, mal-bijodiżil żdied addittiv li jiswa anqas minn EUR 1 għal kull tunnellata metrika, jiġifieri madwar 0,1 % biss tal-kost tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni ma tqisx li aġġustament għal dan l-addittiv huwa meħtieġ peress li ma jkollu l-ebda impatt fuq il-kalkoli.
- (236) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Wilmar ikkummenta li fil-premissa (287) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni jenħteġ li tispjega aktar kif qieset is-sistema Ġermaniża speċifika ta' "għadd doppju".
- (237) Sabiex tiċċara l-metodoloġija, il-Ġermanja implimentat miri obligatorji għall-emissjonijiet ta' gass serra li jridu jintlaħqu mill-kumpaniji tal-petroleum. B'riżultat ta' dan, tranżazzjonijiet b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' CO₂ jattiraw primjum fuq il-prezz. It-tranżazzjonijiet tal-bejgħ għas-suq Ġermaniż kienu identifikati bl-użu tal-indikatur "2" fil-PCN fejn xieraq (emissjonijiet ta' inqas minn 9 g/MJ) sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tqabbel dawn it-tranżazzjonijiet mal-importazzjonijiet Indoneżjani ekwivalenti għal Stati Membri oħra fejn hemm sistema ta' għadd doppju fis-seħħ.
- (238) Il-Kummissjoni nnutat li kif stabbilit fil-premissa (288) tar-Regolament proviżorju, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja mingħajr ċertifikat RED kienu mqabbla mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'ċertifikat RED. Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Wilmar u l-GOI ddikjaraw li l-bijodiżil mingħajr ċertifikat RED kien irħas minn dak b'ċertifikat RED u talbu aġġustament.
- (239) Il-Kummissjoni nnutat li dawn il-partijiet ma kkontestawx li dan il-prodott kien identiku għall-PME mibjugħ b'ċertifikat RED, u ma pprovdew l-ebda evidenza li dan il-prodott mhuwiex f'kompetizzjoni diretta mal-PME prodott mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li ma hemmx bżonn ta' aġġustament għad-differenza fil-prezz, b'mod partikolari peress li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza konklużiva li tikkonċerna din id-differenza fil-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

⁽²³⁾ PCNs P101P u P102P.

- (240) Għaldaqstant, il-Kummissjoni baqgħet tikkunsidra li dan il-metodu juri b'mod preċiż it-twaqqiġ tal-prezz ikkawżat mit-tip ta' bijodiżil importat mill-Indoneżja. Fi kwalunkwe każ, il-marġni tat-twaqqiġ tal-prezz stabbilit għall-prodotti mingħajr ċertifikat RED jaqbeż b'mod sinifikanti d-differenza fil-prezz allegata minn Wilmar. Għalhekk, anki kieku l-aġġustament iddikjarat minn Wilmar kien ingħata, l-impatt ta' aġġustament bħal dan ikun moderat, u xorta kien ikun hemm twaqqiġ tal-prezz sinifikanti għall-importazzjonijiet Indoneżjani.
- (241) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI u Wilmar it-tnejn talbu aġġustament biex titqies id-differenza fil-prezz bejn il-bijodiżil CFPP10 u dak CFPP13.
- (242) Ma nstabt l-ebda differenza fil-prezz mill-Kummissjoni u l-ebda evidenza ta' differenza fil-prezz ma kienet ipprovduta mill-GOI jew minn Wilmar. Il-Kummissjoni sabet li l-bijodiżil ġie kkwotat fis-swieq bħala RME pur, FAMEO, u PME pur. Il-kwotazzjonijiet għall-PME pur ma għamlu l-ebda referenza għas-CFPP attwali tal-prodott, iżda biss għall-PME, li jappoġġa l-argument tal-Kummissjoni li l-PME kollu jinbiegħ bi prezzijiet simili irrispettivament mis-CFPP preċiż. Din il-pretensjoni kienet għalhekk irrifjutata.
- (243) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni reġgħet irċeviet talba mingħand Wilmar u l-GOI għal aġġustament fil-prezz sabiex jitqabblu l-importazzjonijiet tal-PME mingħajr ċertifikat RED mal-produzzjoni tal-PME fl-Unjoni b'ċertifikat RED.
- (244) Il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha li aġġustament bħal dan mhuwiex meħtieġ u ċaħdet it-talba. Hemm kwantitajiet kbar ta' PME importat fl-Unjoni mill-Indoneżja matul il-perjodu ta' investigazzjoni mingħajr ċertifikat RED, u dan il-PME huwa utli biss għat-taħlit mad-diżil minerali jekk ikollu ċertifikat RED meħmuż. Wilmar ma pprova ebda evidenza li turi li l-PME importat mingħajr ċertifikat RED ma kienx f'kompetizzjoni mal-produzzjoni tal-PME fl-Unjoni b'ċertifikat RED.

4.3.3. *Metodu 2 – tqabbil tal-importazzjonijiet tal-PME mal-bejgħ tal-PME prodott fl-UE kif ukoll il-bijodiżil prodott fl-UE b'CFPPO (FAMEO)*

- (245) It-tieni metodu fil-premissi (296) sa (297) tar-Regolament proviżorju espanda l-kwantità ta' bijodiżil prodott fl-Unjoni li ġie mqabbel mal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, billi inkluda l-bejgħ ta' bijodiżil FAMEO mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fit-tqabbil.
- (246) Sabiex il-bejgħ fl-Unjoni tal-FAMEO jitqabbel mal-importazzjonijiet tal-pajjiż kollu tal-PME mill-Indoneżja, il-prezz tal-bejgħ tal-FAMEO fl-Unjoni ġie aġġustat u, b'riżultat ta' dan, tnaqqas għal-livell tal-prezz tal-bejgħ fl-Unjoni tal-PME sabiex jiġi kkunsidrat il-valur tas-suq tad-differenzi fil-proprietajiet fiżiċi.
- (247) Sabiex jiġi ċċarat il-kalkolu, fuq talba ta' dawk li sottomettew kummenti, il-prezz tat-tnaqqis ta' hawn fuq kien fil-medda ta' EUR 100 sa 130 għal kull tunnellata metrika. Barra minn hekk, biex jiġi ċċarat il-kalkolu, 55 % tal-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni kopert minn dan it-tqabbil jinkludi kemm il-PME kif ukoll l-FAMEO ⁽³³⁾.
- (248) Il-marġni għall-pajjiż kollu tat-twaqqiġ tal-prezz li nstab b'dan il-metodu kien ta' 7,4 %.
- (249) Il-Kummissjoni kkunsidrat dan il-kalkolu bħala stima raġonevoli tal-effett tal-importazzjonijiet Indoneżjani fuq il-prezz tal-FAMEO.
- (250) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Wilmar ikkontesta dan it-tqabbil, u kkwota s-sejbiet fil-każ tas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO *l-Unjoni Ewropea – Miżuri Antidumping fuq il-Bijodiżil mill-Indoneżja* ⁽³⁴⁾ fejn il-Kummissjoni għamlet aġġustament simili. Il-Bord qal fil-paragrafu 7.157:

“Għalkemm kemm il-PME mill-Indoneżja kif ukoll il-bijodiżil imħallat CFPP 0 jistgħu jikkompetu għall-bejgħ mal-kumpaniji li jħalltu l-bijodiżil mad-diżil minerali, dan il-punt madankollu ma jindirizzax il-fatt li l-awtoritajiet tal-UE naqsu milli jispjegaw jekk il-paragun bejn il-bejgħ tal-PME u l-bijodiżil imħallat CFPP 0 sarx f'livell ta' tqabbil xieraq, peress li l-PME huwa input għat-taħlitiet, inkluż il-bijodiżil CFPP 0.”

⁽³³⁾ Il-45 % li jifdal tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni għandhom CFPP għajr + 10 u 0.

⁽³⁴⁾ WT/DS480/R L-Unjoni Ewropea – Miżuri Antidumping fuq il-bijodiżil mill-Indoneżja.

- (251) Il-Kummissjoni tinnota li s-suq tal-Unjoni nbidel mill-investigazzjoni oriġinali dwar l-importazzjonijiet mill-Indoneżja. Il-Bord innota li dak iż-żmien “il-PME *jista’ jintuża biss f’taħlita, u fil-fatt huwa komponent tat-taħlitiet differenti mibjugħa lill-utenti finali fis-suq tal-UE.*” ⁽³⁵⁾
- (252) Fl-investigazzjoni oriġinali kontra l-Indoneżja, il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tipproduċi l-PME miż-żejt tal-palm importat, peress li l-prezz tal-PME kien fil-fatt aktar baxx minn dak taż-żejt tal-palm. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni xtrat il-PME pur mill-Indoneżja u halltitu mal-produzzjoni tagħha ta’ bijodiżils oħra qabel il-bejgħ mill-ġdid ⁽³⁶⁾.
- (253) Madankollu, fl-investigazzjoni attwali l-Kummissjoni sabet li PME li sar fl-Unjoni kien mibjugħ direttament lill-kumpaniji taż-żejt u għalhekk id-dinamika tas-suq inbidlet f’dan ir-rigward.
- (254) Il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-PME huwa wkoll importat fl-Unjoni biex jitħallat ma’ bijodiżils oħra biex, pereżempju, isir FAME0. Madankollu l-kwantità ta’ PME importat hija ddeterminata mill-prezz ta’ dawn l-importazzjonijiet kif ukoll mill-karatteristiċi fiżiċi tagħhom, u għalhekk il-prezz tal-PME importat jeżerċita pressjoni fuq il-prezzijiet fuq it-taħlitiet ukoll. Il-PME huwa fost it-tipi ta’ bijodiżil li huma l-irħas li jistgħu jintużaw f’taħlitiet bħal FAME0 u FAME+5 li huma adattati għall-użu f’parti sinifikanti mis-suq tal-Unjoni matul is-sena. L-importazzjonijiet tal-PME għalhekk jikkompetu direttament ma’ tipi oħra ta’ bijodiżil prodotti fl-UE li nkella jkunu mħallta fi kwantitajiet akbar biex jinkiseb l-istess riżultat tat-taħlita.
- (255) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI rrifjuta dan il-metodu ta’ kalkolu, u qal li kien jittratta biss segment wieħed tas-suq tal-Unjoni u ma kienx ikopri t-tipi kollha ta’ prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ma taqbilx, fuq il-bażi li l-kalkolu mitlub mill-GOI, li jkun ikopri kull tip ta’ prodott mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni, huwa spjegat fid-dettall hawn taħt bħala l-Metodu 3.
- 4.3.4. *Metodu 3 – tqabbil tal-importazzjonijiet kollha tal-bijodiżil mill-Indoneżja mal-bejgħ kollu tal-bijodiżil fl-Unjoni mingħajr l-ebda aġġustament għall-prezz*
- (256) It-tleiet metodu fil-premessi (298) sa (299) tar-Regolament proviżorju qabel l-importazzjonijiet tal-pajjiż kollu tal-bijodiżil mill-Indoneżja mal-bejgħ kollu tal-bijodiżil tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-marġni tat-twaqqiġ tal-prezz tal-pajjiż kollu li nstab b’dan il-metodu kien ta’ 17,1 % ⁽³⁷⁾.
- (257) Il-Kummissjoni kkunsidrat li dan il-kalkolu, li jqabbal l-importazzjonijiet għall-pajjiż kollu tal-prodott ikkonċernat mill-Indoneżja mal-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, juri li anki meta wieħed iqabbal it-tipi kollha tal-prodott, ikun hemm twaqqiġ tal-prezz sinifikanti mill-Indoneżja. Dan huwa kkonfermat ukoll fuq il-bażi tad-*data* disponibbli u msemmija fil-premessa (284) tar-Regolament proviżorju.
- (258) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar irrefera għal inkonsistenza bejn il-volumi tal-bejgħ iddivulgati għall-Metodi 2 u 3, u l-proporzjon ta’ 55 % tal-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni kopert mill-Metodu 2.
- (259) Il-Kummissjoni tinnota din id-differenza fid-divulgazzjoni finali, peress li t-total tal-Metodu 2 mhuwiex 55 % tat-total tal-Metodu 3, kif kien fil-premessa (296) tar-Regolament proviżorju.
- (260) Il-Kummissjoni ċċarat li dan kien minħabba s-sorsi differenti użati biex jiġi kkalkulat it-twaqqiġ tal-prezzijiet bejn it-tleiet Metodi, li kienu stabbiliti fil-premessi (292) sa (299) tar-Regolament proviżorju.
- (261) Il-Metodu 1 uża l-listi ta’ bejgħ tranżazzjoni bi tranżazzjoni tal-produtturi esportaturi Indoneżjani sabiex jikkalkula prezz ta’ unità għal kull tunnellata metrika għal kull PCN, u mbagħad qabbal dan il-prezz ta’ unità għal kull tunnellata metrika billi uża l-listi tal-bejgħ tranżazzjoni bi tranżazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

⁽³⁵⁾ Rapport tal-Bord, UE – Bijodiżil (Indoneżja), il-paragrafu 7.156.

⁽³⁶⁾ ĠU L 141, 28.5.2013, p. 19, premessi (133) sa (135).

⁽³⁷⁾ Ta’ min jinnota li l-premessa (298) tar-Regolament proviżorju kien fiha żball klerikali u semmiet marġni ta’ twaqqiġ tal-prezz ta’ 17,5 %.

- (262) Il-Metodu 2 ħa l-istess listi tranżazzjoni bi tranżazzjoni tal-Metodu 1 għall-produtturi esportaturi Indoneżjani, u mbagħad żied il-bejgħ ta' FAMEO mil-listi tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.
- (263) Madankollu, il-Metodu 3 ġie kkalkulat billi tqabblu l-listi tranżazzjoni bi tranżazzjoni tal-Metodu 1 għall-produtturi esportaturi Indoneżjani għall-prezz unitarju tal-industrija tal-Unjoni fil-kampjun, kif ġie rrappurtat fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju aktar milli fil-lista tat-tranżazzjonijiet tagħhom. Dan biex jiġi żgurat li għall-Metodu 3 l-kopertura totali ma tinkludix il-kwantità mixtrija u mbagħad mibjugħa mill-ġdid mill-produtturi tal-Unjoni.
- (264) Għalhekk, it-totali tal-Metodi 1 u 2 mhumiex komparabbli direttament mat-total għall-Metodu 3 peress li s-sorsi huma differenti.
- (265) L-ebda parti interessata ma pproponiet metodu ieħor għall-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz bejn l-importazzjonijiet Indoneżjani u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, u l-ebda parti interessata ma ressqet kalkoli li ma juru l-ebda twaqqiġ tal-prezz fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (266) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar iddikjara li *"l-uniku mod korrett biex jiġi kkalkulat it-twaqqiġ tal-prezz huwa li jitqabbel tip ta' prodott ma' tip ta' prodott, b'aġġustamenti għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi li jaffettwaw il-prezzijiet ... filwaqt li jiġu indirizzati l-kumplessitajiet tal-komparabbiltà tal-prezzijiet kif instab mill-bord tad-WTO"*.
- (267) Il-Kummissjoni ħadet nota tas-suġġeriment ta' Wilmar fir-rigward tal-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezzijiet bl-użu tal-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni kif imsemmi hawn fuq. Madankollu, minħabba li ma għamlu l-ebda suġġeriment jew stima dwar l-ammont tal-aġġustamenti għal differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi, jew kwalunkwe suġġeriment dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-kumplessitajiet tal-komparabbiltà tal-prezzijiet kif instab mid-deċiżjoni tal-panel tad-WTO, l-ebda azzjoni ulterjuri dwar dan is-suġġeriment ma kienet possibbli.
- (268) Il-Kummissjoni wettqet diversi paraguni tal-prezzijiet sabiex tkopri l-konfigurazzjonijiet kollha possibbli tat-tipi ta' prodotti, filwaqt li tiżgura komparabbiltà sħiħa sa fejn ikun possibbli. Il-Kummissjoni spjegat ukoll li s-sitwazzjoni tas-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet differenti mis-sitwazzjoni eżaminata mill-panel tad-WTO (issa bil-bejgħ dirett tal-PME mill-produtturi tal-Unjoni). Il-Kummissjoni eżaminat ukoll l-interazzjoni u r-relazzjoni kompetittiva bejn l-importazzjonijiet Indoneżjani tal-PME u l-bejgħ tal-Unjoni u kkonkludiet li l-PME, li huwa fost l-irħas tipi ta' bijodiżil, jista' jeżerċita pressjoni fuq il-prezzijiet fuq il-bejgħ fl-Unjoni.
- (269) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI ddeskriva dan il-kalkolu bħala t-tqabbil tal-PME Indoneżjan f'CFPP13 mal-FAMEO prodott mill-Unjoni u l-RME f'CFPP -14, u ddikjara li mingħajr aġġustamenti għall-karatteristiċi fiżiċi (jiġifieri, s-CFPP) dan it-tqabbil huwa essenzjalment bla sens.
- (270) Il-Kummissjoni tinnota li dan il-kalkolu huwa t-tqabbil tal-PME Indoneżjan f'CFPP13 mal-bejgħ kollu tal-UE tal-produtturi proprja tal-industrija tal-Unjoni, li jinkludi wkoll il-PME. Fir-rigward ta' kwalunkwe aġġustament possibbli, ma għet ippreżentata l-ebda pretensjoni sostanzjata u kwantifikata għal aġġustament bħal dan.
- (271) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja matul il-perjodu ta' investigazzjoni waqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni skont it-tliet metodi eżaminati.

4.3.5. Spejjeż ta' wara l-importazzjoni

- (272) Il-produttur esportatur Wilmar indika li l-livell ta' aġġustament użat mill-Kummissjoni għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni ta' EUR 8.50 għal kull tunnellata metrika, stabbilit fl-investigazzjoni anti-dumping preċedenti, kien baxx wisq u pprova dokumentazzjoni li supporta issostni ċifra aġġustata ta' EUR 14.50 għal kull tunnellata metrika.
- (273) Id-data ppreżentata kienet tikkonċerna vjeġġ wieħed li wasal wara l-perjodu ta' investigazzjoni u l-biċċa l-kbira tal-kostijiet kienu relatati mal-ħażna wara l-importazzjoni li ma għandhiex tkun parti mill-kostijiet tal-importazzjoni. Il-Kummissjoni ma qisix li din kienet bażi aktar affidabbli miċ-ċifra li kienet għet stabbilita qabel minn importatur mhux relatat u, għalhekk, ma aċċettatx l-aġġustament.

- (274) In-negożjant tal-bijodiżil Gunvor staqsa jekk id-*data* tiegħu ntużatx sabiex jiġu ddeterminati l-kostijiet tal-importazzjoni użati fil-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz. L-ispejjeż ippreżentati minn Gunvor fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħha kienu jinkludu ċifra kkombinata għall-ispejjeż tal-importazzjoni (li huma użati fil-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz) u l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni (li jiġġarrbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u li ma jitqisux fil-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz).
- (275) Matul l-investigazzjoni fuq il-post, Gunvor ipprovdiet ċifri riveduti bl-użu ta' bażijiet differenti, filwaqt li ċ-ċifri finali pprovduti minn Gunvor kienu bbażati fuq stimuli u mhux verifikabbli. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-kostijiet tal-importazzjoni użati fl-investigazzjoni li rriżultaw fid-dazji antidumping imposti mir-Regolament (UE) Nru 1194/2013, li ntużaw ukoll fl-investigazzjoni preċedenti kontra l-importazzjonijiet mill-Arġentina ⁽³⁸⁾. Il-Kummissjoni qieset li dawn l-ispejjeż huma aktar affidabbli minn dawk ipprovduti minn Gunvor.
- (276) Minħabba li l-inflazzjoni fiż-żona tal-euro ilha baxxa ħafna mill-2012 (madwar 6 % b'kollox bejn l-2012 u l-2018), il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li tuża dawn l-ispejjeż tal-importazzjoni mingħajr ma taġġusta għall-inflazzjoni. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe aġġustament f'dan is-sens ma jkollu l-ebda impatt fuq il-marġnijiet ta' twaqqiġ finali.
- (277) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (279) sa (301) tar-Regolament proviżorju.

4.4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

- (278) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat il-premessi (302) sa (308) tar-Regolament proviżorju.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (279) Wara d-divulgazzjoni, il-GOI u Wilmar ikkumentaw dwar il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, billi osservaw iż-żieda fil-produzzjoni u fil-kapaċità tul il-perjodu kkunsidrat, iżda ma kkontestawx il-livell jew ix-xejra tal-indikaturi. Huma argumentaw li dawn iż-żidiet urew li l-bijodiżil Indoneżjan ma kienx qed jagħmel ħsara lill-industrija tal-Unjoni.
- (280) Dawn l-argumenti huma indirizzati fit-Taqsima 6 Kawżalità, il-premessi (368) sa (370) tar-Regolament proviżorju.
- (281) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-produzzjoni, tal-kapaċità tal-produzzjoni u tal-użu tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (309) sa (313) tar-Regolament proviżorju.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

- (282) Wara d-divulgazzjoni, il-GOI nnota li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-2015 kien dovut għall-fatt li l-industrija kienet "kważi monopolju assolut mingħajr kompetizzjoni ħielsa".
- (283) Il-Kummissjoni nnutat li minħabba li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti f'aktar minn 100 kumpanija li jikkompetu ma' xulxin, dan ma jistax jikkostitwixxi monopolju. Matul l-investigazzjoni ma nġhatat l-ebda evidenza dwar imġiba monopolistika tal-industrija tal-Unjoni.
- (284) L-esportatur Wilmar u l-GOI t-tnejn iddikjaraw li l-premessa (317) tar-Regolament proviżorju ma kinitx korretta peress li ma kinitx tikkunsidra l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina fl-UE fl-istess ħin.

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244 tal-11 ta' Frar 2019 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina (ĠU L 40, 12.2.2019, p. 1).

- (285) Dawn l-importazzjonijiet huma kkunsidrati fit-Taqsima 6 Kawżalità, il-premessi (368) sa (370) tar-Regolament proviżorju.
- (286) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar argumenta li t-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni wara l-2015 ma kienx indikatur ta' dannu "sa fejn l-industrija tal-Unjoni kienet tokkupa monopolju virtwali" tas-suq tal-Unjoni. Wilmar jirreferi wkoll għas-sitwazzjoni speċjali maħluqa mid-dazji antidumping imposti bħala riżultat tal-investigazzjoni oriġinali.
- (287) L-ewwel nett, l-ambitu tal-investigazzjoni huwa limitat għall-perjodu kkunsidrat, li huwa definit fl-Avviż tal-bidu. Barra minn hekk, l-impatt tat-tneħħija tad-dazji antidumping huwa rikonoxxut fil-premessa (317) tar-Regolament proviżorju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni.
- (288) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI qal ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx indirizzat l-argumenti tagħhom dwar l-effett negattiv tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (289) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għat-taqsima 6.2.1 tar-Regolament proviżorju, u t-taqsima 6.2.1 ta' dan ir-Regolament, fejn l-effett tal-importazzjonijiet Argentinini fuq l-industrija tal-Unjoni kien indirizzat.
- (290) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-volum tal-bejgħ u tas-sehem mis-suq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (314) sa (317) tar-Regolament proviżorju.

4.4.2.3. It-*tkabbir*

- (291) Wara d-divulgazzjoni, il-produttur esportatur Wilmar innota li l-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-2015 'il quddiem jenħtieġ li tiġi studjata fid-dawl tal-"pożizzjoni ta' monopolju virtwali" tagħha. Kif deskritt fil-premessa (283), ma ngħatat l-ebda evidenza ta' sitwazzjoni monopolistika.
- (292) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (318) tar-Regolament proviżorju.

4.4.2.4. L-impjiegi u l-produttività

- (293) Il-GOI kkummenta dwar ix-xejriet ta' żieda murija fit-Tabella 10 tar-Regolament proviżorju iżda ma kkontestax il-livelli jew ix-xejriet infushom. Huwa allega li dawn ix-xejriet ta' żieda ma juru l-ebda sinjal ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.
- (294) Minħabba li l-każ huwa bbażat fuq theddida ta' dannu, dawn il-kummenti ġew irrifjutati.
- (295) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-impjiegi u tal-produttività, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (319) sa (320) tar-Regolament proviżorju.

4.4.2.5. Il-kobor tal-ammont tas-sussidji kumpensabbli u tal-irkupru mis-sussidjar jew mid-dumping fl-imgħoddi

- (296) Fil-kummenti tiegħu ta' wara d-divulgazzjoni, il-produttur esportatur Wilmar innota li l-Kummissjoni ma vvalutatx l-effett tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil sussidjat mill-Arġentina f'din it-taqsima. Il-Kummissjoni reġgħet innutat li l-analiżi tal-importazzjonijiet Argentinini hija stabbilita fil-premessi (368) sa (370) tat-taqsima Kawżalità tar-Regolament proviżorju.
- (297) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kument ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (321) u (324) tar-Regolament proviżorju.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (298) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI rrefera għax-xejra fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità u l-kost tal-produzzjoni ta' unità, u nota li ż-żewġ indikaturi żdiedu bi kważi 10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-GOI u l-produttur esportatur, Wilmar, innotaw rabta bejn il-kost tal-produzzjoni u l-prezz tal-bejgħ, li l-Kummissjoni ma tikkontestax.

- (299) Il-produttur esportatur Wilmar innota l-kumment tal-Kummissjoni fil-premessa (328) tar-Regolament proviżorju li l-bijodiżil huwa komodità u li twaqqigħ fil-prezzijiet ta' 10 % ikun jixħet pressjoni sinifikanti 'l isfel fuq il-prezzijiet. Wilmar ma jaqbilx u jisħaq li dan imur kontra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni stess li hemm limitazzjonijiet għall-użu tal-PME minħabba l-livell CFPP tiegħu.
- (300) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda kunflitt bejn iż-żewġ dikjarazzjonijiet. Wilmar ma jiddikjarax jekk il-limitu fuq l-użu tal-PME ntlaħaqx matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Anki li kieku dan l-allegat limitu ntlaħaq, il-fatt li l-PME jista' jintuża waħdu, jew f'taħlita sabiex jitnaqqas il-prezz ta' din it-taħlita jfisser li huwa inevitabilment għandu effett fuq il-prezzijiet. Il-Kummissjoni nnutat dan l-effett tat-taħlit fil-premessa (290) tar-Regolament proviżorju.
- (301) Wilmar innota wkoll li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta rat rabta bejn il-prezzjoni fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet tal-PME u l-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fil-premessa (329) tar-Regolament proviżorju u rrefera għas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2012-2013 u Settembru 2017 għal din l-affermazzjoni.
- (302) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-konklużjoni fil-premessa (329) tar-Regolament proviżorju ntlaħqet wara li ġiet ikkunsidrata d-*data* mill-perjodu kkunsidrat, li hija stabbilita fil-bidu tal-investigazzjoni mingħajr referenza għal kwalunkwe fattur estern. Wilmar ma jikkontestax bħala tali l-korrelazzjoni stabbilita bejn iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni u l-marġni ta' profitt mhux sodisfaċenti minħabba l-prezzjoni tal-prezz tal-importazzjonijiet inkwistjoni. Għalhekk, dan l-argument għe rrifjutat.
- (303) Barra minn hekk, Wilmar indika li kien hemm differenzi ċari fil-profitabbiltà, fil-fluss tal-flus u fir-redditu fuq l-investment għal produttori differenti tal-Unjoni fil-kampjun, li jenfasizza li hemm fatturi oħra minbarra l-prezzjoni fuq il-prezzijiet mill-produttori Indoneżjani tal-bijodiżil li qed jaffettwaw il-profitti u l-qagħda finanzjarja tal-produttur tal-UE.
- (304) Il-Kummissjoni qieset li l-produttori fil-kampjun kollha juru tendenzi individwali iżda l-effett ta' anomaliji individwali jitnaqqas billi jiġu stabbiliti s-sejbiet fuq il-bażi tal-kampjun kollu kemm hu. Għalhekk, dan l-argument għe rrifjutat.
- (305) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar tenna mill-ġdid l-argumenti tiegħu msemmija hawn fuq mingħajr ma pprova ebda evidenza ġdida għad-dikjarazzjonijiet tiegħu. Il-pretensjonijiet tiegħu għalhekk reġgħu ġew miċħuda.
- (306) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (325) sa (329) tar-Regolament proviżorju.

4.4.3.2. Il-kostijiet lavorattivi

- (307) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (330) u (331) tar-Regolament proviżorju.

4.4.3.3. Il-ħażniet

- (308) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI rrefera għat-tendenza fil-ħażniet tal-produttori tal-Unjoni fil-kampjun iżda mingħajr ma kkontesta s-sejba tal-Kummissjoni fil-premessa (333) tar-Regolament proviżorju.
- (309) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (332) u (333) tar-Regolament proviżorju.

4.4.3.4. Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

- (310) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, il-GOI ħa nota tal-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu kkunsidrat u, għalhekk, tar-redditu fuq l-investment. Il-GOI għamel kummenti dwar ix-xejra tal-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kontra l-volum ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja, u qal li l-profitabbiltà negattiva fl-2015 ma setgħetx tiġi attribwita għall-importazzjonijiet Indoneżjani tal-bijodiżil peress li matul dik is-sena dawn kienu negliġibbli.

- (311) Dan il-punt ġie ttrattat taħt it-Taqsima 6, il-Kawżalità, tar-Regolament proviżorju, il-premessi (361) sa (365). Tabilħaqq, il-profitabbiltà kemxejn negattiva fl-2015 ma kinitx attribwita għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil Indoneżjani fir-Regolament proviżorju.
- (312) Il-produttur esportatur, Wilmar, ikkummenta li d-dikjarazzjoni fil-premessa (329) tar-Regolament proviżorju (jiġifieri li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx ittejjeb il-marġni ta' profitt mhux sodisfaċenti tagħha minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet sussidjati) hija bla bażi.
- (313) Wilmar indika li l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx tajba meta l-industrija tal-bijodiżil tal-UE kienet protetta mid-dazji annullati tal-bijodiżil mill-2012-2013 sa tal-anqas Settembru 2017 u, għalhekk, in-nuqqas ta' titjib fil-qagħda finanzjarja tagħhom jista' jiġi spjegat biss minn nuqqasijiet li jeżistu fl-industrija.
- (314) Il-Kummissjoni nnutat li wara ż-żieda f'daqqa fl-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil Indoneżjan wara l-annullament tad-dazji anti-dumping eżistenti f'Marzu 2018, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx ittejjeb il-marġni ta' profitt mhux sodisfaċenti tagħha li kien sostanzjalment anqas mill-profitt fil-mira f'suq li kien qed jikber. Għaldaqstant, dan jikkonferma s-sejba proviżorja tal-Kummissjoni.
- (315) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Wilmar tenna l-kummenti tiegħu fl-istadju proviżorju, kif ittrattat hawn fuq. Huwa allega wkoll li l-profitti baxxi ma setgħux ikunu marbuta mal-importazzjonijiet, minħabba l- "monopolju virtwali" tal-industrija tal-Unjoni fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat.
- (316) Dan l-argument huwa bla bażi, peress li l-industrija tal-Unjoni kienet tikkonsisti f'aktar minn 200 kumpanija li jikkompetu ma' xulxin fis-suq tal-Unjoni għall-bijodiżil u ma hemm l-ebda evidenza li hemm xi kollużjoni bejn il-produtturi tal-Unjoni.
- (317) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investiment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stipulati fil-premessi (334) sa (340) tar-Regolament proviżorju.

4.4.4. Konklużjoni dwar id-dannu

- (318) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, il-GOI kkonkluda li fuq il-bażi tal-indikaturi fir-Regolament proviżorju, l-industrija tal-Unjoni kienet "fi stat robust".
- (319) Il-Kummissjoni ma qablitx, u nnutat li industrija li l-profitabbiltà tagħha tibqa' anqas minn 1 % tal-fatturat, u li tkun qed tiflew kważi 15-il punt perċentwali tas-sehem mis-suq, u li ma tistax tibbenefika minn tkabbir tas-suq bi 33 % mhijiex industrija robusta.
- (320) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha dwar id-dannu ppreżentati fil-premessi (341) sa (346) tar-Regolament proviżorju.

4.5. L-indikaturi ekonomiċi wara l-perjodu ta' investigazzjoni

- (321) Sabiex jiġi eżaminat aktar l-istat tal-industrija tal-Unjoni fil-kuntest li jsiru sejbiet dwar it-theddida ta' dannu, il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet addizzjonali lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun għal *data* għall-perjodu Ottubru 2018 – Ġunju 2019 ("wara l-PI") u rċeviet tweġibiet mingħandhom. Id-*data* ta' wara l-PI mogħtija aktar 'l isfel, bħall-indikaturi mikroekonomiċi, hija ppreżentata bħala medja ponderata tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.
- (322) Għal wara l-PI, għal ċerti indikaturi makroekonomiċi bħall-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, il-produzzjoni u l-bejgħ setgħet tiġi analizzata biss l-informazzjoni għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, minħabba t-termini ta' żmien tal-investigazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri għall-perjodu ta' investigazzjoni mhumiex direttament komparabbli maċ-ċifri għal wara l-PI. Huwa wkoll il-każ li l-Kummissjoni qed tqabbel it-12-il xahar tal-perjodu ta' investigazzjoni mad-disa' xhur ta' wara l-PI, iżda f'dan l-istadju tal-investigazzjoni, għadhom mhumiex disponibbli 12-il xahar ta' *data* ta' wara l-PI.

- (323) Iċ-ċifri madankollu jippermettu analiżi tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun wara l-perjodu ta' investigazzjoni, u ċ-ċifri huma indikjati ma' xulxin fuq bażi annwali.
- (324) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar mill-ġdid talab lill-Kummissjoni biex tiġbor 12-il xahar ta' *data* ta' wara l-PI (minn Ottubru 2018 sa Settembru 2019), u talab ukoll lill-Kummissjoni biex tiġbor *data* mingħand il-produtturi kollha tal-Unjoni. Madankollu, il-ġbir ta' din l-informazzjoni addizzjonali ma kienx possibbli fiż-żmien disponibbli. Għaldaqstant, din it-talba ġiet irrifjutata.
- (325) Il-produzzjoni, il-bejgħ u l-kostijiet ta' unità u l-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

L-industrija tal-Unjoni matul u wara l-perjodu ta' investigazzjoni

	Perjodu ta' investigazzjoni	Ottubru 2018 – Ġunju 2019
Produzzjoni totali (tunnellati)	2 510 356	1 824 599
Indiċi (annwalizzat) ⁽³⁹⁾	100	97
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	2 524 646	1 871 962
Indiċi (annwalizzati)	100	99
Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata)	791	760
Indiċi	100	96
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	794	790
Indiċi	100	100
Rata tal-użu tal-kapaċità	82 %	80 %

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (326) Il-produzzjoni wara l-PI naqset bi ftit mill-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-bejgħ fis-suq tal-Unjoni baqa' pjuttost kostanti.
- (327) Il-kost tal-produzzjoni ta' unità għall-kumpaniji fil-kampjun naqas ftit wara l-PI filwaqt li l-prezz tal-bejgħ ta' unità baqa' stabbli.
- (328) Il-profit tal-kumpaniji fil-kampjun ġie kkalkolat bl-użu tad-*data* mill-kwestjonarju ta' wara l-PI, li ta profit medju ta' 3,8 % għall-kumpaniji fil-kampjun għad-disa' xhur wara l-PI. Il-kumpaniji fil-kampjun ipprovdew *data* ta' kull xahar u *data* dwar il-prezzijiet, li mbagħad il-Kummissjoni aggregatha għal medja għal kull trimestru u ddivulgatha hawn taħt fit-Tabella 3.
- (329) Madankollu, meta dak il-profit jiġi analizzat kull tliet xhur, tidher xejra differenti:

Tabella 3

Il-profitti wara l-PI

Data	Ir-raba' trimestru 2018	L-ewwel trimestru 2019	It-tieni trimestru 2019	Total wara l-PI
Profitt tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun	10,8 %	0,1 %	-5,0 %	3,8 %

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

⁽³⁹⁾ Id-*data* dwar il-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ għall-perjodu ta' disa' xhur ta' wara l-investigazzjoni ((minn Ottubru 2018 sa Ġunju 2019), irreġistrata f'din it-tabella, ġiet estrapolata għal kull sena billi ġiet immultiplikata b'fattur ta' 12/9 sabiex jinkisbu ċifri annwalizzati komparabbli tal-indiċi.

- (330) Għalhekk, it-Tabelli 2 u 3 juru li wara l-PI, il-Kummissjoni osservat bidla relattivament żgħira meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni minbarra l-livell ta' profitt tal-produtturi fil-kampjun, li żdied minn 0,8 % għall-perjodu ta' investigazzjoni għal 3,8 % wara l-PI. Iż-żieda fil-profitt wara l-PI hija xprunata mir-raba' trimestru tal-2018.
- (331) Il-profitti oġhla fix-xitwa tal-2018-19 kienu eċċezzjonali. Dawn ġew irreġistrati minn kumpanija waħda fil-kampjun li setgħet tiegħu vantaġġ minn sitwazzjoni tat-trasport inċerta fir-reġjun tagħha. In-nuqqas temporanju ta' provvista kkawżat minn din is-sitwazzjoni ppermetta lill-kumpanija żżid il-prezzijiet tagħha u, għalhekk, il-profitti tagħha f'dan il-perjodu, li affettwa r-raba' semestru tal-2018 u parti mill-ewwel semestru tal-2019 ⁽⁴⁰⁾.
- (332) Madankollu, il-profitti tal-kumpaniji l-oħra fil-kampjun baqgħu ferm anqas mill-profitt fil-mira matul it-trimestri kollha ta' wara l-PI. Fit-tieni trimestru tal-2019, meta s-sitwazzjoni inċerta tat-trasport kienet issolviet, il-profitti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun naqsu għal telf ta' 5 %.
- (333) Il-GOI argumenta li l-profitabbiltà negattiva fit-tieni trimestru tal-2019 kienet ikkawżata minn avvenimenti straordinarji f'Saipol matul dak it-trimestru. Madankollu, filwaqt li dan il-produttur tal-Unjoni tabilħaqq kellu kwistjoni eċċezzjonali wara l-PI, din il-kwistjoni affettwat l-ewwel trimestru tal-2019 u mhux it-tieni trimestru tal-2019. Għalhekk huwa kkunsidrat li t-tnaqqis fil-profitabbiltà huwa kkawżat minn kwantitajiet sostanzjali ta' importazzjonijiet sussidjati li daħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet baxxi ħafna.
- (334) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar ikkummenta li kien tal-fehma li s-sommarji mhux kunfidenzjali tal-kwestjonarji ta' wara l-PI ma kinux biżżejjed biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jwieġbu għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.
- (335) Madankollu, it-tweġibiet kollha għall-kwestjonarju kienu akkumpanjati minn verżjonijiet miftuħa sinifikanti. Meta d-data ma setgħetx tiġi miġbura fil-qosor fil-livell tal-kumpanija, il-Kummissjoni aggregatha u ppubblikatha fid-divulgazzjoni finali, u fit-Tabelli 2 u 3 aktar 'il fuq.
- (336) Għal aktar trasparenza, il-Kummissjoni identifikat informazzjoni mhux kunfidenzjali rilevanti li tindika li l-prezzijiet tal-RME laħqu l-oġhla livell li qatt kellhom minħabba livelli baxxi tal-ilma fix-xmara Rhine matul ix-xitwa tal-2018-19 u żiedet dik l-informazzjoni fil-fajl miftuħ.
- (337) Il-GOI wieġeb għal din l-informazzjoni, u argumenta li l-profitti eċċezzjonali fix-xitwa tal-2018-19 kienu wkoll minħabba ż-żieda fid-domanda għall-RME fl-Unjoni fix-xitwa minħabba l-karatteristiċi fiżiċi tagħha u t-tnaqqis fil-kostijiet tal-produzzjoni fl-industrija tal-Unjoni wara l-PI.
- (338) Huwa argumenta wkoll li l-prezz unitarju tal-bejgħ baqa' stabbli u saħansitra naqas wara l-PI, li jindika li ż-żieda fil-prezz ma kinitx eċċezzjonali.
- (339) Il-GOI argumenta wkoll li l-problemi ta' provvista għall-materja prima fix-xitwa tal-2018-2019 seta' kellhom impatt fuq iċ-ċifri tal-profitabbiltà għall-industrija tal-UE għat-tieni trimestru tal-2019.
- (340) L-argumenti tal-GOI ġew irrifjutati minħabba li kienu bbażati fuq konġettura u mhux relatati mal-artikolu li l-Kummissjoni kienet poġġiet fil-fajl miftuħ biex tassisti lill-partijiet rigward is-sitwazzjoni partikolari fix-xitwa 2018-19.
- (341) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li wara l-PI, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kompliet tmur għall-aġġar.

5. THEDDIDA TA' DANNU

5.1. In-natura tas-sussidji inkwistjoni

- (342) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, il-produttur esportatur Wilmar ikkummenta li l-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet rabta bejn is-sussidji li nstabu u t-twaqqiġ tal-prezzijiet u d-dipressjoni tal-prezzijiet.

⁽⁴⁰⁾ Pereżempju ara l-artiklu tal-istampa dwar AGQM datat l-14 ta' Novembru 2018: <https://www.agqm-biodiesel.de/en/news/news/price-european-rme-hits-all-time-high-due-low-rhine-levels> (aċċessat l-aħħar fit-22 ta' Ottubru 2019).

- (343) Il-Kummissjoni ma qablitx. Hemm rabta ċara bejn id-disponibbiltà tas-CPO bi prezzijiet baxxi u t-twaqqigħ tal-prezz misjub matul il-perjodu ta' investigazzjoni, hekk kif il-membri tal-industrija tal-Unjoni, li jkollhom iġibu s-CPO tagħhom mis-suq dinji, iħallu ħafna aktar għall-materja prima tagħhom u għalhekk ma jstgħux ilaħħqu mal-prezzijiet tal-bijodiżil sussidjat Indoneżjan. It-tkomplija ta' dan il-programm, flimkien maż-żewġ programmi ta' sussidji l-oħra li nstabu f'din l-investigazzjoni, huma kapaċi jżommu l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil Indoneżjan flivell ta' prezz li jaffettwa l-industrija tal-Unjoni.
- (344) Wilmar imbagħad ikkummenta dwar il-premessa (350) tar-Regolament proviżorju, u tenna li hemm limitu naturali fuq l-importazzjonijiet tal-PME fl-Unjoni u, għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tgħid li l-importazzjonijiet jiżiedu.
- (345) Minħabba li Wilmar ma qalx x'inhu dan il-"limitu naturali", din l-allegazzjoni ma setgħetx tiġi ttestjata u, għalhekk, hija rriifjutata. Fil-fehma tal-Kummissjoni, ma hemm l-ebda impediment (minbarra d-domanda tas-suq, soġġett għal regoli ta' kompetizzjoni ġusta) għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja lejn l-UE.
- (346) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' tenna l-punti tiegħu li saru fl-istadju proviżorju rigward ir-rabta bejn is-sussidji li nstabu u t-theddida ta' dannu. Madankollu, ma saru l-ebda argumenti ġodda u għalhekk il-pretensjonijiet tiegħu għal darb'oħra ġew miċħuda.
- (347) Wilmar innota wkoll li Masol, l-akbar produttur tal-PME fl-Unjoni kienet relatata mal-produttur Indoneżjan tal-bijodiżil Musim Mas Group, u qajjem il-mistoqsija dwar b'liema prezz Masol setgħet takkwista ż-żejt tal-palm tagħha mill-Indoneżja.
- (348) Il-Kummissjoni ma kkummentatx dwar l-operazzjonijiet kummerċjali kunfidenzjali ta' kumpaniji uniċi fl-Unjoni jew f'postijiet oħra. Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet li Masol takkwista ż-żejt tal-palm tagħha f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Ir-relazzjoni bejn Musim Mas Group u Masol għalhekk ma influwenzatx l-analiżi tad-dannu.
- (349) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI argumenta għal darb'oħra li l-OPPF ma kinitx skema ta' sussidju u li l-levy tal-esportazzjoni fuq is-CPO kienet tnaqqset għal żero.
- (350) Il-Kummissjoni tinnota s-sejbiet tat-Taqsima 3 dwar is-sussidjar ta' hawn fuq, li jikkonfermaw b'mod ċar l-oppożizzjoni.
- (351) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (349) sa (350) tar-Regolament proviżorju.

5.2. Rata sinifikanti ta' żieda tal-importazzjonijiet sussidjati

- (352) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-GOI nnota li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra l-iżviluppi ta' wara l-PI fl-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja.
- (353) Il-Kummissjoni analizzat l-importazzjonijiet mill-Indoneżja minn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni sal-aħħar ta' Ġunju 2019 (għalhekk, mir-raba' trimestru tal-2018 sat-tieni trimestru tal-2019):

Tabella 4

Importazzjonijiet mill-Indoneżja matul u wara l-PI

	PI	Ir-raba' trimestru 2018	L-ewwel trimestru 2019	It-tieni trimestru 2019
Importazzjonijiet totali ta' bijodiżil (tunellati metriċi) mill-Indoneżja	516 068	139 091	234 677	207 310

Sors: Sorveljanza II

- (354) Il-Kummissjoni nnutat li għalkemm il-perjodu ta' investigazzjoni jkopri erba' trimestri mir-raba' trimestru tal-2017 sat-tielet trimestru tal-2018, kien hemm importazzjonijiet sinifikanti fl-aħħar żewġ trimestri biss. Għar-referenza, l-erba' trimestri tal-perjodu ta' investigazzjoni huma riprodotti hawn:

Tabella 5

Importazzjonijiet mill-Indoneżja matul il-PI

	Ir-raba' trimestru 2017	L-ewwel trimestru 2018	It-tieni trimestru 2018	It-tielet trimestru 2018
Importazzjonijiet totali ta' bijodiżil (tunellati metriċi) mill-Indoneżja	0	25 275	227 114	263 678

Sors: Sorveljanza II

- (355) Id-*data* turi li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja komplew wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, u fi kwantitajiet sinifikanti. Madankollu, l-ogħla punt fl-2018 ta' 263 678 MT fit-tielet trimestru ma jistax jitqabbel mat-tielet trimestru tal-2019, minħabba li l-importazzjonijiet matul dan it-trimestru huma affettwati mill-impożizzjoni tad-dazji proviżorji. Barra minn hekk, l-ewwel tliet trimestri wara l-perjodu ta' investigazzjoni mhumiex direttament komparabbli mal-aħħar tliet trimestri tal-perjodu ta' investigazzjoni minħabba differenzi staġjonali, u għalhekk id-*data* ta' wara l-PI mhijiex konklużiva dwar jekk fil-futur għandhiex tkun mistennija żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet.
- (356) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI nnota li meta t-tieni trimestru tal-2019 jitqabbel mat-tieni trimestru tal-2018, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja naqsu b'9 % u għalhekk dan għandu juri li mhumiex mistennija importazzjonijiet miżjuda b'mod sostanzjali.
- (357) Il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni, peress li d-differenza ta' 9 % hija ekwivalenti għal 20 000 MT jew għal konsenja ta' bijodiżil waħda. Għalhekk, id-differenza bejn iż-żewġ trimestri tista' tiġi spjegata minn vjeġġ wieħed li jaqa' fuq naħa waħda jew l-oħra ta' trimestru. Barra minn hekk, evidenza li tikkonċerna trimestru wieħed ma tikkontradixxi is-sejba tal-Kummissjoni dwar *data* mhux konklużiva dwar jekk għandhomx ikunu mistennija importazzjonijiet miżjuda sostanzjalment fil-futur.
- (358) Il-GOI u l-produttur esportatur Wilmar talbu wkoll li l-Kummissjoni tikkunsidra "sostanzjali" b'referenza għall-kwantità ta' importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina, minħabba li l-parti l-kbira taż-żieda fl-importazzjonijiet b'mod ġenerali għet mill-Arġentina. Il-Kummissjoni diġà rreferiet għall-impatt tal-importazzjonijiet mill-Arġentina fil-premessi minn (368) sa (370) tar-Regolament proviżorju, li la l-GOI u lanqas Wilmar ma jikkontestaw. L-effett tal-importazzjonijiet mill-Arġentina huwa parti mill-valutazzjoni tal-kawżalità u ma jpoġġix fid-dubju ż-żieda sostanzjali tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja.
- (359) Il-produttur esportatur Wilmar talab lill-Kummissjoni tikkunsidra "sostanzjali" b'referenza għall-importazzjonijiet mill-Indoneżja qabel il-perjodu kkunsidrat. Mhijiex il-prassi tal-Kummissjoni li testendi l-analiżi tagħha lil hinn mill-perjodu kkunsidrat u dan l-argument ma għiex aċċettat. Fi kwalunkwe każ, kif għiex nnutat qabel, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja jidhru li kienu qed jilhqqu volumi simili għal dawk diġà osservati fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping tal-2013.
- (360) Imbagħad, kemm Wilmar kif ukoll il-GOI nnotaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva RED II li fil-ġejjieni se jillimitaw l-importazzjonijiet ta' PME ta' riskju għoli ta' ILUC fl-UE. Il-Kummissjoni nnutat li dan il-limitu jibda jkollu effett mill-aħħar tal-2023 ⁽⁴¹⁾. Minħabba li l-effett ta' din id-Direttiva ma jistax ikun previst, u li l-PME xorta jista' jiġi importat fl-UE skont din id-Direttiva bil-kundizzjonijiet stipulati fiha, dan l-argument għiex rrifjutat ukoll minħabba li ma jaffettwax l-analiżi kurrenti tat-treddida tad-dannu li l-importazzjonijiet Indoneżjani jgħolqu għall-industrija tal-Unjoni fil-futur qrib.
- (361) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' ddikjara l-kummenti tiegħu ta' hawn fuq rigward il-probabbiltà ta' żieda fl-importazzjonijiet mill-Indoneżja u talab mill-ġdid lill-Kummissjoni biex tiftaħ il-perjodu kkunsidrat tagħha għal qabel l-2013.
- (362) Il-Kummissjoni rrifjutat dawn il-kummenti u b'mod partikolari t-talba biex jiġi estiż b'mod artifiċjali l-perjodu meqjus biex jitqiesu l-perjodi qabel l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, li mhix il-prattika tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset xieraq f'dan il-każ li tiffoka l-eżami tagħha fuq il-perjodu kkunsidrat flimkien mal-iżviluppi ta' wara l-PI.

⁽⁴¹⁾ L-Artikolu 26(2) tad-Direttiva (UE) 2018/.

- (363) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI nnota li xi pajjiżi jidhru li qed jirrestrinġu l-aċċess għas-suq għall-bijodiżils bbażati fuq iż-żejt tal-palm, u għamel referenza speċifika għan-Norveġja u Franza.
- (364) Il-Kummissjoni tinnota li n-Norveġja mhijiex membru tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-leġiżlazzjoni tagħha ma għandha l-ebda impatt fuq is-suq tal-bijodiżil tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-gvern Norveġiż jidher li impona l-istess kriterji ta' sostenibbiltà (ILUC b'riskju għoli) li huwa fis-seħħ fl-UE⁽⁴²⁾. Il-Kummissjoni ma tara l-ebda rabta bejn il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fin-Norveġja u l-esportazzjonijiet mill-Indoneżja lejn l-UE.
- (365) Il-GOI għamel ukoll referenza speċifika għal Regolament li għadda fi Franza "li se jipprojbixxi l-użu taż-żejt tal-palm fil-bijofjuwils mill-31 ta' Diċembru 2019"⁽⁴³⁾.
- (366) L-analiżi ta' din il-liġi tidher li turi li l-gvern Franċiż se jwaqqaf l-eżenzjonijiet mit-taxxa għaż-żejt tal-palm fl-1 ta' Jannar 2020, u għalhekk fi Franza ż-żejt tal-palm mhux se jitqies bħala bijofjuwil sakemm ma jkunx minn pjantaġġun ta' riskju baxx⁽⁴⁴⁾.
- (367) Il-Kummissjoni nnutat li l-liġi mhijiex se tidħol fis-seħħ qabel l-2020. Dan huwa l-bidu tal-perjodu taħt id-Direttiva RED II fejn l-importazzjonijiet fl-UE kollha ta' bijodiżil b'riskju għoli ta' ILUC, bħall-PME, se jkunu limitati għal-livelli tal-2019.
- (368) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li peress li din il-liġi tidħol fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 2020, u fi Franza biss, ma għandha l-ebda effett fuq il-kwantità ta' PME kkunsmata fl-Unjoni fl-2019, u minħabba li l-livell tal-2019 isir il-limitu massimu għall-2020, b'konsegwenza ta' dan, il-liġi Franċiża mhux se jkollha effett fuq il-kwantità ta' PME importat fl-Unjoni kollha li tgħodd għall-mandat tat-taħlit fis-snin ta' wara.
- (369) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (351) sa (352) tar-Regolament proviżorju.

5.3. Kapaċità liberament disponibbli suffiċjenti u l-kapaċità ta' assorbiment ta' pajjiżi terzi

- (370) Il-GOI kkummenta li l-Kummissjoni ma kienet ipprovdiet l-ebda *data* speċifika biex ttipprova l-kapaċità potenzjali tal-Istati Uniti tal-Amerika li jassorbu esportazzjonijiet addizzjonali mill-Indoneżja, li kienet ippreżentata fil-premessi (355) u (356) tar-Regolament proviżorju.
- (371) Minħabba l-livell għoli tal-miżuri fis-seħħ fl-Istati Uniti, il-Kummissjoni kkunsidrat li mhux plawżibbli li l-Istati Uniti jassorbu l-esportazzjonijiet mill-Indoneżja fil-futur qrib.
- (372) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-aħħar rapport GAIN tal-Istati Uniti minn Jakarta⁽⁴⁵⁾ analizza l-istatistiki Indoneżjani dwar l-esportazzjoni u wera li l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil lejn l-Istati Uniti ntemmu f'Novembru 2016 u ma reġgħux bdew.
- (373) Fit-tweġiba tiegħu għas-sett ta' mistoqsijiet ta' wara l-PI li ntbagħatlu, l-EBB nnota li l-kapaċità fl-Indoneżja kienet mistennija tiżdied minn 11,5 biljun litru għal 13-il biljun litru sal-2021, skont l-aħħar rapport GAIN tal-Istati Uniti dwar Jakarta.
- (374) Imbagħad il-GOI nnota wkoll li l-Indoneżja qed timxi minn mandat B20 għal mandat B30, jiġifieri qed timxi mit-taħlit ta' 20 % ta' bijodiżil ma' diżil minerali għal taħlit ta' 30 % ta' bijodiżil, u li dan kien se jżid id-domanda domestika. L-istess punt tqajjem ukoll mill-produttur esportatur Wilmar.
- (375) Fil-kummenti tiegħu għas-sottomissjoni tal-EBB fir-rigward tad-*data* ta' wara l-PI, il-GOI nnota li l-implimentazzjoni tal-mandat B30 se tassorbi l-kapaċità kollha tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Indoneżja.

⁽⁴²⁾ Pereżempju ara <https://www.regnskog.no/en/news/palmoil-in-biodiesel-sees-massive-drop-in-norway> (aċċessata l-aħħar fil-21 ta' Ottubru 2019).

⁽⁴³⁾ <https://www.ofimagazine.com/news/france-bans-palm-oil-from-biofuels> (aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Ottubru 2019).

⁽⁴⁴⁾ <https://www.reuters.com/article/us-total-biofuels-palmoil/french-court-rules-against-tax-breaks-for-palm-oil-biofuel-idUSKBN1WQ0ZG> (aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Ottubru 2019).

⁽⁴⁵⁾ US GAIN Biofuels Annual Jakarta Indonesia 8-9-2019.

- (376) Il-Kummissjoni nnutat l-ambizzjoni tal-gvern Indoneżjan li jżid il-mandat minn B20 għal B30, iżda nnutat ukoll il-kummenti tal-EBB datati d-29 ta' April 2019 li juru li l-operaturi Indoneżjani kienu qed jaffaċċjaw diffikultajiet fid-distribuzzjoni, fid-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-ħżin u tat-taħlit fl-implimentazzjoni tal-mandat B20 u li l-għan taż-żieda tal-mandat huwa li jitnaqqsu l-importazzjonijiet tad-diżil minerali, aktar milli li jitnaqqsu l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil għal swieq oħra bħall-UE.
- (377) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat il-kummenti mill-EBB fil-Lista B tal-mistoqsijiet tiegħu ta' wara l-PI, ippreżentati fis-6 ta' Settembru 2019, li għalkemm l-għadd ta' punti ta' taħlit qed jitnaqqas u d-daqs tagħhom qed jiżdied, il-mandat B30 huwa mistenni li jieħu ż-żmien sabiex jiġi implimentat. Ċerti setturi (pereżempju l-estrazzjoni) qed jitolbu implimentazzjoni aktar tard għall-mandat B30, jistgħu jkunu meħtieġa adattamenti tekniċi għall-vetturi sabiex jaħdmu bil-fjuwil B30 u fis-settur mhux tal-PSO, magni soġġetti għall-istandard ASTM jistgħu ma jibqgħux koperti bil-garanzija jekk jużaw fjuwil B30.
- (378) Għalhekk, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li l-mixja minn mandat B20 għal mandat B30 se tillimita b'mod sinifikanti l-ammont ta' bijodiżil esportat mill-Indoneżja lejn l-UE fil-futur qrib, b'mod partikolari minħabba l-kapaċitajiet żejda sinifikanti ħafna tal-industrija Indoneżjana tal-bijodiżil li l-GAIN tal-Istati Uniti stima għal 30 % għall-2019.
- (379) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI kkumenta li l-Kummissjoni ma kinitx indirizzat b'mod sħiħ l-argument tagħha, li kien li l-implimentazzjoni tal-mandat B30 huwa impenn tal-GOI bi provi sħaħ jibdew f'Novembru 2019. Barra minn hekk, il-GOI jsostni li l-Kummissjoni sempliċement tenniet l-argumenti tal-EBB.
- (380) Il-produttur esportatur Wilmar talab ukoll lill-Kummissjoni biex terġa' teżamina l-effett tal-mandat B30 fuq il-kapaċità żejda futura tal-industrija Indoneżjana tal-bijodiżil.
- (381) Il-Kummissjoni ħadet nota tal-kummenti ulterjuri tal-GOI u Wilmar u qieset il-kwistjoni tal-mandat B30 bl-attenzjoni dovuta.
- (382) Madankollu, l-aħħar rapport GAIN tal-Istati Uniti minn Jakarta jappoġġa d-dubji tal-EBB dwar jekk il-mandat B30 jistax jintlaħaq fil-limitu ta' żmien allegat mill-GOI. Ir-rapport GAIN jinnota li l-mandat B20, li kien diġà mira obbligatorja għall-2016, possibbilment se jintlaħaq għall-ewwel darba biss fl-2019, jiġifieri tliet snin wara l-iskadenza stabbilita.
- (383) Peress li ż-żieda medja fir-rati tat-taħlit hija bejn 2,5 ⁽⁴⁶⁾ u 3,2 ⁽⁴⁷⁾ punt perċentwali fis-sena, żieda minn 19,9 % għal 30 % f'sena waħda tidher estremament ambizzjuża.
- (384) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhux probabbli li se jiġi ssodisfat mandat B30 fil-futur qrib, u li dan jaffettwa b'mod sinifikanti l-kapaċità żejda fl-Indoneżja fil-futur qrib.
- (385) Fil-premessa (357) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni qieset li ma kien hemm l-ebda suq sinifikanti ieħor disponibbli għall-produtturi Indoneżjani meta jitqies il-livell projbittivament għoli tad-dazji applikabbli fuq l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti.
- (386) Fir-reazzjoni tiegħu, Wilmar innota li jeżistu l-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina u jqis li ċ-Ċina għandha l-kapaċità li tassorbi l-esportazzjonijiet tal-PME mill-Indoneżja fil-ġejjieni.
- (387) Il-Kummissjoni nnutat li ma hemm l-ebda mandat ta' taħlit fis-seħħ fiċ-Ċina u, għalhekk, il-bejgħ ma sarx fuq bażi fit-tul. L-EBB ipprova *data* fis-sottomissjoni tiegħu għall-kwestjonarju ta' wara l-PI li turi li ċ-Ċina timporta l-PME opportunistikament biss meta jkun irħas mid-diżil minerali. Dan ma jstax jitqies bħala alternattiva vijabbli fit-tul għall-esportazzjonijiet Indoneżjani għad-domanda li qed tikber b'mod kostanti għall-bijodiżil fis-suq tal-Unjoni minħabba l-mandat tat-taħlit.

⁽⁴⁶⁾ Medja 2011-2019.

⁽⁴⁷⁾ Medja 2016-2019.

- (388) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' ddikjara li fir-rigward tal-esportazzjoni tal-PME u wkoll taż-żejt tal-palm mill-Indoneżja lejn iċ-Ċina, iċ-Ċina kienet "suq ta' esportazzjoni kkonfermat u stabbli għall-bijodiżil Indoneżjan".
- (389) Madankollu, Wilmar innota li iċ-Ċina timporta l-bijodiżil taż-żejt tal-palm "bis-saħħa tal-prezz baxx". Din kienet il-konklużjoni tal-Kummissjoni fl-istadju proviżorju li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja lejn iċ-Ċina jseħħu biss meta l-PME jkun orħos mid-diżil minerali, u għalhekk l-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina huma bbażati fuq l-eżistenza tas-sussidju diġà misjub.
- (390) Minħabba li iċ-Ċina ma għandha l-ebda mandat fis-seħħ għat-taħlit tal-bijodiżil mad-diżil minerali, il-Kummissjoni ma kellhiex evidenza għad-dispożizzjoni tagħha li tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' Wilmar li iċ-Ċina hija suq ta' esportazzjoni kkonfermat u stabbli għall-bijodiżil Indoneżjan.
- (391) Matul il-perjodu ta' wara l-PI, iċ-Ċina kienet tirrappreżenta biss madwar 27 % tal-esportazzjonijiet Indoneżjani, filwaqt li l-Unjoni kienet responsabbli għal madwar 71 %. Għalhekk, minkejja l-bejgħ opportunistiku tal-bijodiżil Indoneżjan li iċ-Ċina, l-Unjoni għadha l-aktar suq tal-esportazzjoni importanti għall-produtturi Indoneżjani.
- (392) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI nnota wkoll li iċ-Ċina kienet qed timporta kwantitajiet kbar ta' żejt tal-palm mill-Indoneżja u li l-importazzjonijiet taż-żejt tal-palm huma mistennija jiżdiedu, u b'hekk jitnaqqas l-ammont taż-żejt tal-palm disponibbli fl-Indoneżja biex jinbidel f'bijodiżil.
- (393) Il-Kummissjoni tinnota li l-GOI għalhekk jistenna li d-domanda miżjuda għaż-żejt tal-palm fiċ-Ċina tiġi fornuta billi ż-żejt tal-palm eżistenti mill-produzzjoni tal-bijodiżil jiġi ddevjat lejn il-bejgħ għall-esportazzjoni. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li l-esportazzjonijiet taż-żejt tal-palm se jwasslu għal nuqqas ta' provvista ta' żejt tal-palm għall-produtturi Indoneżjani tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni tistenna li r-reazzjoni Indoneżjana għal żieda fid-domanda għaż-żejt tal-palm tkun li tiżdied il-provvista, minflok ma jiġu ddevjati l-provvisti eżistenti minn attivitajiet industrijali bħall-produzzjoni tal-bijodiżil.
- (394) Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-esportazzjonijiet taż-żejt tal-palm lejn iċ-Ċina bl-użu tar-rapporti GAIN tal-Istati Uniti għall-2019 minn Jakarta. L-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina jidhru li żdiedu, iżda qed jissostitwixxu l-esportazzjonijiet lejn l-Indja, fejn id-dazji tal-importazzjoni fuq iż-żejt tal-palm huma għoljin.
- (395) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li ma hemm l-ebda evidenza ta' żieda fid-domanda għall-bijodiżil esportat mill-Indoneżja lejn iċ-Ċina, u l-ebda evidenza li żieda fid-domanda għaż-żejt tal-palm fiċ-Ċina tikkawża nuqqas ta' provvista taż-żejt tal-palm biex jiġi prodott il-bijodiżil għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.
- (396) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (353) sa (357) tar-Regolament proviżorju.

5.4. Il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet sussidjati

- (397) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Wilmar iddikjara li sejba ta' twaqqiġ tal-prezz ma tistax issostni sejba ta' theddida ta' dannu, minħabba li t-twaqqiġ tal-prezz huwa differenti mid-depressjoni u mis-suppressjoni tal-prezzijiet.
- (398) Il-Kummissjoni ma qablitx. Is-sejbiet dwar twaqqiġ tal-prezz sinifikanti huma magħmula fil-kuntest ta' stat tal-industrija tal-Unjoni li huwa estremament delikat għalkemm għad ma sarlux dannu materjali permezz tat-twaqqiġ tal-prezz osservat. Twaqqiġ tal-prezz bħal dan, jekk jitkompla, joħloq theddida li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu materjali.
- (399) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni stabbilixxiet id-depressjoni tal-prezzijiet fil-premessa (328) tar-Regolament proviżorju, u kkonkludiet li minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet sussidjati Indoneżjani, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mit-tnaqqis fil-kostijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni, għaliex kellha tgħaddi għalkollox dan it-tnaqqis fil-kostijiet lill-klijenti tagħha sabiex tevita telf saħansitra akbar tas-sehem mis-suq.
- (400) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja lejn iċ-Ċina kienu bl-istess prezz għal kull tunnellata metrika bħall-esportazzjonijiet lejn l-UE fl-2018 u fl-ewwel semestru tal-2019.
- (401) Dan juri wkoll is-sitwazzjoni diffiċli tal-industrija tal-Unjoni u t-theddida attwali li l-importazzjonijiet inkwistjoni joħolqu.

- (402) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' ddikjara li sejba ta' twaqqiġ tal-prezzijiet ma tistax tappoġġa sejba ta' theddida ta' dannu. Il-Kummissjoni għal darb'oħra twieġeb billi tgħid li t-twaqqiġ tal-prezzijiet li nstab joħloq theddida li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu materjali.
- (403) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din il-pretensjoni u kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessa (358) tar-Regolament proviżorju.

5.5. Il-livell tal-ħażniet

- (404) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha dwar id-dannu stabbiliti fil-premessa (359) tar-Regolament proviżorju.

5.6. Konklużjoni

- (405) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienu jikkostitwixxu theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni, u l-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha dwar it-theddida ta' dannu materjali stabbiliti fil-premessa (360) tar-Regolament proviżorju.

6. KAWŻALITÀ

6.1. L-effetti tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja

- (406) Fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet proviżorjament li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja kienu qed jikkawżaw theddida ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.
- (407) Il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fl-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni u t-twaqqiġ u d-dipressjoni tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati wasslu biex l-industrija tal-Unjoni titlef is-sehem mis-suq minkejja żidiet fil-produzzjoni u fil-kapaċità, u żammet lill-industrija tal-Unjoni milli tibbenefika minn sitwazzjoni tas-suq li minn aspetti oħra kienet favorevoli.
- (408) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI u Wilmar osservaw li l-produzzjoni u l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, flimkien mal-kwantitajiet assoluti tal-bejgħ. Huma nnutaw ukoll li hekk kif żdiedu l-importazzjonijiet mill-Indoneżja, il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni żdiedet.
- (409) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn l-osservazzjonijiet, b'mod partikolari fuq il-profitti tal-industrija tal-Unjoni, li baqgħu f'faxxa ta' -1 % sa 1 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, il-bidla fil-profitabbiltà matul il-perjodu kkunsidrat mhijiex sinifikanti.
- (410) Fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni, minkejja li dawn żdiedu f'termini assoluti matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tisfrutta bis-sħiħ iż-żieda fil-konsum, bl-importazzjonijiet mill-Indoneżja li ħadu sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni.
- (411) Il-produttur esportatur Indoneżjan Wilmar innota li fil-premessa (346) tar-Regolament proviżorju l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li ma kienx hemm eżistenza konklussiva ta' dannu materjali. Imbagħad Wilmar iddikjara li dan imur kontra l-premessa (363) tar-Regolament proviżorju fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja kellhom impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni.
- (412) Il-Kummissjoni ma rat l-ebda kontradizzjoni bejn in-nuqqas ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni, u minkejja dan impatt negattiv ċar fuq l-industrija tal-Unjoni, meta analizzat it-theddida ta' dannu.
- (413) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar għal darb'oħra ddikjara l-punti tiegħu msemmija fil-premessi (408) u (411) li l-Kummissjoni għal darb'oħra tirrifutahom.
- (414) Il-GOI kkummenta wkoll dwar dan il-punt wara d-divulgazzjoni finali. Għal darb'oħra ddikjara li ma jara l-ebda rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u l-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ħadet nota tad-dikjarazzjoni mill-ġdid tal-opinjoni tal-GOI iżda xorta qieset li l-analiżi preċedenti wriet li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja huma theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri.

- (415) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (365) tar-Regolament proviżorju.

6.2. Fatturi oħra magħrufa

6.2.1. Importazzjonijiet mill-Arġentina

- (416) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, kemm il-GOI kif ukoll Wilmar għamlu kummenti dwar l-effett tal-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil Arġentin fuq l-industrija tal-Unjoni. Dawn il-kummenti ssuġġerew li l-kawża tat-theddida ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni kienet biss l-importazzjonijiet mill-Arġentina.
- (417) Kif diġà stipulat fil-premessi (368) sa (370) tar-Regolament proviżorju, dawn l-importazzjonijiet kienu parti minn theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u għalhekk il-Kummissjoni imponiet miżuri fuq dawn l-importazzjonijiet fi Frar 2019 u aċċettat impenji fuq il-prezzijiet.
- (418) Madankollu, il-fatt li l-importazzjonijiet Arġentini kienu theddida ta' dannu matul il-perjodu kksunsidrat ma jfissirx li l-importazzjonijiet Indoneżjani ma kinux ukoll theddida ta' dannu, b'mod partikolari wara li daħlu fis-seħħ il-miżuri kontra l-importazzjonijiet mill-Arġentina. Fil-fatt, meta tiġi eżaminata t-theddida ta' dannu materjali fil-futur qrib, peress li diġà hemm miżuri kontra l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina, dawn l-importazzjonijiet ma jistgħux jibqgħu fost it-theddid għall-industrija tal-Unjoni.
- (419) Għalhekk, il-Kummissjoni sseparat u ddistingwiet l-effetti li l-importazzjonijiet mill-Arġentina jista' jkollhom fuq l-industrija tal-Unjoni mill-effetti tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja fil-kuntest tat-twettiq tal-analiżi tat-theddida ta' dannu materjali ⁽⁴⁸⁾.
- (420) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' tenna l-kummenti tiegħu fl-istadju proviżorju rigward l-importazzjonijiet mill-Arġentina, fejn sejjaħ ir-reazzjoni tal-Kummissjoni waħda "fuq fuq". Il-Kummissjoni ma qablitx, u nnotat li l-effetti tal-importazzjonijiet mill-Arġentina huma indirizzati fit-Taqsima 6.2.1 tar-Regolament proviżorju.

6.2.2. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (421) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI ddikjara li l-importazzjonijiet miċ-Ċina jstgħu jkunu fattur sinifikanti fi kwalunkwe kunsiderazzjoni futura tal-kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni u nnota kemm iż-żieda ta' 25 % fil-kwantità ta' importazzjonijiet miċ-Ċina mill-2017 sal-perjodu ta' investigazzjoni u li mill-2016 sal-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien inqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.
- (422) Il-GOI indika wkoll li għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina huma bi prezzijiet ogħla minn daww mill-Indoneżja, dan ma jfissirx li ma jistax ikollhom impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni.
- (423) Huma nnutaw ukoll li l-bijodiżil Ċiniż juża materja prima differenti (żejt tat-tisjir użat) mill-bijodiżil Indoneżjan. Il-bijodiżil taż-żejt tat-tisjir użat għandu ffrankar għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra u huwa soġġett għar-reġim ta' għadd doppju stabbilit fid-Direttiva RED. Għalhekk jidher li huwa għażla preferibbli għall-importazzjoni fl-UE.
- (424) Il-Kummissjoni nnutat l-eżistenza tal-importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni u eżaminat il-kwantità u l-prezz tagħhom fil-premessa (372) tar-Regolament proviżorju, filwaqt li nnutat li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu fi kwantitajiet aktar baxxi minn daww mill-Indoneżja, u li l-prezz tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien ogħla minn dak mill-Indoneżja.
- (425) Il-Kummissjoni nnutat li l-prezz tal-Unjoni huwa taħlita ta' diversi tipi ta' bijodiżil mibjugħa fl-Unjoni, inkluż bejgħ bi primjum b'għadd doppju u mingħajr. L-importazzjonijiet Ċiniżi huma tabilħaq ukoll ta' tip wieħed ta' bijodiżil (magħmul miż-żejt tat-tisjir użat) li jattira primjum ta' għadd doppju.

⁽⁴⁸⁾ Ara r-Rapport tal-Bord, *l-Istati Uniti – Miżuri Antidumping u Kumpensatorji fuq Ċerta Karta Miksija mill-Indoneżja*, WT/DS491/R, adottata fit-22 ta' Jannar 2018, il-paragrafi 7.204-7.212.

- (426) Madankollu f'termini ta' volum, l-importazzjonijiet miċ-Ċina huma iżgħar minn dawk mill-Indoneżja (b'shem mis-suq ta' 1,7 % meta mqabbel ma' 3,3 % għall-Indoneżja) u l-importazzjonijiet Ċiniżi, għall-kuntrarju tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, huma soġġetti wkoll għad-dazju doganali konvenzjonali ta' 6,5 %.
- (427) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza li dawn l-importazzjonijiet qed ikollhom jew x'aktarx li se jkollhom impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni jew kwalunkwe allegazzjoni ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet miċ-Ċina. Huwa importanti li jiġi enfasizzat mill-ġdid li l-prezzijiet tal-bijodiżil Ċiniż huma ogħla mill-prezzijiet tal-bijodiżil Indoneżjan. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku l-importazzjonijiet miċ-Ċina kellhom jaffettwaw b'mod negattiv lill-industrija tal-Unjoni, dawn l-effetti mhumiex tali li jdgħajfu r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja u t-theddida ta' dannu li nstabet. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet irrifjutata.

6.2.3. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi wara l-perjodu ta' investigazzjoni

- (428) Fis-sottomissjoni tagħhom wara d-divulgazzjoni proviżorja, Wilmar għamel analiżi tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-UE minn pajjiżi terzi wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni u nnota li l-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu, u li l-importazzjonijiet mill-Malasja żdiedu b'mod sinifikanti bi prezzijiet li qabdu jonqsu b'rata mgħaġġla. Huma nnotaw ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Malasja kienu anqas mill-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.
- (429) Fil-fehma ta' Wilmar, dawn l-importazzjonijiet idgħajfu u jkissru r-rabta kawżali mat-theddida ta' dannu stabbilita fir-Regolament proviżorju.
- (430) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi bejn Ottubru 2018 u Ġunju 2019 kienu kif ġej: Is-sehem mis-suq stmat għall-perjodu ta' disa' xhur huwa bbażat fuq il-konsum għall-perjodu ta' investigazzjoni.

Tabella 6

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi Ottubru 2018 - Ġunju 2019

	Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	Sehem mis-suq stmat (%)	Prezz medju (EUR)
L-Arġentina	667 678	5,7	673
L-Indoneżja	581 086	5,0	655
Il-Malasja	405 482	3,5	727
Iċ-Ċina	203 961	1,7	796

Sors: Sorveljanza 2

- (431) L-importazzjonijiet mill-Arġentina kienu soġġetti għal miżuri kumpensatorji matul l-aħħar parti tal-perjodu ta' wara l-PI. Filwaqt li l-kwantitajiet kienu kemxejn ogħla mill-importazzjonijiet mill-Indoneżja, il-prezzijiet Arġentini wkoll qabżu l-prezzijiet Indoneżjani, minkejja li kienu soġġetti għal dazju doganali konvenzjonali ta' 6,5 %. Għalhekk ma jistgħux jitqiesu li kienu qed jstabbilixxu l-prezz matul dan il-perjodu. Barra minn hekk, kif indikat hawn fuq, peress li diġà hemm miżuri kontra l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina, tali importazzjonijiet ma jistgħux jibqgħu fost it-theddid għall-industrija tal-Unjoni.
- (432) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' sostna li l-Kummissjoni għandha tqis l-importazzjonijiet Arġentini, minħabba li l-prezz tal-bijodiżil Arġentin wara l-PI kien inqas minn dak tal-industrija tal-Unjoni.
- (433) Il-Kummissjoni tenniet li l-prezz tal-importazzjonijiet mill-Arġentina żdied wara Frar 2019 meta l-miżuri fuq l-importazzjonijiet Arġentini daħlu fis-seħħ, u għalhekk it-tqabbil tal-prezzijiet jeħtieġ li jqis il-fatt li huwa fis-seħħ impenn fuq il-prezz.
- (434) Il-Kummissjoni nnutat li l-prezzijiet Ċiniżi żdiedu bejn il-perjodu ta' investigazzjoni u wara l-PI. Wara l-PI, dawn qabżu wkoll il-prezz medju mitlub mill-industrija tal-Unjoni, minkejja li kienu soġġetti għal dazju doganali konvenzjonali ta' 6,5 %. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tagħhom stabbilizza wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

- (435) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' nnota l-importazzjonijiet miċ-Ċina u għamel kalkolu biex iqabbel il-prezz li nħatt l-art għall-bijodiżil Ċiniż fl-2018 (EUR 826 għal kull tunnellata metrika) mal-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni (EUR 794 għal kull tunnellata metrika).
- (436) Billi l-kalkoli tiegħu wrew li l-prezz tal-importazzjoni Ċiniż kien oġhla mill-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni, u li dan huwa dak li huwa mistenni minħabba li l-bijodiżil Ċiniż jattira primjum doppju, il-Kummissjoni taċċetta li l-kalkolu ma wera l-ebda pressjoni fuq il-prezzijiet miċ-Ċina.
- (437) Filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Malasja żdiedu fil-kwantità u naqsu fil-prezz wara l-PI, il-kwantitajiet baqgħu anqas minn dawk tal-Indoneżja, u l-prezzijiet baqgħu oġhla, minkejja li kienu soġġetti għal dazju doganali konvenzjonali ta' 6,5 %. Għalhekk ma jstgħux jitqiesu li kienu qed jistabbilixxu l-prezz lanqas matul dan il-perjodu.
- (438) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar reġa' nnota ż-żieda fil-kwantità u t-tnaqqis fil-prezz tal-importazzjonijiet mill-Malasja. Il-Kummissjoni tenniet li l-prezzijiet mill-Malasja huma oġhla minn dawk mill-Indoneżja u soġġetti għal dazju doganali konvenzjonali.
- (439) L-istatistiki dwar l-importazzjoni juru li għalkemm hemm importazzjonijiet sinifikanti ta' bijodiżil mill-Malasja u miċ-Ċina wara l-PI, il-Kummissjoni baqgħet tal-fehma li dawn la kienu fi kwantità u lanqas bi prezz tali li jnaqqsu r-rabta kawżali li nstabet bejn it-theddida ta' dannu materjali u l-importazzjonijiet mill-Indoneżja.
- (440) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI nnota li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet fit-Tabella 6 ma kinux direttament komparabbli, peress li l-bijodiżil mill-Arġentina huwa SME pur, dak mill-Indoneżja huwa PME pur, u l-bijodiżil miċ-Ċina huwa magħmul minn żejt tat-tisjir użat ("UCOME").
- (441) Il-GOI nnota li sabiex jiġi kkalkulat it-twaqqiġ tal-prezz, il-Kummissjoni kienet għamlet aġġustament għall-prezz tal-bijodiżil FAMEO (SME Arġentin) biex tqabblu mal-PME (il-bijodiżil Indoneżjan).
- (442) Il-GOI ppreżenta *data* bbażata fuq l-istess metodoloġija li turi li l-prezz tal-importazzjoni komparabbli mill-Arġentina matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien aktar baxx mill-prezz tal-importazzjoni mill-Indoneżja, u l-prezz tal-importazzjoni komparabbli miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien konformi mal-prezz tal-importazzjoni mill-Indoneżja.
- (443) Madankollu, il-kalkolu tal-GOI żied b'mod eċċessiv id-daqs tal-aġġustament bi 30 %, u ma qiesx id-dazju doganali konvenzjonali applikabbli għall-importazzjonijiet mill-Arġentina u ċ-Ċina – iżda mhux applikabbli għall-importazzjonijiet Indoneżjani.
- (444) Meta jiġi applikat b'mod korrett l-aġġustament, u jiġi rifless b'mod korrett id-dazju doganali konvenzjonali, l-istampa hija pjuttost differenti. Il-prezz tal-importazzjoni komparabbli miċ-Ċina jaqbeż b'mod sinifikanti l-prezz tal-importazzjoni mill-Indoneżja, u d-differenza fil-prezz bejn l-importazzjonijiet Arġentini u l-importazzjonijiet Indoneżjani huwa mnaqqas b'mod sinifikanti.
- (445) Ir-Regolament proviżorju diġà rrikonoxxa li l-importazzjonijiet mill-Arġentina kienu sa ċertu punt responsabbli għall-iżvilupp negattiv ta' xi indikaturi tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, inkluż il-fatt li l-prezz medju tal-importazzjoni mill-Arġentina – anki f'termini assoluti – kien aktar baxx matul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-prezz tal-importazzjoni mill-Indoneżja.
- (446) Il-prezzijiet Arġentini wara l-PI ma jirriflettux għal kollox l-impożizzjoni tal-miżuri kontra tagħhom, peress li l-miżuri kienu imposti biss fi Frar 2019, jiġifieri f'nofs il-perjodu ta' wara l-PI.
- (447) Għalhekk, it-tqabbl tal-prezzijiet kif sottomess mill-GOI, ma jdgħajjifx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u t-theddida ta' dannu materjali. Il-fatt li fatturi oħra setgħu kkontribwew biex l-industrija domestika ssir "vulnerabbli" – jiġifieri aktar suxxettibbli għal dannu futur – ma jipprekludix sejba ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet suġġetti u theddida ta' dannu futur għall-industrija domestika ⁽⁴⁹⁾.

⁽⁴⁹⁾ Ara r-Rapport tal-Bord, *l-Istati Uniti – Miżuri Antidumping u Kumpensatorji fuq Ċerta Karta Miksija mill-Indoneżja*, WT/DS491/R, adottata fit-22 ta' Jannar 2018, il-paragrafu 7.233.

6.2.4. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni*

(448) Il-Kummissjoni ma rċiviet l-ebda kumment dwar l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni.

6.2.5. *Il-prezz tal-materja prima*

(449) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI għamel kummenti rigward il-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni u rabta bejn din u l-prezz taż-żejt tal-kolza fl-Unjoni. Il-GOI ddikjara li l-prezzijiet tal-kolza kienu għoljin matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li dawn kienu l-ispjegazzjoni ewlenija għaliex l-industrija tal-Unjoni ma rnekkx tagħmel profitti kbar matul dan iż-żmien.

(450) In-negozjant tal-bijodiżil Gunvor innota wkoll li l-kolza hija materja prima għalja għall-bijodiżil u li din x'aktarx li kienet il-kawża tal-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(451) Il-Kummissjoni nnutat li l-produtturi tal-bijodiżil fil-kampjun fl-Unjoni użaw firxa ta' materja prima ⁽⁵⁰⁾ sabiex jaqdu d-domanda madwar l-Unjoni u matul l-istaġuni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma rat l-ebda korrelazzjoni diretta bejn il-prezzijiet tal-kolza u l-profitti tal-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi li l-kolza hija biss materja prima waħda minn fost daww użati mill-industrija tal-Unjoni sabiex tforri lis-suq tal-Unjoni.

(452) Il-Kummissjoni nnutat il-kummenti tagħha fil-premessa (327) tar-Regolament proviżorju li l-kost tal-produzzjoni ta' unità tal-industrija tal-Unjoni segwa x-xejra tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat.

(453) Madankollu, il-Kummissjoni nnutat ukoll li fix-xitwa tal-2018-2019, il-prezz tal-bijodiżil taż-żejt tal-kolza ("RME") fl-Unjoni żdied sew, filwaqt li l-prezz taż-żejt tal-kolza nnifsu baqa' stabbli. Għalhekk ma hemm l-ebda rabta kostanti bejn il-prezz taż-żejt tal-kolza u l-prezz tal-RME fis-suq tal-Unjoni.

(454) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar ikkontesta dan l-argument, u qal li dan ma kienx rifless fit-Tabella 2 jew xi mkien ieħor fid-dokument ta' divulgazzjoni finali. B'mod partikolari, tali żieda fil-prezz tal-bejgħ tal-RME għandu jkollha impatt fuq il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li baqa' stabbli, għaliex l-RME allegatament huwa l-aktar l-bijodiżil prodott fl-Unjoni.

(455) Madankollu, kif iddikjarat fil-premessa (296) tar-Regolament proviżorju, FAMEO huwa t-tip l-aktar komuni ta' bijodiżil mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Għalhekk, il-prezz medju tal-bejgħ huwa misjuq minn FAMEO, kif ukoll mill-kwantitajiet sostanzjali ta' PME u taħlitiet oħra mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun minbarra l-prezz tal-RME. Tabilħaqq, iż-żieda fil-prezz għall-RME hija kompletament riflessa fiċ-ċifri tal-profitabbiltà, b'mod partikolari għar-raba' trimestru tal-2018. Dan huwa rifless ukoll sa ċertu punt fil-prezz medju tal-bejgħ li baqa' stabbli minkejja l-pressjoni tal-prezz eżerċitata mill-kwantitajiet sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati.

(456) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI ddikjara mill-ġdid l-argument teigħu li l-prezzijiet għoljin taż-żerriegħa tal-kolza fl-Unjoni kienu l-kawża tan-nuqqas ta' profitabbiltà matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni rrifjutat dan l-argument għar-raġunijiet iddikjarati fil-premessa (445).

(457) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-prezzijiet tal-materja prima użata mill-industrija tal-Unjoni ma jdgħajfux ir-rabta kawżali.

6.2.6. *Il-kompetizzjoni interna tal-UE u d-differenzi fil-prestazzjoni bejn il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun*

(458) Wara d-divulgazzjoni finali, Wilmar talab li l-Kummissjoni tqis il-kompetizzjoni interna bejn il-produtturi tal-Unjoni. Madankollu, din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata. Wilmar sostna wkoll li l-prestazzjoni ta' produttur partikolari li huwa rifless fid-*data* mikroekonomika tista' tikkawża distorsjoni tar-riżultati kumplessivi tal-kampjun.

(459) Ir-rappreżentattività tal-kampjun f'termini ta' produzzjoni fl-Unjoni msemmija fil-premessa (265) tar-Regolament proviżorju, u f'termini ta' volum ta' bejgħ baqgħet Prattikament l-istess matul il-perjodu kkunsidrat.

(460) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun huma rappreżentattivi tal-industrija kollha tal-Unjoni u d-*data* mikroekonomika tagħhom hija rappreżentattiva tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-analiżi tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni dejjem issir għall-industrija kollha tal-Unjoni. Il-prestazzjoni kienet għalhekk irrifjutata.

⁽⁵⁰⁾ Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni preċiża dwar l-analiżi eżatta tal-materja prima użata mill-industrija tal-Unjoni.

6.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (461) Il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kawżalità stabbiliti fil-premessi minn (377) sa (380) tar-Regolament proviżorju.

7. INTERESS TAL-UNJONI

7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (462) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (382) sa (384) tar-Regolament proviżorju.

7.2. Interess ta' importaturi mhux relatati

- (463) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI nnota li l-miżuri kienu se jolqtu lil dawk l-importaturi bil-faċilitajiet ta' taħlit tal-bijodiżil jew ħwienet tad-distribuzzjoni tal-bijodiżil tagħhom stess.
- (464) Minħabba l-importazzjonijiet sostanzjali tal-bijodiżil mill-Malasja, miċ-Ċina u mill-Arġentina flimkien, li għalihom ma hemm l-ebda miżura, jew fejn hemm impenn fuq il-prezz fis-seħħ, il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-konklużjoni.
- (465) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (388) tar-Regolament proviżorju.

7.3. Interess tal-utenti

- (466) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-GOI ddikjara li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-Indoneżja toħloq monopolju għall-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Din iżżid il-prezzijiet tal-bijodiżil għall-utenti.
- (467) Il-Kummissjoni rrifjutat dawk il-pretensjonijiet. L-ewwel nett, industrija tal-Unjoni magħmula minn tant kumpaniji kompetituri mhijiex qrib li tkun monopolju. It-tieni, l-importazzjonijiet mill-Arġentina, miċ-Ċina u mill-Malasja mhumiex affettwati mill-miżuri kontra l-Indoneżja. Fl-aħħar nett, anki bil-miżuri fis-seħħ, l-Unjoni għadha tirċievi importazzjonijiet sinifikanti ta' bijodiżil mill-Arġentina fid-dawl tal-impenn.
- (468) Il-GOI jiddikjara li l-importazzjonijiet affordabbli tal-bijodiżil fi kwantitajiet suffiċjenti huma ta' importanza kbira għall-Unjoni. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni, iżda nnutat li peress li l-kontenut tal-bijodiżil fil-pompa normalment ma jkunx aktar minn 10 %, l-effett negattiv taż-żieda fil-prezz tal-bijodiżil jinghadha parzjalment biss lill-konsumatur u, għalhekk, huwa insinifikanti.
- (469) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, Wilmar isostni li r-Regolament proviżorju ma qiesx l-impatt tal-miżuri fuq il-produtturi tal-fjuwil tad-diżil.
- (470) Il-produtturi tal-fjuwil tad-diżil huma l-utenti tal-bijodiżil, peress li jixtru l-bijodiżil qabel ibigħu taħlita ta' bijodiżil u diżil minerali fil-pompa, kif imsemmi fil-premessa (462). Peress li l-ebda utent ma kkoopera f'din l-investigazzjoni⁽⁵¹⁾, dan ifisser ukoll li l-ebda produttur tal-fjuwil tad-diżil ma kkoopera f'din l-investigazzjoni.
- (471) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (391) tar-Regolament proviżorju.

7.4. Effetti ta' distorsjoni tal-kummerċ ta' sussidji u stabbiliment mill-ġdid tal-kompetizzjoni effettiva

- (472) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (393) tar-Regolament proviżorju.

7.5. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (473) Fil-qosor, l-ebda argument ippreżentat mill-partijiet interessati ma juri li hemm raġunijiet konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

⁽⁵¹⁾ Il-premessa (389) tar-Regolament proviżorju.

- (474) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kument ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (394) sa (395) tar-Regolament proviżorju.

8. REĠISTRAZZJONI

- (475) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-EBB ma qabilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ma kinitx iġġustifikata.
- (476) L-EBB oppona r-raġunament tal-Kummissjoni, u qal li l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku jirrikjedi biss li l-industrija tal-Unjoni tipprova "biżżejjed evidenza li tiġġustifika r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet" u li ma hemm l-ebda rabta bejn l-Artikolu 24(5) u l-Artikolu 16(4) fil-liġi. L-Artikolu 16(4) jistipula l-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni.
- (477) It-tieni, l-EBB qal li anki jekk il-kriterji stipulati fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku kellhom jiġu rrispettati sabiex isseħħ ir-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni hija intitolata li ssib "ċirkostanzi kritiċi fejn, għall-prodott sussidjat in kwistjoni, ikun ġie kkawżat dannu, li jkun diffiċilment rimedjabbli, minn importazzjonijiet kbar ħafna, fi żmien relattivament qasir, ta' prodott li jkun gawda minn sussidji kumpensabbli."
- (478) L-EBB iddikjara li l-Artikolu 2(d) tar-Regolament bażiku jippermetti lill-Kummissjoni taqra "theddida ta' dannu" fejn hemm miktub "dannu" fir-Regolament.
- (479) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-allegazzjonijiet tal-EBB, peress li l-Artikolu 16(4) jagħmilha ċara li l-Kummissjoni għandha ssib "dannu li huwa diffiċli li jissewwa". "Dannu li huwa diffiċli li jissewwa" tirreferi għal sitwazzjoni fejn, fin-nuqqas tal-ġbir retroattiv ta' dazji, id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni jista' jiġi aggravat minħabba importazzjonijiet massivi qabel ma jkun jistgħu jiġu adottati miżuri. Dan mhuwiex il-każ fejn is-sejbiet f'investigazzjoni huma bbażati fuq theddida ta' dannu materjali.
- (480) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li "theddida ta' dannu li hija diffiċli biex tissewwa" ma taqax taħt l-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku.
- (481) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonferma s-sejbiet tar-Regolament proviżorju fil-premessi minn (403) sa (404).

9. MIŻURI KUMPENSATORJI DEFINITTIVI

- (482) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa dwar is-sussidju, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti dazji kumpensatorji definittivi sabiex jiġi evitat li sseħħ it-theddida imminenti ta' dannu materjali kkawżata lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja.

9.1. Livell tal-miżuri kumpensatorji

- (483) Is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku jiddikjara li l-ammont tad-dazju kumpensabbli ma għandux jaqbeż l-ammont ta' sussidji kumpensabbli stabbilit.
- (484) Imbagħad, is-subparagrafu 4 tal-Artikolu 15(1) jiddikjara li "*Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni kollha sottomessa, tista' tikkonkludi b'mod ċar li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' miżuri f'konformità mat-tielet subparagrafu, l-ammont tad-dazju kumpensatorju għandu jkun inqas jekk tali dazju inferjuri jkun adegwat biex titneħħa l-ħsara għall-industrija tal-Unjoni.*"
- (485) L-ebda informazzjoni bħal din ma ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni, u, għalhekk, il-livell tal-miżuri kumpensatorji se jkun stabbilit b'referenza għas-subparagrafu 3 tal-Artikolu 15(1).
- (486) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Wilmar innota n-nuqqas ta' analiżi espliċita dwar il-marġni tad-dannu. B'mod partikolari, Wilmar argumenta li d-determinazzjoni ta' jekk l-ammont ta' miżuri għandux ikun fil-livell ta' sussidji kumpensabbli għandha ssir fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati.

- (487) L-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati tqieset meta kienet qed issir din id-determinazzjoni. Filwaqt li tabilħaqq hemm numru limitat ta' partijiet fl-Unjoni li esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-miżuri kumpensatorji b'mod ġenerali, huma ma pprovdew l-ebda informazzjoni għaliex ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti dazji kumpensatorji fil-livell tas-sussidji kumpensabbli.
- (488) B'mod partikolari, l-Artikolu 31(7) jirrikjedi li għall-analiżi tal-interess tal-Unjoni, l-informazzjoni għandha titqies biss meta tkun appoġġata minn evidenza attwali li tissostanzja l-validità tagħha. Dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni mhux sostanzjata għall-impożizzjoni ta' miżuri kumpensatorji hija għalhekk ta' rilevanza limitata ħafna f'dan ir-rigward.
- (489) Minħabba li l-miżuri definittivi f'dan il-każ se jkunu bbażati fuq l-ammont ta' sussidji kumpensabbli stabbilit, il-livell tal-marġni tad-dannu mhux rilevanti. Għalhekk, it-test stipulat fis-subparagrafu ħamsa tal-Artikolu 15(1) mhux applikabbli.

9.2. Offerti għal impenn fuq il-prezz

- (490) Produttur esportatur Indoneżjan ("l-applikant") ippreżenta offerta volontarja ta' impenn fuq il-prezz skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni analizzat l-offerta ta' impenn u kkunsidrat li l-aċċettazzjoni tagħha ma tkunx Prattika għar-raġunijiet li ġejjin.
- (491) Il-prezz minimu tal-importazzjoni ("PMI") propost ma kienx xieraq, peress li ma kienx biżżejjed biex ipatti għall-ammont ta' sussidji kumpensabbli. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 13.1 tar-Regolament bażiku, iż-żieda fil-prezz fi ħdan l-impenn fuq il-prezz ma għandhiex tkun ogħla milli meħtieġ biex tpaċi l-ammont ta' sussidji kumpensatorji.
- (492) Il-livell annwali, jiġifieri l-limitu annwali ta' importazzjonijiet soġġetti għall-impenn propost mill-applikant, kopra l-esportazzjonijiet totali ta' bijodiżil mill-Indoneżja u kien vinkolanti għal esportaturi Indoneżjani oħrajn li ma ppreżentawx offerta ta' impenn. L-offerta ma semmietx kif il-livell annwali jkun ikkontrollat sabiex tiġi żgurata l-osservanza tiegħu.
- (493) Il-Kummissjoni sabet li l-livell annwali ta' importazzjonijiet fl-MIP huwa eċċessiv. Huwa qabeż is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil Indoneżjan matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Flimkien man-nuqqas ta' limitu massimu trimestrali fuq l-importazzjonijiet il-livell annwali propost żied ħafna r-riskju li livell għoli ta' importazzjonijiet jidħol fis-suq tal-Unjoni matul ċerti xhur.
- (494) Il-Kummissjoni nnutat li l-applikant għandu struttura kumplessa ħafna u juża kanali ta' bejgħ kumplessi. Anke taħt l-impenn addizzjonali mressaq dwar il-kanali tal-bejgħ dan iżid il-probabbiltà ta' ċirkonvenzjoni u kumpens trażversali u jagħmilha mhux Prattika li jsir monitoraġġ effettiv.
- (495) Il-Kummissjoni baġtet ittra lill-applikant, li fiha spjegat ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-offerta ta' impenn u tat lill-applikant il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-applikant fir-rigward tal-MIP, il-livell annwali u r-riskji ta' kumpens trażversali, ukoll fil-kuntest tal-kummenti addizzjonali tal-EBB dwar l-offerta ta' impenn inizjali. Flimkien mal-kummenti tiegħu, l-applikant irreveđa wkoll ċerti elementi tal-offerta ta' impenn wara l-iskadenza applikabbli.
- (496) Fil-kummenti tiegħu, l-applikant ma qabilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-PMI mhux biżżejjed biex ipatti għall-ammont ta' sussidji kumpensabbli. L-applikant ma bidilx il-metodoloġija tal-kalkolu tal-PMI propost. Il-Kummissjoni żammet is-sejbiet tagħha u għalhekk irrifjutat il-pretensjoni.
- (497) L-applikant kompli jiċċara li l-livell annwali stabbilit fl-offerta ta' impenn ikopri biss l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti manifatturati jew innegożjati mill-applikant. Huwa ppropona wkoll li jitnaqqas il-livell annwali u li jiġi introdott limitu massimu trimestrali fuq l-użu tal-livell annwali.
- (498) Il-Kummissjoni laqgħet l-isjegazzjoni fir-rigward tal-livell annwali u nnotat li l-livell annwali, kif spjegat mill-applikant, kien vinkolanti biss għall-applikant. Dan kien fost ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tikkunsidra li l-livell huwa eċċessiv, peress li l-livell annwali propost qabeż is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-esportaturi kollha tal-bijodiżil Indoneżjani matul il-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-livell kien maħsub għal esportatur wieħed biss - l-applikant. Il-livell propost għid kien inqas mil-livell annwali stabbilit fl-offerta ta' impenn, iżda xorta baqa' flivell għoli ħafna peress li kien qrib il-livell totali ta' importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Indoneżja matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-offerta riveduta lanqas ma semmiet kif il-livell annwali jkun ikkontrollat sabiex tiġi żgurata l-osservanza tiegħu. Il-Kummissjoni żammet is-sejbiet tagħha u għalhekk irrifjutat il-pretensjoni.

- (499) Fil-kummenti tiegħu, l-applikant ma qabilx mas-sejba tal-Kummissjoni dwar l-istruttura kumplessa u l-mezzi ta' bejgħ kumplessi tal-applikant. L-applikant ma ppropona l-ebda impenn addizzjonali ma' dawk inklużi fl-offerta ta' impenn. Il-Kummissjoni żammet is-sejbiet tagħha u għalhekk irrifjutat il-pretensjoni.
- (500) Il-Kummissjoni qieset li l-monitoraġ tal-impenn huwa imprattikabbli u mhux fattibbli għar-raġunijiet ippreżentati fil-premessi (490) sa (499) aktar 'il fuq u għalhekk irrifjutat l-offerta finali.

9.3. Miżuri definittivi

- (501) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Indoneżja, skont ir-regoli fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku li jgħid li d-dazju definittiv għandu jikkorrispondi għall-ammont totali tas-sussidji kumpensabbli stabbilit.
- (502) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju kompensatorju definittiv, espressi skont il-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Dazju kumpensatorju
PT Ciliandra Perkasa	8,0 %
PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group)	16,3 %
PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group)	18,0 %
PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group)	15,7 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,0 %

- (503) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabat matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawk il-kumpaniji. Għaldaqstant, dawk ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju applikabbli fil-pajjiż kollu għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Indoneżja u prodott minn dawk il-kumpaniji. Il-prodotti importati kkonċernati mmanifatturati minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawk ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".
- (504) Kumpanija tista' titlob it-tkomplija tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rati tad-dazju individwali minkejja li sussegwentement tibdel isimha jew l-isem ta' waħda mill-entitajiet tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lill-kumpanija turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju individwali li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenifika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat avviż li jinnotifika dwar il-bidla fl-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (505) Jekk l-iżviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni jwasslu għal bidla deġġiema fiċ-ċirkustanzi, tista' tittieħed azzjoni xierqa skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.
- (506) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⁽⁵²⁾, meta ammont irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tal-imgħax jenħtieġ li tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

⁽⁵²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

9.4. Rilaxx tad-dazji proviżorji

- (507) L-Artikolu 16(2) tar-Regolament bażiku jiddikjara li huwa f'idejn il-Kummissjoni li tiddeċiedi liema proporzjon tad-dazju proviżorju għandu jinġabar definittivament.
- (508) L-Artikolu 16(2) jiddikjara wkoll li f'każ ta' theddida ta' dannu materjali, ma għandhomx jinġabru dazji proviżorji sakemm ma jinstabx li t-theddida ta' dannu materjali, fin-nuqqas ta' miżuri proviżorji, tkun żviluppat f'dannu materjali.
- (509) Minħabba s-sejbiet ta' dan il-każ, l-ammonti proviżorji għandhom jiġu rilaxxati u ma għandhomx jinġabru kif stipulat fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament bażiku.
- (510) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew ta' żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' orijini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċijiet TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (kodiċijiet TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (kodiċijiet TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (kodiċijiet TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (kodiċijiet TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (kodiċijiet TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92 (kodiċijiet TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 12 u 3824 99 92 20), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (kodiċijiet TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30), u li joriġinaw mill-Indoneżja.

2. Ir-rata tad-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn isfel għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
PT Ciliandra Perkasa	8,0 %	B786
PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group)	16,3 %	B787
PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group)	18,0 %	B788
PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group)	15,7 %	B789
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,0 %	C999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti ggarantiti bid-dazju kumpensatorju proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1344 għandhom jiġu rilaxxati b'mod definittiv.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁵³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2093**tad-29 ta' Novembru 2019****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 333/2007 fir-rigward tal-analiżi tal-esteri tal-aċidi xaħmin tat-3-monokloropropan-1,2-diol (3-MCPD), tal-esteri tal-aċidi xaħmin tal-gliċidil, tal-perklorat u tal-akrilammid****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 34(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi li jridu jintużaw għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) Il-livelli massimi permessi għall-esteri tal-aċidi xaħmin tat-3-monokloropropan-1,2-diol (3-MCPD), għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi u għall-perklorat f'oġġetti tal-ikel ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽³⁾. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni u livelli ta' parametri referenzjarji għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid f'ċerti kategoriji tal-oġġetti tal-ikel.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 jistabbilixxi kriterji tal-prestazzjoni speċifiċi li jridu jintlaħqu mill-metodi vvalidati ta' analiżi għall-kontaminanti fl-ikel, applikati mil-laboratorji Ewropej rilevanti. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji tal-prestazzjoni speċifiċi fir-Regolament (KE) Nru 333/2007, li magħhom irid jikkonforma l-metodu ta' analiżi għall-kontroll tal-livelli massimi tal-esteri tal-aċidi xaħmin 3-MCPD, tal-esteri tal-aċidi xaħmin tal-gliċidil, tal-perklorat u tal-akrilammid fl-oġġetti tal-ikel.
- (4) Il-Laboratorji ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-Kontaminanti fl-Għalf u fl-Ikel ħejjew dokument ta' gwida dwar l-istima tal-Limitu ta' Detezzjoni (LOD) u tal-Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għall-kejl fil-qasam tal-kontaminanti fl-għalf u fl-ikel ⁽⁵⁾. Konsegwentement, huwa xieraq li jiġu adattati d-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 333/2007 u li għandhom x'jaqsmu mal-limitu ta' detezzjoni u mal-limitu ta' kwantifikazzjoni
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 333/2007 jiġi emendat skont dan.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2017/625 japplika b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikroelementi u ta' kontaminanti tal-ipproċessar fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 tal-20 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni u livelli ta' parametri referenzjarji għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel (ĠU L 304, 21.11.2017, p. 24).

⁽⁵⁾ Guidance Document on the Estimation of LOD and LOQ for Measurements in the Field of Contaminants in Feed and Food, Rapporti Tekniċi tal-JRC EUR 28099 EU (2016). Disponibbli fuq: http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC102946/eur%2028099%20en_lod%20loq%20guidance%20document.pdf

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. It-teħid ta' kampjuni u l-analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, arseniku inorganiku, 3-monokloropropan-1,2-diol (3-MCPD), esterji tal-aċidi xaħmin 3-MCPD, esterji gliċidiliċi tal-aċidi grassi, idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) u perklorat elenkati fit-Taqsimiet 3, 4, 6 u 9 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 u għall-kontroll tal-livelli ta' akrilammid f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 (*), għandhom jitwettqu f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 tal-20 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni u livelli ta' parametri referenzjarji għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel (ĠU L 304, 21.11.2017, p. 24)”

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt C.3.1., Definizzjonijiet, id-definizzjonijiet ta' "LOD" u "LOQ" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"LOD"= Il-limitu ta' detezzjoni, l-iżgħar kontenut imkejjet li minnu huwa possibbli li tiġi dedotta l-preżenza tal-analita b'ċertezza statistika raġonevoli.

"LOQ"= Limitu ta' kwantifikazzjoni, l-iżjed kontenut baxx ta' analita li jista' jitkejjet b'ċertezza statistika raġonevoli.'

(2) fil-punt C.3.3.1., Kriterji tal-prestazzjoni, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta' analiżi għat-3-monokloropropan-1,2-diol (3-MCPD), għall-esteri tal-aċidi xaħmin 3-MCPD u għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi:

— Kriterji ta' prestazzjoni għall-metodi ta' analiżi għat-3-MCPD fl-ikel speċifikat fil-punt 4.1 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006

Tabella 6a

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	Ikkel speċifikat fil-punt 4.1 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006
Speċifità	Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali
Kamp vojt	Inqas mil-LOD
Ripetibbiltà (RSD_r)	0,66 darba tal- RSD_R kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Riproduċibbiltà (RSD_R)	kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Irkupru	75–110 %
Limitu ta' Detezzjoni (LOD)	$\leq 5 \mu\text{g}/\text{kg}$ (fuq il-bażi ta' materja niexfa)
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ)	$\leq 10 \mu\text{g}/\text{kg}$ (fuq il-bażi ta' materja niexfa)

— Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta' analiżi għat-3-MCPD fl-ikel speċifikat fil-punt 4.3 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006

Tabella 6b

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	Ikkel speċifikat fil-punt 4.3 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006
Speċifità	Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali
Kamp vojt	Inqas mil-LOD
Ripetibbiltà (RSD_r)	0,66 darba tal- RSD_R kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Riproduċibbiltà (RSD_R)	kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Irkupru	75–110 %
Limitu ta' Detezzjoni (LOD)	$\leq 7 \mu\text{g}/\text{kg}$
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ)	$\leq 14 \mu\text{g}/\text{kg}$

- Kriterji ta' prestazzjoni għall-metodi ta' analiżi għall-esteri tal-aċidi xaħmin 3-MCPD, espressi bħala 3-MCPD, fl-ikel speċifikat fil-punt 4.3 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006

Tabella 6c

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	Ikel speċifikat fil-punt 4.3 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006
Speċifiċità	Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali
Ripetibbiltà (RSD _r)	0,66 darba tal-RSD _R kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Riproduċibbiltà (RSD _R)	kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Irkupru	70-125 %
Limitu ta' Detezzjoni (LOD)	Tliet għexieren ta' LOQ
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għall-ikel speċifikat f'4.3.1 u f'4.3.2	≤ 100 µg/kg fi żjut u xaħmijiet
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għal ikel speċifikat f'4.3.3 u f'4.3.4 b'kontenut ta' xaħam < 40 %	≤ tnejn minn ħamsa tal-ML
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għal ikel speċifikat f'4.3.4 b'kontenut ta' xaħam ≥ 40 %	≤ 15 µg/kg ta' xaħam

- Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta' analiżi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi, espressi bħala gliċidol, fl-ikel speċifikat fil-punt 4.2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006

Tabella 6d

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	Ikel speċifikat fil-punt 4.2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006
Speċifiċità	Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali
Ripetibbiltà (RSD _r)	0,66 darba tal-RSD _R kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Riproduċibbiltà (RSD _R)	kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Irkupru	70-125 %
Limitu ta' Detezzjoni (LOD)	Tliet għexieren ta' LOQ
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għall-ikel speċifikat f'4.2.1 u f'4.2.2	≤ 100 µg/kg fi żjut u xaħmijiet
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għal ikel speċifikat f'4.2.3 b'kontenut ta' xaħam < 65 % u f'4.2.4 b'kontenut ta' xaħam < 8 %	≤ tnejn minn ħamsa tal-ML
Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LOQ) għal ikel speċifikat f'4.2.3 b'kontenut ta' xaħam ≥ 65 % u f'4.2.4 b'kontenut ta' xaħam ≥ 8 %	≤ 31 µg/kg ta' xaħam"

(3) fil-punt C.3.3.1, Kriterji tal-prestazzjoni, il-punt (d), “Noti dwar il-kriterji tal-prestazzjoni” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta’ analiżi għall-akrilammid:

Tabella 8

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	L-ikel kollu
Speċifità	Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali
Kamp vojt	Inqas mil-Limitu ta’ Detezzjoni (LOD)
Ripetibilità (RSD _r)	0,66 darba tal-RSD _r kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Riproduċibilità (RSD _R)	kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Irkupru	75–110 %
Limitu ta’ Detezzjoni (LOD)	Tliet għaxieren ta’ LOQ
Limitu ta’ Kwantifikazzjoni (LOQ)	Għal ikel b’livelli ta’ riferiment < 125 µg/kg: ≤ tnejn minn ħamsa tal-livell ta’ riferiment, madankollu mhux meħtieġ li jkun inqas minn 20 µg/kg Għal ikel b’livelli ta’ riferiment ≥ 125 µg/kg: ≤ 50 µg/kg”

(4) fil-punt C.3.3.1, Kriterji tal-prestazzjoni, jiżdiedu il-punti (e) u (f) li ġejjin:

“(e) Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta’ analiżi għall-perklorat:

Tabella 9

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	L-ikel kollu
Speċifità	Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali
Ripetibilità (RSD _r)	0,66 darba tal-RSD _r kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Riproduċibilità (RSD _R)	kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata)
Irkupru	70–110 %
Limitu ta’ Detezzjoni (LOD)	Tliet għaxieren ta’ LOQ
Limitu ta’ Kwantifikazzjoni (LOQ)	≤ tnejn minn ħamsa tal-ML

(f) Noti għall-kriterji tal-prestazzjoni:

L-ekwazzjoni Horwitz (*) (għall-konċentrazzjonijiet $1,2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0,138$) u l-ekwazzjoni Horwitz (**) irranġata (għall-konċentrazzjonijiet $C < 1,2 \times 10^{-7}$) huma ekwazzjonijiet ta’ preċiżjoni ġġeneralizzati li huma indipendenti mill-analiżi u l-matriċi iżda jiddependu biss fuq il-konċentrazzjoni għal ħafna mill-metodi ta’ analiżi ta’ rutina.

L-ekwazzjoni Horwitz irranġata għall-konċentrazzjonijiet $C < 1,2 \times 10^{-7}$:

$$RSD_R = 22 \%$$

fejn:

- $L-RSD_R$ hija d-devjazzjoni standard relattiva kkalkulata mir-riżultati miksuba f'kundizzjonijiet ta' riproduċibbiltà $[(s_R/X) \times 100]$
- C huwa l-proporzjon ta' konċentrazzjoni (i.e. 1 = 100 g/100 g, 0,001 = 1 000 mg/kg). L-ekwazzjoni Horwitz modifikata tapplika għall-konċentrazzjonijiet $C < 1,2 \times 10^{-7}$.

L-ekwazzjoni Horwitz għall-konċentrazzjonijiet $1,2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0,138$:

$$RSD_R = 2C^{(0,15)}$$

fejn:

- $L-RSD_R$ hija d-devjazzjoni standard relattiva kkalkulata mir-riżultati miksuba f'kundizzjonijiet ta' riproduċibbiltà $[(s_R/X) \times 100]$
- C huwa l-proporzjon ta' konċentrazzjoni (i.e. 1 = 100 g/100 g, 0,001 = 1 000 mg/kg). L-ekwazzjoni Horwitz tapplika għall-konċentrazzjonijiet $1,2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0,138$.

(*) W. Horwitz, L.R. Kamps, K.W. Boyer, J.Assoc.Off.Analy.Chem., 63, 1980, 1344–1354.

(**) M. Thompson, Analyst, 125, 2000, 385–386.”

(5) fil-punt C.3.3.2., il-metodu “adekwatezza għall-fini”, il-kliem “Tabella 8” huma sostitwiti bil-kliem “Tabella 10”.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2094**tad-29 ta' Novembru 2019****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, dimoxystrobin, fluazinam, flutolanil, mancozeb, mecoprop-P, mepiquat, metiram, oxamyl u pyraclostrobin****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi dimoxystrobin, mancozeb, mecoprop-P, metiram, oxamyl u pyraclostrobin ġie estiż sal-31 ta' Jannar 2020 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1796 ⁽³⁾.
- (3) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva benfluralin ġie estiż sad-29 ta' Frar 2020 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/168 ⁽⁴⁾.
- (4) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ⁽⁵⁾.
- (5) Il-valutazzjoni ta' dawk is-sustanzi ddewmet minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti u, għalhekk, x'aktarx li l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li l-perjodi ta' approvazzjoni tagħhom jiġu estiżi.
- (6) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, rigward każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jistipula li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni tistipula li d-data ta' skadenza tkun l-istess waħda li kienet iffissata qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistipula li l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi wara. Rigward il-każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfitteq li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-iktar data ta' applikazzjoni qrib possibbli.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1796 tal-20 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi ammidosulfuron, bifenoks, klorpirifos, klorpirifos-metil, klofenteżina, dikamba, difenokonażol, diflubenzuron, diflufenikan, dimossistrobin, fenoksaprop-p, fenpropidina, lenasil, mankożeb, mekoprop-p, metiram, nikosulfuron, oksamil, pikloram, piraklostrobin, piriprossifen u tritosulfuron (ĠU L 294, 21.11.2018, p. 15).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/168 tal-31 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamektina *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subspeċi Aizawai, *Bacillus thuringiensis* subspeċi israeliensis, *Bacillus thuringiensis* subspeċi kurstaki, *Beauveria bassiana*, benfluralin, klodinafop, klopiralid, *Cydia pomonella* Granulovirus (CpGV), ċiprodinil, diklorprop-P, epossikonażol, fenpirossimat, fluwazinam, flutolanil, fosetil, *Lecanicillium muscarium*, mepanipirim, mepikwat, *Metarhizium anisopliae* var. *Anisopliae*, metkonażol, metrafenon, *Phlebiopsis gigantea*, pirimikarb, *Pseudomonas chlororaphis* razza: MA 342, pirimetanil, *Pythium oligandrum*, rimsulfuron, spinosad, *Streptomyces K61*, tijaklopid, tolklofos-metil, *Trichoderma asperellum*, *Trichoderma atroviride*, *Trichoderma gamsii*, *Trichoderma harzianum*, triklopir, trinessapak, tritikonażol, *Verticillium albo-atrum* u żiram (ĠU L 33, 5.2.2019, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 57, Mecoprop-P, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Jannar 2021";
 - (2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 81, Pyraclostrobin, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Jannar 2021";
 - (3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 114, Mancozeb, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Jannar 2021";
 - (4) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 115, Metiram, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Jannar 2021";
 - (5) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 116, Oxamyl, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Jannar 2021";
 - (6) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 128, Dimoxystrobin, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Jannar 2021";
 - (7) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 187, Flutolanil, id-data hija sostitwita bid-data
"28 ta' Frar 2021";
 - (8) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 188, Benfluralin, id-data hija sostitwita bid-data
"28 ta' Frar 2021";
 - (9) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 189, Fluazinam, id-data hija sostitwita bid-data
"28 ta' Frar 2021";
 - (10) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 191, Mepiquat, id-data hija sostitwita bid-data
"28 ta' Frar 2021".
-

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2095**tad-29 ta' Novembru 2019****li jnaqqas il-kwota tas-sajd tas-salamun tal-Atlantiku disponibbli għall-Polonja fl-2019****minħabba s-sajd eċċessiv fl-2018**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwota tas-sajd għas-salamun tal-Atlantiku fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddivizionijiet 22-31 (SAL/3BCD-F) ġiet allokata lill-Polonja għas-sena 2018 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 ⁽²⁾.
- (2) Din il-kwota tas-sajd għas-sena 2018 żdiedet b'1 369 kampjun wara l-applikazzjoni tal-flessibbiltà ta' sena b'sena stabbilita bl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Iż-żieda, li tikkorrispondi għal 10 % tal-ħatt l-art permess għas-sena 2017, ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-kwantitajiet mhux użati li fadal wara d-dikjarazzjonijiet tal-qabdi. Matul il-missjonijiet ta' spezzjoni mwettqa fil-Polonja f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 matul l-2018, il-Kummissjoni identifikat *data* dwar il-qabdi li ġiet irrappurtata ħażin u sottorappurtata, li żvelat li l-kwota Pollakka għall-2017 għas-Salamun tal-Atlantiku fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddivizionijiet 22-31 kienet ġiet eżawrita. Għalhekk, il-flessibbiltà ta' sena b'sena mis-sena 2017 għas-sena 2018 skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament Nru 1380/2013 kienet ingħatat indebitament u l-kwantitajiet korrispondenti jenħtieġ li jitnaqqsu kif xieraq mill-kwota tal-2018.
- (3) Il-Kummissjoni identifikat ukoll aktar inkonsistenzi fid-*data* Pollakka dwar is-sajd għas-salamun tal-Atlantiku fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddivizionijiet 22-31 għas-sena 2018 bil-kontroverifika tad-*data* rreġistrata u rappurtata matul il-vjaġġi tas-sajd spezzjonati u mhux spezzjonati. Dawn l-inkonsistenzi fir-rappurtar dwar il-kompożizzjoni tal-qabda kienu kkorroborati minn diversi missjonijiet ta' verifika u ta' verifikazzjoni li saru fil-Polonja matul l-2018 u l-2019 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Dawn ir-rapporti ta' verifika ġew debitament ikkomunikati u diskussi mal-Polonja.
- (4) Permezz tal-evidenza miġbura, il-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi li l-kwota għas-salamun tal-Atlantiku fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddivizionijiet 22-31 allokata lill-Polonja fis-sena 2018 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 inqas b'2 160 biċċa ta' salamun. Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, hija għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.
- (5) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dan it-tnaqqis tal-kwoti tas-sajd irid isir fis-sena jew fis-snin li jsegwu billi jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni rispettivi kif stabbiliti hemmhekk.
- (6) Jenħtieġ li jiġi applikat fattur ta' multiplikazzjoni ugwali għal 1,00 f'konformità mal-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 billi l-ammont ta' sajd eċċessiv kif kwantifikat mill-Kummissjoni huwa inqas minn 100 tunnellata.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 tas-27 ta' Ottubru 2017 li jiffissa għall-2018 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 281, 31.10.2017, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwota tas-sajd għas-salamun tal-Atlantiku fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddiviżjonijiet 22-31 allokata lill-Polonja għas-sena 2019 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 ⁽⁴⁾ għandha titnaqqas kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 272, 31.10.2018, p. 1).

TNAQQIS MILL-KWOTA TAS-SAJD TAS-SALAMUN TAL-ATLANTIKU DISPONIBBLI GĦALL-POLONJA FL-2019 GĦALL-ISTOKKIJIET LI KIENU MISTADA B'MOD EĊĊESSIV

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Il-kwota oriġinali għall-2018 (f'biċċiet ta' ħut)	Il-ħatt l-art permess għall-2018 (il-kwantità totali adattata f'biċċiet ta' ħut) ⁽¹⁾	Il-qabdiet totali li saru fl-2018 (il-kwantità f'biċċiet ta' ħut)	Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Is-sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'biċċiet ta' ħut)	Il-fattur ta' multiplikazzjoni ⁽³⁾	Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ^{(4), (5)}	It-tnaqqis li jrid isir fl-2019 (il-kwantità f'biċċiet ta' ħut)
PL	SAL	3BCD-F	Salamun tal-Atlantiku	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-31	5 729	15 739 ⁽²⁾	17 899	113,72 %	2 160	1,00	/	2 160

⁽¹⁾ Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2017 għall-2018 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

⁽²⁾ Dan l-ammont jinkludi tnaqqis ta' 1369 biċċa ta' salamun li jikkorrispondi għall-flessibilità ta' sena b'sena mogħtija indebitament fl-2018 skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 wara li nstabet *data* dwar il-qabdiet li għet irrappurtata ħażin u sottorappurtata għall-2017.

⁽³⁾ Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

⁽⁴⁾ Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż 1-10 %.

⁽⁵⁾ L-ittra "A" turi li għe applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv b'mod konsekuttiv fl-2016, fl-2017 u fl-2018. L-ittra "C" turi li għe applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa soġġett għal pjan pluriennali.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/2096

tat-28 ta' Novembru 2019

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 (EUTM Mali/2/2019)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Mali, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUTM Mali.
- (2) Fid-29 ta' Mejju 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 ⁽²⁾ li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali.
- (3) Fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Portugall ippropona l-ħatra tal-Brigadier Ġeneral João Pedro RATO BOGA DE OLIVEIRA RIBEIRO biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali mit-12 ta' Diċembru 2019.
- (4) Fid-29 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral João Pedro RATO BOGA DE OLIVEIRA RIBEIRO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali mit-12 ta' Diċembru 2019 jenħtieġ li tittieħed.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li titthassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral João Pedro RATO BOGA DE OLIVEIRA RIBEIRO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (UE EUTM) mit-12 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 hija b'dan imħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/948 tad-29 ta' Mejju 2019 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 (EUTM Mali/2/2019) (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 72).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2097

tat-2 ta' Diċembru 2019

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Regġuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumun,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ⁽¹⁾, (UE) 2015/190 ⁽²⁾ u (UE) 2015/994 ⁽³⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-3 ta' April 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/665 ⁽⁴⁾, is-Sur Gheorghe CATRINOIU ġie sostitwit mis-Sur Emil BOC bħala membru supplenti.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Gheorghe FALCĂ, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Regġuni.
- (3) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Emil BOC bħala membru tal-Kumitat tar-Regġuni, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Regġuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

— is-Sur Emil BOC, *Mayor of Cluj-Napoca*,

u

(b) bħala membru supplenti:

— is-Sur Daniel Ștefan DRĂGULIN, *Mayor of Călărași*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

M. OHISALO

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/665 tat-3 ta' April 2017 li taħtar ħames membri u disa' membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Regġuni (ĠU L 94, 7.4.2017, p. 40).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2098

tat-28 ta' Novembru 2019

dwar ir-reqwiziti temporanji tas-saħħa tal-annimali għal kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw lejha wara li ma jitħallew x jidħlu f'pajjiż terz

(notifikata bid-dokument C(2019) 8092)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet inċiż tal-punt 5 tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/99/KE tistabbilixxi r-regoli sanitarji ġenerali għall-annimali li jirregolaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman li ġejjin minn pajjiżi terzi. B'mod iktar speċifiku, din tipprevedi l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regoli dwar ċerti tipi ta' introduzzjoni ta' dawk il-prodotti. Ir-regoli sanitarji għall-annimali stabbiliti f'dik id-Direttiva ma jaffettwawx ir-regoli dwar il-verifiki veterinarji stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ⁽²⁾ u huma applikati b'mod parallel magħhom.
- (2) Id-Direttiva 97/78/KE tistabbilixxi regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji dwar il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, inklużi l-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/99/KE. L-Artikolu 15 tad-Direttiva 97/78/KE jistipula li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, ir-riimportazzjoni ta' dawn il-prodotti jekk ikunu ġew irrifjutati minn pajjiż terz. Dawk il-kundizzjonijiet jinkludu rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni u huma maħsuba biex jiproteġu s-saħħa pubblika u tal-annimali.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ ħassar id-Direttiva 97/78/KE b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019. Dak ir-Regolament stabbilixxa qafas legali ġdid għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħra biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari. Dan jistabbilixxi regoli li, fost l-oħrajn, jikkonċernaw il-kontrolli uffiċjali dwar il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu fl-Unjoni, inkluż l-ikel. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ ħassar id-Direttiva 2002/99/KE b'effett mill-21 ta' April 2021. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni tal-mard tal-annimali, inklużi r-regoli għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali. Ir-regoli stabbiliti f'dawn iż-żewġ Regolamenti huma applikati b'mod parallel, iżda r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/625 huma ta' natura orizzontali, filwaqt li dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429 huma aktar speċifiċi għas-settur peress li jikkonċernaw is-saħħa tal-annimali.
- (4) Issa ġew stabbiliti regoli supplimentari permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2074 ⁽⁵⁾ skont ir-Regolament (UE) 2017/625 għat-tweġiq ta' kontrolli uffiċjali dwar il-kunsinni ta' annimali u oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni u jirritornaw lejha wara li ma jitħallew x jidħlu f'pajjiż terz. Dawk ir-regoli supplimentari

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KEE, 96/93/KEE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2074 tat-23 ta' Settembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dwar kontrolli uffiċjali speċifiċi fuq kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni, u li jirritornaw lejha wara li ma jitħallew x jidħlu f'pajjiż terz (ĠU L 316, 6.12.2019, p. 6).

għandhom l-għan li jivverifikaw li l-kunsinni li jirritornaw jikkonformaw, fost l-oħrajn, mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u jirreferu għal dawk ir-rekwiżiti kif stipulati fir-regoli tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali. Ir-Regolament Delegat japplika mill-14 ta' Diċembru 2019, f'konformità mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625.

- (5) Il-Kummissjoni li taġixxi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/99/KE, attwalment ma tistabilixxi rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li kienu ġew esportati mill-Unjoni u li ma tħallewx jidħlu f'pajjiż terz. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni tal-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali destinati għall-konsum uman li kienu ġew esportati mill-Unjoni u li ma tħallewx jidħlu f'pajjiżi terzi, sabiex jiżguraw ċertezza tad-dritt fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għal dawk il-kunsinni u biex jittaffew ir-riskji potenzjali għas-saħħa tal-annimali wara l-14 ta' Diċembru 2019, b'segwitu tat-tħassir tad-Direttiva 97/78/KE.
- (6) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ħatt, il-ħżin, it-tagħbija mill-ġdid ta' dawn il-prodotti f'pajjiżi terzi ma jirriżultawx friskji għall-firxa u l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' patoġeni ta' ċertu mard tal-annimali msemmi fl-Anness I tad-Direttiva 2002/99/KE.
- (7) Barra mid-dokumenti oriġinali maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, jenħtieġ li jkun permissibbli wkoll li tiġi vverifikata l-orijini tal-kunsinni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman abbażi tal-ekwivalenti elettroniku taċ-ċertifikat uffiċjali oriġinali sottomess fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625 (IMSOC) u stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ⁽⁶⁾.
- (8) Kunsinna ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman li tkun ġiet irritornata lejn l-Unjoni wara li ma tħallietx tidħol f'pajjiż terz jenħtieġ li tkun tista' tiġi trasportata f'post ta' destinazzjoni fl-Unjoni, li l-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni tkun qablet li tirċievi dik il-kunsinna fih.
- (9) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman li jkunu ġew irritornati lejn l-Unjoni wara li ma tħallewx jidħlu f'pajjiż terz, jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li r-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1666 ⁽⁷⁾ japplikaw għall-monitoraġġ tat-trasport u l-wasla ta' dawn il-kunsinni, mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla fl-Unjoni sal-istabiliment fil-post tad-destinazzjoni.
- (10) Ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li japplikaw sal-21 ta' April 2021, peress li r-Regolament (UE) 2016/429 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni, il-moviment u t-trattament wara d-dħul ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi jew territorji terzi, japplikaw minn dik id-data.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-awtorità kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandha tawtorizza d-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali ddefiniti fl-Artikolu 2(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw lejha wara li ma jitħallewx jidħlu f'pajjiż terz, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) il-kunsinna hija akkumpanjata miċ-ċertifikat jew mid-dokument uffiċjali oriġinali maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, jew l-ekwivalenti elettroniku tiegħu sottomess fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625 (IMSOC) u stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715 jew kopja awtentikata tagħhom;

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jstabilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC"), (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37)

⁽⁷⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1666 tal-24 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-monitoraġġ tat-trasport u l-wasla ta' kunsinni ta' ċerti oġġetti mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla sal-istabiliment fil-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni (ĠU L 255, 4.10.2019, p. 1).

- (b) il-kunsinna hija akkumpanjata minn dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni li tikkonferma li taqbel li tirċievi l-kunsinna u tindika l-post ta' destinazzjoni għar-ritorn tagħha lejn l-Unjoni;
 - (c) il-kunsinna hija akkumpanjata minn wieħed mid-dokumenti li ġejjin li jindika r-raġuni għala ma tħallietx tidħol f'pajjiż terz u fejn applikabbli, il-post u d-data tal-ħatt, il-ħżin u t-tagħbija mill-ġdid fil-pajjiż terz, flimkien mal-informazzjoni li ġejja:
 - (i) fil-każ ta' kontenituri jew pakketti b'siġill oriġinali intatt, dikjarazzjoni mill-operatur responsabbli għall-kunsinna li tikkonferma li t-trasport sar taħt kundizzjonijiet xierqa għat-tip ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li l-kontenut tal-kunsinna ma nbidilx matul it-trasport; jew
 - (ii) dikjarazzjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti jew ta' awtorità pubblika oħra tal-pajjiż terz li tikkonferma li ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt (d);
 - (d) jekk il-prodotti li joriġinaw mill-annimali jkunu nħattu f'pajjiż terz, l-awtorità kompetenti jew awtorità pubblika oħra tal-pajjiż terz tkun ikkonfermat li:
 - (i) il-prodotti li joriġinaw mill-annimali ma għadew minn l-ebda trattament għajr il-ħatt, il-ħżin jew it-tagħbija mill-ġdid fil-pajjiż terz;
 - (ii) ġew stabbiliti miżuri effettivi biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali b'aġenti tal-mard li jikkawżaw il-mard trasmissibbli tal-annimali elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 2002/99/KE matul il-ħatt, il-ħżin u t-tagħbija mill-ġdid fil-pajjiż terz;
 - (iii) il-post tal-ħatt, il-ħżin u t-tagħbija mill-ġdid fil-pajjiż terz ma kienx soġġett għal restrizzjonijiet ta' movimenti relatati mas-saħħa tal-annimali minħabba l-mard trasmissibbli tal-annimali elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 2002/99/KE matul il-ħatt, il-ħżin u t-tagħbija mill-ġdid fil-pajjiż terz.
2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), f'każijiet fejn id-dokumentazzjoni msemmija f'dik id-dispożizzjoni ma tkunx inħarġet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, l-oriġini tal-kunsinna għandha tiġi awtentikata mod ieħor abbażi ta' evidenza dokumentata ppreżentata mill-operatur responsabbli għall-kunsinna.
3. L-awtorità kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandha timmonitorja t-trasport lejn il-post tad-destinazzjoni tal-kunsinna tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u l-wasla tagħha, skont l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1666.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-14 ta' Diċembru 2019 sal-21 ta' April 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

